# Rapport tal-Inkjesta Pubblika
## Daphne Caruana Galizia

Ġurnalista Assassinata fis-16 ta' Ottubru 2017

Preżentat lil Onor. Prim Ministru
Dr. Robert Abela
fid-29 ta' Lulju 2021

*Chairman*- Imħallef Michael Mallia
*Membri* - Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino
Onor. Imħallef Abigail Lofaro

# Werrej


Daħla ... 3

Taqsima I - Preliminari ... 7

Taqsima II – Osservazzjonijiet Ġenerali ... 24

Kap 1

Dwar in-natura u l-limiti tat-termini ta' referenza ... 26

Kap 2

Il-provi rilevanti għall-Inkjesta ... 54

Kap 3

Il-valur tal-ġurnaliżmu investigattiv f'demokrazija parteċipattiva ... 63

Kap 4

Kultura ta' Impunità u l-Poter ... 90

Kap 5

Stil ta' tmexxija li iffavorixxa l-impunità ... 115

Kap 6

L-eżerċizzju tal-poter u l-assassinju ... 148

Kap 7

Mill-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u wara Jeskala l-livell ta' riskju ... 186

Taqsima III

L-ewwel terminu ta' referenza ... 232

Taqsima IV

It-tieni terminu ta' referenza ... 264

Taqsima V

It-Tielet terminu ta' referenza ... 322

Taqsima VI

Konklużjonijiet ... 386

Taqsima VII

Rakkomandazzjonijiet ... 416

# Daħla

**Daħla**

Illum 29 ta' Lulju 2021

Permezz ta' ittra datata 19 ta' Novembru 2019 l-Imħallef Michael Mallia ġie nfurmat illi ġie maħtur Bord ta' Inkjesta kompost minnu bħala Chairman, kif ukoll mill-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino u l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro bħala membri sabiex jinvestigaw u jirrapportaw dwar ċirkostanzi tal-Assassinju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia. Flimkien ma' din l-ittra kien hemm mehmuż it-Termini ta' Riferenza illi qegħdin jiġu riprodotti f'dan ir-rapport.

Biex jaqdi dan l-inkarigu l-Bord ħa tlieta u disgħin (93) seduta u sema' mija u għoxrin (120) xhud.

Dan in-numru kbir ta xhieda neċessarjament jillimita l-ammont ta' referenzi li l-Bord jista' jagħmel direttament għax-xhieda mismugħa. Filwaqt li l-Bord hu konsapevoli ta' dak kollu li ntqal, huma biss il-brani rilevanti għal argument partikolari li jkun qed jiġi trattat li ser issir referenza għalihom. Mill-bqija, il-kumpless tax-xhieda servew biex fetħu tieqa fuq il-"*mind set*" tal-

amministrazzjoni u kif din affettwat posittivament jew negattivament iż-żminijiet u avvenimenti li qegħdin taħt il-lenti b'din l-Inkjesta. Dan japplika wkoll għax-xhieda li instemgħu fil-magħluq li fil-verità ma kienux daqshekk determinanti għal eżitu ta' din l-inkjesta għalkemm kienu illustrattivi ta' aspetti importanti tal-meritu u l-konklużjonijiet li l-Bord wasal għalihom. Ix-xhieda apparti dik li ttieħdet fil-magħluq ser tkun ukoll aċċessibbli għall-pubbliku bħala parti ta' dan ir-rapport.

Peress illi t-tlett kapi tat-termini ta' referenza li l-Bord hu nkarigat jindaga huma korrelatati u l-meritu tagħhom neċessarjament jidħol waħda fuq l-oħra, il-Bord jifhem illi ċerti aspetti mill-konsiderazzjonijiet tiegħu huma pertinenti għal aktar minn terminu wieħed u hekk trattati.

Jiġi rilevat pero' li din ix-xhieda mhix "*edited*" jew b'xi mod mittiefsa. Hija xhieda kif mogħtija direttament mix-xhud konċernat u traskritta mit-traskrittur eżatt kif ikun semagħha. Fejn hemm puntini, jfiser li t-traskrittur ma jkunx fehem il-kelma li ntqalgħet. Ma sar l-ebda attentat biex jiġi deċifrat dak li suppost qal ix-xhud.

Il-Bord jirringrazzja lill-Avukati tal-familja ta' Daphne Caruana Galizia, l-Avukat tal-iStat għal kooperazzjoni u lealtà li bihom ipparteċipaw f'dawn il-proċeduri. Jirringrazzja wkoll lil dawk il-persuni illi volontarjament, għax ħassew id-dover li jikkontribwixxu f'inkjesta immirata biex issaħħaħ il-ġurnaliżmu fil-pajjiż ġew 'il quddiem biex jagħtu l-kontribut tagħhom. Fosthom, ġurnalisti, edituri u sidien ta' media houses. Jirringrazzja lil dawk kollha li ppreżentaw noti ta' osservazzjonijiet u referenzi meta awtoriżżati jagħmlu dan mill-Bord, b'mod partikolari lill-Avukati tal-familja. Dawn in-noti ta' osservazzjonijiet flimkien max-xhieda ser jiġu ppubblikati ma' dan ir-rapport għax jitfgħu dawl rilevanti għal meritu ta' din l-Inkjesta.

Il-Bord jiddikjara li, kif dirett fit-termini ta' referenza ser jippubblika dan ir-rapport fl-interezza tiegħu billi ma jqisx li jeħtieġlu jirrestrinġi l-isvelar ta' xi partijiet għal raġunijiet indikati fl-istess termini ta' referenza. Dana qed jagħmlu biex jissodisfa l-element ta' pubbliċita' li kien il-karatteristika ewlenija ta' din l-Inkjesta. Il-pubblikazzjoni elettronika ser issir permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

# Taqsima I - Preliminari

**Taqsima I**

**Termini ta' Referenza:**

It-termini ta' referenza tal-inkjesta pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia huma s-segwenti:-

*"It-termini ta' dan il-bord hu biex tinvestiga b'mod indipendenti u tirraporta lill-Prim Ministru wara r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati tat-tnax (12) ta' Diċembru 2018 u r-riżoluzzjoni tal-assembleja parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2019 dwar l-assassinju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia fis-sittax (16) ta' Ottubru 2017 u dwar l-avvenimenti li ppreċedew li kienu nvoluti u li segwew dak l-assassinju bl-għan illi:*

*1. Jiġi determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn jew fi ħdan xi entità tal-istat iffaċilitatx l-assassinju jew naqsitx milli tipprevenih b'mod partikolari jekk:*

*a. Xi entità tal-istat kienetx taf jew kelliex tkun taf dwar jew ikkawżatx riskju reali u immedjat inkluż mill-aġir kriminali ta' terza persuna għall-ħajja ta' Daphne Caruana Galizia; u*

*b. Naqset milli tieħu miżuri fi ħdan il-firxa tas-setgħat tagħha li b'ġudizzju raġonevoli kien mistenni minnha li tieħu biex tevita dak ir-riskju.*

*2. Tistabilixxi jekk l-istat kellux u għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet ta' liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa stat ta' de facto impunità bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex jiddiswadi mit-twettiq ta' reati kriminali serji bl-appoġġ ta' makkinarju ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni soprasessjoni l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjoni serji tal-liġi.*

*3. Tiddetermina jekk l-istat wettaqx jew jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv billi jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b'mod partikolari fil-kaz tal-gurnalisti.*

*4. Li l-inkjesta titmexxa b'mod illi ma timpedix u ma tikkompromettix xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali jew l-integrità tagħha.*

*5. L-inkjesta għandha ssir bil-pubbliku iżda l-bord tal-inkjesta jista' meta jikkunsidra li jkun strettament hekk meħtieġ imexxi seduti partikolari fil-magħluq jew jimponi restrizzjonijiet fuq l-izvelar jew il-publikazzjoni ta' kull dokument jew xhieda mogħtija jew li jkun sar aċċess għaliha fl-inkjesta b'mod illi tkun protetta l-kunfidenzjalità ta' investigazzjonijiet ta' informazzjoni li tkun waslet taħt obbligu ta' kunfidenzjalità iżda biss meta l-kunfidenzjalità ta' dawk l-investigazzjonijiet jew informazzjoni tkun protetta bil-liġi u/jew meta l-bord tal-inkjesta jidhirlu li s-smigħ bil-magħluq jew ir-restrizzjoni tal-iżvelar jew il-publikazzjoni ta' dokumenti jew xhieda jkunu strettament meħtieġa għall-protezzjoni tas-sigurtà u tad-drittijiet tax-xhieda, ta' informazzjoni sensittiva mill-att ta' sigurtà nazzjonali jew b'mod ieħor li saħansitra ta' preġudizzju ta' proċeduri oħra.*

*6. Il-bord tal-inkjesta jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha miżmuma mill-entitajiet tal-istat u għandu jimxi skont l-att dwar l-inkjesti u għandu soġġett għal dawn it-termini ta' referenza jirregola l-proċeduri tiegħu fuq il-ħwejjeġ kollha inklużi kwistjonijiet dwar l-aċċess għal u l-parteċipazzjoni tal-*

*familja tal-mejta u tal-pubbliku li fil- jew għall-proċeduri tal-atti tal-inkjesta. Il-bord tal-inkjesta jkollu s-setgħa li jaħtar dik il-persuna jew persuni nklużi assistenti tekniċi u esperti f'oqsma partikolari biex jassistu fl-inkjesta kif jidhirlu li jkun meħtieġ, b'dan iżda ma' dan kollu li persuni hekk maħtura għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' indipendenza u imparzjalità fuq l-istess livell kif ikun meħtieġ fil-Qorti ta' Ġustizzja.*

*Il-bord tal-inkjesta għandu:*

*1. Jippreżenta kopja tar-rapport: (i) (a) Lill-Prim Ministru u (b) lill-Avukat Ġenerali; (ii) jagħti avviż pubbliku li jkun ikkonkluda r-rapport tiegħu u li jkun ippreżenta kopja lill-Prim Ministru; (iii) jippubblika r-rapport fi żmien tmint (8) ijiem tax-xogħol minn mindu jkun għadda kopja tiegħu lill-Prim Ministru. Il-Prim Ministru għandu jqiegħed ir-rapport fuq il-mejda tal-Kamra fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta jirċevih. Dwar ir-rapport li jkun ser jiġi ppubblikat il-Bord tal-Inkjesta jkollu s-setgħa li jirrestrinġi l-iżvelar ta' dawk il-partijiet tar-rapport kif ikun meħtieġ biex jissalvagwardja l-protezzjoni tad-data personali, tas-sigurtà pubblika, tas-sigurtà nazzjonali, tal-investigazzjonijiet jew proċeduri kriminali futuri jew li jkunu kurrenti, u fejn l-iżvelar jew il-publikazzjoni ta' din l-informazzjoni tista' tipperikola l-inkolumità fiżika ta' xi persuna u għandu jindika b'mod ċar il-partijiet illi ma għandhomx*

*jiġu ppublikati. Jekk il-Bord iqis li jkun meħtieġ jirrestrinġi l-iżvelar ta' partijiet tar-rapport tiegħu, l-Bord ikun obbligat li jipprovdi lill-familja tal-mejta l-opportunità li taqra r-rapport sħiħ mingħajr tnaqqis iżda mingħajr ma tingħata kopja tal-istess bil-partijiet imnaqqsa u bil-kondizzjoni li huma obbligati li ma jiżvelawx il-partijiet imnaqqsa. Il-Bord tal-inkjesta għandu mingħajr preġudizzju għat-twettieq xieraq ta' dawn it-termini ta' referenza, jaħdem bil-għan li jikkonkludi x-xogħol tiegħu fi żmien disà (9) xhur."*

**Preliminari**

Illi jibda biex jingħad illi Malta ma għandhiex storja twila ta' Inkjesti Pubbliċi. Din hija t-tieni darba li inkjesta ta' din ix-xorta ġiet imwaqqfa; l-ewwel waħda kienet dik tal-"*Bus Ticketing System*" immexxija mill-Imħallef Victor Caruana Colombo (1996). Għalhekk, il-Bord ma għandux ġurisprudenza lokali jew awturi lokali fuq x'hiex jista' jistrieħ dwar il-proċeduri li għandu jsegwi. Il-ktieb akkademiku awtorevoli illi tqiegħed a dispożizzjoni tal-Bord huwa dak bl-isem "*Public Enquiries*" miktub minn Jason Beer Q. C. U li jidher li huwa l-unika pubblikazzjoni in materja. Il-Bord għalhekk ser jagħmel ampja riferenza għal dan ix-xogħol akkademiku fejn meħtieġ.

Inkjesta Pubblika ġiet diskritta bħala “*The organising of controversy into a form more catholic than litigation but less anarchic than street-fighting*” (ara parti introduttiva tal-ktieb fuq imsemmi). Dan il-Bord isib ħafna analoġiji bejn is-sitwazzjoni li qed jinvestiga Malta u l-investigazzjonijiet illi jsiru fir-Renju Unit li jinvolvu entitajiet statali. Hekk per eżempju, l-awtur Jason Beer jgħid “*Cause for an independent/judicial public inquiry are made with increasing frequency (and sometimes pitch), often in Parliament or multi-media. They often follow some particularly controversial events or series of events, especially those where life has been lost and state agencies have been involved in some way.*” Dana huwa eżatt is-sitwazzjoni illi għandna quddiemna llum. Għandna telf ta’ ħajja fejn qed jiġi allegat illi “*state agencies*” jew nies li jikkomponuhom setgħu b’xi mod kienu involuti.

Huwa l-kompitu ta’ dan il-Bord illi jinvestiga proprju dan il-punt u jara jekk kienx hemm “*a state agency*” illi setgħet kienet involuta u wkoll jekk dan tal-aħħar għamilx minn kollox biex jiġi evitat l-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia.

**L-Għanijiet tal-Inkjesta**

Għalhekk l-ewwel rwol ta' Inkjesta Pubblika huwa biex tistabbilixxi l-fatti "*providing a full and fair account of what happened, especially in the circumstances where the facts are disputed, when the calls and causations of events is not clear*". (ibid).

It-tieni hija konsiderazzjoni ta' responsabbilità, tort u retribuzzjoni. Dan ifisser illi l-inkjesta għandha direttament tidentifika kull att jew aġir ħażin, jew kull ħaġa illegali/illeċita ta' individwi, organizzazzjonijiet jew organi tal-Istat li setgħu kkontribwew jew iffavorew l-assassinju.

It-tielet huwa illi tittieħed lezzjoni sabiex dak illi ġara ma jerġax jiġri iżda mhux neċessarjament li tiġi dikjarata xi ħtija. "*The main aim is to learn lessons, not to apportion blame. It is generally recognised, however, that Public Inquries do not make decisions as to what action should be taken in the light of their findings of fact – they instead make recommendations for such action*" (ibid).

Mhix il-funzjoni ta' dan il-Bord li jidentifika jekk hemmx lok li jittieħdu passi kriminali jew xorta oħra kontra persuni li jirriżultaw li setgħu kienu b'xi mod ħatja ta' xi reat kriminali jew abbuż gravi amministrattiv. Dan jagħmluh l-

awtoritajiet kompetenti. Hu għal din ir-raġuni li l-Bord ser jinnotifika lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kopja tal-atti ta' din l-inkjesta li jinkludu x-xhieda kollha mismugħa biex ikun a disposizzjoni tiegħu għal kull azzjoni li jidhirlu xieraq fl-investigazzjonijiet li qed jikkonduċi.

Ir-rabà punt huwa illi tiġi ripistinata l-kunfidenza pubblika. Inkjesta Pubblika hija attentat sabiex tiġi restawrata l-kunfidenza tal-pubbliku jew sezzjoni tal-pubbliku f'awtorità pubblika meta jkun hemm xi ċirkostanzi jew skandlu li tali awtorità tkun involuta fihom.

Il-ħames punt huwa illi tipprovdi opportunità għar-rikonċiljazzjoni u riżoluzzjoni billi ġġib il-protagonisti flimkien sabiex jaraw il-"*punto di vista*" ta' xulxin, perspettivi u problemi illi kienu kawża tad-diżgwid illi oriġinarjament wasslu għal din l-Inkjesta Pubblika.

Hemm żewġ elementi oħra illi jinvolvu Inkjesta Pubblika u cioé dak "*developing policy*" u "*discharging investigative obligations*". Dawn l-aħħar tnejn peró ma humiex involuti fit-Termini ta' Referenza ta' dan il-Bord u għalhekk mhux ser jiġu konsidrati.

**Il-limiti ta' termini ta' referenza**

Indubbjament il-Bord jeħtieġlu jaġixxi strettament fil-parametri ta' referenzi tiegħu. Huwa importanti illi dawn ikunu ċari u ma jħallu l-ebda lok għal ambigwità u dana sabiex il-Bord jesplita l-inkarigu fl-anqas żmien u spejjeż possibbli. Kif ġie rapportat: "*Care should be taken to ensure that the Terms of Reference go no wider than is necessary to fulfil the specific need which the Minister has in mind when setting up the Inquiry. If the Terms of Reference are too wide, this may result in unnecessary cost and delay, and may introduce questions which merely confuse the essential issues.*" (ibid page 73). Għalhekk bħala minimu t-Termini ta' Riferenza għandha jkollha mill-inqas dawn l-erbà elementi u cioé: (1) il-materja għalxhiex l-Inkjesta tirreferi; (2) ċirkostanzi partikolari għalxhiex il-Bord għandu jiddetermina l-fatti; (3) jekk l-Inkjesta għandhiex tagħmel rakkommandazzjonijiet; u (4) kwalunkwe ċirkostanzi relatati mal-iskop tal-Inkjesta li l-Ministru jista' jispeċifika.

Minn eżami akkurat tat-Termini ta' Riferenza mehmuża mal-ittra tal-ħatra wieħed isib illi dawn l-erba' elementi huma kollha inklużi.

L-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Inkjesti, Kap 273 jgħid speċifikatament "*dana l-Att għandu japplika għal kull Bord maħtur jew awtorizzat b'xi liġi, jew* taħtha,

magħdud dana l-Att, biex imexxi inkjesta jew inkjesti dwar xi ħaġa minn dan li ġej:

*"(a) L-imġieba ta' uffiċjali pubbliċi, jew ta' uffiċjal jew ta' impjegati ta' korp imwaqqaf b'liġi, jew ta' kull wieħed jew iżjed minn dawk l-uffiċjali pubbliċi jew uffiċjali jew impjegati;*

*(b) L-imġieba u t-tmexxija ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' kull korp imwaqqaf b'liġi;*

*(ċ) Kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbilità ta' xi dipartiment jew korp bħal dawk, jew xort'oħra illi għandha x'taqsam ma' jew tolqot servizz tal-Gvern, ........"*

Dan il-Bord ġie mwaqqaf sabiex jinvestiga l-imġieba u t-tmexxija ta' dipartimenti/entitajiet tal-Gvern in konnessjoni mal-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia. Għalhekk dawn it-Termini ta' Riferenzi għandhom il-kweżiti kollha neċessarji skont il-liġi sabiex il-Bord ikun jista' jaħdem u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Il-Bord biss jinterpreta t-termini ta' referenza. Importanti peró li jiġi assodat il-prinċipju illi l-Inkjesta għandha d-dritt illi tinterpreta t-Termini ta' Riferenza tagħha. *"It has long been recognised that a Public Inquiry ought to interpret*

*and then publicly explain it’s own interpretation of its Terms of Reference. This is for reasons of fairness, transparency and certainty...”*. (ibid page 76).

Il-Bord jirrileva illi kellu juża dan id-dritt meta ġie biex jinterpreta l-aħħar paragrafu tad-dokument ta’ riferenzi meta qamet kontroversja dwar it-terminu illi fih il-Bord kellu jagħlaq din l-Inkjesta. Dan seħħ meta minkejja l-estenzjoni tat-termini oriġinali li l-Gvern ikkonċeda sal-15 ta’ Diċembru 2020, il-Bord deherlu li minħabba n-numru kbir ta’ xhieda li instemgħu u li kien għad iridu jinstemgħu fi proċeduri oħra rilevanti għal din l-inkjesta, ma setax jagħlaq l-inkjesta f’dak l-istadju *“minghajr preġudizzju għat-twettieq xieraq ta’ dawn it-termini ta’ referenza*”. Kien għalhekk, biex ikun f’pożizzjoni li jikkonkludi għas-sodisfazzjon tiegħu l-inkarigu mogħti lilu interpreta t-termini ta’ referenza fis-sens, jekk ikun hemm bzonn, jestendi t-terminu għal konkluzjoni, kif fil-fatt għamel.

**Il-kwalità u l-estensjoni tal-provi**

Sa minn dan l-istadju bikri, hu meħtieġ li l-Bord jiddefinixxi l-limiti tat-termini ta’ referenza u l-kwalità u l-estensjoni tal-provi li kien jeħtieġ biex jespleta l-inkarigu lilu mogħti. Dan ukoll għaliex fil-kors tal-inkjesta ġew sollevati riżervi u oġġezzjonijiet f’dan ir-rigward li tajjeb jiġu indirizzati fil-qosor.

Hekk per eżempju:-

a) L-esponenti ewlenin tal-Gvern inkluż l-Onorevoli Prim Ministru esprimew il-fehma illi dan il-Bord kien qiegħed imur lil hinn fil-ġbir tal-provi minn dak li kien assolutament meħtieġ biex jespleta l-inkarigu tiegħu. Jidher illi huma tal-opinjoni illi dan il-Bord għandu jillimita l-indaġini tiegħu strettament għaċ-ċirkostanzi immedjati li wasslu għall-assassinju u għall-eżekuzzjoni materjali tiegħu mill-persuni li huma llum akkużati b'involviment fit-twettieq tiegħu. Interpretazzjoni din li setgħet tkun valida li kieku ma kienux jeżistu l-elementi fattwali li qanqlu suspett raġonevoli li seta' kien hemm involviment ta' elementi fl-amministrazzjoni pubblika avvenimenti li seħħew kemm qabel kif ukoll wara l-omiċidju li setgħu kkontribwew għat-twettieq tiegħu.

Kien dan l-allegat involviment li ta lok li fit-termini ta' referenza l-Bord ingħata l-inkarigu illi jivverifika jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn jew fi ħdan xi enti tal-Istat "*iffaċilitax l-assassinju jew naqsitx milli tipprevenih*".

Kienu wkoll għalhekk li dan il-Bord intalab jindaga jekk setax jiġi żviluppat stat ta' *de facto* impunità li ffavorixxa l-kommissjoni tar-reat. Biex jespleta dan l-inkarigu speċifiku dan il-Bord kien jeħtieġlu iwessa' l-indaġini tiegħu biex

jistabbilixxi l-fatti rilevanti li setgħu jwassluh, kif fil-fatt wassluh, biex jiddetermina dawn l-elementi kruċjali għall-Inkjesta.

b) Mill-banda l-oħra hi daqstant ieħor inaċċettabbli l-insistenza minn ċerti kwartieri, inkluż sa ċertu pont id-difensuri li jirrappreżentaw il-familja Caruana Galizia, illi t-termini ta' referenza ta' din l-Inkjesta kellhom jestendu għal indaġini ta' kull attività minn enti tal-Istat, kull proġett maġġuri minnhom promoss li dwarhom kien hemm allegazzjonijiet ta' malamministrazzjoni u abbuż ta' poter jew li dwarhom ġew avvanzati akkużi ta' irregolaritajiet serji u korruzzjoni.

Dan ċertament ma kienx il-għan li għalih dan il-Bord ta' Inkjesta twaqqaf. Dawn il-kwistjonijiet fihom infushom jeżorbitaw mit-termini ta' referenza tiegħu. Fil-fatt dan il-Bord estenda l-indaġini tiegħu għal dawn l-aspetti ta' governanza ħażina biss sakemm fil-fehma tiegħu, dan kien meħtieġ biex jakkwista provi li kienu rilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżiti imposti fuqu.

Rilevanza li saret kruċjali proprju fejn dawn il-provi jolqtu materji u kwistjonijiet li ffurmaw il-qofol tal-ġurnaliżmu investigattiv kondott mill-

ġurnalista assassinata fis-snin u x-xhur qabel ġiet maqtula. Ġurnaliżmu investigattiv illi hu llum paċifiku, kien ċertament il-kawża prossima tal-qtil tagħha.

**L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:**

Dana stabbilit, l-Inkjesta għandha żżomm quddiem għajnejha l-Artikolu 2 tal-*European Convention of Human Rights* li jobbliga l-IStat illi jieħu l-miżuri f'waqthom sabiex jissalvagwardja l-ħajja ta' dawk illi jkunu fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Sabiex Inkjesta tkun effettiva għall-finijiet ta' dan l-artikolu trid fost l-oħrajn tkun: (1) indipendenti; (2) effettiva; (3) raġonevolment spedita; (4) irid ikun hemm skrutinju pubbliku tal-investigazzjoni u r-riżultat tagħha u fl-aħħar, l-involviment tan-*next of kin* (ibid page 271/275).

Il-Bord ma jidhirlux illi hemm xi kontroversja dwar dawn l-elementi speċjalment bl-involviment tal-familja ta' Daphne Caruana Galizia li minn barra d-dritt illi jirċievu r-rapport sħiħ tal-Inkjesta skont l-Artikolu 7 tat-Termini ta' Riferenza ingħataw id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ f'dawn il-proċeduri kif fil-fatt għamlu. Huma kienu involuti f'kull stadju tas-smigħ tax-xhieda nkluż dawk li nstemgħu bil-magħluq u kellhom l-opportunità illi jagħmlu kull domanda pertinenti għal din l-Inkjesta lix-xhieda konċernati.

**Grad ta' Prova**

Għal dak illi jirrigwarda l-grad ta' prova illi din l-Inkjesta tirrikjedi għal konklużjoni tagħha, l-Bord irid bilfors jistrieħ fuq l-esperjenza fir-Renju Unit fejn jidher illi Inkjesti Pubbliċi jistgħu jirregolaw il-proċeduri tagħhom bażati fuq il-prinċipju li jkunu ġusti u ekwi kemm max-xhieda kif ukoll fir-rapport tagħhom.

Jidher illi kien hemm kontroversja fejn *si tratta* dan il-livell ta' prova u cioé jekk dawn kellhomx ikunu mingħajr dubju dettatt mir-raġuni, il-livell li wieħed juża fil-kamp kriminali jew inkella fuq il-livell ta' probabbilità li hu l-livell li jintuża fil-kamp ċivili. Lord Saville li kien qed jipparteċipa fil-"*The Bloody Sunday Inquiry*" qal: *"As we have said earlier, since we are an Inquiry and not a Court (Criminal or Civil) we cannot give a verdict or pass judgement on the question of whether an individual was guilty of a specific crime or legally recognised serious wrong doing. For the same reason the terminology and requirements of the Criminal or Civil Law are largely inapplicable. Thus it seems to us that we can and should reach conclusions without being bound by rules designed for court cases, such as who has the burden of proof and the strict rules of evidence*." (ibid. Page 372).

In suċċint hu evidenti mill-esperjenza Ingliża li Inkjesti Pubbliċi mhumiex lesti illi jirristrinġu ruħhom għal livell wieħed ta' prova (ċivil jew kriminali). Inkjesti kostantement abbinaw għalihom infushom flessibbilità li jiddeterminaw liema livell ta' prova għandhom bżonn sabiex jaslu ghal konklużjonijiet tagħhom, "*and this approach is unlikely to change*" (pagna 374). Dan il-Bord sejjer iqis din id-direzzjoni u jiddetermina din l-Inkjesta abbażi ta' ekwità, *fairness*, ġustizzja naturali u fejn iċ-ċirkostanzi jiddeterminaw il-livell ta' prova ċivili u/jew kriminali.

Dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari ser jiġu issa elaborati fit-Taqsima li jmiss li fiha l-Bord janalizza dak li fil-fehma tiegħu kien strumentali biex inħolqot sitwazzjoni li fiha min kellu l-intenzjoni li jwettaq id-delitt, jew min ipparteċipa fih meta fil-fatt seħħ, saħħaħ ir-rieda tiegħu biex hekk għamel.

# Taqsima II – Osservazzjonijiet Ġenerali

**Taqsima II**

Din it-taqsima hi maqsuma fis-segwenti titoli:-

1. Dwar in-natura u l-limiti tat-termini ta’ referenza
2. Il-provi rilevanti għall-inkjesta
3. Il-valur tal-ġurnaliżmu investigattiv f’demokrazija parteċipattiva
4. Kultura ta’ impunità u l-poter
5. Stil ta’ tmexxija li ffavorixxa l-impunità
6. L-eżerċizzju tal-poter u l-assassinju
7. Jeskala l-livell ta’ riskju

# Kap 1-
# Dwar in-natura u l-limiti tat-termini ta’ referenza

**Kapitlu I**

**Dwar in-natura u l-limiti tat-termini ta' referenza**

Meħtieġ f'dan l-istadju li ssir analiżi qasira iżda preċiża tat-termini ta' referenza biex jiġu stabbiliti l-parametri li fihom kellha tiġi u ġiet kondotta din l-inkjesta. Jiġi premess qabel xejn illi:-

a) Dan il-Bord ġie inkarigat biex jinvestiga l-aġir amministrattiv tal-entitatjiet tal-IStat u tal-persuni li jikkomprenduhom biex jiddetermina l-azzjonijiet u/jew l-ommissjonijiet tagħhom kienux ikkontribwew jew setgħux ikkontribwew b'xi mod għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Dan sew b'aġir li bih attivament ipparteċipaw fi jew b'xi mod iffavorew il-kommissjoni ta' dak ir-reat kif ukoll billi naqsu li jieħdu l-passi meħtieġa u opportuni biex jipprevenuh. Waqt li jespleta dan l-inkarigu l-Bord kellu jiddetermina jekk jirriżultawlux responsabbiltajiet ta' entitajiet tal-iStat jew persuni li jifformaw parti minnhom għal dak li seħħ u x'kellhom ikunu fil-fehma tiegħu l-konsegwenzi ta' tali komportament.

b) Il-Bord m'għandux direttament il-funzjoni li jiddetermina jekk jirriżultalux komportament minn persuni singoli li jista' jkun kwalifikat bħala

aġir kriminuż u li seta' jwassal għall-proċeduri kriminali kontrihom. It-termini ta' referenza espressament jipprekludu lill-Bord milli jikkonduċi l-indaġini b'din il-finalitá u infatti jimponi espressament illi *"l-inkjesta titmexxa b'mod li ma timpedix u ma tikkompromettix xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali jew l-integritá tagħha"*.

Il-Bord għalhekk waqt is-smigħ tal-provi żamm dan il-*caveat* konstantement preżunzjoni tal-innoċenza ta' kull persuna li setgħet kienet soġġetta għall-proċeduri kriminali konnessi ma' dan id-delitt jew delitti oħra, kif wkoll ta' kull persuna oħra li setgħet kienet jew hi soġġetta għall-investigazzjoni mill-Pulizija. Dan sew jekk imsejjħa biex jirrispondu għall-imputazzjonijiet ta' reati allegatament minnhom kommessi quddiem il-Qrati Kriminali sew jekk le.

ċ) Kien għalhekk li persuni li ġew mitluba mill-Bord biex jixhdu quddiemu u li rriżulta li skont il-liġi, għandhom id-dritt li ma jiddeponux, ingħataw tempestivament it-twissija dovuta. Meta għażlu li jiddeponu, għamlu dan volontarjament, ben konxji mill-jeddijiet tagħhom u mill-konsegwenzi tat-deċiżjoni tagħhom li *ciononostante* għażlu li joffru d-depożizzjoni tagħhom.

d) Il-fatt li l-Bord għandu l-obbligu li jħares l-integritá tal-proċessi investigattivi mill-pulizija u proċeduri ta' prosekuzzjoni kriminali, bl-ebda mod ma jfisser li ma kellux u ma għandux il-jedd li fil-fatt jisma' xhieda u jindaga dwar komportament ta' individwi allegatament kriminuż, li jifforma l-mertu ta' proċeduri kriminali *in corso* jew li jista' jwassal għal tali proċeduri kontra tagħhom. Dan sakemm tali xhieda tkun rilevanti biex jiġu determinati responsabbilitajiet amministrattivi ta' xi enti tal-iStat u persuni li jikkomponuhom fil-limiti tat-termini tar-referenza tiegħu. Smigħ anke fil-pubbliku, ta' xhieda ta' din ix-xorta fir-riċerka tal-veritá ma tista' qatt titqies li tista' tippreġudika d-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza ta' persuna allegatament implikata fl-assassinju jew f'xi reat ieħor.

Waqt li l-fatti li jirriżultaw pruvati kif ukoll dawk allegati fil-kors ta' din l-inkjesta huma u jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Pulizija u tal-Qrati Kriminali, li jistgħu japprezzawhom u jutilizzawhom għall-fini ta' proċeduri kriminali kontra persuni indizjati b'reat jew li jkunu ta' interess fl-investigazzjoni tagħhom, m'hemm xejn li jipprekludi lil dan il-Bord milli japprezza dawn l-istess provi għall-fini tal-espletar tal-inkarigu tiegħu jekk ikunu rilevanti biex jiddetermina

nuqqasijiet u responsabbilitajiet ta' entitajiet tal-iStat u persuni li hu fid-dover li jinvestiga fit-termini ta' referenza tiegħu.

e) Dan il-Bord għamlu fir-rispett sħiħ tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' dawk involuti li fil-konfront tagħhom ikun qed jiġi allegat aġir kriminuż. Għandu jkun paċifiku li fir-riċerka tal-veritá, allegazzjonijiet ta' aġir kriminuż, jagħmlu min jagħmlu, jibqa' rilevanti għall-mertu ta' din l-inkjesta daqs kemm jibqgħu rilevanti provi dwar aġir illeċitu minn entijiet tal-IStat jew persuni li jikkomponuhom. Dan sakemm u meta, mill-analiżi ta' tali allegazzjonijiet u provi jistgħu jirriżultaw responsabbiltajiet diretti jew kontributorji għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Eżerċizzju ta' din ix-xorta li dan l-Bord kien jeħtieġlu jagħmel biex jespleta sewwa u kif jixraq l-inkarigu lilu mogħti ma jtappan bl-ebda mod l-preżunzjoni tal-innoċenza li kull persuna akkużata għandha, u wisq anqas għandu jippreġudika d-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq u ġust.

**Aġir kriminuż u aġir illeċitu**

It-termini ta’ referenza jagħmlu espressament distinzjoni bejn aġir kriminuż u aġir illeċitu. Distinzjoni li hi fundamentali għall-għarfien korrett tan-natura tal-inkjesta li dan il-Bord qed jikkonduċi. Inkjesta li hi ippernjata u iggwidata primarjament fil-parametri tad-dritt amministrattiv pubbliku in kwantu hu msejjaħ biex jiddetermina jekk xi att jew ommissjoni, minn jew fi ħdan xi entitá tal-iStat, iffaċiltatx l-assassinju jew naqsitx milli tipprevenih.

Hi l-fehma ikkunsidrata tal-Bord illi l-użu ta’ termini “att illeċitu” (fit-test Ingliż *illicit act*) u “atti kriminali” (fit-test Ingliż *criminal acts*) mhuwiex wieħed każwali, ta’ kliem bl-istess sinjifikat. Għall-kuntrarju l-Bord iqis illi dawn huma termini b’sinjifikat preċiż, volut minn min irreliġja t-termini ta’ referenza biex jiddistingwi b’mod ċar u espress termini li mill-ewwel daqqa t’għajn jistgħu jitqiesu li għandhom l-istess sinjifikat u li allura setgħu jiġu interkambjati.

In fatti t-terminu illeċitu bl-Ingliż “*illicit*” għandu sinjifikat ferm iktar wiesa’ mit-terminu “*illegali*”.

Il-Black's *Law Dictionary*[1] jiddefinixxi t-terminu "*illicit*" bħala "*illegal or improper*". Min-naħa l-oħra l-itess dizzjunarju jiddefinixxi l-kelma "*improper*" bħala "*1. Incorrect, unsuitable or irregular. 2. Fraudulent or otherwise wrongful*".

Fl-ermenewtika legali għalhekk it-terminu "illeċitu" jikkomprendi dak li huwa illegali iżda mhux viċe versa. It-terminu għandu per definizzjoni, sinjifikat ferm aktar wiesa' mit-terminu "illegali". It-terminu "illegali" neċessarjament jimporta aġir li jinvolvi ksur ta' liġi u ovvjament jinkludi wkoll kull aġir kriminuż. Mill-banda l-oħra, t-terminu "illeċitu" jestendi għall-każijiet oħra ta' aġir ħażin u inaċċettabbli bħal ma huma l-aġir ta' amministrazzjoni pubblika ħażina, governanza ħażina, aġir qarrieqi u kondotta u komportament li huwa żbaljat, improprju, abbużiv, oppressiv, kontra l-etika, immorali u li jagħmel ħsara imma li ma jkunx neċessarjament illegali. Dan proprju għaliex ma jkun jivvjola ebda liġi.

---

[1] 8th Edition edited by Brian A. Garner Thompson West, St Paul MN 1999 (page 763)

Dan ifisser illi, filwaqt li dak kollu li huwa illegali għax ikun in vjolazzjoni ta' liġi ċivili, kriminali jew xort'oħra huwa minnu nnifsu u neċessarjament illeċitu, mhux kull ma huwa illeċitu huwa bilfors illegali. It-terminu illeċitu jikkomprendi l-aġir kollu li jista' jiġi kwalifikat bħala kondotta ħażina jew aġir żbaljat, għax imur kontra dak li hu meqjus skorrett għax imur kontra dak in-normi u regoli meqjusa li jirregolaw l-aġir xieraq.

Applikati għall-qasam tad-dritt amministrattiv pubbliku, dawn id-distinzjonijiet bażiċi huma rilevanti u jiġu konkretizzati fir-realtá li ma kienx biżżejjed għall-amministrazzjoni pubblika li taġixxi *entro* il-limiti tal-liġijiet u regolamenti meta u l-aġir tagħha seta jiġi soġġett għall-iskrutinju tal-qrati meta ikun illegali. Kien jeħtieġ li ċ-ċittadin jiġi ferm aktar protett kontra l-abbuż mid-diskriminazzjoni amministrattiva improprja, l-arbitrarjetá u l-abbuż tal-poter. Dan billi jiġi rikonoxxut id-dover tal-amminstraturi pubbliċi li jaġixxu wkoll b'mod leċitu skont il-prinċipji ta' governanza tajba li huma l-valuri bażiċi ta' komportament amministrattiv korrett.

**Il-Governanza tajba u s-Saltna tad-Dritt**

Huwa illum rikonoxxut illi s-saltna tad-dritt tikkomprendi l-elementi essenzjali ta' governanza tajba li jmorru 'l hinn minn dak li huwa strettament legali jew l-osservanza rigoruża tal-liġijiet u regolamenti. Tinkludi wkoll prinċipji ta' liġi ġenerali rikonoxxuti bħala essenzjali għal governanza tajba minn ġuristi u l-ġurisprudenza, fosthom il-prinċipju ta' ugwaljanza, ta' non-diskriminazzjoni, dritt għal smigħ xieraq, il-proporzjonalitá, kif ukoll il-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi, l-opzjonijiet ta' dak li hu xieraq u ġust, fl-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali.

F'dan il-kuntest wieħed allura jasal għall-konklużjoni illi waqt li l-illegalitá inevitabbilment tiġġenera amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina mhux neċessarjament timplika illegalitá. Għalehkk mhux biżżejjed li wieħed jiddetermina jekk l-awtoritá pubblika kenitx aġixxiet illegalment. Kien ukoll neċessarju li jiġi apprezzat jekk kienitx aġġixxiet in konformitá mal-prinċipji, il-valuri u l-virtuijiet li jikkomprendu s-saltna tad-dritt u li huma kollha elementi kostituttivi ta' governanza tajba u ta' libertá.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet jwasslu wkoll għall-korollarju inevitabbli illi l-amministratturi pubbliċi li huma fid-dover li josservaw u jħarsu s-saltna tad-dritt fl-eżerċizzju tal-awtoritá fdata f'idejhom, jeħtieġilhom jassiguraw li l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tagħhom ikunu jirrispettaw u konformi ma' normi oħra li l-kuxjenza pubblika tikkunsidra li huma inerenti fil-governanza tajba apparti li jkun konformi mal-liġijiet u normi li jorbtuhom.

**L-Att Illeċitu u Ġudizzju Politiku Żbaljat**

Hu proprju fl-indaġni ta' aġir li jista' jitqies illeċitu anke jekk mhux illegali, li biha l-Inkjesta takkwista valur miżjud fil-kuntest tar-riċerka biex jiġu identifikati elementi ta' fatt li setgħu ikkontribwew għall-assassinju jekk xejn billi saħħew il-volontá ta' min wettaq jew kien b'xi mod parteċipi fid-delitt. L-att tal-amministrazzjoni pubblika, meqjus illeċitu fil-kuntest tad-definizzjoni wiesa' tat-terminu kif fuq spjegat, għandu jiġi distint minn att tal-ġudizzju politiku żblajat. Waqt li l-att illeċitu ta' amministratur pubbliku neċessarjament jippresupponi ġudizzju politiku żbaljat, volut jew le, mhux kull ġudizzju politiku żbaljat hu bilfors illeċitu. Il-każ kruċjali għal din l-Inkjesta, tal-ftuħ ta' kontijiet minn persuni esposti politikament (PEPs), f'ġurisdizzjonijiet esteri bħal Panama jew il-Virgin Islands u ċ-ċirkostanzi dwar il-ftuħ tal-kont 17 Black jillustraw b'mod klassiku din id-distinzjoni.

Il-ftuħ fih innifsu ta’ kont f’ġurisdizzjoni estera mhux neċessarjment hu att illegali jekk ma jseħħx f’ċirkostanzi li jimportaw ksur ta’ liġijiet fiskali jew xort’oħra. Jekk jiġi stabbilit li min fetaħ dawn il-kontijiet ma ikkommetta l-ebda att illegali, jinkombi fuq il-Bord li jistabbilixxi jekk il-ftuħ ta’ dawk il-kontijiet minn amministratur pubbliku kienx jammonta għall-att illeċitu għax jivvjola n-normi ta’ governanza tajba bi ksur ta’ normi ta’ mġieba tajba u regoli ta’ etika. Aġir illeċitu li jista’ jestendi wkoll għal min kellu l-awtoritá illi jieħu l-passi meħtieġa fil-mument opportun biex min kien responsabbli jinġieb għall-ordni u dixxiplinat.

Mill-banda l-oħra wieħed jista’ jsostni li n-nuqqas ta’ azzjoni tempestiva minn min kellu d-dover illi jeżerċita dixxiplina f’dan il-każ l-ex Prim Ministru Joseph Muscat li jkun seħħ in *buona fede*, seta’ jitqies bħala ġudizzju politiku żbaljat. Ġudizzju illi seta’ jkollu kif kellu, konsegwenzi politiċi imma ma jwassalx biex ikollu konsegwenzi legali. Wieħed seta’ jasal għal din il-konklużjoni jekk ikun sodisfatt li n-nuqqas ta’ azzjoni kien attribwibbli għal nuqqas ta’ apprezzament korrett tal-implikazzjonijiet tal-att illeċitu jekk mhux ukoll illegali ta’ dawn il-persuni.

Mill-banda l-oħra n-nuqqas ta' ċensura minn wara li ġew żvelati ċ-ċirkostanzi li fihom infetaħ il-kont 17 Black, li kienu jinkludi addebiti speċifiċi ta' aġir illegali jekk mhux kriminuż ta' persuni esposti politikament, jippreżenta xenarju għal kollox differenti. F'dak il-każ il-Bord jeħtieġlu jindaga jekk in-nuqqas li jittieħdu tempestivament passi kontra dawn il-persuni allegatament involuti, kienx fih innifsu jikkostitwixxi att illeċitu anke jekk ma jirriżultax ksur ta' xi liġi u allura illegalitá, għalkemm dan mhux eskluż. Jeħtieġlu jiddeċiedi jekk din l-inattivitá tikkostitwix aġir illeċitu in kwantu kien aġir li jimmina l-governanza tajba kontra kull norma li teħtieġ li jiġu assigurati t-trasparenza u l-kontabilitá tal-amministraturi pubbliċi. Il-Bord allura jeħtieġlu jiddeċiedi jekk dawn iċ-ċirkostanzi kienux immorru lill'hinn mill-ġudizzju politiku żbaljat li seta' jeżonora jew jiġġustifika lill-persuna responsabbli, anke jekk ikollu jbati l-konsegwenzi politiċi għall-aġir tiegħu.

Hu ċar illi l-Gvern u l-familja tal-assassinata Sinjura Caruana Galizia meta irrediġew it-termini ta' referenza kienu ben konxji minn dawn il-kunċetti. Kienu għalhekk illi inkarigaw lill-Bord biex jiddetermina ukoll jekk xi entitá tal-iStat jew persuni fi ħdanhom kienux ħatja ta' xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni illeċitu.

Min-naħa l-waħda kienu ben konxji mir-realtá illi n-non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti miktuba, inkluż il-liġijiet kriminali huma direttament sanzjonabbli. F'dawn il-każijiet l-amministrazzjoni pubblika u wkoll l-amministratur pubbliku, jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet statutorji ġudizzjarji kemm ċivili kif ukoll kriminali skont il-każ.

Mill-banda l-oħra n-non-osservanza ta' imġieba tajba li ma jkunux jorbtu legalment, tista' jew għandha twassal biex l-amministrazzjoni pubblika jew l-amministratur pubbliku jassumu responsabbilitá għan-nuqqasijiet li jintitolaw lill-persuna aggravata għar-*redress*.

It-termini ta' referenza għalhekk jiprospettaw xenarju li fih il-Bord hu espressament mitlub jinvestiga jekk xi att illeċitu minn jew fi ħdan xi entitá tal-iStat, setax jiffaċilita l-assassinju jew naqasx milli jipprevenih. Xenarju dan li, kif ingħad, ma jeskludix sitwazzjonijiet ta' illiċeita li jammontaw għal aġir kriminuż ta' persuna jew persuni fi ħdan l-istess entitajiet tal-iStat li jinvolvuhom fil-kummissjoni tal-istess delitt. Dan sew bħala eżekuturi materjali, aċċessorji jew kompliċi, kif ukoll f'atti ta' favoreġġjament maħsuba

biex jostru lil min kien b'xi mod involut fil-kommissjoni tar-reat. Dan permezz ta' inizjattivi ta' okkultament ta' provi, *depistaggio* u żvijjar tal-investigazzjoni kif ukoll b'kollużjoni ma' persuni allegatament involuti fil-kummissjoni tar-reat wara li dan ikun twettaq.

**Inkjesta limitata għall-atti amministrattivi tal-Entitajiet kollha**

Filwaqt li l-Bord għandu jindaga kif eventi u allegazzjonijiet ta' din ix-xorta jinkwadraw ruħhom f'allegazzjonijiet ta' aġir illeċitu da parti ta' entitajiet tal-iStat biex ikun jista' sewwa jespleta l-inkarigu lilu mogħti fil-limiti tal-inkarigu li għandu, mhuwiex il-kompitu ta' dan il-Bord illi jinvestiga ċ-ċirkostanzi li jirrigwardaw l-assassinju nnifsu jew ir-responsabbiltajiet ta' kull min jirriżulta li kien b'xi mod involut fih. Lanqas li jesprimi opinjoni dwar l-innoċenza jew il-ħtija ta' dawn il-persuni u wisq inqas jiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' aġir kriminuż li tiegħu jkunu qed jiġu akkużati. Dan il-kompitu huwa f'idejn l-organi ġudizzjarji kompetenti u jeżawtera mill-mertu tal-inkjesta li dan il-Bord inkarigat jikkonduċi.

It-termini ta' referenza jimponu fuq il-Bord li jindaga l-entitajiet kollha tal-iStat u l-persuni li jikkomponuhom. Hu minnu illi fit-teorija dawn jinkludu l-

awtoritajiet kollha li jikkomprendu mhux biss l-Eżekuttiv imma wkoll l-organu leġislattiv u ġudizzjarju. Għandu jkun peró ovvju illi għall-fini ta' din l-Inkjesta huma prinċipalment l-entitajiet li jikkomprendu l-Eżekuttiv li jeħtieġ li jkunu taħt il-lenti ta' dan il-Bord għaliex huma dawn li għandhom f'idejhom l-amministrazzjoni pubblika u li huma fdati bit-tutela tal-ġid komuni. Huma dawn l-entitajiet jew persuni li jikkomponuhom, li jista' jkollhom x'jirrispondu għall-aġir tal-kommissjoni jew ommissjoni li seta' wassal jew ikkontribwixxa għad-delitt.

**Il-Kabinett**

It-termini ta' referenza ta' dan il-Bord jindirizzawh biex jiddetermina jekk xi att jew omissjoni illeċita minn jew fi ħdan "*xi entitá tal-iStat*" iffaċilitatx l-assassinju jew naqsitx milli tipprevenih. L-indaġini ta' dal-Bord allura testendi għal kull entitá li tifforma parti mill-organi tal-iStat mingħajr eċċezzjoni. Diċitura li ma tħalli l-ebda lok għal diskrezzjoni biex il-Bord jeżenta lil xi enti mill-iskrutinju tiegħu u wisq anqas li l-istess enti tippretendi li hi eżenti minn tali skrutinju.

Il-Kostituzzjoni fl-Artikolu 78 tipprovdi li l-awtoritá Eżekuttiva ta' Malta hija fil-President. Tipprovdi illi din l-awtoritá għandha tiġi eżerċitata mill-President innifsu permezz ta' uffiċjali subordinati għalih li jikkomprendu dawk fl-Eżekuttiv. Is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 79 jipprovdi mbagħad li għandu jkun hemm Kabinett għal Malta li jkun magħmul mill-Prim Ministru u minn numru ta' Ministri oħra li jistgħu jiġu maħtura. Indubjament dan huwa l-ogħla enti tal-iStat li skont is-sub-inċiż 2 tal-istess Artikolu għandu *"jkollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-gvern ta' Malta"*.

Vitali għall-fini ta' din l-Inkjesta hu dak li jipprovdi dan l-istess sub-inċiż illi "*il-Kabinett ... ikun responsabbli kollettivament*" lejn il-Parlament fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Minn din ir-responsabbiltá kollettiva joħroġ il-prinċipju tal-kontabbilitá tal-Kabinett u tal-Ministri singoli lejn ir-rappreżentanti tal-poplu. Kontabbilitá li tippreżupponi trasparenza fl-operat tagħhom sal-grad illi l-Parlament ikun f'qagħda li jiġġudika l-korrettezza tal-operat tagħhom.

Hu minn dan l-eżerċizzju fundamentali għall-ħajja demokratika fil-pajjiż illi tiġi irrealizzata u assigurata r-responsabbiltá kollettiva tal-Kabinett u tal-Ministri

individwali li jikkomponuh. Eżerċizzju ta' verifika u kontroll illi jista' jseħħ biss b'mod effettiv u sigur jekk il-Parlament u mhux biss, jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-ħidma tal-Eżekuttiv biex ikun jista' jseħħ dan il-ġudizzju. Dan waqt li l-istess Kabinet jingħata l-għodda u l-ispazju biex iwettaq il-funzjoni tiegħu li jagħti direzzjoni ġenerali u jeżerċita l-kontroll tal-Gvern ta' Malta, bil-libertá u mingħajr l-intralċ mhux xieraq.

Hu għalhekk li ġew maż-żmien adottati regoli li jipproteġu l-operat tal-Kabinett biex dan ikun jista' jaħdem fil-libertá u taħt ċerta protezzjoni li tirrażenta l-privileġġ. Fost dawn ir-regoli hemm il-liġi illi tipprovdi li d-dokumenti u d-deliberazzjonijiet tal-Kabinett għandhom ikunu sigrieti u li allura l-membri tal-Kabinett ma għandhomx jiġu mġiegħla jixhdu dwarhom anke fi proċeduri quddiem qorti.

Għandu peró jiġi osservat li filwaqt li l-prinċipju tar-responsabbilitá kollettiva ministerjali hu norma kostituzzjonali applikabbli dejjem u mingħajr eċċezzjoni r-regola tal-kunfidenzjalitá hi konswetudni maħsuba biex tassigura li dak li jingħad fil-Kabinett jibqa' mistur. Dan sabiex il-ministri jkunu liberi illi jesprimu l-fehma tagħhom anke jekk ma jaqblux ma' politika jew proġetti

proposti waqt li jkunu għadhom qed jiġu diskussi. Dan il-għaliex ladarba d-deċiżjoni mill-Kabinett tittieħed u tiġi adottata, din tkun torbot lill-membri kollha tal-Kabinett li jkunu obbligati li jsostnuha proprju għaliex kellhom jassumu r-responsabbiltá kolleġġjali għaliha.

Mhijiex allura regola assoluta. Hi regola li għandha tapplika u tiġi sostnuta in kwantu hi meħtieġa proprju biex tiġi implimentata, assigurata u msaħħa r-responsabbiltá kollettiva tal-Ministri. Hi regola li tippermetti eċċezzjonijiet. Dan qed jingħad għaliex quddiem dan il-Bord kemm l-Onorevoli Joseph Muscat kif ukoll uħud mill-Ministri mitluba jagħtu informazzjoni dwar x'seħħ fil-Kabinett fuq fatti rilevanti għall-assassinju kif jemerġu fit-termini ta' referenza tal-Inkjesta, ħassew ruħhom marbuta mar-regola tas-segretezza u ssottomettew li ma kienux allura f'qagħda li jirrispondu għad-domandi magħmula.

Il-Bord ma qabilx ma' din is-sottomissjoni u dderieġa lix-xhieda biex iwieġbu b'mod li jiġi żvelat biss dak li kien strettament pertinenti għad-domanda li ssir, li tkun pertinenti għall-mertu tal-Inkjesta. Il-Bord iddikjara li ma jifhimx kif membru tal-Kabinett jista' jinvoka dan il-privileġġ ta' segretezza meta kienet

il-Kamra tad-Deputati li approvat it-twaqqif tiegħu b'riżoluzzjoni tat-12 ta' Diċembru 2018, u talbitu jinvestiga b'mod indipendenti u jirrapporta lill-Prim Ministru dwar l-avvenimenti li jikkonċernaw l-assassinju. Dan f'termini ta' referenza maqbula bejn il-Prim Ministru u l-familja Caruana Galizia u approvati mill-Kabinett.

Ladarba rriżulta fil-kors ta' smigħ ta' xhieda waqt din l-Inkjesta kif wkoll mill-fatti li kienu fid-dominju pubbliku li xi avvenimenti involvew jew setgħu jinvolvu xi membri tal-Kabinett jew funzjonarji tiegħu ma kienx jagħmel sens, anzi kien kontro-sens li wieħed jinvoka din il-konswetudini ta' segretezza.

Li kieku l-Bord aċċetta din is-sottomissjoni bħala valida kien ikun qiegħed jistultifika lilu nnifsu fit-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu proprju fl-aspett l-iktar kruċjali tal-indaġini li ħtieġlu jwettaq. Dan apparti l-fatt illi d-domandi tal-Bord ma kienu qatt intiżi biex jiġi żvelat dak li l-liġi trid li jiġi protett.

Il-liġi tal-lum tipprovdi li l-gvern mhux obbligat li jippubblika dokumenti tal-Kabinett li jistgħu jiżvelaw id-deliberazzjonijiet tal-Kabinett qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni. Dan ċertament ma kienx il-każ fid-domandi li l-Bord kien

jeħtieġlu jagħmel. Id-domandi kienu intiżi biex jidentifikaw jekk kienx hemm jew setax kien hemm xi responsabbiltá da parti tal-Kabinett kollettivament jew ta' ministri singoli, uffiċjali tal-istess Kabinett li temerġi minn xi att illeċitu li seta' iffaċilita l-assassinju jew naqas milli jipprevenih.

Domandi dawn li fil-kuntest tal-provi u dokumenti li kien qed jinġabar mill-Bord kienu altru minn rilevanti u pertinenti.

**Inkjesta iffokata fuq l-aġir tal-Eżekuttiv**

Għalkemm hu konċess li kull enti tal-iStat għandu nuqqasijiet u difetti li jkkontribwixxu biex ixellfu l-governanza tajba fil-pajjiż, fosthom in-nuqqas ta' trasparenza u kontabilitá, ineffiċjenza fis-sistemi u strutturi inadegwati, m'hemm xejn x'jindika la mil-provi prodotti quddiem dan il-Bord u lanqas minn fatti fid-dominju pubbliku, illi l-organi leġiżlattivi u ġudizzjarji setgħu ikkontribwew b'mod materjali għall-assassinju.

Hi allura għal kollox skorretta w inaċċettabbli l-insistenza li saret minn uħud, fosthom l-Onorevoli Joseph Muscat fix-xhieda tiegħu quddiem dan il-Bord, illi

ladarba dan il-Bord deherlu li kellu jindaga b’ċertu dettal il-komporament ta’ entitajiet fl-Eżekuttiv, kellu wkoll u bl-istess mod jestendi l-indaġini tiegħu għall-organi l-oħra tal-iStat.

Jiġi sottolineat li dan il-Bord ġie mogħti l-inkarigu speċifiku li jinvestiga “*dwar l-avvenimenti li jippreċedew, li kienu involuti u li segwew*” l-assassinju. Hu dak l-avveniment traġiku u terribbli illi kien u kostantament baqa’, fil-qofol ta’ din l-Inkjesta u l-provi li nġabru u x-xhieda li nstemgħu kienu kollha intiżi biex jitfgħu dawl fuq kif seħħ dak l-event, għaliex seħħ u setax jiġi evitat. Ma hux il-kompitu ta’ din l-Inkjesta illi jinvestiga b’mod ġenerali jekk l-organi tal-iStat għandhomx il-kapaċitá li jrażżnu l-amministrazzjoni ħażina, l-abbuż tal-poter u l-kriminalitá organizzata biex jassiguraw il-governanza tajba fil-pajjiż li hi l-qofol tas-saltna tad-dritt.

Il-Bord għalhekk ħtieġlu jestendi l-indaġni tiegħu għal dawn l-aspetti tad-dritt amministrattiv pubbliku biex jistabbilixxi jekk dan ġiex sewwa osservat mill-entitajiet fl-Eżekuttiv fiż-żmien rilevanti mhux biss għaliex l-eventi storiċi fid-dominju pubbliku li eventwalment taw lok għal din l-Inkjesta, jindikaw il-possibilitá ta’ rabta bejn dawk l-eventi u atti ta’ kommissjoni jew ommissjoni

ta' xi enti tal-iStat jew persuni li jikkomponuhom, imma wkoll għaliex it-termini ta' referenza tiegħu jitolbuh biex jistabbilixxi jekk setax fl-iStat "*jiżviluppa stat ta'* de facto *impunitá, bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti*". Stat ta' impunitá li seta' kien determinanti biex isaħħaħ il-volontá ta' min kien intenzjonat li jikkommetti l-assassinju.

Sewwa allura li jiġi sottolineat, anke f'dan l-istadju bikri tal-premessi ta' dan ir-rapport, illi l-provi miġbura mill-Bord f'dan ir-rigward kienu proprju biex jiġu stabbiliti fatti li jitfgħu dawl fuq jekk kienx żviluppa dan l-istat ta' *de facto* impunitá. Dan f'ċirkostanzi li setgħu ikkontribwew anke jekk b'mod indirett imma determinanti, b'aġir illeċitu mhux neċessarjament illegali għall-assassinju. Provi li jistgħu jitfgħu dawl fuq l-involviment taħt forma jew oħra, ta' min kien indizjat bil-kommissjoni tar-reat. Dan il-Bord għandu jagħmel dan fir-rispett tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat u l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u konxju mid-dover li bl-ebda mod ma jimpedixxi jew jikkomprometti xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali li dwarhom iddesista milli jgħaddi ġudizzju. Dan kemm jekk tali aġir illegali jew kriminuż huwa addebitat lill-persuni li kienu jifformaw parti jew kienu viċin l-amministrazzjoni pubblika u sew jekk kien jirrigwarda terzi.

**Il-kwalitá u l-estensjoni tal-provi**

Dawn l-aħħar osservazzjonijiet huma rilevanti biex jiddefinixxu l-limiti tat-termini ta’ referenza u l-kwalitá u l-estensjoni tal-provi li kien jeħtieġ il-Bord biex jespleta l-inkarigu lilu mogħti. Dan ukoll għaliex fil-kors tal-inkjesta ġew sollevati riżervi u oġġezzjonijiet f’dan ir-rigward li tajjeb li fil-qosor, jiġu indirizzati.

Hekk per eżempju:-

a) Esponenti ewlenin tal-Gvern inkluż l-Onorevoli Prim Ministru esprimew il-fehma illi dan il-Bord kien qiegħed imur 'l hinn fil-ġbir tal-provi minn dak li kien assolutament meħtieġ biex jespleta l-inkarigu tiegħu. Jidher illi huma tal-opinjoni illi dan il-Bord kellu jillimita l-indaġini tiegħu strettament għaċ-ċirkostanzi immedjati li wasslu għall-assassinju u għall-eżekuzzjoni materjali tiegħu mill-persuni li huma illum akkużati b’involviment fit-twettieq tiegħu. Interpretazzjoni din li setgħet tkun valida li kieku ma kienux jeżistu l-elementi fattwali li qanqlu suspett raġonevoli li seta’ kien hemm involviment ta’ elementi fl-amministrazzjoni pubblika fl-eventi li seħħew kemm qabel kif ukoll wara l-omiċidju li setgħu kkontribwew għat-twettieq tiegħu.

Kien dan l-allegat involviment li ta lok li fit-termini ta' referenza l-Bord jingħata l-inkarigu illi jivverifika jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn jew fi ħdan xi enti tal-iStat "*iffaċilitax l-assassinju jew naqsitx milli tipprevenih*".

Kienu wkoll għalhekk li dan il-Bord intalab jindaga jekk setax jiġi żviluppat stat ta' *de facto* impunitá li ffavorixxa l-kommissjoni tar-reat. Biex jespleta dan l-inkarigu speċifiku dan il-Bord kien jeħtieġlu iwessa' l-indaġni tiegħu biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti li setgħu jwassluh, kif fil-fatt wassluh, biex jiddetermina dawn l-elementi kruċjali għall-Inkjesta.

b) Mill-banda l-oħra hi daqstant ieħor inaċċettabbli l-insistenza minn ċerti kwartieri, inkluż sa ċertu pont mid-difensuri li jirrappreżentaw il-familja Caruana Galizia, illi t-termini ta' referenza ta' din l-Inkjesta kellhom jestendu għal indaġini ta' kull attivitá minn enti tal-iStat, kull proġett maġġuri minnhom promoss li dwarhom kien hemm allegazzjonijiet ta' malamministrazzjoni u abbuż ta' poter jew li dwarhom ġew avvanzati akkużi ta' irregolaritajiet serji u korruzzjoni.

Dan ċertament ma kienx il-għan li għalih dan il-Bord ta' Inkjesta twaqqaf. Dawn il-kwistjonijiet fihom infushom jeżawtoraw mit-termini ta' referenza tiegħu. In fatti dan il-Bord estenda l-indaġini tiegħu għal dawn l-aspetti ta' governanza ħażina biss u sakemm fil-fehma tiegħu, dan kien meħtieġ biex jakkwista provi li kienu rilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżiti imposti fuqu.

Rilevanza li saret kruċjali proprju fejn dawn il-provi jolqtu materji u kwistjonijiet li ffurmaw il-qofol tal-ġurnaliżmu investigattiv kondott mill-ġurnalista assassinata fis-snin u x-xhur qabel ġiet maqtula. Ġurnaliżmu investigattiv illi hu illum paċifiku, kien ċertament il-kawża *prossima* tal-qtil tagħha.

**Hu l-Bord biss li jinterpreta t-termini ta' referenza**

ċ) Il-Bord iqis għal kollox inaċċettabbli u bla bażi l-pretensjoni ta' kelliema għall-iStat fosthom tal-Onorevoli Prim Ministru, kif ukoll tal-Prim Ministru ta' qablu l-Onorevoli Joseph Muscat, illi huma biss kellhom il-jedd li jinterpretaw it-termini tar-referenza mogħtija lil dan il-Bord u li dan il-Bord kellu l-obbligu li jaġixxi fil-limiti ta' dik l-interpretazzjoni. Dan hu għal kollox skorrett. Jekk xejn

għaliex dawn it-termini ta' referenza jirriżulta li ġew maqbula bejn il-Gvern u l-familja tal-assassinata ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Qbil li allura jikkostitwixxi rabta bejn l-iStat u l-familja, li qablu li l-indaġini li kellu jikkonduċi dan il-Bord fir-riċerka tal-veritá kellha tkun skont it-termini minnhom stabbiliti.

Ċertament ħadd mill-firmatarji tal-ftehim li bih ġew redatti dawn it-termini ta' referenza ma jista' unilateralment u arbitrarjament jemendah kif lanqas jista' jinterpretah estensivament jew restrittivament. It-termini huma dawk li huma u hu dan il-Bord biss li għandu l-fakultá illi jinterpretahom fedelment skont it-tifsir tal-kliem u l-ħsibijiet fih espress. Dan il-Bord hu ferm sodisfatt li t-termini ta' referenza jirriżulta li huma l-frott ta' konsultazzjoni sfiqa mal-familja Caruana Galizia. Huma redatti b'mod akkurat u preċiż u b'terminoloġija li tirrifletti wkoll fost oħrajn, il-ħsieb in materja tal-istituzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea għall-Jeddijiet tal-Bniedem.

**Il-Grad ta' prova meħtieġ**

Il-Bord ħtieġlu jżomm quddiem għajnejh f'kull ħin, in-natura ta' din l-Inkjesta bħala indaġini tal-operat tal-amministrazzjoni pubblika. Dan biex ikun f'qagħda li sewwa jevalwa l-valur probatorju tal-provi akkwiżiti u l-piż u r-relevanza tagħhom biex jirrispondi għall-kweżiti lilu mogħtija fit-termini ta' referenza. Tiġi sottolineata għal kull buon fini d-distinzjoni fondamentali bejn l-oneru tal-prova meħieġ biex il-Bord jissodisfa l-konklużjonijiet li għalihom ikun wasal u proċeduri kriminali fuq l-istess mertu. Hu paċifiku li filwaqt li fil-proċeduri ta' indole kriminali, maħsuba biex jistabbilixxu l-innoċenza jew il-ħtija ta' persuna akkużata b'reat, il-ġudikant jeħtieġlu li jakkwista provi lil hinn minn kull dubju raġonevoli, f'Inkjesta bħal din li qed tindaga l-komportament tal-amministrazzjoni pubblika, hu biżżejjed illi l-ġudizzju tal-Bord ikun ibbażat fuq il-preponderanza tal-provi u l-bilanċ tal-probbabbiltajiet. Ġudizzju li jkun ifformat mhux biss fuq ix-xhieda li jkun sema' *viva voce*, mid-dokumenti esebiti u b'fatti li jkunu fid-dominju pubbliku, imma wkoll fuq fatti li jemerġu minn inkjesti maġisterjali u minn dawk kondotti minn awtoritajiet kompetenti u l-konklużjonijiet li għalihom ikunu waslu. Konklużjonijiet illi fid-dawl tal-prinċipju li dan il-Bord għandu jiddeċiedi fuq bażi tal-bilanċ ta' probabbiltajiet, jakkwistaw għall-fini ta' din l-indaġini sinjifikat notevoli.

Il-ġudizzju tal-Bord ibbażat fuq il-bilanċ ta' probabbiltajiet għandu jwassal għaċ-ċertezza morali li l-Bord, wara deliberazzjoni meqjusa u responsabbli mdawwla b'integritá professjonali, jasal għall-konvinċiment li mhux biss kien possibbli imma anki probabbli li l-fatti seħħew kif kienu juru l-provi akkwiżiti.

# Kap 2

# Il-provi rilevanti għall-Inkjesta

**Kapitlu II**

Il-Provi rilevanti għall-Inkjesta

Qabel jikkunsidra t-tlett kapi separati u distinti lilu indikati fit-termini ta’ referenza, il-Bord jeħtieġ li jagħmel numru ta’ riflessjonijiet qosra dwar il-provi akkwiżiti li huma rilevanti għalihom u li fuqhom jeħtieġlu jibbaża l-kunsiderazzjonijiet tiegħu.

I. Il-provi miġbura kemm permezz tax-xhieda mismugħa, f’dokumenti esebiti u dawk fid-dominju pubbliku huma estensivi iżda ċertament mhux eżawrijenti. In fatti fil-kors tal-Inkjesta baqgħu jemerġu allegazzjonijiet ta’ fatti f’diversi fora li jekk provati, jkomplu jikkonfermaw il-konklużjonijiet li għalihom ser jasal il-Bord. Jistgħu wkoll jaggravaw ir-responsabbiltá tal-iStat jew persuni involuti f’dawn l-eventi traġiċi għalkemm bl-ebda kod ma jbiddlu l-qofol tal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord. Jekk xejn ikompli jillustrawhom u jsaħħuhom.

II. Il-Bord kellu bilfors jillimita il-ġbir tal-provi għal dawk li kienu rilevanti u meħtieġa għad-deliberazzjonijiet tiegħu biex jasal għall-konvinċiment li fuqha jrid isejjes il-konklużjonijiet tiegħu. Kien tal-fehma li ladarba jkunu nġabru

biżżejjed provi li jissodisfaw dak il-livell ta' ċertezza li jippermettielu jespleta l-inkarigu, ma kienx jeħtieġlu li jmur *oltre*. Dan mhux biss għaliex il-finalitá ta' din l-Inkjesta ma hijiex indaġini fuq il-komportament sħiħ tal-amministrazzjoni pubblika fiż-żmien rilevanti. Hi biss marbuta maċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju tal-ġurnalista. Ċirkostanzi li jistgħu jinkludu nuqqasijiet ta' governanza pubblika tajba illi setgħu iffavorewh jew ipprovokawh.

III. Il-Bord hu konxju illi din l-Inkjesta u l-provi fiha akkwiżiti jistgħu in fatti jagħtu lok għal aktar skrutinju dwar il-komportament tal-amministrazzjoni pubblika u l-uffiċjali li jikkomponuha u anki ta' terzi, f'sitwazzjonijiet li ipprovokaw allegazzjonijiet ta' malamministrazzjoni serja, abbuż ta' poter jekk mhux aġir kriminuż. Mhux eskluż allura li l-fatti li emerġew minn din l-Inkjesta jistgħu jagħtu lok għall-indaġinijiet ulterjuri minn awtoritajiet kompetenti. Biżżejjed jingħad illi fil-kors tal-Inkjesta l-Kummissarju tal-Pulizija għamel rikors biex jingħata kopja uffiċjali tad-depożizzjoni ġuramentata ta' xhieda li kien jeħtieġ biex jindaga allegazzjonijiet ta' ġurament falz li saru f'rapport kontra tagħhom.

IV. Il-Bord hu sodisfatt illi l-akbar valur miżjud ta' din l-Inkjesta pubblika hu l-fatt stess li l-Gvern tal-ġurnata iddeċieda li jissottometti l-operat tal-entitajiet kollha tal-iStat għall-iskrutinju u l-ġudizzju ta' Bord indipendenti biex jistabbilixxi jekk setax kien hemm xi forma ta' involvement tagħhom fl-assassinju. Il-ġbir ta' provi ġo forum pubbliku fih innifsu huwa eżerċizzju qawwi ta' trasparenza u kontabilitá maħsub biex jagħti miżura ta' sodisfazzjon u fejqan lill-familjari tal-vittma u lis-soċjetá in ġenerali. Indaġini wkoll li għandha l-għan li jingħata tagħrif essenzjali li għalih iċ-ċittadin hu intitolat, dwar kif l-entitajiet tal-iStat aġixxew jew irreaġixxew fiċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju jew li ssuċċedewh. Eżerċizzju li jista' jgħin biex il-familjari tal-ġurnalista assassinata imma wkoll l-istess soċjetá tasal għal miżura ta' 'closure' dwar dawn il-eventi traġiċi.

V. Hi allura għal kollox żbaljata l-fehma li l-ġbir ta' provi f'Inkjesta pubblika ta' din ix-xorta li timxi b'mod parallel ma' proċeduri kriminali li jikkonċernaw l-istess mertu neċessarjament jippreġudikaw dawk l-istess proċeduri. Dan għaliex il-persuni akkużati b'reati li jemerġu mill-fatti li jkunu qed jiġu indagati, jistgħu jeċċepixxu kriminali fil-proċeduri kriminali li d-dritt li għandhom għal smigħ xieraq ikun qed jiġi preġudikat. Il-Bord ma jifhimx kif ir-riċerka tal-veritá f'Inkjesta maħsuba biex tistabbilixxi l-fatti dwar il-komportament tal-

amministrazzjoni pubblika tista' tippreġudika l-preżunzjoni ta' innoċenza li għaliha hu intitolat kull akkużat, meta l-innoċenza jew il-ħtija tiegħu ma tkunx il-mertu ta' tali indaġini. Għall-kuntrarju l-fatti li jirriżultaw fl-Inkjesta għandhom valur oġġettiv li jistgħu jagħtu kontribut siewi biex akkużat ikollu smigħ xieraq u ġust. Dan b'mod partikolari meta titmexxa kif indikat fit-termini ta' referenza ta' din l-Inkjesta, b'mod li ma timpedix u ma tikkompromettix xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali jew l-integritá tagħha.

Il-ġid komuni jitlob illi s-soċjetá tkun mgħarrfa sewwa u tempestivament bl-involviment tal-entitajiet tal-Istat u l-persuni li jikkomponuhom fl-event traġiku illi kexkex il-pajjiż u ġab reazzjoni ta' stmerrija lil'hinn minn xtutna u jekk din b'xi mod tirriżulta, min kellu jirrispondi għal tali aġir u x'kienu l-limiti ta' tali responsabbiltá. L-iskop tal-Inkjesta jibqa' dejjem li jistabbilixxi dak li seħħ u kif dan kien jirrelata mal-amministrazzjoni pubblika, jinvestiga għaliex seħħ u li jirrakkomanda miżuri li jistgħu jgħinu biex nuqqasijiet gravi ta' governanza tajba ta' din ix-xorta ma jerġgħux iseħħu.

VI. Il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat u l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq huma sagrosanti. Għandhom peró bħal kull jedd fundamentali ieħor il-limiti tagħhom u m'għandhomx jiġu abbużati. Fuq kollox għandhom jiġu applikati skont kif interpretati mill-ġurisprudenza u l-każistika tal-qrati. La għandhom jiġu wżati mill-akkużati bħala skużanti ta' preġudizzju immaġinarju biex jittantaw jieħdu vantaġġ mhux mistħoqq fil-proċeduri kriminali kontrihom. Lanqas ma għandha amministrazzjoni pubblika tavvanza dan il-pretest bħala raġuni biex tonqos li tagħmel l-indaġini li jeħtieġ li ssir dwar il-komportament ta' entitajiet tal-Istat li jifformaw parti minnha. Il-fatti li jirriżultaw f'din l-Inkjesta li jirrigwardaw persuni akkużati jew indizjati f'xi reat konness jew involut fl-assassinju jibqgħu sagri u jifformaw provi għall-kunsiderazzjoni ta' dan il-Bord kemm jekk akkwiżiti waqt smigħ fil-pubbliku jew fil-privat.

Rigward dawn il-provi l-Bord jibqa', kif kien sa mill-bidu, attent li ma jgħaddix ġudizzju fuq l-innoċenza jew il-ħtija ta' persuni akkużati għax dan imur lil'hinn mit-termini ta' referenza tiegħu u jispetta biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Dawn il-provi għandhom peró valur oġġettiv u jiġu mill-Bord analiżżati w apprezzati fil-kuntest tal-indaġini li jeħtieġlu jagħmel dwar il-komportament tal-entitajiet tal-Istat u persuni fihom involuti.

VII. Dwar l-impatt li din l-Inkjesta jista' jkollha fuq il-kondotta ta' xi investigazzjoni kriminali mill-Pulizija jew awtoritá oħra kompetenti jingħad biss li tul il-kors kollu ta' din l-indaġni kien hemm kooperazzjoni u sintonija reċiproka fir-riċerka tal-veritá mal-Pulizija w awtoritajiet oħra, li qed jinvestigaw diversi aspetti ta' dan l-omiċidju.

Il-Bord jibqa' tal-fehma li t-termini ta' referenza ta' din l-Inkjesta pubblika kienu jesiġu li jindaga dwar dak kollu li seta' ipprovoka jew ikkontribwixxa għall-assassinju. Ġaladarba l-fatti kienu jindikaw li persuni fl-amministrazzjoni pubblika jew viċin tagħha setgħu kienu b'xi mod involuti, kien ovvju li dak il-Bord kellu jinvesti dan l-aspett ta' ċirkostanzi li setgħu ikkontribwew għall-assassinju. In fatti din l-Inkjesta nfisha u t-termini ta' referenza jaċċettaw dan il-kweżit bħala fatt. Il-Bord twaqqaf biex jirrispondi għal sitwazzjoni bħal din.

Kien allura xieraq u ġust li s-soċjetá tingħata l-opportunità li tiġi mgħarrfa bil-mod kif kien qed jiġi amministrat il-pajjiż fiż-żmien rilevanti, minn min u kif kien qed jiġi eżerċitat il-poter, safejn dan kien konformi mar-regoli ta' governanza tajba. Wieħed seta' japprezza mill-provi li emerġew fis-smigħ tax-xhieda, b'mod naturali u tista' tgħid mingħajr bżonn ta' direzzjoni min-naħa

tal-Bord, li kellu jiġi eżaminat jekk għall-assassinju kienx ikkontribwixxa l-ħolqien ta' ambjent li kkonċentra l-poter f'idejn il-ftit li arrekaw għalihom infushom il-qawwa li jamministraw il-ġid komuni bla ma jħossu l-bżonn li josservaw, b'mod reali w effettiv, il-liġijiet u regolamenti maħsuba biex jassiguraw trasparenza u kontabilitá. Poter ikkonċentrat li meta eżerċitat bla rażan jagħti lok għal amministrazzjoni pubblika ħażina w abbuż tal-poter.

VIII. Meta l-governanza tajba tiġi imminata serjament, b'aġir illeċitu w abbuż tal-poter minn elementi fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika, fdata bil-ħarsien tal-ġdid komuni u meta dawk l-elementi jaġixxu flimkien ma', jekk mhux ukoll diretti minn, persuni estranei għall-istess amministrazzjoni pubblika motivati biss mill-interessi personali tagħhom, titnissel l-aqwa riċetta għall-ħolqien ta' sens ta' impunitá li tista' twassal għall-kriminalitá. Titnissel minn min jabbuża mill-poter il-konvinzjoni li ħadd u xejn ma jista' għalih. Dan sal-punt illi qatt ma kien ser jintalab jagħti kont ta' għemilu. Dan jew għax il-kariga li jkun jokkupa tagħtih is-saħħa li jeżerċita dak il-poter jew inkella għaliex iħossu protett minn min ikollu dik is-saħħa.

Dan il-Bord ġie dirett li jinvestiga jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienux jinkwadraw ruħhom f'xenarju ta' din ix-xorta, tenut kont ta' kif l-entitajiet tal-Istat kienu jaġixxu w aġixxew fiż-żmien rilevanti. Il-provi miġbura mill-Bord huma maħsuba wkoll biex jillustraw dan l-aspett importanti tal-indaġini.

IX. Taħt dan l-aspett, li jmur lil'hinn mill-kunsiderazzjoni tal-fatti li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni materjali tal-assassinju u jekk l-entitajiet responsabbli għas-sigurtá tal-persuna tal-ġurnalista kienux qdew dmirhom sewwa, il-ħolqien ta' din l-Inkjesta pubblika u l-proċeduri li ikkonduċa, kienu esperjenza pożittiva fi proċess ta' demokrazija parteċipattiva li Stat Membru tal-Unjoni Ewropea hu mistenni li jippromwovi. Daqstant hu wkoll konċess minn ħafna mix-xhieda fosthom ministri iżda mhux biss, li esprimew is-sodisfazzjon għall-fatt li dan il-Bord ġie istitwit, kif ukoll għall-mod kif l-indaġni kienet qed iġġib għall-attenzjoni tal-pubbliku aspetti mhux daqstant magħrufa ta' kif il-pajjiż kien qed jiġi amministrat, bil-preġji u d-difetti.

# Kap 3

# Il-valur tal-ġurnaliżmu investigattiv f'demokrazija parteċipattiva

**Kapitlu III**

## Il-valur tal-ġurnaliżmu investigattiv f'demokrazija parteċipattiva

Kull meta jsir omiċidju fil-pajjiż ikun x'ikun il-mottiv li ipprovokah, il-paċi fil-pajjiż tiġi skossa mill-qiegħ. Is-soċjetà ma tibqax tħossha protetta w allura titqanqal id-domanda jekk l-Istat kienx qed jagħmel biżżejjed biex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jħares il-ħajja u l-inkolumità taċ-ċittadini. Tesiġi li kemm jista' jkun malajr, jiġi identifikat min ikkommetta r-reat u jinġieb quddiem il-ġustizzja.

Ir-reazzjoni tas-soċjetà tkun ferm aktar qawwija u t-talba għas-sodisfazzjon illi dak kollu li seta' jsir biex jiġi evitat l-omiċidju, kien fil-fatt sar, tkun aktar b'saħħitha fejn il-vittma tad-delitt tkun għal kollox innoċenti, qed twettaq dmirha u estranea għall-aġir kriminuż ta' min ried jeliminaha.

Meta imbagħad il-vittma tkun ġurnalista li qed teżerċita l-professjoni tagħha b'mod singolari fis-servizz tal-ħajja demokratika fil-pajjiż, kien naturali w inevitabbli li r-reazzjoni ta' rabja u protesta tkun, kif fil-fatt kienet f'dan il-każ, waħda b'saħħitha u l-għajta għall-ġustizzja qawwija u sostnuta. Dan kemm f'pajjiżna u anke forsi aktar internazzjonalment. Dan għaliex qiegħed kull ma

jmur jikber l-għarfien tar-rwol vitali li l-ġurnaliżmu ħieles u indipendenti għandu fi stat demokratiku, imsejjes fuq is-saltna tad-dritt u tal-ħtieġa li l-ġurnalisti, b'mod partikolari dawk illi jiddedikaw l-attività tagħhom għall-investigazzjoni tal-aġir tal-entitajiet tal-Istat fdati bl-amministrazzjoni pubblika, jkunu adegwatament protetti. Dan mhux biss billi jkun hemm strutturi li jiggarantixxu protezzjoni adegwata tal-persuna tagħhom imma wkoll billi l-Istat joħloq ambjent favorevoli illi jippermettielhom jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom b'mod sigur u effettiv.

Dan l-ambjent favorevoli għal dibattitu pubbliku maħsub biex iżomm l-amministrazzjoni pubblika u kull min jifforma parti minnha kontabbli għal għemilu, hu llum ikkunsidrat mhux biss bħala fattur essenzjali fil-ħolqien ta' demokrazija parteċipattiva li kull stat demokratiku għandu jaspira għalih, imma wkoll bħala l-ħmira meħtieġa biex tkabbar id-demokrazija, d-drittijiet tal-bniedem u s-saltna tad-dritt.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi dan ir-rwol vitali tal-ġurnaliżmu indipendenti u tassigura l-ħarsien tiegħu billi jimponi fuq l-iStat l-

obbligu illi pożittivament jaġixxi biex joħloq sistemi effettivi li adegwatament jipproteġu l-ġurnalisti u jippromwovu l-ġurnaliżmu ħieles.

Hekk fil-kawża "*Dink vs Turkey (No 2688/07 6102/08 30079/08 7072/09 7134/09 para 137)*" tal-14 ta' Settembru 2010 l-Qorti Ewropeja hekk ikkunsidrat *"States are obliged to put in place an effective system of protection for authors and journalists as part of their broader obligation to create a favourable environment for participation in public debate by everyone and to enable the expression of opinions and ideas without fear even when they are contrary to those held by the authorities or by its significant action of public opinion and even if they are annoying or shocking for the latter*".

Hu proprju din il-kunsiderazzjoni riflessa sewwa fit-termini ta' referenza mogħtija lill-Bord li għandha tkun il-punt tat-tluq ta' din l-Inkjesta. Hu fid-dawl ta' dawn il-prinċipji illi l-fatti li rriżultaw mill-indaġini għandhom jiġu apprezzati w evalwati. Mhux biss. L-Inkjesta ma tistax tieqaf hemm. Dan għaliex il-Bord jeħtieġlu jindaga wkoll jekk l-iStat għandux sistema ta' protezzjoni għall-ħarsien tal-ħajja u l-inkolumità tal-persuna, partikolarment tal-ġurnalisti u jekk tali sistema hijiex waħda effettiva biex tissodisfa l-obbligi pożittivi li għandu

taħt il-Konvenzjoni. Jeħtieġlu wkoll jindaga jekk kienux minnhom l-allegazzjonijiet li saru li entitajiet tal-iStat jew persuni involuti fihom mhux biss ma ipproteġewx b'sistemi effettivi l-ħajja tal-ġurnalista assassinata, imma saħanistra ikkontribwew bl-aġir jew inattività tagħhom biex il-ħajja tagħha titqiegħed fil-periklu.

Allegazzjonijiet li ser jiġu analizzati fil-kunsiderazzjonijiet li l-Bord jeħtieġlu jagħmel fid-diversi kapi tat-termini ta' referenza li ngħata. Allegazzjonijiet ta' governanza ħażina mill-aktar serji li jekk jirriżultaw provati jgħabbu lill-iStat bir-responsabbilità li mhux biss ikun naqas milli jieħu passi attivi biex jipprevjenti b'mod effettiv il-kummissjoni tal-omiċidju imma wkoll li jkun ikkontribwixxa biex jinħoloq ambjent ta' impunità li iffavorixxa li jiġi kommess id-delitt jew li saħħaħ il-fehma ta' dawk li ippjanawh u wettquh.

Allegazzjonijiet dwar komportament ta' persuni li jikkomponu xi enti tal-iStat li dan il-Bord jeħtieġlu fuq kollox iqis biex jiddetermina jekk kienx jikkostitwixxi aġir jew nuqqas ta' aġir illeċitu, illegali jew anki kriminuż. Dan bla ma jgħaddi ġudizzju dwar il-ħtija u l-innoċenza ta' persuni indizjati jew akkużati li wettqu tali aġir.

Attakk fuq il-ġurnaliżmu, speċjalment jekk ikun konċertat minn min għandu s-setgħa politika jew finanzjarja kemm jekk ikun bil-vjolenza fiżika jew xort'oħra, kif ukoll b'miżuri maħsuba li jostakolawh jekk mhux isikktuh għal kollox, ikun attakk fuq id-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija.

Meta dak l-attakk jissarraf fl-assassinju ta' ġurnalista d-demokrazija ġġarrab ġerħa li mhux faċli tfieq minnha. Meta imbagħad l-assassinju jkun ta' ġurnalista li tkun iddedikat ħajjitha għar-riċerka tal-verità bl-investigazzjoni tal-aġir tal-amministrazzjoni pubblika u dan biex iżżomm lil min għandu l-poter kontabbli għal għemilu, id-demokrazija taqla' daqqa tal-mewt. Daqqa li minnha l-pajjiż ma jsibx serħan jekk mhux qabel mal-eżekuturi materjali tad-delitt u l-mandanti tagħhom jiġu kollha identifikati u jitressqu quddiem il-ġustizzja, imma wkoll jekk ikun il-każ.

**Daphne Caruana Galizia ġurnalista investigattiva ta' kalibru kbir**

Il-provi f'din l-Inkjesta jistabbilixxu, jekk qatt kien hemm bżonn, il-fatt indiskuss u vitali għal din l-indaġini li Daphne Caruana Galizia kienet ġurnalista ta' kalibru kbir li għal ħafna snin iddedikat ħajjitha biex tinvestiga l-komportament tal-amministrazzjoni pubblika fir-riċerka tal-verità biex

tassigura governanza tajba f'pajjiżha. Fil-qadi ta' dak għaliha kienet missjoni, kien jeħtiġielha tindaga allegazzjonijiet serji ta' amministrazzjoni ħażina, abbuż ta' poter, aġir mhux xieraq u illeċitu jew mhux illegali ta' entitajiet tal-iStat u ta' persuni f'pożizzjoni ta' awtorità jew b'saħħithom finanzjarjament u fin-negozju. Indubbjament xogħol ta' riskju kbir għax kien spiss jimporta li dak li kien jirnexxielha xxandar bħala riżultat tal-investigazzjoni profonda tagħha, kien spiss jhedded li jisfratta proġetti li kienu maħsuba li mhux biss jarrekaw profitti inġenti, imma wkoll u forsi agħar, illi tisfratta pjanijiet ta' qliegħ illeċitu, frott ta' amministrazzjoni pubblika ħażina u sospetta.

Ħafna nkiteb u ħafna għad irid jinkiteb fuq il-ħajja u l-kitba ta' Daphne Caruana Galizia u l-impatt li l-ħidma ġurnalistika tagħha kellha u għad għandha fuq il-ħajja soċjo-politika ta' żmienha. Ħadd, la l-akbar kritiċi tagħha u lanqas dawk li allegatament eliminawha, ma jpoġġi fid-dubju l-kapaċità u l-inċiżività tal-indaġini tagħha. It-tenaċità li tkompli ssegwi l-investigazzjoni tagħha sat-tmiem ikunu x'ikunu l-konsegwenzi u l-kuraġġ li tasal li tippubblika stejjer illi kienu ċertament jesponuha għall-periklu kbir kienu fil-fehma ta' wħud, jirrażentaw l-irresponsabbiltà.

Taħt ċertu aspett kienet konxja tas-saħħa li kellha u tal-fatt li bil-kitba diretta u bla kantunieri li biha kienet tesponi l-fatti li jirriżultawlha mill-indaġini, tanalizzahom b'mod inċiżiv u kredibbli u tippubblikahom kien qed jirnexxielha tinfluenza dak li qed iseħħ fil-pajjiż. Ħafna kienu dawk li jħobbuha u jammirawha minħabba l-kitba tagħha. Ħafna oħra peró kienu għalhekk jobgħoduha u jmaqdruha. Dan jixhduh l-eluf kbar li kienu jsegwu r-'*Running Commentary'* tagħha u li kienu jipparteċipaw attivament fd-djalogu magħha, fit-tajjeb u l-ħażin.

Tul ħajjitha kienet, u aktar u aktar saret wara li ġiet assassinata, ikona ta' ġurnaliżmu ħieles f'pajjiżha, fl-Ewropa u lil'hinn. Mhux il-każ jew il-lok li dan il-Bord jesprimi ruħu fuq l-investigazzjonijiet li għamlet Caruana Galizia, l-validità tagħhom, il-korrettezza tal-fatti u l-istil li bih ġew esposti. Kif lanqas hu konsentit lill-Bord li jesprimi ġudizzju fuq dak li immotivaha biex tagħmel l-investigazzjonijiet li għamlet u jekk dan kienx imur *oltre* l-passjoni li kellha għar-riċerka tal-verità u l-istmerrija għal dak li fil-fehma tagħha kien aġir skorrett, abbużiv jew korrott.

Li hu meħtieġ għall-fini ta' din l-Inkjesta hu li jiġi affermat bħala fatt illi:-

a) Bil-ġurnaliżmu investigattiv tagħha, kostanti, sostnut u kredibbli Caruana Galizia irnexxielha toħloq bażi formidabbli ta' qarrejja li kienu jsegwuha regolarment. Dan speċjalment minn meta bdiet tippubblika l-istejjer dwar il-*Panama Papers* u avvenimenti oħra konnessi. Kienet sewwa konxja tal-fatt illi bil-kitba tagħha kienet għal raġunijiet diversi, segwita minn mijiet ta' eluf li kienu jqisuha fonti ta' informazzjoni dwar kif kien qiegħed jiġi amministrat il-pajjiż u dwar allegazzjonijiet ta' aġir skorrett. Kienet ukoll tissodisfa l-għatx ta' dawk li xtaqu li jitwettqu riformi biex tiġi assigurata amministrazzjoni nadifa.

b) Hu fatt illi f'sitwazzjoni fejn il-partit fl-Oppożizzjoni kien dgħajjef wara żewġ telfiet elettorali kbar, il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia bil-kitbiet tagħha assumiet, anke jekk involontarjament, rwol ta' "politiku". Fi kliem il-Prim Ministru ta' allura Dr Joseph Muscat kienet prattikament l-unika oppożizzjoni. Dan sal-punt li rriżulta provat li l-makkinarju tal-partit tal-gvern kien kostrett jieħu inizjattivi biex jibbilanċja l-effett li l-kitba tagħha kien qed ikollu fuq l-elettorat. Ma hemm peró assolutament xejn x'jindika illi l-assassinju tagħha seta' kien b'xi mod konness ma' kunsiderazzjonijiet ta' politika partiġġjana. Il-Bord ma għandu ebda raġuni għaliex jiddubita illi l-

espressjonijiet ta' sogħba u stmerrija għall-assassinju minn esponenti tal-gvern u tal-partit fil-gvern f'dan ir-rigward kienu ġenwini. Kif kienu dawk li esprimew rabja għall-qtil tal-ġurnalista u kundanna bla riserva għal kull tip ta' vjolenza bħala arma politika. Il-Bord allura jelimina dan l-element bħala fattur li seta' direttament iffavorixxa li jseħħ id-delitt.

c) Dan naturalment ma jfissirx illi l-mod kif kien qed jiġi amministrat il-pajjiż mill-persuni ewlenin fdati b'dik l-amministrazzjoni u l-effett illi l-iżvelar ta' informazzjoni inkriminanti li kienet qed temerġi mill-kitba tal-ġurnalista maqtula ma humiex elementi kruċjali li jinkwadraw ruħhom fit-termini ta' referenza ta' din l-Inkjesta. Għall-kuntrarju, il-fatti kollha sa fejn magħrufa sa llum jistabbilixxu rabta ċerta dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju, l-kawża u l-movent tiegħu huma intimament konnessi ma' dak il-komportament u mar-rabta li tirriżulta provata bejn il-persuna li sa llum jirriżulta allegatament kompatibbli fit-twettiq tad-delitt u persuni fl-amministrazzjoni pubblika li kellhom f'idejhom it-tmexxija ta' oqsma vitali fl-iżvilupp tal-pajjiż.

d) Il-Bord ma jistax jeskludi li seta' kien hemm persuni oħra li b'xi mod ipparteċipaw fil-kommissjoni tar-reat, estranei għal dawk attwalment indizjati u b'motivi differenti. Dan ma ġiex eskluż mill-uffiċjali għolja tal-pulizija

inkarigati bl-investigazzjoni tad-delitt li xehdu quddiem dan il-Bord, għalkemm ilkoll ikkonfermaw li l-provi u l-indizji li kellhom kontra l-persuni minnhom akkużati bħala eżekuturi materjali jew mandanti kienu tali li jiġġustifikaw li dawn jitressqu quddiem il-Qrati.

Il-kunsiderazzjonijiet li ser jagħmel il-Bord fuq kull waħda mit-tlett termini ta' referenzi li għandu, japplikaw ċertament in kwantu jillustraw il-komportament tal-entitatjiet tal-iStat dawn il-persuni u għaċ-ċirkostanzi li fihom huma allegatament involuti, iżda japplikaw ukoll għal kull persuna oħra li tista' tiġi eventwalment akkużata bil-kummissjoni tar-reat jew li ipparteċipat fih jew li iffavorietu. Il-Bord allura jeħtieġlu jieħu bħala punt tat-tluq mhux biss il-fatti li jirriżultaw provati mill-provi quddiemu minn ukoll dawk li hemm fid-dominju pubbliku li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni materjali tad-delitt, l-allegat mandanti u l-involviment tal-entitajiet tal-iStat. Mingħajr ma jgħaddi ġudizzju fuq l-innoċenza jew il-ħtija tal-persuni involuti jikkonċentra fuq dawk il-fatti provati li minnhom temerġi responsabbilità ta' entitajiet tal-iStat u persuni fihom involuti li setgħu ikkontribwew jew iffavorew għall-omiċidju. Dan strettament fit-termini ta' referenza li għandu.

Tenut kont ukoll illi, waqt li dak li sa llum irriżulta provat, jibqa' provat ir-realtà hi li minn mindu twaqqfet l-Inkjesta sal-lum baqgħu dejjem b'regolarità jemerġu fatti ġodda dwar il-komportament ta' dawn l-entijiet tal-iStat u persuni fihom involuti li huma relevanti għall-mertu.

Anke jekk xejn, għaliex ikomplu jsaħħu l-kunsiderazzjonijiet li qed jagħmel il-Bord u l-konklużjonijiet li wasal għalihom.

La hu l-kompitu u lanqas il-każ li dan il-Bord jindaga dawn l-allegazzjonijiet uħud minnhom ta' serjetà kbira, illi saru u qed isiru u li qed jiġu żvelati minn diversi sorsi, proprju għaliex mhux il-kompitu tiegħu li jindaga kull akkuża ta' kull irregolarità u abbuż biex jistabbilixxi l-veraċità tagħhom.  Dan isir jekk ikun il-każ fil-fora kompetenti.

Għal dan il-Bord jibqa' rilevanti f'dan l-istadju hu l-fatt innifsu li waqt is-smigħ tax-xhieda quddiemu baqgħu jiġu żvelati dawn l-inċidenti, għaliex dan ikompli jsaħħaħ il-konvinzjoni li wasal għalihom ta' stil ta' governanza u sistema ta' kondotta mnawwra li effettivament, kif jaċċetta kulħadd, wasslu għat-tifrik fl-istituzzjonijiet u t-tmermir tas-saltna tad-dritt. Provi addizzjonali li huma wkoll

rilevanti in kwantu jkomplu jikkonfermaw il-korrettezza u l-fondatezza ta' allegazzjonijiet li kienet tagħmel Daphne Caruana Galizia, ibbażati fuq informazzjoni preċiża, spiss dokumentata. Informazzjoni dwar każijiet serji ta' malamministrazzjoni, abbuż ta' poter u korruzzjoni illi hu illum aċċettat, lill'hinn minn kull dubju raġonevoli imma ċertament fuq bażi ta' probabbiltajiet, li jnisslu l-konvinzjoni morali li kienu l-kawża tal-assassinju. Dan bla ma tiġi eskluża l-possibbiltà li dwarha ma rriżultat l-ebda prova, li seta' kien hemm ħaddieħor li pparteċipa fl-assassinju bħala mandanti jew mod ieħor.

**Vittma tal-ħila u suċċess tagħha**

Il-korrettezza tal-fatti li kienet tiżvela l-ġurnalista assassinata bħala riżultat tal-ġurnaliżmu investigattiv tagħha anki fid-dettal, l-analiżi perspikaċi tagħhom, il-fonti attendibbli li għalihom kellha aċċess, kif ukoll il-konklużjonijiet li kienet tasal għalihom bi preċiżjoni kbira kienu sorprendenti anke fiż-żmien meta ippubblikat l-istejjer tagħha.

Kienu aktar u aktar sorprendenti meta fil-kors taż-żmien u speċjalment wara mewtha, beda jirriżulta b'mod ċar illi kien hemm sustanza fl-allegazzjonijiet ta'

nuqqasijiet gravi fl-amministrazzjoni pubblika li kienu verament preokkupanti, jimminaw il-governanza tajba u jnawwru s-saltna tad-dritt.

Ftit jista' jkun hemm dubju illi Caruana Galizia kienet sfat vittma tal-ħila tagħha bħala ġurnalista investigattiva u tas-suċċess li kienet qed tikseb bil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni akkwIstata minn fonti awtorevoli, sewwa riċerkata w interpretata fl-isfond ta' konoxxenza tajba ta' kif kienet taħdem l-amministrazzjoni pubblika u l-mentalità tas-soċjetà Maltija.

Dan ma jfissirx li ma kienx hemm każijiet fejn il-kontribuzzjonijiet tagħha nstab li ma kienux għal kollox sorretti bil-fatti jew li ma kienux adegwatamet provati. Imma dawn kienu l-eċċezzjonijiet u anke dawn kien ikun fihom elementi veri li jistħoqqilhom jiġu investigati.

Hekk per eżempju, inkjesta Maġisterjali iddikjarat illi ma kienet teżisti l-ebda prova illi l-kumpanija Egrant li nfetħet fil-Panama kienet tappartjeni lill-Prim Ministru ta' allura jew membri tal-familja tiegħu. Dik l-inkjesta peró ma tefgħet l-ebda dubju fuq l-eżistenza nfisha tal-kumpanija Egrant u lanqas iddeterminat min kien l-*ultimate beneficiary* tagħha. L-istess fil-każ tal-

allegazzjoni serja li ċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru kien qed isofri minn marda terminali ma rriżultatx provata, għalkemm irriżulta li hu kien effettivament siefer għall-kura barra minn Malta u dan a spejjeż ta' persuna illum akkużata b'involviment fl-assassinju.

Mhux il-kompitu ta' dan il-Bord illi jgħaddi ġudizzju definittiv fuq il-veraċità ta' dawn l-asserzzjonijiet u oħrajn simili ta' Caruana Galizia. Ċertament kemm Dr Muscat kif ukoll is-Sur Schembri kellhom kull raġun jekk l-allegazzjonijiet ma kienux veritieri illi jkunu urtati u rrabbjati li dawn saru fil-konfront tagħhom.

Jibqa' peró il-fatt illi-

a) L-allegazzjonijiet ma kienux frivoli u leggeri imma kienu riżultat ta' informazzjoni, anke jekk żbaljata u inkompleta, li ottjeniet Caruana Galizia; u

b) Li hu aktar importanti għal dan il-Bord huwa li kemm Dr Muscat u kif ukoll is-Sur Schembri quddiem din l-Inkjesta affermaw illi kienu kemm kienu gravi u xokkanti għalihom dawn l-allegazzjonijiet, ma kienu qatt se iwasslu għal xi forma ta' ritaljazzjoni vjolenti fil-konfront tal-ġurnalista li l-omiċidju tagħha ikkundannaw bil-qawwa u bla riservi waqt li xehedu quddiem il-Bord.

F'dan il-kuntest il-Bord ikkonstata li Caruana Galizia spiss kienet iżewwaq il-kitbiet tagħha b'referenzi għal aspetti tal-ħajja soċjali ta' persuni esposti politikament jew anki persuni li kienu midħla tal-amministrazzjoni pubblika jew tal-partit fil-gvern. Referenzi li spiss kienu jirreferu għall-ħajja personali u relazzjonijiet privati, miktuba bi stil li seta' joffendi u jweġġa'. Dan kien l-aspett tal-kitba ta' Caruana Galizia li kien kontroversjali u oġġezzjonabbli għal bosta għax kien jirrażenta aktar il-*gossip* milli investigazzjoni serja ġurnalistika. Seta' kien hemm allura min bir-raġun ħassu offiż anke gravement, b'tali kitba. Peró ma jirriżulta minn imkien mill-provi akkwiżiti illi l-assassinju seta' ġie motivat minn xi reazzjoni estrema ta' xi ħadd għall-kitba ta' din ix-xorta.

Mill-banda l-oħra, l-Bord jeħtieġlu jikkonstata illi, filwaqt li jista' jikkondividi r-riservi anki serji li wieħed seta' jkollu fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kitba tas-Sinjura Caruana Galizia, mhux kull inċident rapportat li jirrigwarda l-ħajja personali ta' persuni jew anki relazzjonijiet suspetti ta' jew ma' persuni esposti politikament jew persuni viċin għal dawn il-persuni, kienu neċessarjament ċensurabbli.

In fatti jirriżulta mill-provi u għadhom qegħdin jemerġu fatti, illi jindikaw illi ċerti allegazzjonijiet ta' dan it-tip ta' relazzjonijiet personali altru li ma kienux estranei għall-allegazzjonijiet ta' malamministrazzjoni pubblika u l-persuni fihom involuti. Jirriżultaw indizji gravi ta' provi illi hemm okkażjonijiet fejn sitwazzjonijiet bħal dawn ġew manipulati minn min kellu interess biex jakkwista favuri, aċċess għall-informazzjoni, gwadann finanzjarju jew xort'oħra. Illum li bosta mill-istejjer ippubblikati minn Caruana Galizia li jagħtu indikazzjoni ta' din ix-xorta ta' relazzjonijiet qed jiġu korroborati, wieħed jeħtieġ japprezza illi kien hemm altru minn ġustifikazzjoni valida għall-pubblikazzjoni tagħhom. Naturalment fejn il-verità tirriżulta provata l-interess pubbliku kellu u għandu jipprevali fuq dak privat.

Ir-relazzjonijiet privati u l-istil ta' ħajja li wieħed jagħżel li jgħix għandhom ikunu protetti u rispettati anke mill-ġurnalisti. M'għandhomx bħala regola jkunu l-oġġett ta' ġurnaliżmu investigattiv. Dan peró sakemm dawn ma jkunux użati u manipulati bħala arma fl-eżerċizzju tal-poter, eżerċitat għall-avvanz u ġid personali a skapitu tal-ġid komuni.

**Ir-rilevanza għal din l-Inkjesta**

F'dan il-kuntest jiġi reġistrat kif l-iżvelar tal-fatti fil-kitba tal-ġurnalista assassinata li kienu allegatament jesponu aġir ta' amministrazzjoni ħażina w irregolaritajiet gravi kien jiġi reċepit mill-entitajiet tal-iStat u persuni li jikkomponuhom.

Kienu għal dan il-Bord sorprendenti d-dikjarazzjonijiet kategoriċi li dawn kienu jqisu dawn ir-rapporti investigattivi bħala għal kollox kredibbli in kwantu kien jqisu li l-allegazzjonijiet kienu ibbażati fuq riċerka serja u sorsi ta' min jagħti kashom, anki jekk kien jeħtieġ li l-attendibilità tagħhom tiġi verifikata. Awtoritajiet bħall-Pulizija, s-Servizzi Sigrieti, l-FIAU u l-MFSA kienu iqisuha bħala "*an open source*" ta' informazzjoni li kienet tipprovdi fatti utili għall-identifikazzjoni ta' ċirkustanzi li setgħu jindikaw ksur gravi ta' prattiċi ta' governanza tajba, ta' liġijiet u ta' regolamenti finanzjarji li kienu jimmeritaw li jiġu investigati.

Din ir-realtà kruċjali għall-għarfien tal-kwalità u l-validità tal-ġurnaliżmu investigattiv ta' Daphne Caruana Galizia dwar il-fatti gravi li kienet qed tiżvela, speċjalment bil-pubblikazzjoni tal-*Panama Papers* u wara, iwassal għal dawn

il-kunsiderazzjonijiet essenzjali li għandhom jiggwidaw lil dan il-Bord fir-riċerka tar-risposti għall-kweżiti lilu magħmula.

a) Kellu jkun ovvju għal dawk responsabbli għall-entijiet tal-Istat fdati bit-tħaris tal-ordni pubbliku u l-garanzija tas-saltna tad-dritt, illi dak li kienet qed tippubblika l-ġurnalista assassinata kien spiss indikattiv ta' aġir illeċitu jekk mhux illegali fl-ogħla livell tal-amministrazzjoni pubblika. Kienu allegazzjonijiet li f'pajjiżi oħra wasslu għal taqlib kbir politiku, riżenji u prosekuzzjoni tal-persuni f'awtorità involuti.

b) Kellu jkun ċar għal dawn l-awtoritajiet illi l-ġurnaliżmu investigattiv tal-ġurnalista assassinata ma kienx limitat għal allegazzjoni iżolata ta' irregolarità minn xi persuna f'awtorità. Kien qed jestendi għal indaġnijiet estensivi fuq l-aktar proġetti importanti li kienu qed jiġu realizzati mill-gvern u li minnhom kienu qed jirriżultaw fatti ta' allegati irregolaritajiet fit-twettieq tagħhom minsuġa b'kollużjoni ma' terzi estranei għall-amministrazzjoni pubblika. Aġir sospett maħsub biex javvanza u jiffavorixxi interessi privati. Allegazzjonijiet li kienu tant ta' sostanza, kredibbli u ben fondati li eventwalment wasslu għal bosta investigazzjonijiet minn awtoritajiet regolatorji, inkluż mill-Awditur Ġenerali.

c) Kien hemm ukoll barra dan okkażjonijiet meta l-indaġini ta' Caruana Galizia kienet bdiet testendi għal allegazzjonijiet ta' aġir kriminuż minn persuni involuti fil-kriminalità organizzata anke internazzjonali, li ma kienux direttament jinvolvu lill-amministrazzjoni pubblika. Dan anke jekk seta' kien hemm riflessi ta' favoritiżmu jew kopertura minn persuni f'awtorità.

d) L-isfond ta' dan kollu kellu jwassal għall-għarfien mill-entitajiet tal-iStat inkarigati bil-ħarsien tal-inkolumità tal-persuni u bil-protezzjoni ta' ħajjithom, illi l-allegazzjonijet magħmula ma kienux frivoli imma kellhom jew seta' kellhom mis-sewwa u bażi ta' verità. Kellhom raġonevolment iwasslu għall-konvinzjoni illi l-ġurnalista kienet qed teħodha ma' min kellu poter kbir. Kienet qed tagħmel gwerra mal-kriminalità organizzata. Kienet qed tesponi ruħha in *prima persona* u tista' tgħid waħedha teħodha ma' min kien allegatament implikat f'aġir illegali u kriminuż fi sforz biex tassigura li min kien responsabbli jinġieb quddiem il-ġustizzja.

e) Kellu jkun altru minn ċar għall-uffiċjali *in buona fede* fl-entitajiet tal-Istat inkarigati mill-ħarsien tas-Saltna tad-Dritt, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Kap tas-Servizzi Sigrieti 'l isfel, li s-Sinjura Caruna Galizia f'ċertu żmien kienet

bil-kitba tagħha qed tesponi ruħha għal riskju kbir u periklu imminenti għall-ħajja u l-proprjetà tagħha u tal-familja tagħha.

f) Dan ma kienx każ ta' ġurnalista li kellu storja tajba ta' inċident iżolat b'allegazzjoni ta' irregolarita minn xi persuna fil-poter. Kienet ġurnalista li, bil-ħidma tagħha ġiet fil-pussess ta' informazzjoni mill-aktar sensittiva minn diversi sorsi attendibbli, li indikawlha ċirkostanzi li kienu jindikawlha każijiet gravi ta' irregolaritajiet, abbuż ta' poter u korruzzjoni. Għamlitha missjoni tagħha illi b'kurraġġ, tesponi dawn il-fatti u tikxef dak li fil-fehma tagħha kien qed inawwar l-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet f'pajjiżna. Dan il-fatt ċentrali waħdu, anke jekk wieħed jipprexindi mill-korrettezza *o meno* ta' dak li kienet tippubblika l-ġurnalista assassinata u l-motiv li spinġiha biex tippersisti f'din il-kurċjata sal-aħħar, kellu jkun biżżejjed biex jimponi l-obbligu fuq l-iStat illi jakkordalha l-aqwa livell ta' protezzjoni possibbli biex jassigura l-inkolumità tagħha u jipproteġilha ħajjitha.

**Ġurnaliżmu investigattiv li jipprovoka**

Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinqraw fl-isfond tal-fatt li l-provi juru ampjament li l-kitba tal-ġurnalista assassinata kellha l-potenzjal li tipprovoka u fil-fatt ipprovokat reazzjoni qawwija fis-soċjetà almenu fuq tlett livelli

differenti. Rezzjoni li għal raġunijiet varji iġġenerat odju u spirtu ta' vendetta, li immanifestaw ruħhom f'episodji ta' vjolenza psikoloġika, materjali jew fiżika li finalment ikkulminaw fil-qtil tagħha.

Dan jiġi elaborat f'taqsimiet oħra ta' dan ir-rapport. Biżżejjed għalissa jiġu identifikati dawn it-tlett livelli ta' reazzjonijiet li l-ġurnaliżmu investigattiv ta' Caruana Galizia ipprovoka f'dawk il-persuni li kienu fil-mira tal-kritika tagħha jew li kienu l-oġġett tal-investigazzjonijiet tagħha. Reazzjoni mhux biss għall-konenut tal-kitba tagħha imma wkoll għall-istil kliniku u dirett, kultant miktub biex iweġġa' għax kien jesponi dak li wieħed jistenna li kellu jibqa' mistur, jew jikxef dak li qatt ma kien mistenni li jiġi mxandar.

Jingħad ukoll li spiss dak li kien jipprovoka l-aktar ma kienux il-fatti esposti imma l-kummenti magħmula fuqhom mill-ġurnalista u l-ipoteżijiet u l-konklużjonijiet li kienet tinseġ madwarhom. Xogħol professjonali ta' ġurnaliżmu investigattiv li sakemm jinżamm *entro* l-limiti stabbiliti ta' etika korretta hu rikonoxxut bħala validu u leġittimu mill-ġurisprudenza.

La hu l-każ u lanqas għandu l-mezzi dan l-Bord biex jinoltra ruħu f'indaġini approfondita tal-ambjent li fih kienet qed teżerċita l-professjoni tagħha l-ġurnalista. Ambjent li sewwa jingħad ma kienx provokat mill-kitba tagħha imma mill-element qawwi ta' verità tal-fatti li taw lok għall-investigazzjonijiet tagħha.

**Tlett livelli ta' reazzjoni**

Għall-fini ta' din l-Inkjesta u biex jiġi stabbilit jekk setgħetx tiġi addebitata xi responsabbilità lil xi enti tal-Istat talli naqset li tieħu azzjoni li setgħet tevita l-assassinju jew jekk addirittura kienitx b'xi mod iffavorietu, hu biżżejjed li b'mod ġenerali u wiesa' jiġu identifikati tlett livelli ta' reazzjoni għax-xogħol investigattiv tagħha mill-persuni li l-aktar li kienu fil-mira tagħha.

1. Livell ta' kitba dwar ħajjet privata ta' personaġġi direttament jew indirettament konnessi mal-istejjer li investigat. Diġà saret referenza għall-fatt li element effikaċi fl-istil ta' kitba ta' Caruana Galizia, anke biex iżżomm ħaj l-interess tas-segwaċi tagħha, kien li tiffoka fuq ċerti aspetti tal-ħajja privata ta' persuni ta' interess u dan fuq livell ta' *gossip* maħsub ukoll biex jissodisfa l-kurżità morbuża tal-qarrejja.

Kitba ta' din ix-xorta, speċjalment jekk tkun diretta lejn persuni li ma jkunux politikament esposti, li ma jkollhom x'jaqsmu xejn jew kważi mal-mertu tal-istorja li fiha jiġu involuti, setgħet faċilment titqies bħala invażjoni tal-privatezza, kitba li jekk ma tkunx veritiera komprensibbilment tiġġenera rabja u odju fil-parti offiża.

Dan naturalment kif diġà ingħad, sakemm tali kitba ma tkunx ġustifikata minn xi rabta li allegatament seta' ikun hemm bejn il-persuna fil-mira tal-ġurnalista u l-istorja li tkun qed tinvestigata u li allura tkun rilevanti għall-interess pubbliku. Spiss ir-reazzjoni għal din il-kitba tieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet u skambji virulanti fuq siti elettroniċi u *media* oħra.

2. Kitba li kellha fil-mira tagħha l-ħidma tal-gvern u tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll tal-partit fil-gvern, maħsuba biex tesponi każijiet ta' allegati irregolaritajiet, amministrazzjoni ħażina jew abbuż ta' poter jew anki sempliċement kritika ta' *policies* li magħhom il-ġurnalista ma kienitx taqbel. Kitba essenzjalment ta' natura politika illi meta ma kienitx timplika aġir skorrett maħsub għall-avvanz ta' interessi privati u gwadann illeċitu, kienet

tant effettiva illi elementi ewlenin fil-qalba tal-amministrazzjoni pubblika ħassewha li kienet theddida serja politika li setgħet iddgħajjef lill-gvern, timmina l-proġetti tiegħu u tiskreditah mal-elettorat.

B'reazzjoni għal din it-tip ta' kritika jirriżulta li saru tentattivi sostnuti u serji biex jipprovaw iwaqqfu u jsikktu lill-ġurnalista, b'miżuri li jistgħu jitqiesu minn xi wħud bħala politikament aċċettabbli imma ċertament mhux leġittimi jekk jitqiesu bħala tentattiv biex jinħonoq id-dritt tal-libertà tal-espressjoni. Din it-tip ta' reazzjoni kienet ġustifikata bil-fehma diskutibbli li użaw kontra l-ġurnalista l-istess armi li kienet qed tuża kontra tagħhom.

3. Hemm imbagħad it-tielet livell ta' reazzjoni għall-kritika tal-ġurnaliżmu investigattiv tal-ġurnalista assassinata immirata biex jiżvela b'mod inċiżiv, dirett u dokumentat, aġir illeċitu, allegati atti ta' korruzzjoni maħsuba biex minnhom jakkwistaw profitti inġenti, persuni fil-qalba tal-amministrazzjoni, b'kollużjoni ma' oħrajn li involvew ruħhom fl-organizazzjoni u twettieq ta' proġetti ewlenin tal-gvern.

Il-ġurnalista Caruana Galizia fl-investigazzjonijiet tagħha ipprojettat l-eżistenza ta' sistema ta' kriminalità organizzata fl-ogħla livelli, f'xibka li bdiet timmaterjalizza ruħha b'mod konkret fil-pubblikazzjoni ta' provi li bdew isostnu l-allegazzjonijiet tagħha. Ir-reazzjoni għal dan it-tip ta' indaġini tista' biss tiġi mkejjla mill-fatt inkontestat illi l-persuni involuti kienu jafu ben tajjeb li dak li kienet qed tiżvela l-ġurnalista fil-konfront tagħhom kien fis-sustanza korrett. Setgħu kienu wkoll konxji tal-fatti illi kienet fil-punt li tiżvela saħansitra stejjer oħra forsi anke aktar inkriminanti. F'kull każ, dak li kienet qed tiżvela kien ta' gravità tali li seta' jisfratta l-pjanijiet li kellhom għall-qliegħ illeċitu futur. Dan apparti r-riskju gravi w imminenti illi jinqabdu u jinġiebu biex jagħtu kont ta' għemilhom quddiem il-qrati.

Hu ċar għall-Bord u l-provi sa llum akkwiżiti hekk indikaw illi kritika ta' din ix-xorta f'dan il-livell setgħet biss tiġi newtralizzata billi l-ġurnalista tiġi msikkta b'kull mod u jekk dan ma jirnexxix, l-unika triq li kien jifdal tkun li tiġi eliminata.

Mhux il-kompitu tal-Bord li jasal b'ċertezza għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju, għal min ikkommetta materjalment id-delitt jew ikkommissjonah,

jew li ippronunzja ruħu fuq il-ħtija jew l-innoċenza ta' min hu hekk akkużat quddiem il-qrati. Sema' ħafna xhieda u ġabar ħafna provi f'din id-direzzjoni iżda dan għamlu biex ikun f'pożizzjoni li jiġġudika l-komportament tal-entitajiet tal-Istat u persuni fihom involuti li kellhom id-dover li jipprevjenu d-delitt u li jassiguraw li ssir ġustizzja.

# Kap 4

# Kultura ta' Impunità u l-Poter

**Kapitlu IV**

**L-Impunità u l-Poter**

Mill-provi sa llum akkwiżiti, ftit jista’jkun hemm dubju li l-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia seħħ fl-isfond ta’ ċirkostanzi li jinvolvu wkoll b’xi mod, persuni involuti fl-entitajiet tal-iStat jew oħrajn viċin tagħhom. Fatt dan illi hu konfermat b’dikjarazzjoni li għamel il-Kummissarju tal-Pulizija waqt konferenza stampa wara li ressaq quddiem il-Qorti l-persuni li allegatament immanifatturaw il-bomba wżata fl-assassinju. Il-Kummissarju qal li fid-dawl tal-provi li għandha fil-pussess tagħha l-pulizija. Il-persuni involuti fil-qtil, kemm jekk kienu eżekuturi materjali jew kompliċi jew min ikkommissjonah, kienu ġew arrestati u miġjuba quddiem il-qorti.

Dikjarazzjoni din li filwaqt li ma teskludix li setgħu jirriżultaw provi oħra li jinvolvu persuni oħra li ipparteċipaw fl-eżekuzzjoni tad-delitt jew li ikkontribwew biex jostruh wara li seħħ jew li iddevjaw jew ostakolaw il-kors tal-ġustizzja. Il-fatti li jirriżultaw mill-provi, kemm quddiem dan il-Bord kif ukoll fi proċeduri oħra u fid-dominju pubbliku, jibqgħu ċentrali għal din l-Inkjesta in kwantu hu stabbilit li verament seħħew. Dan lil’hinn minn kull

riflessjoni dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni involuti li fir-rigward tagħhom tibqa' garantita l-preżunzjoni tal-innoċenza.

Uffiċjali għolja tal-pulizija li xehdu quddiem dan il-Bord ma eskludewx il-possibbiltà li jkun hemm linji oħra ta' indaġini illi setgħu jwasslu għall-involviment ta' persuni oħra li kellhom interess li l-ġurnalista tiġi eliminata u li setgħu ħadu passi f'din id-direzzjoni. Dan mhux neċessarjament f'kunċert mal-persuni llum akkużati li wettqu jew ipparteċipaw fl-eżekuzzjoni tad-delitt, anke jekk dan mhux eskluż, imma indipendentement minnhom. In fatti xhieda mogħtija riċentement quddiem il-Qorti tal-Maġistrati allegaw fid-dettal l-involviment ta' nies oħra minnhom identifikati li kienu, u wieħed jifhem li għadhom persuni ta' interess għall-Pulizija fl-indaġini apparti delitti oħra serji.

Hu fatt li dawn iż-żewġ fili ċerti ta' indaġini tal-pulizija – jista' jkun hemm oħrajn – waħda li wasslet għall-arrest ta' persuni akkużati bħala prinċipali, kompliċi jew mandanti tad-delitt u l-oħra li għadha fi stadju aktar bikri u sa issa ma wasslet għall-ebda konklużjoni li tiġġustifika l-arrest ta' persuni indizjati, jinolvu ukoll persuni li okkupaw persuni f'karigi importanti f'entitajiet tal-iStat u l-amministrazzjoni pubblika. Involviment, li jekk jiġi provat, mhux

neċessarjament iwassal biex dawn il-persuni jkunu akkużati li ipparteċipaw fl-eżekuzzjoni tal-assassinju kif attwalment seħħ. Jirriżulta in fatti illi l-pulizija qed tindaga allegazzjonijiet li kien qed jiġi ippjanat il-qtil tal-ġurnalista żmien qabel ma attwalment seħħ, minn persuni oħra anke jekk bl-involviment tal-istess eżekuturi materjali illum akkużati li ikkommettew id-delitt.

Il-Bord huwa sodisfatt, u l-indikaturi huma kollha f'din id-direzzjoni, illi għalkemm il-movent mhux sa llum bi preċiżjoni stabbilit, ma hemm xejn x'jindika li l-assassinju ma seħħx għal raġunijiet direttament marbuta mal-investigazzjonijiet li kienet qed tagħmel is-Sinjura Caruana Galizia fuq allegazzjonijiet serji ta' amministrazzjoni pubblika ħażina, ta' abbuż ta' poter u korruzzjoni, f'isfond ta' rabtiet mil-qrib u dubjużi bejn il-politika, n-negozju kbir u l-kriminalità organizzata.

Realtà din illum ġeneralment rikonoxxuta tant li, wara pressjoni qawwija mis-soċjetà ċivili f'Malta kif ukoll minn istituzzjonijiet awtorevoli tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Unjoni Ewropeja u oħrajn wasslet għar-riżenja jew tkeċċija ta' ħafna mill-protagonisti li kienu b'xi mod indikati bħala responsabbli għall-

ħolqien ta’ sistemi li nawwru l-amministrazzjoni pubblika jew li kienu indikati bħala persuni ta’ interess fl-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia.

Realtà li effettivament wasslet ukoll għall-ħolqien ta’ dan il-Bord ta’ Inkjesta b’termini ta’ referenza li impliċitament jekk mhux espliċitament jistiednu investigazzjoni dwar l-involviment ta’ xi enti tal-IStat jew persuni fi ħdanhom li setgħu għenu biex inħoloq stat ta’ impunità għal dawk il-kriminali li wettqu d-delitt.

**Kultura ta’ impunità**

Kultura ta’ impunità tfisser illi min ikun intenzjonat li jwettaq aġir illeċitu, illegali jew anke kriminuż ikollu l-għarfien u l-konvinzjoni illi jista’ jwettqu mingħajr ma jiffaċċja konsegwenzi għal għemilu.

Kultura din li tista’ twassal għal perċezzjoni popolari li kull illegalità jew abbuż, ikunu kemm ikunu kbar, jistgħu jiġu maħfura, irranġanti jew minsija u li allura wieħed seta’ jinjora l-liġijiet u r-regolamenti u jikkommetti illegalitajiet anki meta dan ikun bi ksur ta’ provvedimenti esperssi tal-liġi. Kultura li twassal

għall-estrem li l-kriminalità organizzata tħossha tant protetta li tista' twettaq delitti bl-akbar impunità għaliex tkun konvinta li ma kienx ser ikun hemm investigazzjoni sħiħa li twassal biex jiġu identifikati bħala l-persuni li wettqu r-reat u wisq anqas għall-arrest tagħhom.

Din il-kultura ta' impunità tinħoloq minħabba n-nuqqas tal-iStat li jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jassigura s-saltna tad-dritt. Jonqos li jieħu passi f'waqthom biex jesiġi l-osservanza tal-liġijiet u li jieħu passi biex jipprevjeni, jinvestiga, jidentifika u jippunixxi lil dawk li jivvjolawahom. Kultura li tinbet u tifjorixxi mill-aspettattiva ta' dawk soġġetti għal-liġi illi n-non-osservanza tagħha ma twassalx għal sanzjoni imma għall-azzjoni mill-iStat biex jirregolarizza l-ħażin li jkun sar.

Ma hemmx dubju u dan, mhux għax kien hemm bżonn, ġie ampjament ikkonfermat mill-provi quddiem dan il-Bord li din il-kultura ta' impunità hija magħġuna fil-mentalità tas-soċjetà għal żmien twil u ftit li xejn qatt sar biex tiġi eradikata.

In fatti amministrazzjoni wara l-oħra tqis miżuri ta' sanzjonar ta' illegalitajiet u irregolaritajiet bħala arma utili biex tirripistina l-ordni u l-governanza tajba waqt li ma tnaffarx iżżejjed lil min ikun kiser il-liġi. Tintuża u mhux eċċezzjonalment, bħala mezz biex tiġi sodisfatta x-xewqa ta' dawk li kienu kisru l-liġi li jibqgħu jgawdu dak li jkunu akkwistaw illegalment. Dan billi jħallsu piena monetarja kif isir per eżempju fl-iskemi ta' sanzjonar ta' bini mhux skont ir-regolamenti tal-ippjanar u żvilupp, kif tintuża wkoll u dana spiss, minn diversi amministrazzjonijiet tul dawn l-aħħar deċenni, bħala miżura fiskali biex tirregolarizza abbużi fil-qasam finanzjarju u ħlas ta' taxxi anke bil-ħsieb illi l-iStat jirrikava dħul notevoli għall-erarju pubbliku.

F'dan ir-rigward kienet għal kollox f'waqtha l-kritika li għamel il-Kummissarju tad-Dħul (tat-Taxxi Interni) attwali s-Sur Marvin Gaerty, li skemi bħal dawn jimminaw ix-xogħol siewi li jagħmel id-Dipartiment biex jassigura l-osservanza ta' liġi, li jiffavorixxu kultura ta' impunità, jinkuraġġixxu l-evażjoni u joħolqu l-inġustizzji. Mentalità li sfortunatament hi magħġuna fid-DNA tas-soċjetà, tiffavorixxi wkoll l-ekonomija s-sewda u l-korruzzjoni għax ibbażata fuq il-pjaċiri u l-favuri. Fejn l-importanti hu mhux li tagħmel dak li hu sewwa imma lil min taf u min jista' jaqdik.

**L-impunità u l-abbuż tal-poter**

Meta dik il-mentalità tinfiltra fir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadin u l-amministrazzjoni pubblika, hu inevitabbli li jinħolqu sitwazzjonijiet li jnawwru l-governanza tajba. Sitwazzjonijiet li jagħtu lok għal abbuż, għall-ħolqien ta' obligazzjonijiet mhux xierqa u ta' opportunitajiet ta' aspettattiva ta' kumpens u vantaġġ mhux leġittimi għall-amministratur pubbliku li jkun ippresta s-servizzi tiegħu biex jingħata dak il-vantaġġ mhux mistħoqq. Sitwazzjonijiet li spiss jinvolvu l-ħolqien ta' konflitti ta' interess li huma l-ħmira li bihom jinħmew l-abbuż tal-poter u l-korruzzjoni.

Aktar ma jkun kbir il-proġett u aktar ma jkunu qawwija l-interessi finanzjarji u l-profitti inġenti proġettati, aktar tikber il-possibilità ta' sħubija illeċità bejn min jitlob li jingħata vantaġġ biex jirrealizza l-proġett tiegħu u dawk fl-amministrazzjoni pubblika li huma f'qagħda ta' awtoritá li jaġevolawh.

Tista' tgħid li t-totalità tal-kitba investigattiva tas-Sinjura Caruana Galizia tikkonsisti f'indaġini ta' sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, ta' allegazzjonijiet li jimpurtaw aġir illeċitu, illegali jekk mhux ukoll kriminuż, li jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva jew passiva ta' persuni li jikkomponu l-entijiet tal-iStat li

jonqsu li jagħmlu d-dover tagħhom li jassiguraw li tali aġir ma jseħħx. Dan għax jonqsu milli jamministraw tajjeb il-ġid komuni, milli japplikaw sewwa u kif imiss ir-regolamenti jew il-liġijiet. Dan għal raġunijiet diversi li jvarjaw minn ġudizzju żbaljat minħabba rispett uman, ħbiberiji u esiġenzi marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm tal-gvern, fost oħrajn.

Ikun imbagħad xenarju għal kollox differenti jekk dawn id-deċiżjonijiet żbaljati jkunu ittieħdu minn persuni fl-amministrazzjoni bil-ħsieb li jieħdu vantaġġ personali minnhom jew wisq agħar, jekk ikunu huma stess involuti b'xi mod mal-persuni li jkunu ser jiġu ivvantaġġjati mid-deċiżjonijiet sospetti tagħhom. F'dan l-aħħar każ ix-xenarju jinbidel minn wieħed ta' malamministrazzjoni u illiċeita, għal wieħed ta' illegalità jekk mhux ukoll kriminuż.

**L-impunità u l-kriminalità organizzata**

Din l-aħħar ipoteżi tinkwadra ruħha fit-tieni referenza li ngħata dan il-Bord biex jistabbilixxi jekk l-iStat kellux jew għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet ta' liġi kriminali effettiva u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa stat ta' *de facto* impunità bl-okkorrenza ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex jiddiswadi mit-twettieq ta' reati kriminali serji.

Il-Bord jinnota li din ir-referenza kif redatta ma hijiex limitata għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia, għalkemm naturalment dan il-Bord jibqa' iffokat biex bl-indaġini tiegħu jistabbilixxi jekk dan setax jiġi evitat kieku ma kienx jeżisti (jekk fil-fatt kien jeżisti) stat ta' *de facto* impunità illi iffavorixxa t-twettieq ta' dak id-delitt.

Il-Bord jagħmel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar dan l-aspett meta jittratta din it-tieni referena fid-dettal aktar tard f'dan ir-rapport. Għalissa biżżejjed jiġi notat illi dan it-terminu ta' referenza ma huwiex marbut esklussivament mal-assassinju. Il-Bord mistieden biex jistabblixxi jekk fil-pajjiż setax jiżviluppa stat ta' *de facto* impunità bl-okkorrenza spiss ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti. Dan b'mod ġenerali. L-atti kriminali allura jinvolvu reati serji ta' kull xorta inkluż allura reati bħal korruzzjoni, miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi, ħasil ta' flus u reati oħra finanzjarji, l-ostruzzjoni tal-ġustizzja u oħrajn.

Il-Bord akkwista provi aktar minn konvinċenti illi jistabbilixxu b'mod konklussiv illi reati ta' din ix-xorta seħħew fi żmien riċenti w anki qabel. Ġie wkoll stabbilit illi f'ħafna minn dawn il-każijiet, min wettaqhom seta' jagħmel hekk

b'sens għoli ta' impunità u bil-konvinzjoni illi ma kien qatt ser jintalab jagħti kont għal għemilu. F'dan l-istadju huwa biżżejjed illi l-Bord jistabbilixxi il-parametri illi fihom irid jestendi r-rapport tiegħu f'dan ir-rigward.

**Definizzjoni ta' impunità**

Il-Qorti Inter-Amerikana għall-Jeddijiet Umani tiddefinixxi l-impunità bħala "*The overall lack of investigation tracking down, capture, prosecution and conviction of those responsible for violating the rights protected by the American Constitution*"[2]. Definizzjoni mogħtija fil-kuntest ta' proċeduri dwar il-qtil ta' ġurnalista w allura tinvolvi l-jeddijiet fundamentali għall-ħajja u għal-libertajiet tal-espressjoni u opinjoni.

Definizzjoni li ċertament tapplika bis-sħiħ għall-assassinju ta' Cauana Galizia imma tapplika wkoll għal kull forma u xorta ta' reati serji oħra. L-impunità hija meqjusa bħala l-konsegwenza ta' "*the absence of a complete investigation leading to the criminal punishment of all those responsible for the murder of a journalist....*".

---

[2] Inter-American Court of Human Rights, Constitutional Court vs Peru January 2001 Series C No 71 paragraph 123.

L-istess Qorti Inter-Amerikana ikkunsidrat illi azzjonijiet tempestivi biex jiġu indagati reati u puniti dawk li jikkommettuhom huwa l-mod kif l-iStat jibgħat *"A strong message to society that there will be no tolerance for those who engage in such a grave violation of the right to freedom of expression"*[3].

Dan is-sens ta' impunità li jwassal għall-konvinċiment illi aġir allegatament illegali jew kriminuż ma kienx ser jiġi investigat u punit, ikun ferm aktar aċċentwat, gravi u sfaċċat jekk ikun hemm l-involviment ta' persuni fil-poter jew qrib il-poter, li b'dak il-fatt biss jagħtu sens ta' garanzija li ma sseħħx l-investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-aġir illeċitu jew illegali. Dan aktar u aktar jekk kif spiss ġie allegat quddiem dan il-Bord u banda oħra, dawk il-persuni jkunu b'xi mod involuti jew parteċipi f'dak l-aġir. Dan sew għaliex sempliċement ikunu qed jimplimentaw il-politika ta' amministrazzjoni pubblika li jkunu qed iservu jew għaliex ikunu qed jipproġġettaw qliegħ jew vantaġġ personali mhux mistħoqq anke flimkien ma' terzi.

[3] Inter-American Commission on Human Rigths – Louis Gonzalo Restrepo and family vs Colombia – 23 October 2010.

**Ir-rabta bejn il-kriminalità organizzata u l-impunità**

Il-Bord qed jiġi mitlub jindaga jekk kienx hemm rabta bejn il-kriminalità organizzata u sens ta' impunità li seta' iffavorixxa l-assassinju jew reati oħra serji. Fil-fehma tal-Bord il-kriminalità orgnizzata ma hijiex u ma għandhiex tkun biss dik ta' persuni illi jagħmlu mit-twettieq ta' reati professjoni u dan sal-punt estrem illi jesegwixxu delitt fuq kommissjoni, kontra ħlas ta' pagament mill-mandanti, kif jidher mill-provi li kien il-qtil tas-Sinjura Caruana Galizia.

Hemm livell ieħor ta' kriminalità organizzata li jinvolvi persuni li mhumiex professjonalment kriminali, li jkunu impenjati f'attivitajiet għal kollox leċiti, fin-negozju, fl-amministrazzjoni pubblika u fil-politika imma li jiddeċiedu li jaġixxu flimkien biex jakkwistaw gwadann b'mod illeċitu jew illegali. Hekk jistgħu jikkwalifikaw jekk provati, l-allegazzjonijiet li saru dwar il-Panama Papers, 17 Black u dawk dwar irregolaritajiet gravi fit-twettieq ta' proġetti infrastrutturali kbar bħall-Electrogas, il-privatizazzjoni tal-isptarijiet, il-*windfarms* tal-Montenegro u oħrajn.

Il-kriminalità organizzata tippreżupponi li dawk involuti fl-organizzazzjoni jkollhom l-istess għan li jwettqu aġir kriminuż u li b'għemilhom jidhru li bdew

iwettquh. Spiss tinvolvi nukleju ta' persuni li jipproġġettaw u jesegwixxu l-proġett kriminuż li magħhom jinvolvu persuni oħra biex b'xi mod jew ieħor jgħinuhom fit-twettieq tal-attività tagħhom. Persuni li jkunu estranei għall-attività kriminali tan-nukleju imma li għal raġuni jew oħra jaċċettaw li jagħtu servizz jew għajnuna mhux mistħoqqa anke b'aġir illeċitu jew illegali lil min ikun qed jorganizza u jwettaq l-aġir kriminuż. Dawn il-persuni jista' ma jkollhomx għarfien tal-attività kriminali tal-organizzazzjoni peró jridu jerfgħu r-responsabbiltà ta' għemilhom. Dan, jekk xejn għaliex ikunu qed jiffaċilitaw it-twettieq ta' reati u jiffavorixxu l-ħolqien ta' xibka ta' ħażen li tinfiltra fis-soċjetà u li tippermetti lill-kriminali jaġixxu b'impunità.

Il-kriminalità organizzata tfittex li taġixxi b'mox sigur għax tkun koperta minn velu ta' impunità, riżultat ta' ħbiberiji, familjarità jew komunjoni ta' interess ma' persuni f'awtorità li jistgħu jassigurawlha protezzjoni mill-investigazzjoni u prosekuzzjoni għall-aġir kriminuż tagħha.

F'din il-kategorija jistgħu jaqgħu fost l-oħrajn personaġġi bħal Professur Joe Bannister, eks-Chairman tal-MFSA, s-Sur Johann Buttigieg ex-Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar, is-Sur Heathcliff Farrugia u s-Sur Joseph Cuschieri eks-

Chairmen tal-Malta Gaming Authority, is-Sur Lawrence Cutajar eks-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur Silvio Valletta eks-Assistent Kummissarju w uffiċjali għolja oħra fil-Korp. Dawn ilkoll okkupaw pożizzjonijiet ta' awtorità, poteri deċiżjonali li fil-konfront tagħhom saru u għadhom qed isiru allegazzijiet speċifiċi ta' kondotta mhux xierqa, familjarità jew viċinanza ma' persuni implikati fl-assassinju b'mod partikolari xi allegat mandant.

Dan apparti, allegazzjonijiet simili li saru fil-konfront ta' politiċi fosthom l-eks Prim Ministru Dr Joseph Muscat, il-Ministru Edward Zammit Lewis, l-eks Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia u s-Sur Pierre Portelli eks-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista. Dawn ilkoll okkupaw karigi għolja fl-amministrazzjoni pubblika f'sens wiesgħa jew fil-governanza tal-pajjiż imma bl-ebda mod ma jirriżultaw mill-provi implikati fl-assassinju.

**L-Għeruq ta' *de facto* impunità**

Dawn l-eżempji qed jingħataw biex jiġi sottolineat illi l-kriminalità orgnizatta taqbad l-għeruq u tifjorixxi fejn ikun żviluppat stat ta' *de facto* impunità jew minħabba n-nuqqas tal-forza tal-ordni li ma jirnexxilhomx irażżnu l-okkorrenza ta' atti kriminali minħabba l-inkompetenza jew ineffiċjenza, jew wisq agħar,

jekk il-kriminalità organizzata jirnexxielha trawwem il-konvinzjoni li tgawdi l-protezzjoni qawwija minn persuni f'awtorità li għandhom l-obbligu li jrażżnuha u li jassiguraw li ħadd ma jkun 'l fuq mil-liġi.

Saru u għadhom qed isiru allegazzjonijiet ta' aġir skorrett, nuqqasijiet amministrattivi serji, ksur ta' etika u abbuż ta' poter li jekk provati setgħu saħħew jew iffavorew it-twettieq tad-delitt. Dan għaliex ikunu għenu fil-ħolqien ta' dak is-sens ta' impunità li jserraħ il-moħħ tal-kriminali u jsaħħu r-rieda tagħhom.

Dan il-Bord sema' b'sens ta' stmerrija u diżgust sensiela ta' sitwazzjonijiet li fihom uffiċjali pubbliċi responsabbli għas-sigurtà u l-buon ordni fil-pajjiż naqsu li jaqdu dmirhom u jinvestigaw kif imiss u tempestivament allegazzjonijiet serji ta' abbuż ta' poter, reati finanzjarji, korruzzjoni u malamministrazzjoni, li l-ġurnalista assassinata kienet bl-investigazzjoni tagħha qed iġġib a konjizzjoni tas-soċjetà. Allegazzjonijiet illi kienu bħala regola ben riċerkati u dokumentati u li llum fil-parti kbira tagħhom qed jirriżultaw provati.

Din l-inattività skandaluża tal-forzi tal-ordni, imma wkoll ta' awtoritajiet regolatorji oħra li dmirhom kien li jassiguraw il-governanza tajba fl-oqsma prinċipali u vitali tal-ekonomija tal-pajjiż, tista' biss tiġi addebitata għal rabtiet mill-qrib ta' ħbiberija u familjarità mhux f'postha kontra kull regola ta' etika, ta' persuni f'pożizzjoni ta' awtorità ma' dawk li kienu intenzjonati li jaġixxu u fil-fatt aġixxew, biex jagħmlu profitt illeċitu minn attivitajiet u proġetti realizzati mal-amministrazzjoni pubblika.

**Ħolqien ta' *network* li infiltra fl-istituzzjonijiet**

Hu ovvju, u ġie ampjament provat, li persuni bil-ħsieb li jikkommettu reati jew atti illeċiti, bi pjan metikoluż ħolqu sistema ta' kontroll ta' kull istituzzjoni pubblika li setgħet b'xi mod tfixkilhom fl-eżekuzzjoni tal-proġetti tagħhom. L-istituzzjonijiet ġew emaskulati u newtralizzati sempliċement billi fl-ogħla livell tal-amministrazzjoni tagħhom tqegħdu persuni ta' fiduċja, li fuq bażi ta' ħbiberija jew fl-aspettattiva ta' qliegħ jew pjaċir futur, jew sempliċement għax jiġu lużingati minn xi rigal meskin jew għax iħossuhom importanti mill-viċinanza ma' xi ħadd li kellu flus x'iroxx, kienu lesti li jabdikaw mill-qadi tad-dmir tagħhom li jservu lil pajjiżhom biex jaqdu l-interess tal-privat.

Meta wieħed iqis illi *network* bħal dan jirriżulta li nħoloq biex iservi wieħed mill-akbar imprendituri f'Malta, b'riżorsi enormi u li dan ma kienx ikun possibbli li jinħoloq jekk mhux b'kunċert mal-aktar persuna potenti fl-amministrazzjoni pubblika, wieħed malajr jintebaħ illi s-sistema fiha nfisha ħolqot Stat ta' *de facto* impunità, għal dawk il-kriminali kollha li kienu b'xi mod involuti fih u sabu jew ippretendew li jsibu, jew fil-fatt sabu, l-kenn fih.

Stat ta' impunità li, meta ġie ippjanat l-assassinju tal-ġurnalista Caruana Galizia w anki wara, inflitra fost dawk kollha li b'xi mod kienu allegatament imdaħħla fl-eżekuzzjoni tiegħu, kemm bħala mandanti, kompliċi w eżekuturi materjali tiegħu, kemm dawk magħrufa u kemm dawk li għadhom mhumiex magħrufa.

In fatti hemm provi konvinċenti, speċjalment mix-xhieda mogħtija quddiem dan il-Bord imma wkoll fil-proċeduri kriminali, illi l-allegati eżekuturi materjali tad-delitt kienu f'kull stadju ben konxji tal-protezzjoni li kienu ċerti li jgawdu minn persuni fl-ogħla karigi tal-iStat, li setgħu jiggarantulhom tali protezzjoni inkluż fil-pulizija u fil-qasam politiku. Kienu jistennew li kif kien ġara

f'okkażjonijiet oħra ma jinqabdux u jekk jinqabdu jkun hemm min iwieżinhom biex jeħilsuha ħafif.

Daqstant jirriżulta, jekk xejn, mix-xhieda ta' Vince Muscat magħruf bħala l-Koħħu. Akkużat bħala eżekutur materjali ma' oħrajn tad-delitt li ammetta l-ħtija tiegħu, kif wkoll minn dik tal-intermedjarju Melvin Theuma. L-istess allegat mandant kien jistenna li hu wkoll igawdi minn tali protezzjoni. Ilkoll kienu konvinti li kienu ser igawdu minn din l-impunità u li b'xi mod jeħilsu milli jiġu arrestati biex iwieġbu għal għemilhom.

Dawn ix-xhieda jindikaw li għalihom Keith Schembri ċ-*Chief of Staff* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u uffiċjali oħra għolja tal-korp, l-eks Ministru Chris Cardona bħala persuni, fost oħrajn, li setgħu jassigurawlhom tali impunità. Dawn il-persuni jiċħdu kull involviment maċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju w ukoll wara. Kwistjoni din li dan il-Bord jeħtieġlu jħalli f'idejn il-Pulizija inkwirenti biex tkompli tistħarreġ. Jibqa' peró relevanti ħafna għal din l-Inkjesta l-fatt illi l-persuni attwalment akkużati b'involviment fl-assassinju kienu konvinti li kienu jgawdu minn tali protezzjoni, minn persuni fil-poter li kellhom is-saħħa li jagħtuhielhom.

Dan ukoll tenut kont tal-fatt inkontestat illi dan id-delitt faħxi seħħ fl-isfond tal- kritika qawwija tal-ġurnalista assassinta u ta' allegazzjonijiet gravi frott tal-investigazzjoni tagħha kontra l-istess amministrazzjoni pubblika li tagħha dawn in-nies ta' poter kienu jifformaw parti.

**Sens ta' *de facto* Impunità**

Dawn l-osservazzjonijiet iwasslu l-Bord għal dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali:-

a) Hu ovvju li hemm rabta mill-qrib bejn l-eżerċizzju tal-poter u l-abbuż tiegħu u l-ħolqien ta' dan is-sens ta' impunità. Aktar ma' tkun qawwija u viċin din ir-rabta, aktar ikun kbir is-sens ta' impunità li jassigura lil min hu intenzjonat li jikser il-liġi li seta' jagħmel hekk bla konsegwenzi jew almenu b'anqas riskju.

b) Hu ċar ukoll illi dan is-sens ta' impunità jinħoloq fl-ewwel lok fejn il-kriminal ikun konvint li min għandu d-dover jassigura li ma jsirux reati, li

jipprevenihom u jipprosegwihom ma jkollux il-kapaċità, l-mezzi u r-rieda li hekk jagħmel. Dan is-sens ta' impunità jitrabba fl-ewwel lok, fejn l-entitajiet tal-IStat inkarigati biż-żamma tal-ordni juru li ma jkunux f'qagħda li jinvestigaw u jsolvu ċerti delitti fuq medda ta' żmien. Din l-inkapaċita, inkompetenza jew anki in-nuqqas ta' rieda ta' dawn l-entitajiet tal-IStat jinkuraġġixxu u jiffaċilitaw il-kommissjoni ta' reati simili għax jagħtu vantaġġ tanġibbli u sens ta' sigurtà u inkolumità lill-kriminal.

Hekk allura dawk li ppjanaw u wettqu l-qtil tal-ġurnalista, għażlu li jesegwixxu l-eżekuzzjoni permezz ta' karozza bomba, għaliex kienu assigurati mill-fatt li numru ta' delitti ta' din ix-xorta li saru tul l-għaxar snin ta' qabel anke jekk setgħu kienu huma stess involuti f'xi wħud minnhom, ma kienux ġew solvuti. Il-Bord tkexkex jisma' b'liema diżinvoltura ġie ippjanat dan id-delitt minn kriminali professjonisti, preparati li jikkommettu l-agħar forma ta' reati kontra l-persuna fuq kommissjoni u sempliċement għall-ħlas ta' somma flus miftiehma u mhux għax kellhom xi movent personali ta' tpattija jew xi interess ieħor kriminuż li jeliminaw lill-vittma.

ċ) L-impatt ta’ din l-impunità u s-sens ta’ sigurtà li toħloq għall-kriminalità sew jekk organizzata, kif ukoll jekk ma tkunx, ikunu ferm aktar konvinċenti u determinanti fejn ikun hemm xi forma ta’ rabta ta’ ħbiberija, interess, dipendenza jew xort’oħra ta’ kompliċità, bejn min ikollu l-ħsieb li jikkommetti r-reat u dawk li għandhom l-obbligu li jrażżnuh.

Dan il-Bord ħa nota ta’ xmara ta’ allegazzjonijiet dwar rabtiet ta’ din ix-xorta, sorretti minn fatti u dokumentazzjoni kredibbli li kienu u għadhom jiġu żvelati b’regolarità nauseanti mill-ġurnaliżmu investigattiv fil-midja, fis-social media u fil-Qorti Kriminali. Episodji inkwetanti ta’ viċinanza sospetta u ħbiberija mhux xierqa, mhux biss bejn elementi kriminali w uffiċjali għolja fil-Korp tal-Pulizija, imma wkoll bejn negozjanti involuti fi proġetti kbar tal-amministrazzjoni pubblika u uffiċjali għolja ta’ awtoritajiet regolatorji mhux biss bil-funzjoni li japprovaw l-istess proġetti imma wkoll li jassiguraw li dawn jitwettqu skont kif jirrikjedu r-regolamenti tal-governanza tajba.

d) Dawn ir-relazzjonijiet inċestużi f’ħafna livelli ta’ bejn l-amministrazzjoni pubblika fl-ogħla gradi fl-iskema tal-poter u n-negozju kbir u l-kriminalità organizzata ħolqu sistema korruttiva li nawwret ħafna istituzzjonijiet tal-pajjiż

minn ġewwa. Sistema li dgħajjfet serjament il-qafas ta' kontrolli u bilanċi maħluqa bil-Kostituzzjoni u liġijiet tal-pajjiż biex jitrażżan l-abbuż tal-poter u jassiguraw il-governanza tajba.

Dan sal-punt li tant kienet estiża, effikaċi u *water tight* din is-sistema ta' ħbiberija, viċinanza, dipendenza u komunjoni ta' interess, kif kienet waslet għaliha u esponietha l-ġurnalista Caruana Galizia, li l-pajjiż f'dawn l-aħħar snin ma kienx qiegħed jiffaċċja sempliċement każi iżolati u sparodiċi ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni anke f'livell għoli, imma kellu quddiemu sitwazzjoni fejn il-veru poter, almenu f'ċerti oqsma vitali tal-ekonomija tal-pajjiż, kien qiegħed jiġi eżerċitat mhux minn min kien fdat bil-liġi li jeżerċitah, imma minn grupp żgħir ta' individwi. Dawn, b'intenzjoni kriminuża mhux neċessarjament korrelatata li javvanzaw l-interessi privati tagħhom, irnexxielhom jaħtfu taħt idejhom u jikkontrollaw it-tmexxija ta' dawk l-istituzzjonijiet u awtoritajiet li setgħu javvanzaw it-twettieq tal-proġetti tagħhom, jaġixxu biex jiffaċilitawhom jew jassiguraw li ma jiġu bl-ebda mod imfixxkla.

Dana għamluh b'varjetà ta' inizjattivi, spiss imfassla *ad personam* u maħsuba biex jinfluenzaw u jġibu taħt il-kontroll tagħhom persuni fl-ogħla karigi f'dawn l-istituzzjonijiet li setgħu attivament jew passivament, jgħinuhom fit-twettieq tal-pjanijiet dubjużi tagħhom. Inizjattivi li jestendu wkoll għall-protezzjoni meħtieġa kontra kull azzjoni minn awtoritajiet kompetenti illi setgħet tfixxkilhom fit-twettieq tagħhom u saħansitra kontra kull tentattiv ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni.

e) Hi allura pjenament ġustifikata l-konklużjoni illi sa fejn kienu involuti dawn il-persuni nħoloq stat ta' gvern fi gvern, fejn il-veru poter kien eżerċitat minn dawk li kienu jifformaw parti minn dan il-grupp ta' nies intenzjonati li jarrikkixxu ruħhom a skapitu tal-ġid komuni u dan b'sens ta' impunità. F'dana l-kuntest allura l-poter ma kienx qed jiġi eżerċitat minn dawk li f'idejhom il-poplu avda t-tmexxija tal-pajjiż.

Sewwa jingħad illi l-konklużjoni li wasal għaliha dan il-Bord f'dan ir-rigward ma hijiex ibbażata biss fuq dak li irriżultalu fil-konfront ta' Yorgen Fenech u b'mod partikolari ċ-*chats* li ħafna mill-kontenut tagħhom qiegħed fid-dominju

pubbliku, imma wkoll fuq xhieda fir-rigward ta' persuni oħra mhux biss fin-negozju imma wkoll f'uħud mill-ogħla karigi fl-amministrazzjoni pubblika.

f) Kienu bosta dawk li ikkontribwew bl-aġir tagħhom għall-ħolqien ta' din l-assoċjazzjoni informali iżda reali biex jiġi favorit u protett l-interess privat a skapitu tal-ġid komuni. Assoċjazzjoni li kienet tiffavorixxi l-ħolqien ta' sistema ta' *de facto* impunità. Ir-rabta bejn il-persuni kollha involuti f'din l-assoċjazzjoni kienet minsuġa b'ħafna elementi fosthom il-biża', l-aspettattiva ta' vantaġġ mhux neċessarjament finanzjarju, ħbiberiji ta' kull xorta u forma, komunjoni ta' interess u għoti ta' pjaċiri, il-viċinanza ma' dawk li jeżerċitaw il-poter u l-viċinanza ma' min kellu l-qawwa tal-flus.

ġ) Il-Bord huwa sodisfatt li dan kollu ma kienx iseħħ li kieku ma nħolqitx sinerġija qawwija bejn min kien intenzjonat li jabbuża mis-sistemi u dawk li setgħu jiffaċilitaw tali abbuż. Kien hemm allura bilfors moħħ jew imħuħ li ipprospettaw, ipproġġettaw u ħolqu dawn l-ħbiberiji u intriċċi qabel xejn fuq livell personali, meħtieġa biex jassiguraw is-suċċess tal-proġetti dubjużi tagħhom u li jkunu f'pożizzjoni li jipproteġuhom u jgħinuhom jekk jinqala' x'inkwiet.

# Kap 5

# Stil ta’ tmexxija li iffavorixxa l-impunità

**Kapitlu V**

**Stil ta’ tmexxija li ffavorixxa l-impunità**

**L-ogħla forma ta’ impunitá**

L-ogħla forma ta’ impunitá hi dik li titrabba fejn min jippjana u jesegwixxi l-aġir illeċitu, illegali jew kriminuż ikun igawdi l-vantaġġ li jkun f’pożizzjoni ta’ awtoritá u poter u dan f’kull livell tal-amministrazzjoni pubblika. Aktar ma jkun kbir il-poter akbar ikun is-sens ta’ impunitá f’dawk li jeżerċitawh, imnissel mill-konvinzjoni li l-protezzjoni li tingħatalu mill-kariga li jokkupa tpoġġieh 'l fuq mil-liġi.

Konvinzjoni li għax għandu s-saħħa, għax ma hu soġġett għall-iskrutinju ta’ ħadd, jew għax ħadd ma jażżarda jissindika l-aġir tiegħu twasslu biex b’impunitá jikser il-liġi u r-regolamenti li kull persuna oħra tkun soġġetta għalihom. Dana mhux biss fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet inerenti mal-kariga li jokkupa imma wkoll b’aġir maħsub biex javvanza l-interessi personali tiegħu b’abbuż ta’ dak l-istess uffiċċju.

**Impunitá li twassal għall-korruzzjoni**

Impunitá ta' din ix-xorta hi ingredjent kostituttiv li jiffavorixxi l-amministrazzjoni pubblika ħażina, l-abbuż tal-poter u l-korruzzjoni. Meta l-użu tal-poter ma jibqax strument biex jiffavorixxi u jseddaq il-ġid komuni imma jsir għodda għat-tkattir b'kull mezz ta' interessi personali u privati, faċli jagħti lok għal sitwazzjonijiet li jimminaw il-governanza tajba. Jinħoloq terren attraenti għall-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet suspetti bejn l-amministratur pubbliku u n-negozjant bla skruplu anke bl-infiltrazzjoni tal-kriminalitá organizzata. Ilkoll bl-għan komuni li jitkattar il-ġid personali tagħhom anke b'mezzi illeċiti w illegali.

Il-qalba tal-kitba ta' Caruana Galizia kienet immirata biex tinvestiga u tikxef sitwazzjonijiet serji bħal dawn. Il-Bord ikkonstata illi ħadd illum ma jpoġġi fid-dubju l-fatt li hi ġiet eliminata proprju biex isikktuha milli tibqa' tikteb dwar allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina w abbuż ta' poter li mhux biss kienu jinvolvu personaġġi importanti fil-politika u fl-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll persuni ta' fiduċja maħtura mill-Prim Ministru u fdati bit-tmexxija ta' entitajiet u awtoritajiet pubbliċi.

Personaġġi f'qagħda li jeżerċiaw il-poter u li forsi inevitabbilment, attiraw lejhom persuni fin-negozju fost l-aktar sinjuri fil-pajjiż, b'viżjoni ta' proġetti kbar li għalihom kienu jeħtieġu l-barka u l-imbuttattura tal-amministrazzjoni pubblika.  Fi kliem l-eks Prim Ministru Dr. Joseph Muscat din il-viċinanza bejn il-poter tal-iStat hu l-mutur privat tal-ekonomija reali; hi mhux biss neċessarja, imma inevitabbli.

**Ħbiberija, viċinanza u intimitá**

Hu xehed "*Mela ħa nibda billi nagħmel* statement *li forsi jixxokkja 'Kull gvern fid-dinja inkluż f'Malta irid ikun qrib in-negozju.  Jekk ma tkunx qrib in-negozju l-ekonomija ma timxix.  Ekonomija u soċjetá bħal Malta, l-ekonmija titmexxa minn mhux aktar minn għaxra min-nies …. Issa jekk irridu noqgħodu ninħbew wara subgħajna, ninħbew wara subgħajna. Dawn huma l-fatti u jekk il-gvern jew il-*policy makers *ha nkun iktar ċar, b'xi mod jew ieħor ma jżommux kuntatt dirett u l-ħin kollu ma' dawn il-persuni, l-ekonomija u d-dċiżjonijiet ma jittieħdux u jkun hemm distakk bejn l-IStat u l-ekonomija reali.  Jien għalija din kienet kruċjali.  L-ekonomija reali hija kruċjali. Ngħidu x'ngħidu l-ekonomija reali, l-jobs tan-nies, il-kwalitá tal-ħajja tan-nies dawn kienu* No 1 Priority *għalija. Imma din ma nbdietx illum.  Mhux jien skoprejtha għax ġenju; bniedem normali jien.  Jekk kien hemm initimitá, l-initimitá ilha hemmhekk.*"

Din id-dikjarazzjoni ċara u skjetta tal-eks Prim Ministru magħmula fi żmien meta ċertament kien ben konxju tal-allegazzjonijiet gravi li saru kontra l-gvern tiegħu u li wasslu għar-riżenja tiegħu, hi stqarrija ta' *real politique* li wieħed diffiċilment jikkontesta. Hi stqarrija konfermata tista' tgħid minn kull min xehed quddiem dan il-Bord u li kellu sehem fit-tfassil tal-politika tal-gvern biex tiġġustifika l-qrubija u l-viċinanza li kien hemm man-negozju l-kbir fit-twettieq ta' dik il-politika.

Il-kunċett ta' "intimitá" għal Dr Muscat apparentement inevitabbli, bejn min jeżerċita l-poter u min jinnegozja l-kapital jallarma lil dan il-Bord. L-intimitá tmur 'l hinn minn sempliċi konoxxenza jew ħbiberija u hi ferm 'l bogħod mid-disktakk professjonali li jeħtieġlu jżomm l-amministratur pubbliku fl-eżerċizzju tal-poter meta jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Distakk professjonali li waqt li jimponi rispett, attenzjoni, kollaborazzjoni u inkuraġġiment f'negozjati għall-ħolqien tal-ġid komuni, jesiġi korrettezza u osservanza stretta tal-ħtiġijiet u r-regoli kollha li jassiguraw il-governanza tajba.

Il-ħbiberija, il-viċinanza u wisq aktar l-intimitá jiffavorixxu min-naħa l-waħda l-ħolqien ta' komunjoni ta' interess, ta' obbligazzjonijiet reċiproċi u ta' rabtiet personali li spiss jikkondizjonaw il-ġudizzju oġġettiv tal-amministratur pubbliku. Hu f'dan it-terren fertili li spiss tinżera' l-korruzzjoni. Kif sewwa spiss jingħad, il-poter jikkorrompi u l-poter assolut jikkorrompi b'mod assolut. Hu konċess illi l-kriminalitá u l-korruzzjoni ma hi monopolju ta l-ebda amministrazzjoni. Il-kilba għall-flus u l-poter hi magħġuna fin-natura tal-bniedem li spiss jagħmel minn kollox biex jakkwistahom bit-tajjeb u l-ħażin. Iżda, sakemm l-istituzzjonijiet tal-pajjiż ikunu jaħdmu kif suppost u jkunu lil'hinn minn kull influenza jew inġerenza indebita, l-illegalitá u l-korruzzjoni jiġu mrażżna.

Mill-banda l-oħra, meta l-istituzzjonijiet ikunu mnawwra minn ġewwa u ma jibqgħux tarka effettiva kontra min jikser il-liġi, jkun hemm ir-riskju reali li l-illegalitá u l-korruzzjoni jsiru istituzzjonalizzati u s-saltna tad-dritt tiġi gravement preġudikata. Meta imbagħad it-tnawwir tal-istituzzjonijiet ma jkunx dovut għal xi azzjoni jew ċirkostanza singola, imma jkun provokat u kontrollat b'mod sistematiku, b'intriċċi u abbuż tal-poter minn uħud minn dawk li dmirhom hu l-ħarsien tas-soċjetá, s-sitwazzjoni ssir ferm aktar gravi u perikoluża.

**Rabta bejn l-assassinju u l-kollass tas-Saltna tad-Dritt**

Mill-bidu nett dan il-Bord ġie rinfaċċjat b'fatti u stiwazzjonijiet li jippontaw lejn sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Sitwazzjonijiet li jorbtu l-assassinju tal-ġurnalista Caruana Galizia ma' nuqqasijiet gravi tal-istituzzjonijiet tal-IStat li naqsu li jaġixxu b'mod korrett u tempestivament, mhux biss biex jipprevjenu dak id-delitt imma wkoll biex jinvestigaw fil-pront u kif jixraq allegazzijiet serji li rriżultaw mill-kitba tagħha. Waqt li jemerġu provi li elementi setgħana fl-amministrazzjoni pubblika setgħu kienu involuti f'attivitá illegali li kienet l-oġġett prinċipali tal-investigazzjonijiet tal-ġurnalista maqtula, beda joħroġ ċar li kien hemm rabta mill-qrib bejn l-assassinju tagħha u l-allegazzjonijiet serji li kienet qed tagħmel ta' abbuż ta' poter, illegalitá u korruzzjoni minn elementi fil-qalba tal-amministrazzjoni pubblika.

Il-Bord beda jisma' provi dwar l-oriġini tal-kampanja denigratorja tal-persuna ta' Daphne Caruana Galizia, tal-isforzi biex tiġi mfixxkla u kontrollata l-attivitá ġurnalistika tagħha u dana bil-għan li tiġi newtralizzata u possibbilment imsikkta. Evidenza din kollha rilevanti għat-termini ta' referenza ta' dan il-Bord u li kienet tipponta b'mod konsistenti lejn il-mod kif kien qed jiġi eżerċitat il-poter fi żmien rilevanti, minn min kien qed jiġi eżerċitat u għal liema fini, x'rabtiet seta' kien hemm bejn dak l-eżerċizzju tal-poter, l-allegati illegalitajiet

li kienet qed tinvestiga l-ġurnalista, n-negozju kbri u l-kriminalitá, organizzata jew le.

Sar mill-ewwel ovvju għall-Bord li kien jeħtieġlu jindaga almenu l-qafas ġenerali li fih kien qiegħed jiġi amministrat il-pajjiż. Dan biex jistabilixxi jekk l-istil tat-tmexxija setax ifavorixxa ambjent li iffaċilita t-twettieq tal-assassinju. Dan speċjalment biex jiddetermina jekk dan l-istil ta' tmexxija setax wassal biex ċerti persuni fl-amministrazzjoni, li llum jirriżulta li huma persuni ta' interess għall-pulizija fl-investigazzjoni tal-assassinju u delitti oħra gravi, jakkwistaw tant poter li ippermettielhom jaġixxu b'impunitá sal-punt li b'abbuż tal-istess poter, fittxew li javvanzaw l-interessi personali tagħhom b'aġir illeċitu, illegali jew anke kriminuż.

Il-Bord ħtieġlu li kellu jagħmel dan l-eżerċizzju wkoll b'sens ta' ġustizzja għal dawk f'pożizzjoni ta' awtoritá li ma kienux almenu direttament, involuti jew li kienu għal kollox estranei għall-abbużi w irregolaritajiet li allegatament seħħew fil-qalba tal-amministrazzjoni pubblika. Allegazzjonijiet li llum u aktar ma jgħaddi ż-żmien, qed jirriżultaw sostanzjati kemm mill-provi li sema' l-Bord kif ukoll minn bnadi oħra u li llum qiegħdin fid-dominju pubbliku.

**Kritika barra minn lokha**

Hi għalhekk għal kollox barra minn lokha l-kritika li l-istħarriġ ta' dan il-Bord ma kellu x'jaqsam xejn mat-termini tar-referenza tiegħu, jew kif xehed l-allura Prim Ministru Dr. Joseph Muscat *"ftit li xejn taw kontribut biex* (il-Bord) *iwettaq ix-xogħol tiegħu*". Fl-istqarrija li għamel quddiem il-Bord fil-bidu tax-xhieda tiegħu Dr Muscat qal hekk:- "*Il-fatt li kemm il-Prim Ministru li ħatarkom kif wkoll il-Prim Ministru li ser jirċievi r-rapport tagħkom qed jesprimu dan it-tħassib għandu jittieħed b'serjetá. Frankament id-direzzjoni li din l-inkjesta ħadet kienet aktar eżerċizzju ta' kurżitá li naqset mill-kredibilitá w imminat il-leġittimitá ta' din il-ħidma tant importanti. Fl-aħjar ipotesi dak li ssemma kellu l-għan li juri jekk dak li Caruana Galizia kellhiex raġun jew le f'uħud mill-affarijiet li kitbet li hu l-eżerċizzju leġittimu iżda mhux parti mit-termini ta' referenza. Fl-agħar ipotesi din l-inkjesta iddeterjorat f'eżerċizzju politiku.*"

Dr. Muscat u l-Onorevoli Prim Ministru tal-lum huma intitolati għall-fehma tagħhom, imma dan il-Bord mhuwiex ser jiġi bl-ebda mod kundizzjonat minn twiddib jew twissijiet barra minn lokhom. Il-Bord diġá spjega li hu biss għandu s-setgħa li jinterpreta t-termini ta' referenza li ngħata. Il-fatti qed ikomplu jagħtuh raġun li l-provi li sema' u li baqgħu jiġu żvelati b'regolarità nauseanti, kienu u huma kollha mill-aktar rilevanti biex jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Mhux biss. Is-smigħ tax-xhieda fil-pubbliku kien eżerċizzju uniku ta' trasparenza u kontabilitá tal-amministrazzjoni u ta' kif kien jiġi eżerċitat il-poter. Is-soċjetá ngħatat ħjiel ta' x'seta' wassal għall-kollass tal-istituzzjonijiet u awtoritajiet li għandhom il-funzjoni li jiggarantixxu s-saltna tad-dritt. Eżerċizzju li anke jekk mhux perfett, ġibed l-approvazzjoni mhux biss tas-soċjetá għatxana għall-informazzjoni dwar kif kien qed jiġi amministrat pajjiżhom, imma wkoll ta' istituzzjonijiet awtorevoli li segwew u qed isegwu l-iżviluppi f'pajjiżna bħall-Kummissjoni ta' Venezja u l-Parlament Ewropew.

Sa mill-bidu nett il-Bord ġie rinfaċċjat bi provi li jindikaw li kien hemm rabta bejn allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet gravi ta' governanza ħażina u korruzzjoni f'ħafna mill-proġetti kbar realizzati mill-gvern u l-involviment ta' elementi fl-amministrazzjoni pubblika, fosthom ministri u kapijiet effettivi ta' awtoritajiet pubbliċi. Aktar gravi minn hekk bdew jemerġu allegazzjonijiet ta' kuntatti u viċinanza bejn uħud minn dawn l-uffiċjali pubbliċi u dawk li setgħu kienu implikati li ppjanaw l-esekuzzjoni tal-assassinju jew li wara aġixxew biex jittantaw jostruh jew ifixxkluh u jiżvijjaw l-investigazzjoni tiegħu.

Dan il-fatt illum hu inkontestat u l-evidenza li ħarġet u għadha toħroġ sal-lum tikkonfermah. Kif jikkonfermawh ukoll dikjarazzjonijiet li għamlu bosta personaġġi fl-ogħla karigi fil-pajjiż li tkellmu b'awtoritá. Hekk per eżempju l-Eċċellenza Tiegħu l-President George Vella li kien Ministru fl-ewwel gvern immexxi minn Dr. Joseph Muscat fid-diskors li għamel fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika tal-2019, irrikonoxxa li Malta kienet qed tiffaċċja sfidi kbar b'konsegweza ta' dak kollu li seħħ u li wassal għall-assassinju ta' Caruana Galizia. Saħaq li kellha ssir ġustizzja u li ma kienx biżżejjed li ngħidu li jiddispjaċina għal dak li ġara. Mill-banda l-oħra "*Ma' dan il-każ mhux sewwa li titpinġa kerha Malta kollha. Malta hija ħafna akbar minn kwalunkew grupp ta' nies kienu min kienu, li huma involuti. Ir-rwol ta' pajjiżna fil-ħolqien ta' dak kollu li huwa tajjeb u għall-ġid tal-poplu kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali m'għandux jiġi mirdum taħt il-ħażin li sfortunatament ġara*".

Ferm aktar riċenti f'April ta' din is-sena l-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca f'artikolu miktub minnha fil-Malta Today, inistiet li l-Partit Laburista kellu jiskuża ruħu mhux biss mal-partitarji tiegħu, iżda u wisq aktar mal-pajjiż. Staqsiet jekk il-prinċipji tal-partit "*għadhomx li jgħinu lill-ħaddiema*

*u lill-vunerabbli, jew inkella li jimbuttaw biss lil kull negozjant li jiġi jħabbat mal-bieb tal-politiku*”.

Kien allura mill-ewwel ċar għall-Bord illi, filwaqt illi r-responsabbiltajiet politiċi għal dak li seħħ jistgħu jkunu ferm aktar wiesa’, kien meħtieġ illi mhux biss jidentifika min kienu n-nies fl-amministrazzjoni pubblika li setgħu kienu direttament involuti fil-ħolqien ta’ ambjent korruttiv li seta’ iffaċilita l-assassinju jew saħħaħ ir-rieda ta’ dawk li ikkommettewh, imma wkoll illi x’seta’ kien l-istil tal-gvern li ippermetta li dan iċ-ċirku ristrett imma potenti u pożizzjonat strateġikament, biex jagħmel daqstant ħsara fl-implimentazzjoni ta’ proġetti li kienu jifformaw il-qalba ta’ programm imfassal għall-elezzjoni tal-2013.

Dan il-Bord akkumula muntanja ta’ provi kemm mix-xhieda li sema’ hu stess kif ukoll minn sorsi oħra bħar-rapporti tal-Awditur Ġenerali u xhieda li ngħataw f’diversi inkjesti, dwar irregolaritajiet gravi ta’ governanza ħażina, nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti u proċeduri maħsuba biex jassiguraw trasparenza u kontabilitá li lkoll kienu jippuntaw lejn l-istess grupp ta’ nies, li

lkoll kienu jgawdu l-fiduċja tal-Prim Ministru ta' allura u li kienu fdati bit-twettieq tal-proġetti mfassla fil-programm elettorali.

Dawn il-provi kienu kostantement jippuntaw lejn realtá – fil-veritá ġeneralment rikonoxxuta – li dan iċ-ċirku ristrett, li kien jinkludi persuni li ma kienux kontabbli lejn l-elettorat, imma kienu jokkupaw karigi għolja f'entitajiet tal-iStat seta' minħabba s-saħħa li kellu, jaġixxi taħt ir-radar u l-iskrutinju ta' istituzzjonijiet regolatorji u tal-istess Kabinett tal-Ministri. Il-kweżit li jeħtieġlu jirrispondi għalih il-Bord hu jekk kienx minnu li allura kien hemm żewġ livelli ta' gvern.

**Żewġ livelli ta' Gvern**

Ir-riposta għal din id-domanda ngħatat b'mod skjett u ċar mill-Onorevoli Evarist Bartolo li fiż-żmien rilevanti kien Ministru tal-Edukazzjoni u illum huwa Ministru għall-Affarijiet Barranin. Hu żvela l-eżistenza ta' żewġ livelli ta' gvern u dana f'dawn it-termini "*Imma li għandna, għandna nies tal-flus li jużaw il-flus tagħhom biex jixtru l-influenza f'kull qasam tal-ħajja inkluż fil-politika u jiena wissejt li jista' jkollok żewġ gvernijiet, jista' jkollok gvern ta' fuq il-palk u jista' jkollok gvern parallel ta' wara l-kwinti*". U meta l-Bord staqsieh

espressament jekk kienx hemm żewġ livelli ta' gvern il-Ministru wieġeb fl-affermattiv "*Iva għalhekk tkellimt fuq dawk in-*networks. *Għalhekk tkellimt b'dak il-mod u wissejt fuq il-ħsara li tista' ssir fil-pajjiż kollu kemm hu*". Hu kompla jelabora *"....anke jekk ħassejtni li f'pajjiżna faċilment ikollok żewġ kabinetti, kabinett uffiċjali li jiltaqa' f'Kastilja u jkollok kabinetti oħra li jiltaqgħu fl-irziezet u fuq il-boats u jiltaqgħu f'postijiet oħra u jiġu deċiżi affarijiet li jibbajpassjaw l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna. Jiena nkwetat ħafna b'dan. Inkwetat ħafna u billi nkun inkwetat mhux biżżejjed .... jekk ma jkollokx istituzzjonijiet jekk tħalli l-poter li jista' jiġi ikkonċentrat f'naħa waħda ser ikollok il-problemi*".

Aktar tard waqt l-istess xhieda, l-Avukat tal-familja irriferiet lill-Ministru għal intervista li kien għamel fil-programm "*Conflict Zone*" li fiha qal li: "*In a small society, personal networks and personal relations are stronger than institutional ones" u li "there is no boundary between the first and second group (networks), personal versus institutional*". U l-Avukat staqsietu "*Issa meta inti qed tindika illi allura kien hemm* shadow government, *u jidhirli illi* shadow government *użajtha bħala terminoloġija f'dik l-intervista, u min-naħa l-oħra qed tindikalna l-figura ta' Keith Schembri aħna għandna nifhmu minn*

*dak li qed tgħid illi x-*shadow government *kien immexxi minn Keith Schembri?*". Il-Ministru ikkonferma li hekk kien.

**Il-konċentrazzjoni tal-poter u l-*kitchen cabinet***

Dan l-istil ta' gvern amministrat mill-Prim Ministru Muscat u dan il-*modus operandi* ġie konfermat b'mod inekwivoku mill-allura Ministru tal-Finanzi s-Sur Edward Scicluna illi minn rajh u mingħajr provokazzjoni da parti tal-Bord ikkonferma illi "*bħal kull gvern u f'kull pajjiż ikun dak li ngħidulu* 'kitchen cabinet' *jiġifieri jkun hemm erba' min-nies dejjem hemmhekk u jidħlu f'ċerti affarijiet*". Iddikjara li hu ma kienx parti minn dak il-"kitchen cabinet". Il-Ministru kien iħossu mwarrab sal-punt li meta kien ikun id-dar "*Kont ngħidilha* – isma' *jien għandi esperjenza u dan kollu fin-negozjati, kif qatt ma jdaħħluni biex ninegozja? ... fi kwalunkwe ħaġa ...*". Mistoqsi biex jagħti l-ismijiet ta' min kien jipparteċipa f'dan il-"kitchen cabinet" apparti l-Prim Ministru u Keith Scehmbri, l-Ministru Scicluna iddeklina li jagħmel hekk għaliex qal "*Jien ma nistax insemmi ismijiet għal raġuni li din hija opinjoni tiegħi. Illi jiena ma kontx parti mill-*'inner core'; *li tħossok li inti* escluded *minn ċerti affarijiet imma ma kellix dik l-intimitá mal-Prim Ministru ...*".

Aktar tard elabora "*kulħadd jaf bil-*closeness *ta' Keith mal-Prim Ministru u li kienu* almost one and the same *fis-sens ta'* team. *Fuq dawn il-proġetti li jissemmew tal-power plant u tal-isptarijiet kien hemm Konrad magħhom. Jiġifieri sa hemmhekk nista' ngħid. Jiġifieri l-oħrajn ma nistax nikkonkludi li żgur kienu hemm jew le ma nistax ngħid*".

Il-Prim Ministru Muscat fix-xhieda tiegħu ittanta jiminimizza dak li xehed il-Professur Scicluna. Sostna li ma jeskludix li kienu uża l-frażi 'kitchen cabinet' għax il-frażi ntefgħetlu (lill-Ministru Scicluna) waqt li kien qed jixhed u hemmhekk b'xi mod jew ieħor għamilha tiegħu, mingħajr malizzja. Affermazzjoni din għal kollox żbaljata. Dan mhux biss għax il-frażi użaha spontanjament u bla ebda suġġeriment, iżda wkoll għaliex il-Ministru kien jidher verament urtat illi kien qed jiġi mgħobbi b'responsabbiltá għal deċiżjonijiet li fihom ma kien bl-ebda mod involut avolja kienu jinċidu direttament fuq il-finanzi, n-nefqa kapitali u t-tfassil tal-ekonomija tal-pajjiż.

Il-Prim Ministru Muscat ipprova jagħti l-impressjoni lill-Bord illi l-gvern immexxi minnu kien ilaqqa' lill-Kabinett regolarment u l-ebda ministru u l-ebda ħadd ma kien qallu li b'xi mod jew ieħor, kien jemmen li kien hemm xi

kitchen cabinet, li kien hemm xi grupp ristrett. Jammetti li kellu t-*team* tiegħu kompost min-nies li ma kienux ministri, imma li kienu fis-segretarjat tiegħu ewlenin fosthom Keith Schembri li kien id-*driving force*. Dr Muscat sostna illi l-funzjonijiet taċ-*Chief of Staff* baqgħu l-istess kif minn dejjem kienu taħt diversi amministrazzjonijiet anke jekk taħt titoli differenti ta' *Head of Secretariat* jew *Personal Assistant* jew Kap tal-Kabinett jew tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-funzjonijiet tiegħu ma tbiddlux. Id-dikjarazzjonijiet ta' Dr Muscat huma kontradetti minn diversi xhieda u provi li jillustraw is-saħħa kbira li kellu s-Sur Schembri u l-mod awtorevoli kif kien jeżerċita l-poter.

Hekk per eżempju, il-Ministru Bartolo jixhed *"Jekk taraw tweets oħra jien per eżempju kont qed nikkummenta ċar li l-influenza ta' Keith Schembri fil-Kabinett u f'dawk in-networks kienet esaġerata u kienet ħażina. U tkellimt u tkellimt dwarha ċar, jiġifieri ssibu tweets oħra fejn ngħidlu li assolutament ma jistax ikollok persuna li jkollha rwol b'dik is-saħħa kollha, bil-konċentrament ta' poter li hu ħażin ... għax fil-kuntest ġenerali hekk kienet tfisser li l-poter li kkonċentra f'idejh ma kienx ta' ġid la għall-gvern u lanqas għall-pajjiż"*.

**Poter f'idejn persuni mhux eletti**

Konċentrazzjoni ta' poter f'idejn persuni li ma humiex eletti demokratikament u li allura ma humiex kontabbli għal għemilhom lill-elettorat, faċilment twassal għall-abbuż tal-poter imsaħħaħ b'sens ta' impunitá. Dan speċjalment meta l-persuna ma tkunx imħarrġa fid-dixxplina tar-regoli li jiggvernaw l-amministrazzjoni pubblika u ma tkunx konxja mid-dover li ssegwihom u jekk ikollha kif kellha f'dan il-każ, il-fiduċja għamja tal-Prim Ministru. Irriżulta ampjament provat mill-provi imma anki mill-istess ammissjoni ta' Dr. Muscat li ċ-Chief of Staff tiegħu kellu *mano libera* biex jaġixxi għax kien rikonoxxut li kien kapaċi, li kien *a doer* u jipproduċi r-riżultati.

Mhux il-kompitu tal-Bord li jissindika u jiddeċiedi dwar il-validitá tal-istil ta' governanza li l-Prim Ministru Muscat addotta biex imexxi l-amministrazjoni pubblika. Dik kienet deċiżjoni politika tiegħu u ma tinkwadrax fit-termini ta' referenza ta' dan il-Bord. Li hu peró rilevanti huwa jekk dak l-istil ta' governanza kienx sa grad tali illi ippermetta li klikka żgħira ta' nies jabbużaw mill-poter lilhom mogħti biex jarrikkixxu ruħhom indebitament b'dannu għall-pajjiż li kienu obbligati li jservu. Aktar u aktar imbagħad – u dan iqarribna lejn it-termini ta' referenza ta' din il-Bord – jekk dan l-istil ta' tmexxija kienx tali li dawk li kellhom l-aspettattiva li jagħmlu qligħ indebitu inġenti bl-involvoiment

personali tagħhom fi proġetti kabar imnehdija mill-amministrazzjoni pubblika, kienu iħossuhom mhedda mill-ġurnaliżmu investigattiv ta’ Caruana Galizia. Ġurnaliżmu li seta’ jippreġudikalhom mhux biss il-gwadann li kienu qegħdin jiproġettaw iżda wkoll u agħar li jesponihom għar-riskju reali li l-ħażen tagħhom jiġi – kif fil-fatt ġie eventwalment mikxuf b’konsegwenzi diżastrużi għalihom.

Hu stabbilit mill-provi illi din il-konċentrazzjoni ta’ poter f’idejn il-ftit magħżula biex jimplimentaw il-proġetti ta’ investiment maġġuri fil-pajjiż li kellhom jagħtu spinta lill-ekonomija skont il-linji mfassla fil-Programm Elettorali tal-2013, kienet determinata mill-bidu nett, x’aktar sew minn qabel dik l-elezzjoni.

**Deċiżjoni politika tal-Prim Ministru Muscat**

Kienet deċiżjoni politika tal-Prim Ministru ta’ allura bil-kollaborazzjoni taċ-*Chief of Staff* tiegħu li biha iddekretaw li jżommu f’jdejhom u taħt il-ħarsien tagħhom dawk l-aspetti ta’ żvilupp ekonomiku li kienu jinvolvu investiment kapitali qawwi u li kellhom ikattru l-ġid. Dana bl-esklużjoni ta’ ministeri oħra li

normalment wieħed jistenna li kienu jkunu involuti almenu ċertament sal-punt ta' negozjar u finalizzar tal-qafas tal-proġett.

Deċiżjoni din li kienet tagħti impronta partikolari lill-istil ta' tmexxija iżda ma kienet bl-ebda mod ċensurabbli mil-lat ta' governanza tajba sakemm min jamminisraha jaġixxi b'intenzjoni tajba, u b'rispett għar-regoli applikabbli fosthom dak ta' trasparenza u kontabilitá. Regoli li jimponu li jkun l-Kabinett kollu li jagħti d-direzzjoni ġenerali dwar kif kellha taġixxi l-amministrazzjoni pubblika f'kull qasam u li kull attivitá tagħha tibqa' taħt il-kontroll aħħari tiegħu (Artikolu 79(2) tal-Kostituzzjoni). Dan is-subinċiż tal-Kostituzzjoni hu redatt f'termini preċiżi li jiddelineja mhux biss il-funzjonijiet li għandu jwettaq il-Kabinett, imma wkoll, il-parametri li fihom ikun responsabbli kollettivament lejn il-Parlament u l-poplu.

**Responsabbilità tal-Kabinett**

Hu ovvju li dan il-Kabinett għandu jkollu "*d-direzzjoni ġenerali tal-gvern*" u ma kienx mistenni li jinvolvi ruħu fid-dettal tat-twettieq ta' attivitá li toħroġ minn dik id-direzzjoni. Dak it-twettieq jispetta lil ministri singoli li fil-portafoll

tagħhom taqa' u li jibqgħu individwalment responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom u kif iwettquhom.

F'dan ir-rigward allura s-sottomissjoni magħmula lill-Bord minn diversi ministri li xehdu quddiemu illi huma ma kienux mgħarrfa b'ħafna mid-dettalji tal-proġetti realizzati minn ministeri oħra, fosthom allura minn dawk l'hekk imsejjħa *shadow cabinet,* hija korretta u ma għandhiex tissorprendi.

Mill-banda l-oħra waqt li kien mistenni u kien komprensibbli li l-Kabinett ma jkunux mgħarraf b'ħafna mid-dettalji tal-implimentazzjoni tal-politika tal-gvern li għalihom kellu jassumi responsabbilitá l-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli, kien ovvju li l-Kabinett kellu f'kull ħin ikun f'qagħda li jeżerċita l-kontroll tal-gvern. Kontroll li seta' jeżerċita biss jekk ikun mgħarraf sewwa bil-linji ġenerali u l-punti essenzjali ta' kif kien maħsub li titwettaq il-politika tal-gvern, li jkun parteċipi fid-deċiżjonijiet dwarhom u jiġi mgħarraf bil-mod kif id-deċiżjonijiet kienu qed jiġu implimentati. Dan sal-punt li jkun jista' jeżerċita kontroll effettiv u jassigura l-korrettezza tagħhom.

Hu f'dan ir-rigward illi dan il-Bord jirraviża nuqqasijiet serji fl-istil ta' governanza li fil-fehma tiegħu jwasslu mhux biss għall-konċentrazzjoni ta' poter f'idejn il-ftit lil'hinn minn dak li kien leġittimu, imsaħħaħ b'sens ta' impunitá in kwantu dak l-eżerċizzju tal-poter ma' kien fil-prattika sindakabbli minn ħadd, imma wkoll għall-iżnaturar tal-funzjoni essenzjali tal-Kabinett li jkollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-gvern fuq dawk l-inizjattivi u proġetti deċiżi w implimentati minn dan il-grupp ristrett.

**Ħarsien tal-Kostituzzjoni**

Jiġi enfasizzat dak li spiss jiġi injorat, il-gvern ta' Malta "*hu magħmul mill-Prim Ministru u numru ta' Ministri*" li jikkomponu l-Kabinett (Artikolu 79(1)) tal-Kostituzzjoni. Waqt li l-Kostituzzjoni tagħti lill-Prim Ministru ħafna poter fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala kap tal-gvern (konċentrazzjoni ta' poter li kulħadd qed jaqbel għandha tiġir riveduta u limitata), hu fatt li l-istess Kostituzzjoni tesiġi llum illi l-gvern ta' Malta għandu jkun wieħed kolleġġjali w allura r-responsabbilitá kollettiva li għaliha dan il-Bord fil-kors tas-smigħ tax-xhieda, ripetutament għamel rikjam. Tmexxija li jeħteiġ li tkun tal-Prim Ministru u tal-ministri tiegħu flimkien.

Hu proprju f'dan il-kuntest illi tista' tgħid li l-ministri kollha li xehedu quddiem dan il-Bord esprimew ir-riżervi tagħhom illi kienu qed jiġu mgħobbija b'responsabbiltá għat-twettieq ta' proġetti tal-Gvern li dwarhom illum hemm allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet gravi, meta huma ma kienu bl-ebda mod involuti fihom. Fl-aħjar ipotesi, l-Kabinett kellu jkun informat u jiddeċiedi dwar il-linji gwida ta' proġetti kbar ta' privatizazzjoni u investiment, anke bil-parteċipazzjoni ta' investituri esteri, f'setturi vitali tal-eknomija tal-pajjiż. Ma kellux jiġi rinfaċċat sempliċement b'xi *presentation* ġenerika wara li kollox ikun miftiehem u lest. Jidher li dawn kienu ġeneralment materji riservati għall-Prim Ministru u t-*team* tiegħu immexxi miċ-*Chief of Staff,* bil-ministri l-oħra jaċċettaw din is-sitwazzjoni, naturalment kontra qalbhom, anki jekk il-proġett ikun strettament jaqa' fil-portafoll tagħhom.

Stil ta' tmexxija li anke jekk fih innifsu mhux illegali, meta manipulat b'ċertu mod, jista' jwassal għal sitwazzjonijiet li jimminaw il-kolleġġjalità tal-gvern li l-Kostituzzjoni timponi.

**Ministri u Segretarji Parlamentari Imwarrba**

Sitwazzjonijiet li fihom Ministru jew Segretarju Parlamentari jiġi relegat għal sempliċi amministratur tad-dekasteri fdati f'idejh u ma jkollu ebda għarfien u involviment f'deċiżjonijiet u proġetti maġġuri infrastrutturali li jinteressawhom mill-qrib mill-Ministeru tiegħu u wisq anqas ikollu sehem deċiżiv fihom. Huwa kien mistenni u obbligat jimplimenta dawk id-deċiżjonijiet u jattwa dawk il-proġetti, li jkunu prattikament imposti fuqu u saħansitra jiddefenduhom anki jekk ikollu riżervi serji dwarhom.

Il-Bord sema' xhieda direttament minn Ministri w ex-Ministri li tikkonferma dan l-istil ta' treġġija bħal sistema li kien jikkondizjona l-governanza tal-oqsma l-aktar sensittivi tal-amministrazzjoni fil-pajjiż fiż-żmien rilevanti.

**Ftit Eżempji**

Issir referenza għal ftit mill-ħafna fatti li jillustraw din ir-realtà:-

- L-Onorevoli Dr Michael Farrugia llum Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva kien bejn Marzu 2013 u April 2014 Segretarju Parlamentari fl-

Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mill-ippjanar u s-simplifikazzjoni. Dr Farrugia kien emfatiku illi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għad-Dipartiment tal-Artijiet, hu kellu mill-Prim Ministru awtorità sħiħa *"carte blanche"* li jammistra lid-dipartiment.

Mistoqsi allura kif kien involut bil-fatti li seħħew dak iż-żmien dwar ir-riżoluzzjoni tal-konċessjoni lill-Café Premiere li kienet taqa' taħtu, hu għal darba darbtejn iddikjara li ma kien bl-ebda mod involut. Iddikjara "*Ma kontx involut u ma kontx informat*". Mistoqsi min kien involut irrisponda "*Ma nafx*". Kien tentattiv fjakk u mhux kredibbli biex jogħstor l-identità tal-Prim Ministru li lejh kien jirripondi meta hu stess kien aċċetta l-fatti kollha li ħarġu waqt indaġini li saret quddiem il-*Public Accounts Committee* tal-Parlament.

- Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ma jidhirx li kien b'xi mod involut fin-negozjar tat-twettiq tal-proġett tal-American University of Malta, promoss bħala l-akbar investiment barrani fil-qasam tal-edukazzjoni f'pajjiżna. Il-*high profile* mistenni tal-istituzzjoni u bl-influss ta' eluf ta' studenti barranin mhux biss kellu jkollu impatt fuq ir-riġenerazzjoni ekonomika tal-inħawi fejn kienet ser titwaqqaf imma wkoll u aktar fuq l-orjetament u l-iżvilupp tal-edukazzjoni

terzjarja. Il-proġett li spiċċa mgħarraq f’kontroversja kien pilotat minn Projects Malta taħt ir-responsabbilità tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Iżvilupp u ffiguraw fin-negozjati l-Prim Ministru u ċ-*Chief of Staff* tiegħu iżda mhux il-Ministru tal-Edukazzjoni li baqa’ dejjem jiddistanzja ruħu minnu.

- Is-Segretarju Parlamentari responsabbli għas-Saħħa illum Ministru għas-Saħħa u Deputat Prim Ministru, ma kienx involut fil-proċess ta’ privatizazzjoni ta’ parti mis-servizzi tas-saħħa u t-trasferiment ta’ sptarijiet lill-kumpanija Vitals. Il-Ministru l-Onorevoli Dr. Chris Fearne spjega illi fl-2014 kien iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru s-Sur Schembri li staqsieni “*inti tkun interessat li nieħdu l-mudell li kien hemm fi żmien Louis Deguara illi l-Ministru jew min ikun hemm inkarigat mis-saħħa jieħu ħsieb il-parti tas-saħħa, tas-servizzi tas-saħħa u l-public health – imma l-proġetti infrastrutturali jkunu f’idejn Ministru ieħor*”. In fatti kien ġie nominat Segretarju Parlamentari taħt il-Ministru Konrad Mizzi li kien maħtur Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, bir-rwol li jieħu ħsieb il-parti tas-saħħa. L-Onorevoli Fearne jagħmel imbagħad osservazzjoni interessanti

*“fil-fatt fiċ-ċivil naħseb kien hemm sitwazzjoni li ma tantx naf li kien hemm bħalha li jiena kelli Segretarju Permanenti li jirripondi għaliha li kien differenti*

*mis-Segretarju Permanenti li kellu l-Ministru Mizzi*", il-Ministru li miegħu kien Segetarju Parlamentari.

Hu anki jikkonferma li l-kuntratt mal-Vitals ma kienx għadu iffirmat. Iddikjara illi "*Il-proċess tan-negozjar mal-preferred bidder, il-proċess tal-kitba tal-RFP, il-proċess tal-aġġudikazzjoni u l-proċess tan-negozjar mal-preferred bidder ma kienux taħt ir-remit tiegħi*". Is-Segratarju Parlamentari ġie mgħarraf bil-proġett wara li kien hemm il-*Concession Agreement* iffirmat u hu jiftakar "*li kien hemm diskussjoni kemm fil-grupp parlamentari ta' informazzjoni, kien hemm diskussjoni fil-Kabinett u anki kien hemm diskussjoni fil-Parlament bl-Oppożizzjoni ma kienitx ivvotat kontra dakinhar. Jiġifieri għax* on paper *kien jidher proġett tajjeb*".

- L-istess *modus operandi* jidher li ġie addottat mill-gvern biex jirrealizza proġetti infrastrutturali kbar fosthom il-privatizzazzjoni tal-enerġija. Dan bid-differenza notevoli li n-negozjar tal-kuntratt tal-Electrogas kien jaqa' direttament fir-remit tal-Ministru tal-Enerġija l-Onorevoli Konrad Mizzi. Li kien verament sorprendenti għall-Bord kien il-fatt illi operazzjoni li kienet ser timpatta b'mod kruċjali lill-ekonomija u l-finanzi tal-pajjiż, il-Ministru

responsabbli l-Onorevoli Professur Edward Scicluna, ma kien bl-ebda mod involut fl-iprogrammar u n-negozjar tiegħu. Dan meta proġett ta' din ix-xorta w entità ma kienx sempliċement jeħtieġ allokazzjoni ta' nefqa ta' darba, kbira kemm hi kbira, imma kienet timporta li l-gvern jikkommetti ruħu għal tul konsiderevoli ta' snin għal nefqa rikorrenti sostanzjali li kienet timpatta b'mod notoveli, jekk mhux determinanti, fuq l-ekonmija tal-pajjiż.

- F'dan ir-rigward fix-xhieda tas-Sur Alfred Camilleri li ilu jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi sa mill-2006, tefa' dawl ċar fuq ir-rwol tal-Ministeru tal-Finanzi u fuq l-involviment ta' dak id-dipartiment fit-twettieq ta' proġetti infrastrutturali kbar u sa fejn kien mistenni jindaħal biex jivverifika s-sostenibbilità tagħhom u l-korrettezza tal-osservanza tal-proċeduri li jassiguraw trasparenza u kontabilità.

Is-Sur Camilleri enfasizza illi l-Ministeru tal-Finanzi ma jwettaqx proġetti, li dejjem kienu u għadhom jitwettqu mill-Ministeri relattivi. Ma jidħolx fl-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett iżda jiffaċilita l-lat finanzjarju tiegħu. Enfasizza li ħafna drabi jekk proġetti jsirx jew le jiġi deċiż mill-gvern fuq livell ta' Kabinett "*Aħna ma rridux ninsew li dan il-pajjiż huwa mmexxi minn Kabinett u mhux minn persuna waħda jiġifieri l-Kabinett jiddeċiedi*". Il-

Ministeru tal-Finanzi għandu mbagħad id-dover li jassigura li dik id-deċiżjoni tiġi implimentata. Il-problema jidher li f'ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet kruċjali l-Kabinett ma kienx ikunx involut b'mod effettiv u allura l-Ministru tal-Finanzi ma kienx ikun mgħarraf bl-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dawn il-proġetti.

**Stil ta' tmexxija li jista' jiġi abbużat**

Sewwa jingħad li dak l-istil ta' governanza ilu jiġi segwit għal ħafna snin minn amministrazzjoni wara l-oħra. Dan ukoll għaliex fil-pajjiż inħolqu istituzzjonijet regolatorji illi għandhom il-funzjoni li jassiguraw ir-regolarità fil-proċeduri kollha li għandhom iwasslu għat-twettieq tal-proċess/proġett, fosthom il-vijabilità u s-sostennibbilità tiegħu, l-finanzjament meħtieġ u d-*due diligence* fuq il-kredibilità tal-investituri. Waħda mill-iktar istituzzjonijiet importanti f'dan ir-rigward huwa d-Dipartiment tal-Kuntratti li jaħdem b'mod awtonomu u għandu l-għan li jiggarantixxi konsultazzjoni u trasprenza u "*level playing field*" fil-proċeduri għall-*public procurement* skont regoli u kriterji stabbiliti bil-liġi u regolamenti.

Is-Sur Camilleri ikkonferma li kien hemm okkażjonijiet fejn proġetti jmorru quddiem id-Dipartiment tal-Kuntratti u jiġu approvati u allura l-proġett jimxi avolja ma jkunx hemm finanzjament biżżejjed. Illum il-Ministeru qiegħed jesiġi li meta jkun hemm proġetti kbar, id-Dipartiment tal-Kuntratti kellu bażikament jallerta lill-Ministeru tal-Finanzi u jgħdilu "*hawnhekk hawn proġett b'din il-konsegwenza finanzjarja u aħna jew napprovawh jimxi jew niddiżapprovaw*". Interessanti li s-Sur Camilleri xehed li l-Ministeru beda jinforza b'mod assidwu li jkun informat meta jkun hemm *financial commitment* qawwi fi proġetti kbar wara dak li seħħ fl-estensjoni tal-kċina u żvilupp massiv fir-residenza tal-anzjani San Vincenz minn James Caterers u DB Group. Nefqa li skont l-Awditur Ġenerali, ġiet awtorizzata b'*direct order* bi ksur tar-regolamenti kollha li jiggvernaw il-*public procurement*.

L-Awditur Ġenerali investiga dan il-proġett u wasal għall-konklużjoni illi ma sab ebda raġuni biex jiġġustifika d-deċiżjoni tal-gvern li jinjora l-liġi u li fil-fehma tiegħu l-kuntratt seta' jitqies li hu invalidu. Interessanti li hemm żgur li għamel rimarka li hija rilevanti għal din l-Inkjesta, meta jinnota illi l-fatti jindikaw b'mod ċar in-nuqqas ta' kull awtorizazzjoni politika li biha l-gvern issottoskriva l-impenn tiegħu għal nefqa ta' dak il-kobor f'dan il-proġett. L-Awditur jinnota illi l-ftehim għall-*management* tal-blokki addizzjonali li

kellhom jinbnew fl-isptar ma kienx ġie mqiegħed għall-attenzjoni tal-Kabinett, minkejja li dan il-proġett kien wieħed ta' importanza nazzjonali.

Aktar interssanti u relevanti hija d-dikjarazzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru tal-lum illi fil-fehma tiegħu proġett ta' dik l-entità kellu jinġieb għall-kunsiderazzjoni w approvazzjoni tal-Kabinett. Dikjarazzjoni f'waqtha imma wkoll ammissjoni ta' ċensura, illi meta fis-snin ta' qabel ma sarx hekk f'ċirkostanzi analogi fi proġetti oħra infrastrutturali kbar, kien sar l-istess żball bl-istess konsegwenzi. Hu proprju f'dan in-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u liġijiet li identifika l-Awditur Ġenerali li titrabba kultura ta' impunità.

Iċ-ċirkostanzi dwar il-proġett tal-Electrogas, il-privatizazzjoni tal-isptarijiet u oħrajn, naturalment ma humiex identiċi għal dawk tal-proġett f'San Vincenz, peró l-argumenti kollha li għalihom jaċenna l-Awditur Ġenerali f'dan ir-rigward jistgħu jiġu applikati *mutatis mutandis* għalihom.

Fil-fatt l-Awditur Ġenerali kellu l-opportunità jinvestiga numru minn dawn il-proġetti u jasal għall-konklużjoni illi f'kollha kien hemm elementi qawwija ta'

irregolaritajiet amministrattivi u non-ossorevanza ta’ proċeduri u regolamenti li jitfgħu dellijiet koroh fuq l-operat tal-istituzzjonijet regolatorji u tal-persuni kemm privati kif wkoll uffiċjali pubbliċi li kienu b’xi mod involuti jew interessati fit-twettieq ta’ dawn il-proġetti. Ma hemmx dubju li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-istituzzjonijiet regolatorji maħsuba biex jassiguraw governanza tajba, trasparenza u kontabilità fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti u l-approvazzjoni tan-nefqa pubblika spiss fallew. Kienu għal kollox inadegwati biex jilqgħu għal tentattivi ta’ manipulazzjoni w abbuż minn min kien intenzjonat li jagħmel qliegħ personali indebitu, b’aġir illeċitu, illegali u korruttiv. Dan aktar u aktar meta dawn it-talin aġixxew b’kollużjoni ma’ min ikollu l-poter fl-amministrazzjoni.

Dan ta’ San Vincenz hu l-aħħar rapport minn sensiela ta’ investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali wara allegazzjonijiet dwar dawn il-proġetti kbar u oħrajn. Rapporti li jikkonfermaw mhux biss irregolaritajiet serji w abbuż ta’ poter li jimminaw il-governanza tajba imma wkoll l-effetti negattivi li joħolqu l-qrubija u l-familjarità mhux flokha bejn l-amministratur pubbliku u n-negozjant il-kbir. Ripetutament l-Awditur Ġenerali identifika każijiet li fihom l-amministrazzjoni pubblika diversi drabi għażlet li tinjora jew iddur mar-regolamenti maħsuba biex jassiguraw il-verifika u l-kontroll tal-infiq

tal-fondi pubbliċi. Dan biex jiġi assigurat li l-proġett isir, isir malajr u għas-sodisfazzjoni tal-investitur bi skuża li tiġi evitata l'hekk imsejjħa burokrazija żejda maħsuba proprju biex jiġi evitat l-abbuż. L-agħar hu, u dan hu verament kundanabbli, jekk l-amministratur pubbliku kien lest, kif ġara fil-każ ta' San Vincenz u oħrajn, li jikser il-liġi biex jassigura li l-proġett isir.

Irriżulta ampjament li nies fin-negozju ta' spiss iqisu r-regolamenti u l-liġijiet bħala intralċ żejjed biex jirrealizaw l-għanijiet tagħhom. Meta dan l-atteġġjament isib il-konfort u l-kooperazzjoni ta' wħud fl-amministrazzjoni pubblika li jinvolvu ruħhom b'mod personali ma' negozjanti mhux biss biex javvanzaw il-politika dikjarata tal-gvern li l-prijorità tiegħu kienet fil-ħolqien tal-ġid, imma wkoll li javvanzaw l-interessi privati tagħhom għandek l-aqwar riċetta li tiffavorixxi l-abbuż tal-poter u toħloq sens qawwi ta' impunità. Riċetta li ssir aktar insidjuża u perikoluża meta l-poter ikun konċentrat f'idejn il-ftit u meta dawk il-ftit jirnexxielhom jimmanuvraw li jkollhom kontroll sħiħ fuq l-attività prinċipali li tiġġenera l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiż u anke jinfiltraw l-istituzzjonijiet regolatorji li għandhom irażżnu l-abbuż u jassiguraw l-ordni pubblika.

# Kap 6

# L-eżerċizzju tal-poter u l-assassinju

**Kapitlu VI**

**L-eżerċizzju tal-poter u l-assassinju**

Dan il-Bord jeħtieġlu jespleta l-inkarigu lilu mogħti strettament fil-parametri tat-termini ta' referenza lilu mogħtija, li jiddetermina jekk u kif entitajiet tal-IStat jew persuni li ikkomponewhom eżerċitawx jew naqsu li jeżerċitaw il-poter li kellhom b'mod li ikkontribwew jew iffavorew it-twettieq tal-assassinju. Mill-fatti li jirriżultawlu, mis-smigħ tax-xhieda u mill-provi akkwiżiti, l-Bord jasal għas-segwenti kunsiderazzjonijiet ġenerali li jiġu aktar 'l quddiem elaborati meta jqis fid-dettal kull waħda mit-tlett termini ta' referenza lilu mogħtija. Jenfasizza li l-motivazzjonijiet tiegħu m'huma bl-ebda mod eżawrejenti anke jekk iqis li jibqgħu sostanzjalment validi u korretti għaliex bażati fuq provi ċerti u konklussivi li jissufragaw għal kollox il-konklużjonijiet li għalihom ser jasal.

Il-Bord jirreġistra bħala fatt illi matul il-kors tax-xhieda quddiemu baqgħu jemerġu provi kemm fil-proċeduri quddiem il-qrati kif ukoll bħala riżultat ta' invesigazzjonijiet mill-aktar utili u kompetenti minn ġurnalisti li b'dedikazzjoni u tenaċja baqgħu u għadhom isegwu intriċċi bla qies u manuvri, illi jitfgħu dawl fuq kif kien jiġi eżerċitat il-poter fiż-żmien rilevanti. Dan mhux biss mill-

entitajiet tal-iStat jew mill-persuni li jikkomponuhom u persuni terzi magħhom b'xi mod involuti u li kienu fil-mira preċiża tal-kitba tal-ġurnalista assassinata.

Uħud minn dawn il-fatti u ċirkostanzi setgħu lanqas kienu magħrufa lis-Sinjura Caruana Galizia, imma huma utili biex jibdew jikkompletaw il-kwadru tax-xibka komplessa maħluqa biex tassigura wkoll impunità fl-eżerċizzju tal-poter. Fatti li jistgħu jkunu ferm utili għall-indaġinijiet oħra li qed jiġu kondotti jew għad iridu jiġu kondotti minn awtoritajiet kompetenti, imma li għall-fini ta' din l-Inkjesta għandhom valur biss korroborrattiv biex ikomplu jsaħħu dak li l-Bord kien diġà wasal għalih mill-provi akkwiżiti.

Kien għalhekk illi l-Bord iddeċieda illi jtemm l-indaġini tiegħu u l-ġbir tal-provi fil-mument meta ġabar fil-fehma tiegħu, dak kollu li kien meħtieġ, biex fuq bażi ta' probabilitajiet jasal għall-konvinċiment li jista' b'serenità jirrelata fuq il-kweżiti lilu magħmula. Lill'hinn mit-termini ta' referenza ristretti li jarġinaw l-operat ta' dan il-Bord, kull aspett ta' din ir-realtà komplessa li qed tiġi trattata minnu, kultant neċessarjament b'mod superfiċjali għaliex ma kienx meħtieġ għall-fini ta' din l-Inkjesta illi l-Bord jindaga *oltre*, jista' jiġi ulterjorment approfondit, ivverifikat u analizzat mhux biss minn nies

speċjalisti fil-materja, imma wkoll minn awtoritajiet kompetenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet proprji tagħhom.

**Il-punt tat-tluq**

Għal dan il-Bord il-punt tat-tluq illum aċċettat bħala ċertezza minn kulħadd, għandu jkun dak li l-assassinju hu intimament konness mal-ġurnaliżmu investigattiv tas-Sinjura Caruana Galizia u mar-rivelazzjonijiet li għamlet jew kienet qed tagħmel, dwar il-komportament ta’ elementi fl-amministrazzjoni pubblika u negozjanti kbar fit-twettieq tal-proġetti li semmejna w oħrajn.

Komportament li fih il-ġurnalista assassinata spiss identifikat aġir fil-fehma tagħha abbużiv, skorrett u illeċitu jekk mhux ukoll kriminuż. Investigazzjonijiet li ma kienux limitati għat-twettieq ta’ proġetti imma wkoll għall-komportament ta’ politiċi u persuni esposti politikament ta’ twemmin politiku differenti kemm fuq in-naħa tal-gvern kif ukoll fuq in-naħa tal-oppożizzjoni. Investigazzjonijiet li kellhom dejjem fil-mira tagħhom l-eżerċizzju tal-poter u kif fil-fehma tagħha kien qed jiġi eżerċitat u abbużat. Dan kemm minn operaturi u minn enti fil-qasam ekonomiku, kif ukoll minn figuri ewlenin fil-qasam politiku.

Għall-fini ta' din l-Inkjesta, hu għal kollox sekondarju x'wassal lill-ġurnalista assassinata illi tiddedika ħajjitha għal din it-tip ta' investigazzjoni, jekk kellhiex aġenda politika, kif ħafna speċjalment fil-kamp oppost kienu jemmnu, jew kinitx sempliċiment motivata minn sens ta' ġustizzja u korrettezza fl-amministrazzjoni pubblika u l-ġid ta' pajjiżna.

Hu peró rilevanti u essenzjali l-fatt li l-Bord jikkunsidra li l-ġurnaliżmu investigattiv ta' Caruana Galizia anke jekk f'xi okkażjonijiet aggressiv u vjolenti, kien wieħed leġittimu sewwa fil-limiti tal-jedd ta' libertà ta' espressjoni lilha garantit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tal-jeddijiet tal-Bniedem. Dan anke għaliex fil-ħidma tagħha hi iffokat fuq materji li fil-parti l-kbira tagħhhom huma ċertament ta' interess pubbliku. Tant li għadhom sa llum fl-attenzjoni tas-soċjetà u investigati għal raġunijiet diversi mill-awtoritajiet kompetenti.

Eżerċizzju leġittimu tal-jedd fundamentali tagħha għal-libertà ta' espressjoni li jeżiġi li l-iStat jiggarantixxi u jippromwovi ambjent li jiffavorixxi dibattitu pubbliku fuq materji ta' interess ġenerali. Dan huwa sew fil-limiti ta' dak illi il-Qorti Ewropea fis-sentenza Dilk vs Turkey u oħrajn affermat dwar dan id-dritt

fundamentali illi:- "*is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffesive or as a matter of indifference but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of that protection. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broad mindedness without which there would be no democratic society*".

L-element tal-interess pubbliku in kwantu l-investigazzjonijiet tista' tgħid fit-totalità tagħhom kienu jinvolvu l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika jew ta' terzi li kellhom relazzjonijiet mill-qrib mal-istess amministrazzjoni, hu essenzjali għall-fini ta' din l-Inkjesta. Dan għaliex l-iStat għandu jirrikonoxxi illi f'soċjetà demokratika, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu esposti għall-iskrutinju permanenti mhux biss miċ-ċittadini, imma wkoll u forsi aktar, mill-ġurnaliżmu u midja indipendenti u minn kull min ikun f'pożizzjoni illi jattira l-attenzjoni tal-pubbliku għall-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet li jkunu ikkunsidrati illeċiti jew illegali.

F'dan il-każ, il-Qorti Ewropea f'diversi sentenzi fosthom fil-każ Vides Aizsardzibas and Klubs vs Latvia u fil-każ Tatdr and Faber vs Hungary, affermat illi kellha tingħata attenzjoni speċjali għall-element ta' interess pubbliku li jkun

involut fl-iżvelar ta' informazzjoni minn ġurnalisti u li seta' interattivament jikkontribwixxi għad-dibattitu fuq materji li jolqtu s-soċjetà "*In a democratic system the acts or ommissions of government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities, but also of the media and public opinion. The interest which the public may have in particular information can sometimes be so strong as to override even a legally imposed duty of confidence*".

Il-Qorti Ewropea irribadiet dan b'ferm aktar saħħa f'każijiet li kienu jittrattaw allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fl-istituzzjonijiet tal-iStat, abbuż ta' poter, il-kriminalità organizzata u vjolazzjonijiet gravi tal-liġijiet finanjarji tal-pajjiż fost oħrajn. Kollha materji illi kienu fil-mira tal-investigazzjonijiet tal-ġurnalista assassinata. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-inferenzi li kienet tagħmel il-ġurnalista mill-fatti li rriżultawlha. Jista' wieħed iqishom ażżardati, preġudikati, esaġerati jew xort'oħra peró wieħed ma jistax ma jaqbilx mal-fatt illum aċċerat u aċċettat minn kulħadd anke mill-awtoritajiet pubbliċi, illi fl-allegazzjonijiet kien hemm dejjem element qawwi ta' fattwalità li seta' jiġi kif kważi dejjem ġie verifikat.

Dan l-isforz tenaċi u oġġettiv fir-riċerka tal-verità, anke jekk kultant kulurit b’suppożizzjonijiet u opinjonijiet personali li setgħu jiġu meqjusa minn uħud bħala opinjonijiet preġudikati, flimkien mal-fatt indiskuss illi l-ġurnalista Caruana Galizia kienet meqjusa tista’ tgħid mill-awtoritajiet kollha bħala *open source* ta’ informazzjoni li kellha tittieħed in kunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, kienu jinvalidaw u jagħtu kredibilità lill-kontribuzzjoni tagħha għad-dibattitu politiku f’soċjetà li għandha tgħożż demokrazija parteċipattiva.

Anke f’dan il-Bord isib komfort fil-kunsiderazzjoni li għamlet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ fl-ismijiet Kudeshkina vs Russia li kien jittratta dwar korruzzjoni, kriminalità organizzata u l-ġudikatura li fiha irriteniet: “*However, even if the applicant* (il-ġurnalista) *allowed herself a certain degree of exaggeration and generalisation, characteristic of the pre-election agitation, her statements were not entirely devoid of any factual grounds ..... and therefore were not to be regarded as a gratutious personal attack but as a fair comment on a matter of great public importance*”.

Il-konfrontazzjoni u n-nuqqas ta' ftehim fid-dibattitu politiku anke jekk espress f'termini iebsa ħafna huma bħala regola, protetti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipproteġi d-dritt ta' kull individwu li jkollu u jesprimi opinjonijiet b'mod ħieles mingħajr indħil ta' xi awtoritá pubblika anke jekk dawk l-opinjonijiet ma jkunux jaqblu ma' dawk tal-maġġoranza. Din l-aħħar kunsiderazzjoni qed issir biex jiġi enfasizzat illi anke fuq livell ta' dibattitu u djalettika politika, l-ġurnalista Caruana Galizia eżerċitat il-professjoni tagħha ta' ġurnalista b'mod leġittimu u kellha allura l-jedd għall-protezzjoni sħiħa mill-entitajiet tal-iStat. Mhux biss għall-inkolumità tal-persuna tagħha u ħajjitha imma wkoll li jiġi lilha assigurat li setgħet teżerċita b'mod għal kollox ħieles mingħajr pressjoni u theddid, il-professjoni tagħha li xxerred informazzjoni u taqsam fehmiet u opinjonijiet ma' oħrajn. L-iStat min-naħa tiegħu kien obbligat li jipprovdilha tali protezzjoni u jiggarantilha dawn il-jeddijiet. Għandu jkun paċifiku illi aktar ma tkun kbira l-kredibilità tal-ġurnalista u l-impatt li l-messaġġ tagħha jkollu fuq dawk li jkunu jsegwuha, akbar ikun d-dmir li jinkombi fuq l-IStat li jestendilha l-protezzjoni kollha meħtieġa.

Il-Bord jagħmel issa aċċenn għall-impatt li kellha l-kitba tal-ġurnalista assassinata fuq l-eżerċizzju tal-poter politiku u fuq l-eżerċizzju tal-poter ekonomiku.

**L-impatt fuq l-eżerċizzju tal-poter politiku**

Il-Bord iqis li b'mod wiesa' l-ħidma investigattiva tal-ġurnalista Caruana Galizia tista' tiġi ikkunsidrata fi tlett fażijiet jew perijodi distinti, determinata minn dak li jkun qed iseħħ fit-tmexxija tal-pajjiż minn żmien għal żmien.

*A. Sal-elezzjoni tal-2013*

L-ewwel fażi kienet dik sal-elezzjoni tal-2013 li fih il-ġurnalista kienet attiva prinċipalment bħala antagonista u kritika tal-Partit Laburista fl-Oppożizzjoni fuq livell prettament politiku, għalkemm ma naqsitx li tikkritika l-politika u l-azzjonijiet tal-Partit Nazzjonalista fil-Gvern fejn kien jidhrilha li kienu jimmeritaw iċ-ċensura tagħha, ma jistax ikun dubju li kienet isostni l-gvern tal-ġurnata bil-kritika ħarxa u sostnuta tal-Oppożizzjoni ta' allura.

Wieħed jista' allura jafferma li hi kellha essenzjalment aġenda politika li tiffavorixxi lill-Partit Nazzjonalista bi kritika tal-Partit Laburista. L-istat tal-kitba tagħha kien diġà wieħed inċiżiv u aggressiv b'mod li kienet bdiet takkwista notorjetà u kredibilità minn eluf ta' segwaċi li kienu bdew isegwu l-ħidma u l-kitba investigattiva tagħha . Sa minn dak iż-żmien il-Partit Laburista beda jqisha mhux sempliċiment bħala ġurnalista fil-kamp oppost li setgħet tagħmillu ħsara, imma wkoll u aktar bħala avversarju politiku b'potenzjal li jekk ma jiġix imrażżan jista' jiżviluppa f'element determinanti li jikkundizzjona l-elettorat u jipperikola r-riżultat favorevoli li kien qed jantiċipa meta ssir l-elezzjoni. Kien proprju għalhekk li bdiet tinħass il-ħtieġa li jinstabu mezzi biex jiġu koltastati l-effetti negattivi tal-kitba tagħha.

Sfortunatament f'Malta l-vilifikazzjoni u l-deumanizazzjoni tal-avversarji politiċi huma spiss karatteristiċi mill-aktar negattivi tal-konflitt politiku li tista' tgħid huwa kważi dejjem wieħed personalizzat, b'attakki diretti lejn il-protagonisti fil-politika aktar milli lejn dak li jkunu jirrappreżentaw. Din kienet għall-diċenni u għadha r-realtà tal-panorama politika. Il-politiċi nfushom jirrealizzaw u jaċċettaw li dan kien aspett ta' ħajja politika li kien jeħtieġilhom jaffrontaw u jgħixu magħha. Anki f'dan peró hemm limiti ta' tolleranza li m'għandux jinqabeż.

Kitba ta' din ix-xorta li tmur lill'hinn minn dawn il-limiti għandha titqies, irresponsabbli, illegali u allura sanzjonabbli. Hi fuq kollox theddida għall-ħajja demokratika għax tipperikola b'mod dirett u reali l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni. Jekk dan japplika għall-protagonisti politiċi, japplika ferm u ferm aktar għall-ġurnalisti li jinvestigaw u jiktbu dwar materji li jolqtu l-amministrazzjoni tal-pajjiż, kif kienet qed tagħmel Caruana Galizia sa minn qabel l-2008.

**Distinzjoni netta li jeħtieġ li ssir**

Hemm peró distinzjoni netta li trid issir bejn il-pożizzjoni kif kienet sal-2013 u dak li seħħ wara. Indubjament sa dakinhar il-konfront bejn il-ġurnalista u l-politika kien wieħed ta' dibattitu politiku imma essenzjalment korrett għalkemm mhux nieqes mill-vjolenza verbali li kultant issarrfet ukoll f'inċidenti ta' *harassment* u vjolenza fiżika minn irjus sħan u irresponsabbli. Inċidenti deplerovoli li sfortunament huma l-lat ikrah tal-politika u joriġinaw trasversalment minn persuni ta' twemmin politiku differenti.

Kien hemm ukoll inċidenti fil-passat li spiċċaw f' imwiet u traġedji. Il-Gvern ta' allura kien konxju li t-ton tal-konfront politiku qabel l-Elezzjoni kien qed

jeskala u tal-figura ċentrali li kienet qed takkwista l-ġurnalista Caruana Galiza f’dak il-konfront li kien qed jesponiha għal riskju li tisfa vittma ta’ xi att azzardat ta’ xi persuna irresponsabbli. Kien għalhekk illi l-Kummissarju ta’ dak iż-żmien Michael Cassar kien ħa passi biex jestendilha protezzjoni fiżika u *patrols* fl-inħawi tar-residenza tagħha. Kien għall-istess raġuni li appena ingħata l-ġurament tal-ħatra fl-2013 tal-Prim Ministru Dr. Muscat kien ġustament u personalment ordna lill-istess Kummissarju biex ikompli jestendilha l-istess protezzjoni.

*B. Ix-xenarju inbidel wara l-Elezzjoni tal-2013*

Wara l-Elezzjoni tal-2013 u l-bidla fil-gvern iċ-ċirkustanzi u l-ambjent li fihom kienet teżerċita l-professjoni tagħha l-ġurnalista inbiddlu radikalment. Sa dakinhar hi kellha fil-mira tagħha, kundizzjonata minn diversi ċirkostanzi imma wkoll mill-konvinzjoni u l-orjentament politiku tagħha, l-partit fl-oppożizzjoni u l-persuni li kienu jimilitaw fih u li kienu jaspiraw li jakkwistaw il-poter. Ma kienitx allura bħala regola, tinvestiga u tikteb dwar entitajiet tal-IStat u l-persuni li jikkomponuhom u lanqas persuni li jeżerċitaw il-poter fl-amministrazzjoni pubblika. Hi kienet tikkritika u tattakka l-partit fl-oppożizzjoni. Ma kinietx qed taffronta l-eżerċizzju tal-poter. Appena dak il-partit sar il-partit tal-gvern hu ovvju illi, *una volta* hi kompliet bl-istess qawwa

u inċissività tikkritika l-amministrazzjoni pubblika, hi bdiet tiġi identifikata bħala parti mill-oppożizzjoni w allura bħala theddida potenzjali għaż-żamma ta’ dak il-poter.

Din il-bidla fissret li l-kitba ta’ Caruana Galizia bdiet tipprovoka reazzjoni qawwija sa mill-bidu fuq żewġ fronti distinti għalkemm konnessi. Min-naħa waħda l-amministrazzjoni pubblika setgħet tqis illi l-ħidma tal-ġurnalista assassinata kien qed tfixkilha fit-twettiq tax-xogħol tal-gvern; min-naħa l-oħra l-partit politiku li kien issa fil-gvern, beda jqisha bħala theddida reali li setgħet tikkontribwixxi għat-telfien tal-poter li kien akkwista u qed igawdi mill-fatt li l-elettorat afdalu t-tmexxija tal-pajjiż f’idejh.

**Distinzjoni bejn Gvern u Partit fil-Gvern**

Hija realtà sfortunata li spiss id-distinzjoni essenzjali u netta li għandha dejjem tinżamm bejn il-gvern li għandu l-obbligu li jamministra l-ġid komuni għall-benefiċċju ta’ kulħadd, skont liġijiet u regolamenti stabbiliti u l-partit politiku li jħaddan, li l-ewwel u qabel kollox għandu prinċipalment għall-qalbu l-interessi tal-imsieħba tiegħu li huma jew li jakkwistaw il-poter jew li jipproteġuh u jippriservawh, ma tinżammx.

Distinzjoni din fondamentali fil-proċess demokratiku illi peró spiss tiġi injorata. Distinsjoni kruċjali li hi fundamentali mhux biss biex tiġi assigurata l-governanza tajba imma wkoll għax tiggarantixxi li l-gvern elett ikun obbligat li jamministra l-ġid komuni fl-interess ta' kulħadd. Distinzjoni li tfisser ukoll li l-amministrazzjoni pubblika trid tkun waħda trasparenti u kontabbli għal għemilha lill-elettorat kollu f'kull żmien. Trid tkun allura suġġetta għall-iskrutinju kontinwu mhux biss mill-organi tal-iStat li għandhom din il-funzjoni imma wkoll mal-ġurnaliżmu u ta' dawk kollha li għandhom għall-qalbhom il-verifika ta' kif il-ġid komuni jkun qed jiġi amminisrat.

Hu proprju għalhekk li din id-distinzjoni bejn gvern u partit hi rilevanti għal din l-Inkjesta. Dan għaliex l-iStat a differenza tal-partit għandu l-obbligu illi :-

1. Jiggarantixxi d-dritt tal-ġurnalista illi jinvestiga u jirrapporta l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika f'kull livell;

2. Jiffavorixxi u jippromwovi tali investigazzjonijiet li, anke jekk isiru minn ġurnalista meqjusa ostili għall-gvern tal-ġurnata, jibqgħu dejjem eżerċizzju san ta' demokrazija parteċipattiva fl-interess komuni;

3. Jilqa' r-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet u fejn meħtieġ jimpenja ruħu li jindagahom ulterjorment biex tiġi assigurata l-verità tal-allegazzjonijetmagħmula; u

4. Jassigura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa mill-entitajiet tal-IStat, biex jiġu mrażżna l-abbuż u l-illegalità, tiġi ripistinata s-saltna tad-dritt billi jittieħdu l-passi meħtieġa kontra l-persuni responsabbli.

L-iStat għandu l-obbligu li joħloq u jassigura atmosfera ħielsa u serena li fiha ġurnalista jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu ħieles minn kull inġerenza indebita, theddid jew vjolenza ta' kull xorta, b'aċċess sħiħ għall-informazzjoni kruċjali u f'waqtha meta tkun meħtieġa u meta din tkun ta' interess pubbliku. F'dan il-kuntest l-iStat għandu jqis lill-ġurnalista anki jekk u meta tkun ostili għall-politika tiegħu jew għal kif hu kien qiegħed jamministra, mhux bħala avversarju jew għadu tiegħu, imma bħala kollaboratur validu fir-riċerka tal-verità u strument utili biex jassigura liċ-ċittadin id-dritt tiegħu għal amministrazzjoni tajba.

**Id-dmir taċ-ċittadin li jkun informat**

F'dan il-kuntest jiġi ribadit illi l-Qorti Ewropea għall-Jeddijiet tal-Bniedem qiegħda tirrikonixxi illi l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni li jannunċja l-jedd fundamentali għall-ħelsien tal-espressjoni jinkludi fih id-dritt għall-aċċess ta' informazzjoni u dokumenti miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi li għandhom l-obbligu li *entro* limiti raġonevoli stabbiliti bil-liġi li jkunu ġustifikati f'soċjetà demokratika jqiegħdu dawk id-dokumenti u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Dan proprju bħala garanzija prattika w effettiva għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt fundamentali.

Id-dritt tal-pubbliku li jiġi sewwa informat dwar kif kienu qegħdin jiġu amministrati ħwejġu u b'hekk jiġu assigurati trasparenza u kontabilità fit-tmexxija, huwa issa bbilanċjat bl-obbligu tal-iStat u l-entitajiet tiegħu li jinforma liċ-ċittadini. Obbligu li fejn qabel wieħed seta' jargumenta li kien biss prinċipju essenzjali tal-governanza tajba, ġie tradott fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea f'norma legali li torbot lill-IStat u lill-entitajiet tiegħu.

Dan anke, għaliex ġie rikonoxxut illi dan hu essenzjali biex tiġi assigurata dik l-atmosfera xierqa u serena li fiha jista' jopera l-ġurnaliżmu b'mod effettiv. In

fatti l-Qorti fil-kawża Guseva vs Bulgaria enfasizzat illi f'sentenzi anterjuri kienet stabbiliet prinċipju illi - "*In case where the applicant was an individual journlist and human rights defender it has held that the gathering of information is an essential prepartory step in journalism and is an inherent protected part of press freedom*". Kompliet tgħid li "*Obstacles created in order to hinder access to information which is of public inerest may discourage those working in the media or related fields from pursuing such matters. As a result, they may no longer be able to play the vital role as public watchdogs and their ability to provide accuate and reliable information may be adversely affected*".

Il-Bord qiegħed f'dan l-istadju jenfasizza dan l-obbligu llum legali, tal-IStat u l-entitajiet tiegħu għaliex il-provi quddiemu juru illi n-nuqqas tal-amministrazzjoni pubblika illi tkun trasparenti u kontabbli għal għemilha billi tipprovdi liċ-ċittadini u partikolarment lill-ġurnalisti, aċċess għal informazzjoni u dokumenti ta' interess pubbliku huwa fattur ewlieni fil-ħolqien ta' klima ta' inċertezza, dubju u suspett raġonevoli li attività ta' enti jew awtorita tal-IStat setgħet kienet imniġġsa minn irregolarità, abbuż jew saħansitra korruzzjoni.

**Aċċess tal-ġurnalista għall-informazzjoni**

Din ir-riluttanza tal-amministrazzjoni pubblika li tipprovdi informazzjoni w aċċess għal dokumenti jew li tingħata nofs informazzjoni jew dokumenti mhux kompleti, u dana mhux f’waqthom, spiss b’atteġġjament illi l-amministrazzjoni pubblika ma kienitx tenuta illi tiġġustifika l-azzjonijiet tagħha, f’dak l-istadju, ma kienitx xi karetteristika negattiva ġdida li bdiet fl-2013. Kienet ċertament teżisti qabel, anke jekk fi grad ħafna inqas u fi żmien meta ma kienx hemm daqstant għarfien ta’ dan l-obbligu tal-IStat illi jikkommunika maċ-ċittadin.

Żgur li wara l-2013, meta l-ġurnaliżmu investigattiv fil-pajjiż b’mod partikolari bil-ħidma tal-ġurnalista assassinata imma anki ta’ oħrajn, beda jesiġi aktar informazzjoni biex jivverifika l-korrettezza ta’ stejjer li kien qiegħed jinvestiga, ir-rifjut tal-għoti ta’ tali informazzjoni sar l-ordni tal-ġurnata. Rifjut illi kien u għadu mgħejjun minn liġi ta’ ħelsien tal-informazzjoni (Freedom of Information Act – Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni) interpretata b’mod illi tagħti protezzjoni lill-amministrazzjoni pubblika lill’hinn minn dak li huwa llum meħtieġ u konsentit f’soċjetà demokratika.

Dan kien l-ambjent diffiċli u noċiv li fih kellha teżerċita l-professjoni tagħha s-Sinjura Caruana Galizia prinċipalment, imma wkoll ġurnalisti oħra. Kien

ambjent ostili illi neċessarjament ipprovoka reazzjoni qawwija kontriha minn dawk li ma kienux jaqblu magħha. Mhux biss. Kien aktar ositili il-għaliex mill-fatti kif issa jirriżultaw anki mill-provi quddiem dan il-Bord u wkoll fid-dominju pubbliku, hi kienet stabbiliet mill-investigazzjonijiet tagħha fatti li riedet il-konferma tagħhom u li jirriżultaw illum li kienu sostanzjalment korretti. Fatti illi ssarrfu f’allegazzjonijiet ta’ irregolaitajiet mill-amministrazzjoni, abbuż ta’ poter u korrozzjoni li bħala minimu jirriżulta li kienu ben fondati u jipprovdu elementi ta’ sustanza tant li ġew u għadhom qed jiġu investigati minn awtoritajiet kompetenti fosthom il-Pulizija Ġudizzjarja, l-Awditur Ġenerali w oħrajn.

**Riskju reali**

Allegazzjonijiet li jinvolvu fost l-oħrajn Ministru w uffiċjali ewlenin fl-amministrazzjoni pubblika, kapijiet ta’ dipartimenti w awtoritajiet, kif ukoll terzi persuni fosthom diversi involuti f’negozju kbir mal-istess amministrazzjoni pubblika. Ġara allura li dawn in-nies ilkoll f’pożizzjoni li jeżerċitaw il-poter, kienu konxji tal-fatt illi l-investigazzjonijiet tas-Sinjura Caruana Galizia kienu qegħdin iqarrbu l-possibilità illi l-għemil tagħhom, kemm jekk imtappan b’abbuż ta’ proċeduri amministrattivi irregolari sew jekk

agħar minn tentattivi ta' qligħ indebitu jekk mhux illegali, kabbar ferm ir-riskju għas-siġurtà u l-inkolumita personali tal-ġurnalista assassinata.

Riskju reali li f'ċirkustanzi normali, kellu jwassal biex l-awtoritajiet kompetenti jilqgħu għalih u jestendulha l-protezzjoni kollha meħtieġa. Iċ-ċirkustanzi peró ma kienux normali. Dak li kien ovvju u ċar tista' tgħid għal kulħadd illi bil-kitba tagħha s-Sinjura Caruana Galizia kienet qed tnaffar bil-kbir nies fil-qalba tal-poter, b'saħħithom mhux biss politikament imma wkoll ekonomikament, ma kienx ovvju g]all-entitajiet tal-iStat fdati bil-liġi bid-dover li jħarsu l-inkolumità tal-persuna tagħha u ta' min bħalha, kien f'riskju reali li jkun fil-mira ta' attakk minn min ried issikkitha.

Fil-fehma tal-Bord allura l-provi kollha li sema' jindikaw illi l-IStat bid-diversi entitajiet li jikkomponuh, naqsu sa mill-2013 illi jissodisfaw l-obbligu li kellhom li joħolqu u jassiguraw atmosfera ħielsa u serena li fihom il-ġurnalista Caruana Galizia setgħet taqdi l-funzjoni tagħha li tinvestiga u tirraporta fuq l-attivitajiet tal-amministrazzjoni pubblika, l-komportament ta' uffiċjali pubbliċi u li tikkommunika b'mod ħieles l-opinjoni tagħha dwarhom. L-iStat naqas ukoll fl-obbligu primarju li kellu illi sa minn dak iż-żmien jagħraf ir-riskju li fih kienet

qed taħdem il-ġurnalista assassinata li kien ferm akbar minn dak illi kien mistenni u lill'hinn minn dak li l-ġurnalisti oħra fl-istess żmien kienu esposti għalih.

**Theddida għall-poter politiku**

Mhux biss. Il-Bord iqis li din ir-responsabbilità tal-IStat u entijiet li jifformawh hi aktar gravi minn hekk. Dan għaliex ma kienitx limitata għal inadempjenza tiegħu li jiggarantixxi lill-ġurnalista d-dritt tagħha għal-libertà tal-espressjoni u li jipproteġiha kif jixraq. Il-provi juru li kien hemm elementi kemm fi ħdan l-entitajiet tal-iStat u b'mod partikolari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru illi b'mod attiv aġġixxew biex jikkontrastaw lill-ġurnalista fil-ħidma tagħha u ikkontribwew b'mod organizzat għall-kampanja sostnuta. Kampanja li ifformat parti minn proċess ta' deumanizazzjoni, ispirata minn mibgħeda li kellha almenu sa ma l-istess Caruana Galizia ippubblikat il-Panama Papers fl-2016, prinċipalment matriċi ta' kuntrast politiku.

Din il-kampanja denigratorja sostnuta u qawwija sabet l-aqwa żvog tagħha fis-social media u l-agħar espressjoni tagħha kienet il-blog li ħoloq u kien imexxi l-Onorevoli Glenn Beddingfield li kien jokkupa kariga fl-Uffiċċju tal-Prim

Ministru f'Kastilja. Dan jiġi elaborat aktar 'l quddiem meta l-Bord jgħaddi biex iqis aktar fid-dettal it-termini ta' referenza tiegħu.

F'dan l-istadju hu biżżejjed li wieħed jenfasizza l-fatt illi s-Sinjura Caruana Galizia, sa minn qabel l-elezzjoni tal-2013 sakemm ġiet assassinata kienet meqjusa mill-Partit Laburista, fl-Oppożizzjoni u mbagħad fil-gvern, aktar bħala avversarju politiku formidabbli milli bħala ġurnalista, b'aġenda u b'opinjonijiet differenti li kellhom jiġu kontrastati fuq livell politiku. Bdiet titqies allura li kienet theddida għall-poter politiku, kapaċi li teżerċita influenza kbira fuq eluf ta' segwaċi. Politikament allura kien inħass il-bżonn illi tiġi b'xi mod newtralizzata.

Il-fatt li sa mill-2013 Caruana Galizia bdiet titqies mill-Gvern bħala avversarju politiku formidabbli li allura kellha tiġi missielta bl-armi kollha aċċessibbli w applikabbli fuq livell ta' politika partiġġjana u mhux bħala ġurnlista investigattiva li qed tagħmel xogħolha hu kruċjali għal din l-Inkjesta.

Il-Bord jirreferi għall-parti mix-xhieda li ta' Dr. Joseph Muscat fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2020 li fiha mhux biss jagħti indikazzjoni ċara illi hu

personalment kien isegwi kulma tikteb is-Sinjura Caruana Galizia u kulma jinkiteb dwarha, kif ukoll tal-effett kbir li l-kitba tagħha kien qed ikollha bil-kitba inċissiva tagħha dwar l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika fuq il-mod kif fil-fehma tagħha abbużiv u korruttiv ta' kif kien qed jiġi eżerċitat il-poter:

"**Dr. Joseph Muscat**: *Ippermettili ngħidlek Sur Imħallef fil-fehma tiegħi, fil-fehma umli tiegħi li Daphne Caruana Galizia kienet iktar b'saħħitha mit-Times, Independent, il-Malta Today u l-gazzetti kollha f'daqqa hawn Malta ok? So she might have been a one woman show but she was much more powerful than the whole lot when it comes to in segwitu u l-mod ta' kif taħdem jiġifieri ...*

**Imħallef M. Mallia**: *In fatti mhux biex ninterrompik imma anke Chris Cardona f'intervista li kellu mat-Times iddiskrivieha "the most formidable political adversary li possibbilment seta' jkollok"*

**Dr. Joseph Muscat**: *Mhux hi kienet l-Oppożizzjoni? L-Oppożizzjoni spiċċat kienet hux u l-ironija ta' dan kollu kienet waħda. Jien għalhekk it's mind boggling for me, mind boggling. Li f'mument minnhom wara l-elezzjoni tal-2017 meta bdiet tikkonċentra totalment fuq l-Oppożizzjoni u kienet qed issir, naf li l-familja mhux ħa tieħu pjaċir b'dan li ħa ngħid, kważi politikament*

*irrelevanti għax spiċċat tiġġieled mal-gvern u tiġġieled mal-oppożizzjoni hemmhekk inqatlet. Jiġifieri to me it is mind boggling. Min għamel din il-biċċa xogħol barra li hu kriminal u assassin huwa injorant ukoll. Bir-rispett kollu ma jikkombaċċjax*".

**Avversarju politiku li kellha tiġi kontrastata**

Din id-dikjarazzjoni skjetta u ċara tikkonferma li l-gvern kien qed iqis is-Sinjura Caruana Galizia bħala avversarju politiku ewlieni jekk mhux waħdieni. Avversarju politiku li kellu jiġi affrontat u kontrastat. Hi dikjarazzjoni peró li tinduċi lill-Bord għas-segwenti riflessjonijiet fost l-oħrajn:-

a) Dr. Muscat jivvaluta lil Caruana Galizia unikament bħala protagonista politika u l-kitba tagħha dwar kemm kienet rilevanti jew le, u cioé kemm kienet effettiva biex tinfluwenza l-opinjoni pubblika politika.

b) Minħajr ma ġie bl-ebda mod provokat minn domandi tal-Bord, Dr. Muscat jassumi li l-assassinju tagħha kellu konnessjoni diretta mal-politika tant illi josserva illi min wettaq id-delitt "*barra li hu kriminal u assassin huwa*

*injorant ukoll"* proprju għaliex wettqu fil-mument meta Caruana Galizia kienet saret *"kważi politikment irrelevanti*".

ċ) Dikjarazzjoni bħal din minn persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' Prim Ministru fi żmien rilevanti, li kienet allura ben informata tal-fatti u kellha l-għarfien ta' linji oħra li kienu qed jiġu investigati biex jistabbilixxu l-movent tad-delitt u meqjusa r-rabtiet mill-qrib ma' persuni li sussegwentement kienu ta' interess għall-pulizija tant li ġew investigati fosthom iċ-*Chief of Staff* tiegħu għandha importanti u sinjifat kbir.

d) Anke jekk eventwalment jiġi stabbilit l-involviment ta' persuni oħra fl-assassinju b'xi movent estraneju għall-politika, ma jistax illum ikun hemm dubju illi l-assassinju kellu bħala l-matriċi tiegħu l-eżerċizzju tal-poter u l-involviment ta' persuni fi jew qrib l-amministrazzjoni pubblika ta' allura.

e) Jiġi notat illi Dr. Muscat iqis l-assassinju unikament mill-ottika purament politika. Iqis illi min wettqu kien injorant għax ma apprezzax illi politikament ma kellux għalfejn jagħmlu għaliex il-vittma kienet saret irrelevanti. Jittanta jirriduċi l-assassinju allura għal episodju politiku deplorevoli u kundannabbli, u

kommess minn min kien miġnun biex isikket avversarju politiku. Jittanta jqarreb dan l-assassinju għal delitti politiċi oħra li seħħew f'Malta anke fi żminijiet relattivament riċenti. Hu ovvju minn massa ta' provi quddiem dan il-Bord u band'oħra, illi dan ma kienx il-każ.

**Il-pożizzjoni ta' Dr. Muscat**

f) Hu sinjifikattiv li Dr. Muscat *nonostante* li kien ben konxju meta xehed mhux biss ta' allegazzjonijiet gravi fuq id-diversi fronti li saru taħt l-amministrazzjoni tiegħu u li dwarhom Caruana Galizia kienet kritiku ħarxa, u avolja illum jaf tajjeb li l-provi kollha li ħarġu dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-assassinju u anki li seħħew wara, ma għamel l-ebda aċċenn illi d-delitt seta' seħħ minħabba dak li ppubblikat jew kienet ser tippubblika f'dan ir-rigward.

Dr. Muscat fl-ebda ħin waqt ix-xhieda tiegħu li fiha ngħata kull opportunità mill-Bord biex jiġġustifika l-operat tiegħu, ma deherlu li kellu jagħmel xi referenza għall-allegazzjonijiet gravi li saru fil-konfront ta' nies li mhux biss kienu direttatment involuti miegħu, imma wkoll li magħhom kellu u żamm relazzjoni ta' ħbiberija mill-qrib.

Dan anke wara li seħħ l-omiċidju, anke wara li bdew joħorġu indizji dwar l-allegat involviment tagħhom, kemm fl-omiċidju nnifsu kif ukoll fit-tentattivi biex tiġi mfixkla l-investigazzjoni u l-eventwali arrest tal-allegati eżekuturi materjali u mandanti tad-delitt li kienu jinkludi żewġ ministri tal-Kabinett tiegħu, ċ-*Chief of Staff*, uffiċjali għolja u mhumiex fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, uffiċjali tas-Servizzi Sigrieti, l-Kummissarju tal-Pulizija u uffiċjali oħra tal-korp fost l-oħrajn.

L-ekx-Prim Ministru iddefenda lilu nnifsu u lill-familja tiegħu u l-legat politiku u ekonomiku tal-amministrazzjoni tiegħu. Ċaħad bl-iktar mod assolut kull involviment fl-assassinju u f'dan ir-rigward insista li dejjem aġixxa korrettement u tempestivament biex jassigura li d-delitt jiġi solvut. Kif fil-fatt, fil-fehma tiegħu, ġie. Dr. Muscat peró ma ddefendiex l-operat ta' dawk ta' madwaru anzi iddistanzja ruħu għal kollox minnhom.

Mix-xhieda tiegħu imma wkoll fil-verità mix-xhieda tal-parti l-kbira tax-xhieda li kienu jew għadhom jew jagħmlu xogħol f'Kastilja, ingħatat l-impressjoni li kulħadd fil-qalba tal-amministrazzjoni kien jaħdem f'bozza għar-rasu. Ħadd

ma kien jaf x'kien jagħmel ta' maġenbu, min qed jitkellem jew jiltaqa' ma' min, u min kien responsabbli għalxiex.

Meta ma' dan wieħed iżid li ħafna mill-ministri ta' allura li xehedu quddiem il-Bord ittantaw jistaħbew wara s-suppost privileġġ dwar dak li jkun seħħ fil-Kabinett u li skonthom kien jorbothom li ma jżvelawx informazzjoni dwaru, wieħed jifhem id-diffikultà li kultant sab ruħu fiha l-Bord biex jakkwista informazzjoni li kienet tkun utli anke jekk mhux vitali għall-indaġni tiegħu. Kienet tkun ta' interess għaċ-ċittadin dwar kif kienu qed jiġu amministrati l-ħwejjeġ pubbliċi, r-riluttanza ta' dawn ix-xhieda li ma jiddeponux kif kien obbligu tagħhom b'mod miftuħ biex jgħinu fir-riċerka tal-verità tista' forsi tiġi b'xi mod ġustifikata mill-istint ta' *self-preservation* u mill-ħtieġa li ħassew li jiddistanzjaw ruħhom kemm jista' jkun minn kull min kien b'xi mod involut f'din it-traġedja.

L-atteġġjament tal-ekx Prim-Ministru peró, fl-aħjar ipotesi għalih, seta' jindika li hu kien fi stat ta' *self-denial* komplet dwar dak li seħħ fil-Kabinett tiegħu waqt li fl-agħar ipotesi, jista' ukoll ikun meqjus bħala tentattiv fjakk ta' *depistaggio in extremis* tal-investigazzjoni.

**Allegazzjonijiet dwar tentattiv ieħor biex tinqatel Caruana Galizia**

Il-Bord huwa mgħarraf bl-allegazzjonijiet serji li saru dwar tentattiv ieħor biex tinqatel il-ġurnalista fl-2016, bi pjan li kien jinvolvi mhux biss l-istess eżekuturi materjali tal-omiċidju, imma wkoll l-allura Ministru Chris Cardona li kien dak iż-żmien Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u oħrajn. Dwar dawn l-allegazzjonijiet xehed is-Sur Vincent Muscat magħruf bħala l-'Koħħu' wieħed mill-eżekuturi materjali tad-delitt, li kellu sehem ukoll fl-ippjanar tat-tentattiv ta' qabel li falla, meta ammetta ħtijietu u ġie kundannat mill-Qorti Kriminali. Muscat xehed kemm quddiem dan il-Bord kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali.

Dawn l-allegazzjonijiet miċħuda bil-qawwa mill-eks-Ministru Cardona huma l-oġġett ta' investigazzjonijiet li qed isiru mill-Pulizija. Kien prinċipalment għal din ir-raġuni u wkoll għaliex mill-allegazzjoni kif sa issa magħrufa ma jirriżultax li kien hemm allegat l-involviment ta' entitajiet tal-iStat jew persuni li jikkomponuhom ħlief għall-istess Ministru li allegatament seta' kien b'xi mod involut, li l-Bord għażel li ma jindagax *oltre* dwar dawn il-fatti. Naturalment l-istampa tinbidel kieku kellu jirriżulta li l-eks Ministru kien b'xi mod involut f'dawn il-pjanijiet li fallew jew jekk tirriżulta provata xi verità fl-allegazzjonijiet li saru.

Il-Bord ħtieġlu jaġixxi b'diskrezzjoni u attenzjoni ħalli ma jagħmel xejn li jista' b'xi mod ifixkel l-indaġini li jidher li qed tagħmel il-pulizija dwar dak it-tentattiv. Mill-banda l-oħra lill hinn mill-allegat involviment tal-Ministru Cardona u l-involviment tiegħu f'dan l-ewwel tentattiv jekk realment seħħ, saru allegazzjonijiet serji kontra tiegħu li jibqgħu mhumiex spjegati u li huma ta' interess għal dan il-Bord. Dan għaliex jirrigwardaw it-tieni tentattiv omiċida illi fil-fatt twettaq.

**Omiċidju li inħema viċin il-kurituri tal-poter**

L-aktar waħda serja hija dik li rriżultat mis-sejbien ta' ittra li skont Dr. Cardona "*instabet fl-appartament jew l-uffiċċju ta' Yorgen Fenech (*illum akkużat bħala l-moħħ tal-assassinju*); hemm allegazzjoni li din l-ittra ittieħdet mingħand tabib u dan it-tabib qed jgħid li ħadha mingħand xi ħadd ieħor*". Dr. Cardona jinsisti li huwa fatt u mhux suspett illi xi ħadd ipprova jifframjah. Din l-ittra avolja hija anonima kienet tagħmel allegazzjonijiet tant gravi illi wasslet li Dr. Cardona jissosspendi lilu nnifsu minn Ministru.

Fl-istess żmien meta rriżenjaw jew issospendew ruħhom Dr. Konrad Mizzi minn Ministru u Keith Schembri bħala *Chief of Staff*. Eventwalment irriżenja

wkoll minn Deputat Kap tal-Partit Laburista. Wara ftit ġranet Dr. Cardona kien reġa' ġie integrat fl-uffiċiji li kien qed jokkupa wara deċiżjoni tal-Prim Ministru li informa lill-grupp parlamentari li l-pulizija kienu tawh l-assigurazzjoni illi hu ma kienx qed ikun investigat dakinhar.

Li hu rilevanti għal dan il-Bord huwa l-fatt illi meta ippressat biex jiżvela dwar min kiteb l-ittra anonima Dr. Cardona insista li kellu s-susspetti tiegħu imma ma setax jelabora fuqhom għaliex ma kienux fatti. Fl-interrogatorju jissokta b'din is-silta:-

"**Il-Bord**: Peró int kellek susspett li xi ħadd fl-amministrazzjoni?

**Dr. Cardona**: Iva għad għandi susspett.

**Il-Bord:** … seta' kien l-awtur tagħha din?

**Dr. Cardona:** Iva mhux hekk Sur Imħallef? Mhux kulħadd ikollu suspett imma …. suspetti.

**Il-Bord:** Imma l-fatt hu li inti kellek dan is-suspett?

**Dr. Cardona:** Iva imma s'issa x'hemm provat?"

Xhieda bħal din hija mill-aktar rilevanti għat-termini ta’ referenza tal-Bord għaliex:

i) Tkompli tikkonferma l-konklużjoni li wasal għaliha – issa fuq provi u mhux sempliċement fuq konġetturi – li l-assassinju nħema bl-involviment ta’ persuni fl-amministrazzjoni u fil-kurituri tal-poter.

ii) Hu ċar li min kiteb l-ittra ittanta jinvolvi lil Dr. Cardona b’mod kredibbli bħala l-moħħ wara l-assassinju mhux biss għaliex kien spiss fil-mira ta’ kritika qawwija u għalih offensiva tal-ġurnalista assassinata, imma wkoll għaliex kien jaf li kien hemm grad ta’ familjarità bejnu u bejn il-persuni li dak iż-żmien kienu indagati, inklużi dawk li eventwalment ġew indizjati. Dawn tal-aħħar anke skont xhieda miġbura minn dan il-Bord, imma ukoll dik li rriżiżultat fil-proċeduri l-oħrajn, jaffermaw li kellhom il-kopertura u l-protezzjoni għal dak li wettqu mill-istess Dr. Cardona, s-Sur Keith Schembri, u uffiċjali għolja tal-pulizija w oħrajn. Allegazzjonijiet dawn li għad iridu jiġu verifikati.

iii) Hu sintomatiku ferm illi fit-tentattiv biex jiżvijja l-indaġini mill-pulizija, l-kittieb anonimu, skont is-suspett ta' Dr. Cardona xi ħadd fl-amministrazzjoni pubblika, ma ppruvax jimplika bħala l-moħħ wara l-assassinju lil xi ħadd estraneju għall-gvern bħal per eżempju xi ħadd involut fit-traffikar tal-armi jew fin-negozju illegali taż-żejt jew traffikar tal-bnedmin. Min kiteb l-ittra qies illi kien ikun ferm aktar kredibbli jekk id-*depistaggio* jindirizzah lejn ministru tal-kabinett.

Fil-verità għandu jingħad b'ġustizzja wkoll ma' Dr. Cardona, illi anki keiku kellu jirriżulta b'xi mod xi involviment tiegħu f'dawn l-eventi traġiċi ma jirriżultawx mill-provi quddiem il-Bord li hemm xi elementi li b'xi mod jistgħu jiddebitawlu ir-responsabbilità abbażi ta' qligħ indebitu minn xi negozju oskur, jew intriċċi fi proġetti kemm dawk li kienu jaqgħu direttament taħt id-dekasteru tiegħu, kif ukoll dawk li fihom kien involut marġinalment, kemm ma' persuni fl-amministrazzjoni pubblika u kif ukoll ma' persuni fin-negozju għal kollox estranei għaliha.

Jekk kellu xi mottiv biex jikkontrasta lill-ġurnalista assassinata dana seta' biss kien jew għall-imħabba tal-partit li kien imexxi u għax kien iqisha ta' theddiha

serja anke għaż-żamma tal-poter, jew għal raġunijiet strettament personali b’reazzjoni għall-kitba personalizzata lejh u lejn il-familja tiegħu, fil-fehma tiegħu għalkollox inaċċettabbli. Għalkemm xejn ma jista’ jiġi eskluż, il-Bord jesprimi l-fehema illi raġunijiet bħal dawn diffiċilment setgħu jwasslu għall-involviment fi pjan ta’ omiċidju, speċjalment fi żmien meta l-partit fil-gvern kien qiegħed jirreġistra rebħa wara l-oħra elettorali kbira *nonostante* l-oppożizzjoni tas-Sinjura Caruana Galizia u fi żmien meta, skont Dr. Joseph Muscat kienet saret irrilevanti.

**Konfront fuq pjan politiku u żvelar ta’ intriċċi**

Importanti jiġi sottolineat illi fl-ewwel sentejn tal-ewwel gvern tal-Prim Ministru Muscat il-konfront ma’ Caruana Galizia kien essenzjalment fuq pjan politiku. Kienet tikkritika anki bl-aħrax, proġetti fuq inizjattivi tal-gvern li fil-fehema tagħha keinu suspetti jew mċappsa bi prattiċi korruttivi, bħal ma kienu fil-każ tal-Cafe Premiere, dak ta’ Gaffarena, l-iskema tal-bejgħ ta’ passaporti, l-Università Amerikana, l-iskandlu tal-*windfarm* tal-Montegnegro u oħrajn.

L-investigazzjonijiet tagħha bdew jagħtuha informazzjoni dwar il-kobor tal-involviment tan-negozju l-kbir mal-amministrazzjoni pubblika fit-twettiq tal-proġetti u kif dan seta' kien qed iwassal għal aġir improprju, illeċitu jew illegali li minnu setgħu kienu qed jieħdu vantaġġ anke uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni pubblika. L-investigazzjonijiet tagħha bdew jagħtuha ħjiel tax-xibka ta' ħażen li kienet qed tinħoloq biex tassigura li, filwaqt li l-proġetti tal-gvern jissarfu f'benefiċċju u ġid għall-poplu ma jonqosx li minnhom jistgħanew u jgawdu b'mod illeċitu w indebitu kemm uffiċjali għolja tal-gvern kif ukoll negozjanti privati w oħrajn f'livelli differenti.

Jidher li din ix-xibka ta' rabtiet li welldet sistema li llum kulħadd jaqbel li nawwret l-istituzzjonijiet tal-pajjiż u l-governanza xierqa, kellha għeruq fil-fond mhux biss f'rabtiet familjari, ħbiberija sa mit-tfulija u interessi u mentalità ta' kummerċ bil-għan li jagħmlu profitti inġenti jew billi jabbużaw mill-uffiċċju tagħhom jew billi jieħdu vantaġġi mhux mistħoqqa fit-twettieq tal-proġetti tal-gvern, imma wkoll irnexxielha tnawwar bil-kbir istituzzjonijiet regolatorji u dawk li għandhom il-funzjoni li jikkontrollaw u jwaqqfu l-abbuż u jassiguraw is-saltna tad-dritt.

Fuq dawn il-provi li akkwista l-Bord u dawk fid-dominju pubbliku huma skjaċċanti, allarmanti u għall-pajjiż tal-mistħija. Mhux kull ma sar hu sa llum magħruf - u dan il-Bord m'għandux dubju illi hemm ħafna aktar x'jiġi żvelat – forsi lanqas kien magħruf lis-Sinjura Caruana Galizia. Dak li irnexxielha tiskava fl-investigazzjonijiet tagħha kien peró biżżejjed biex ippoġġieha fit-triq it-tajba.

Bdiet bil-kitba tagħha tittanta tallarma l-opinjoni pubblika kif u kemm din is-sistema ta' kif jiġi eżerċitat il-poter kien ser ikun mill-aktar perikoluż għall-pajjiż.

Kien peró meta ingħatat aċċess għall-informazzjoni massiċċa, kredibbli u esplożiva tal-Panama Papers u dak li ġie żvelat wara, illi Caruana Galizia ikkonferamat mhux biss li l-investigazzjonijiet tagħha kienu qegħdin iwassluha fid-direzzjoni korretta imma wkoll ingħatat il-prova ċerta tal-involviment ta' ministru tal-gvern u taċ-*Chief of Staff* f'operazzjonijiet ta' twaqqif ta' kumpaniji sigrieti, f'ġurisdizzjonijiet esteri suspetti fuq il-*grey list* jekk mhux agħar, bħal Panama u trusts fi New Zealand u band'oħra allegatament maħsuba biex jipprovdu mezz għar-riċiklar u ħasil ta' flus.

Dr. Mizzi u ċ-*Chief of Staff* (is-Sur Schembri) ċaħdu dan f’kull okkażjoni, inkluż quddiem dan il-Bord, peró elementi li ġew u qed jiġu ippruvati ftit jistgħu jikkonfortawhom. Anke f’dan ir-rigward il-Bord jillimita ruħu li jirreġistra l-fatti bla ma jgħaddi ebda ġudizzju fuq ir-responsabbiltà, ħtija jew innoċenza tal-persuni interessati fihom.

# Kap 7

# Mill-pubbblikazzjoni tal-Panama Papers u wara

# Jeskala l-livell ta' riskju

**Kapitlu VII**

**Jeskala l-livell ta' riskju**

Stabbilit mill-kunsiderazzjonijiet li għamel il-Bord, illi l-assassinju ta' Caruana Galizia ma setax ma kienx intimament marbut mal-investigazzjonijiet li kienet qed tagħmel fuq kif kien qed jiġi amministrat il-pajjiż, bl-interessi kbar involuti u l-involviment tan-negozju kbir ma' personaġġi ewlenin tal-amministrazzjoni, ma jistax ikun hemm wisq dubju illi l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni li rriżultat mil-Panama Papers - anke jekk waslet għandha b'mod aċċidentali - u dak kollu li rriżultalha wara kienet l-fattur ewlieni li eskala b'mod expotenzjali l-livell ta' riskju li fih kienet qed terżerċita l-professjoni tagħha.

Hi stess kienet konxja tal-gravità tal-allegazzjonijiet li kienet qed tippubblika u li dawn setgħu jipperikolaw totalment l-istabbilità tal-gvern kif fil-fatt seħħ f'pajjiżi oħra. Kienet ben konxja tal-fatt illi kienet qed tiżvela informazzjoni li tinkludi allegazzjonijiet gravi ta' komportament skorrett kontra personaġġi ta' saħħa kbira fil-kurituri tal-poter u dan seta' jġib tensjoni qawwija minn diversi nħawi li anke jwasslu għal tentattivi serji biex tiġi msikkta b'kull mod.

Daqstant fil-pajjiż kien ġeneralment ovvju. Biżżejjed wieħed isegwi d-diversi kummenti fuq dan fir-*Running Commentary* mit-22 ta' Frar 2016, meta

Caruana Galizia tat l-ewwel ħjiel li kellha fil-pussess tagħha provi dwar l-eżistenza tal-kumpaniji sigrieti fil-Panama u *trusts* fi New Zealand, biex jirrealizza li ħafna mill-qarrejja tal-*blog* bdew iwissuha bil-periklu kbir li kienet qed tiffaċċja u eżortawha biex tibża’ għal ħajjitha. Daqstant kien u kellu jkun ovvju għall-entitajiet pubbliċi li għandhom il-funzjoni li jħarsu l-inkolumità u l-ħajja ta’ persuni f’riskju, l-iprem fosthom il-pulizija.

**Caruana Galizia kompliet tippersevera fil-missjoni tagħha**

B’dedikazzjoni u perseveranza kif kien dover tagħha bħala ġurnalista investigattiva fir-riċerka tal-verità u b’dik li għaliha saret missjoni ta’ ħajjitha, Caruana Galizia kompliet tippubblika kull ma kien jirriżultalha mill-investigazzjonijiet tagħha, tanalizza l-fatti u b’mod l-aktar inċiżiv tesprimi l-konvinzjonijiet tagħha. Dan baqgħet tagħmlu avolja f’ċertu żmien kienet kompletament iżolata anke għaliex spiċċaw fil-mira tagħha l-allura Kap tal-Oppożizzjoni u figuri oħra tal-istess partit li irreaġġixxew *a tono* u bl-istess forza. Ċirkostanza din li aċċentwat bil-kbir l-indiċi ta’ mibegħeda ġenerata kontra tagħha fil-pajjiż.

F’dawn iċ-ċirkostanzi għal kollox anormali, Caruana Galizia wriet li mhux biss kienet ġurnalista investigattiva ta’ kalibru kbir, imma wkoll persuna ta’ kuraġġ

u indipendenza. Kien għal kollox insolitu f'soċjetà demokratika illi kemm il-gvern kif ukoll l-oppożizzjoni jieħduha qatta' bla ħabel kontra ġurnalista li kienet fl-aħħar mill-aħħar qed tinvestiga dak li kien qed iseħħ fil-pajjiż u tesprimi u tikkummenta l-fatti li jirriżultawlha mill-ottika personali tagħha.

Mill-Panama Papers 'l quddiem sakemm ġiet assassinata kien hawn il-perċezzjoni ġenerali illi bil-kitba tagħha provokattiva, bl-attakki li kienet qed tagħmel fuq min kellu xi setgħa, kienet qed tirriskja bil-kbir u xi darba b'xi mod kienet ser "*tlaqqatha*". Ħafna kienu iqisuha persuna ta' kurraġġ kbir; ħafna oħra kienu jsostnu li kienet irresponsabbli u non-kuranti ta' ħajjitha. Illum wara dak kollu li sar magħruf wieħed jista' jqisha l-Giovanna d'Arco tal-ġurnaliżmu Malti w anke internazzjonali. L-eroj Franċiża li abbandunata minn kulħadd, middieħqa minn sħabha l-franċiżi, baqgħet waħedha tissielet b'determinazzjoni u kuraġġ is-saħħa tal-poter u l-okkupazzjoni ta' pajjiżha mill-barrani sakemm fl-aħħar irnexxielha tkeċċihom. Bħalha, Caruana Galizia spiċċat vittma tal-konvinzjonijiet u t-twemmin tagħha.

Dan qed jingħad mhux biex il-Bord jagħti xi ċertifikat jew innu ta' tifħir lill-ġurnalista assassinata, imma għaliex jeħtieġlu jenfasizza ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ dak l-event traġiku. Dan biex jiddetermina jekk l-entitajiet tal-IStat

għamlux kull ma setgħu biex jipproteġu lill-ġurnalista li kienet f'riskju manifest u imminenti u jekk l-istrutturi li jeżistu biex jiggarantixxu s-sigurtà tagħha kienux adegwati. Il-Bord jeħtieġlu jistabilixxi jekk eżerċitawx il-funzjonijiet rispettivi tagħhom kif jixraq u kien mistenni minnhom. Il-Bord jibqa' ffukat illi jfittex ir-risposta għal dawn il-kweżiti li huma l-qofol tat-termini ta' referenza tiegħu anki fid-dawl ta' dak li ġie sa issa ikkunsidrat minnu fil-kapitoli preċedenti.

**Ir-rilevanza tal-Panama Papers**

Ir-rilevanza tal-Panama Papers għall-fini ta' din l-Inkjesta, hija prinċiplament għaliex dan jaffettwa b'mod manifest il-livell ta' inattività voluta tal-istituzzjonijiet tal-iStat biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' kondotta improprja li jirriżultaw minn investigazzjonijiet ġurnalistiċi. Nuqqas ta' azzjoni tal-entitajiet tal-iStat biex irażżnu l-abbuż li jiġġenera sens ta' impunità f'persuni li kellhom l-ħsieb li jwettqu u li fil-fatt wettqu atti illeċiti, illegali jew kriminali, inkluż eventwalment li jippjanaw u jesegwixxu l-assassinju.

**L-effett tal-publikazzjoni tal-Panama Papers fuq l-amministrazzjoni**

Ma jistax ikun hemm dubju illi l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u l-involviment fihom tal-eks Ministru Konrad Mizzi u ċ-*Chief of Staff* Keith

Schembri ikkondizzjaw u biddlu x-xenarju politiku tal-pajjiż u ippreġudikaw irrimedjabbilment il-gvern immexxi minn Dr. Joseph Muscat.

Hemm *consensus* illum fil-pajjiż illi l-fatti ippubblikati kienu jikkostittwixxu almenu aġir improprju mill-Ministru u ċ-*Chief of Staff* li kellu jiġi evitat. Anke jekk seta' ma kienx strettament illegali – aspett dan li jrid jiġi verifikat minn awtoritajiet oħra – kien ċertament illeċitu, kontra kull regola tal-governanza tajba u etika politika korretta.

Tant li f'pajjiżi oħra, kulfejn ġew żvelati intriċċi bħal dawk fil-Panama Papers minn amministraturi pubbliċi kien hemm konsegwenzi serji, Prim Ministri rriżenjaw, waqgħu gvernijiet, nies indizjati kienu ġew arrestati u kundannati. Intefa' dell ikrah fuq dawk il-pajjiżi kollha li b'xi mod issemmew jew kienu implikati f'operazzjonijiet finanzjarji f'dik il-ġurisdizzjoni estera, rinomata għall-ħasil ta' flus u abbużi oħra finanzjarji.  Wieħed bilfors jaċċetta li l-ħsara għall-kredibilità ta' Malta bħala ċentru finanzjarju serju u san kienet u għadha waħda kbira.

**Reazzjoni ta' Dr. Muscat għall-Panama Papers**

F'dan il-kuntest il-Bord irrinfaċċja lill-eks Prim Ministru Muscat bid-domanda f'liema livell jew f'liema żmien deherlu illi Keith Schembri kien żbalja jekk żbalja. L-interrogatorju żvolġa hekk:

"**Dr Joseph Muscat**: *Le, le, żbaljajt jien u mhux ħa noqgħod niġġudika lil ħaddieħor. Din kienet kwistjoni evitabbli from day one kieku ħa parir fuq dan kollu validu politiku, (l-istorja) kienet evitabbli from day one.*

**Il-Bord**: *Għax effettivament jiġifieri li kieku ittieħdet azzjoni meta suppost ittieħdet jew meta wieħed jaħseb li kellha tittieħed kieku ma ġarax dak li ġara wkoll.*

**Dr Joseph Muscat**: *Jien għalija ma kellux jagħmilja fullstop. Daqshekk ma kellhiex issir. Min daħħal f'moħħ min ma nafx u ma jinteressanix. Min ta l-imbekkata ta' dan it-tip ta' soluzzjoni kien forsi qed jirraġuna mil-lat legali, kien qed jirraġuna mil-lat finanzjarju, kien qed jirraġuna mil-lat ta' tax efficiency. Tirraġuna tista' minn kulħadd. Żgur peró ma rraġunax mil-lat politiku. Alright?*

**Il-Bord**: *Għax imbagħad din baqgħet daqxejn mixja anke qisha sal-mument meta rriżenjajt int.*

**Dr Joseph Muscat**: *Iva. Iva*"

**Ir-reazzjoni ta' entitajiet tal-iStat**

Meħtieġ f'dan l-istadju li l-Bord iqis x'kienet ir-reazzjoni ta' entitajiet tal-iStat għal dak li kienet qed tiżvela l-ġurnalista assassinata.

Kienu għal dan il-Bord sorprendenti d-dikjarazzjonijiet kategoriċi li dawn kienu jqisu ir-rapporti investigattivi tagħha bħala għal kollox kredibbli in kwantu l-allegazzjoijiet kienu ibbażati fuq riċerka serja u sorsi ta' min jagħti kashom, anki jekk kien jeħtieġ illi l-attendibilità tagħhom tiġi verifikata. Awtoritajiet bħal Pulizija, s-Servizzi Sigrieti, l-FIAU u l-MFSA kienu jqisuha bħala an open source ta' informazzjoni li kienet tipprovdi fatti utli għall-identifikazzjoni ta' ċirkostanzi li setgħu jindikaw ksur gravi ta' prattiċi ta' governanza tajba u ta' liġijiet u regolamenti finanzjarji li kienu jimmeritaw li jiġu investigati.

Din ir-realtà kruċjali għall-għarfien tal-kwalità u l-validità tal-ġurnaliżmu investigattiv ta' Daphne Caruana Galizia u tal-fatti gravi li kienet qed tiżvela speċjalment wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers, iwassal għal dawn il-kunsiderazzjonijiet essenzjali li għandhom jiggwidaw lil dan il-Bord fir-riċerka tar-risposti għall-kweżiti lilu magħmula.

a) Kellu jkun ovvju għal dawk responsabbli għall-entijiet tal-iStat fdati bit-tħaris tal-ordni pubbliku u l-garanzija tas-saltna tad-dritt illi dak li kienet qed tippubblika l-ġurnalista assassinata kien spiss indikattiv ta' aġir illeċitu jekk mhux illegali fl-ogħla livell tal-amministrazzjoni pubblika. Kienu allegazzjoniet li f'pajjiżi oħra appena ġew żvelati waslu għal taqlib kbir politiku, b'riżenji u prosekuzzjoni ta' persuni f'awtorità involuti. Kellu jkun ċar għal dawn l-awtoritajiet illi l-ġurnaliżmu investigattiv tal-ġurnalista assassinata ma kienx limitat għall-allegazzjoni iżolata ta' xi irregolarità minn xi persuna f'awtorità. Kienet testendi għall-indaġinjiet estensivi fuq l-aktar proġetti importanti li kienu qed jiġu realizzati mill-gvern u li madwarhom kienet minsuġa xibka tal-allegati irregolaritajiet b'kollużjoni ma' terzi estranei għall-amministrazzjoni pubblika. Aġir susspett maħsub biex javvanza u jiffavorixxi l-interessi privati.

Allegazzjonijiet illi kienu ta' sostanza, kredibbli u ben fondati tant illi eventwalment wasslu għal bosta investigazzjonijiet minn awtoritajiet regolatorji nkluż mill-Awditur Ġenerali anke jekk ħafna minnhom ġew konklużu wara li ġiet maqtula. Kien hemm ukoll barra dan, okkażjonijiet meta l-indaġini ta' Caruana Galizia kienet bdiet testendi għal allegazzjoniet ta' aġir kriminuż minn persuni involuti fil-kriminalità organizzata anke internazzjonali,

li ma kienx direttament jinvolvi lill-amministrazzjoni pubblika, għalkemm seta' kien hemm riflessi ta' favoritiżmu jew kopertura minn persuni f'awtorità.

b) Dan kollu għandu jitqies fl-isfond tal-għarfien mill-entitajiet tal-IStat inkarigati bil-ħarsien tal-inkolumità tal-persuni u l-protezzjoni ta' ħajjithom, illi l-allegazzjonijiet magħmula ma kienux frivoli imma kellhom jew seta' kellhom mis-sewwa u bażi ta' verità. Allegazzjonijiet gravi li kellhom raġonevolment iwasslu għall-konvinċiment illi l-ġurnalista kienet qed teħodha ma' min kellu l-poter. Kienet qed tagħmel gwerra lill-kriminalità organizzata u kienet qed tesponi *ruħha in prima persona* u tista' tgħid waħedha biex min seta' kien implikat f'aġir illegali u kriminuż jiġi espost u miġjub quddiem il-ġustizzja.

Kellu jkun altru minn ċar għall-uffiċjali *in buona fede* fl-entitajiet tal-IStat inkarigati mill-ħarsien tas-saltna tad-dritt, għall-Kummissarju tal-Pulizija u għall-Kap tas-Servizzi Sigrieti fost oħrajn, illi s-Sinjura Caruana Galizia bil-kitba tagħha kienet qed tesponi ruħha f'riskju u periklu kbir u imminenti għal ħajja u l-proprjetà tagħha u tal-familja tagħha.

ċ) Dan ma kienx każ ta' ġurnalista li kellu storja tajba ta' inċident iżolat, b'allegazzjoni ta' irregolarità minn xi persuna fil-poter. Daphne Caruana

Galizia kienet ġurnalista li kienet fil-pussess ta' informazzjoni mill-aktar sensittiva minn diversi sorsi attendibbli li ndikawlha ċirkostanzi li għaliha kienet tikkostitwixxi aġir gravi ta' irregolaritajiet, abbuż ta' poter u korruzzjoni. Għamlitha l-missjoni tagħha illi b'kuraġġ tesponi dawn il-fatti u tikxef dak li fil-fehma tagħha kien qed inawwar l-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet f'pajjiżha.

Dan il-fatt ċentrali waħdu anke jekk wieħed jipprexindi mill-korrettezza *o meno* ta' dak li kienet tippubblika l-ġurnalista assassinata u l-mottiv li imbuttaha biex tippersisti f'din il-kruċjata sal-aħħar, kellu jkun biżżejjed biex jimponi l-obbligu fuq l-iStat illi jagħtiha l-aqwa livell ta' protezzjoni possibbli biex jassigura l-inkolumità tagħha u jipproteġilha ħajjitha.

d) Almenu mill-pubblikazzjoni tal-Panama Papers, il-Prim Ministru Muscat kien ċertament konxju tal-implikazzjonijiet serji tal-aġir tal-lanqas skorrett, taċ-*Chief of Staff* u Ministru ewlieni tiegħu u tal-konsegwenzi serji li dan kien ser ikollu fuq ir-reputazzjoni tal-pajjiż b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin tal-ekonomija bħas-servizzi finanzjari, l-*e-gaming* u oħrajn. Madanakollu, avolja tista' tgħid il-Ministri kollha fosthom dawk l-aktar anzjani w ewlenin, xehedu quddiem dan il-Bord li taw parir lil allura Prim Ministru illi l-persuni involuti ma

kienx għad hemm posthom fil-Kabinett, Dr. Muscat għażel li ma jieħu prattikament l-ebda azzjoni konkreta u kredibbli kontra tagħhom.

e) In fatti, waqt li Dr. Mizzi kellu miżura ta’ sanzjoni politika għaliex tneħħa minn Deptutat Kap tal-Partit, żamm postu fil-kabinett bħala Ministru bla portafoll imma b’dekasteru illi kien jinkludi r-responsabbilità għat-twettieq tal-proġetti kollha kbar li qabel kien jaqgħu fil-mansjoni tiegħu. Kontra s-Sur Schembri l-Prim Ministru għażel li ma jieħu l-ebda azzjoni u sostna li s-Sur Schembri kien persuna tal-fiduċja tiegħu. Xehed testwalment:-“*Erfajt ir-responsabbiltà. L-uniku pass li stajt nieħu jew inneħiħ jew inżommu. Hemmhekk iddeċidejt li nżommu.*”

Aktar tard fix-xhieda tiegħu huwa jagħti r-raġuni għaliex għażel li jżommhom, jgħid “*Kont narah neċessarju lil Keith Schembri li kien fil-makkinarju tal-gvern u anke lil Konrad Mizzi għax they were doers. Tajjeb jew ħażin anke l-akbar kritiċi tagħhom jgħidulek they were doers*.”

Hu jaċċetta li dik kienet deċiżjoni żbaljata, jqis li kienet frott “*ta’ ġudizzju politiku li għamilt li jiena forsi vittma tiegħu at the end of the day. Jien erfajtha jiġifieri mhux ħa niġi hawnhekk u nwaħħal f’ħaddieħor*.” Il-Bord aktar

qabel staqsieh:- "*Imma int ma tarax li kien hemm nuqqas illi f'dak il-mument meta ġie pubblikat il-Panama Papers fejn kellek inti ċ-Chief of Staff tiegħek u Ministru tiegħek inti kellek tiehu l-inizjattiva mhux biex takkuża biex almenu tallerta lil min huwa inkarigat il-Ministru tal-Intern, il-Ministru tal-Pulizija biex inti stess bħala kontroll intern tal-gvern biex inti tara jekk hemmx xi verità fiha din. Sa liema punt wasalt inti fiha din*?"

**Dr. Muscat:** *Ħa nwieġbek bl-onestà kollha iva naħseb li stajt imxejt b'iktar saħħa iva. Il-punt tiegħi aktar ma beda jgħaddi (*iż-żmien*) but it was a trickle of information it wasn't, wasn't dumped.... it came in trickles*".

f) Dr. Muscat jammetti li kien dgħajjef f'mument meta kien mistenni minn ħafna, inkluż minn ħafna mill-Ministri u persuni involuti fl-amministrazzjoni pubblika u l-opinjoni pubblika, li juri kuraġġ u jieħu passi deċiżivi biex jivverifika l-kondotta tal-persuni involuti appena beda jirriżulta li l-allegazzjonijiet kontrihom ma kienux frivoli. Kellu l-obbligu gravi sa mill-ewwel mument li l-aħbar ixxandret mill-ġurnalista assassinata illi jassigura li l-awtoritajiet kompetenti jinvestigaw biex jistabbilixxu l-verità *a tempo vergine* u biex jaċċertaw lill-pajjiż illi Ministru u *Chief of Staff* tal-Prim Ministru ma kienu bl-ebda mod involuti f'attività li żgur tirrażenta l-illegalità.

Is-serjetà kienet titlob li anke jekk ma kienitx teżisti f’dak l-istadju ċertezza dwar l-allegata irregolarità, l-persuni involuti jiġu mġiegħla jagħmlu pass lura sakemm tiġi iċċarata l-pożizzjoni tagħhom. Il-fatt li ma sarx hekk, bagħat messaġġ li dawn il-persuni mhux biss setgħu jaġixxu ‘l fuq mil-liġi bla ma jbatu l-konsegwenzi, imma wkoll li kellhom il-protezzjoni jekk mhux il-barka tal-Prim Ministru.

Messaġġ li indubjament inflitra għal persuni involuti fir-realizzazzjoni ta’ proġetti kbar tal-gvern li kienu pilotati u taħt ir-responsabbilità tal-Ministru Mizzi u b’mod aktar wiesa’ taċ-*Chief of Staff*. Min kellu l-intenzjoni li javvanza l-proġetti tiegħu b’kull mod, anke jekk hemm bżonn b’nuqqas ta’ osservanza ta’ regoli u liġijiet, kif eventwalment ivverifika wkoll f’diversi minnhom l-Awditur Ġenerali, kien jaf li se jittratta ma’ persuni li kellhom is-saħħa jeżerċiaw il-poter bla rażan u kienu lesti jużawh jekk hemm bżonn anke bla wisq skruplu.

**17 Black – Akkużi gravi speċifiċi**

Il-Bord iqis illi anke jekk wieħed jista’ fl-aħjar ipotesi għall-amministrazzjoni pubblika ta’ allura, jsib xi ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta’ azzjoni tempestiva

biex jiġu verifikati l-allegazzjonijiet li saru – fil-verità Dr. Muscat la ikkonferma u lanqas għamel il-minimu mistenni minnu billi ta struzzjonijiet jew ordni lis-Sur Schembri u lil Dr. Mizzi biex minnufih iżarmaw l-istrutturi tal-kumpanija tagħhom fil-Panama – l-pożizzjoni saret ferm aktar serja meta Daphne Caruana Galizia irrilevat l-eżistena tal-kumpanija 17 Black inkorporata f'Dubai.

L-aħbar ġiet l-ewwel żvelata fit-22 ta' Frar 2017 fir-*Running Commentary* tagħha. Ta' min jinnota illi fil-kummenti li saru wara dik l-aħbar, dakinhar stess Caruana Galizia tefgħet l-ewwel *hint* illi l-kumpanija kienet konnesa b'xi mod ma' allegata korruzzjoni fil-*power station* u ma' wieħed mix-*shareholders* tagħha Yorgen Fenech. Dan kien tmien xhur qabel l-assassinju. Fis-26 ta' Mejju 2017, prattikament lejliet l-Elezzjoni ta' dik is-sena u ħames xhur qabel l-assassinju, il-Malta Independent li fiha kienet regolarment tikteb il-ġurnalista assassinata, żvelat li minn rapport tal-FIAU. Kien jirriżulta illi din il-kumpanija kienet ġiet maħluqa bil-għan li titrasferixxi flus lil Ministru Konrad Mizzi u liċ-*Chief of Staff* Keith Schembri permezz tal-kumpaniji tagħhom fil-Panama Hearnville u Tillgate.

Ir-rapport tal-FIAU kien għadu ma ġiex konkluż. Mhux il-kompitu tal-Bord illi jindaga u wisq anqas jgħaddi ġudizzju fuq il-korretezza ta' dak ir-rapport u l-

allegazzjonijiet li saru fih. Dak hu mertu li llum qed jiġi investigat fi proċeduri kriminali. Li hu peró ta' interess għall-Bord huwa l-fatt inkontestat illi filwaqt illi fil-każ tal-Panama Papers wieħed seta' jipprova jiġġustifika n-nuqqas ta' azzjoni tal-Prim Ministru għaliex ma kienx hemm akkużi speċifiċi ta' vjolazzjoni ta' liġijiet, u wieħed ma setax jeskludi l-possibbiltà ta' ftuħ ta' kumpanija f'ġurisdizzjoni estera għal skop leġittimu, mhux l-istess jista' jingħad għall-każ tas-17 Black. F'dan il-każ saru akkużi speċifiċi ta' reati gravi kontra ċ-*Chief of Staff* u l-Ministru Mizzi, bl-involviment ta' shareholder fl-Electorgas u l-interessi kbar oħra fi proġetti maġġuri tal-gvern li jmorru ferm lill'hinn mis-sempliċi ftuħ tal-kumpanija f'ġurisdizzjoni estera suspetta.

Dr. Muscat mistoqsi jekk wara 17 Black iddeċidiex li jibqa' jżomm lil Keith Schembri u lil Konrad Mizzi fil-pożizzjonijiet li kellhom, wiġeb skjettament fl-affermattiv. Il-Bord allura staqsieh "*U f'liema mument int ħassejt li ma kienx hemm postu Keith Schembri*". Dr. Joseph Muscat wieġeb "*Jien naħseb fil-verità fl-aħħar jiem, fl-aħħar jiem u kien ġie biex jinformani li kien ħa jirriżenzja mbagħad kien skatta wkoll l-arrest tiegħu .... ftit taż-żmien qabel l-arrest... imma jiġifieri ħa nitkellem ċar anki kieku kien irriżenja qabel ma ġie arrestat ma nafx eżatt it-timing xorta kont nirriżenja jien għaliex bħala fatt hekk titlob l-irġulija*".

**Kondotta inaċċettabbli tal-Prim Ministru**

Għall-Bord il-kondotta tal-allura Prim Ministru f’din iċ-ċirkustanza u l-mod abbużiv kif baqa’ jipproteġi liċ-*Chief of Staff* tiegħu u jsostnih fil-kariga importanti li kellu fl-amministrazzjoni sakemm ġie arrestat in konnessjoni mal-assassinju, hi inaċċettabbli, kundannabbli u tirrażenta nuqqas gravi w abbuż fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala kap tal-gvern u garanti tal-governanza tajba. Hawn mhux *si tratta* ta’ ġudizzju politiku żbaljat li jeżorbita mit-termini ta’ referenza ta’ dan il-Bord. *Si tratta* fl-agħar ipotesi għal Dr Muscat għall-kopertura, protezzjoni ta’ persuni li allegatament ikkommettew reati gravi.

Il-Bord baqa’ żbalordit bir-risposta li ta għad-domanda jekk kienx tkellem mas-Sur Fenech u lis-Sur Schembri dwar 17 Black wara l-assassinju meta bdew joħorġu aktar dettalji dwar min kien is-sid ta’ din il-kumpanija. Dan anke in vista tal-fatt li kienet teżisti ħbiberija u linja ta’ kommunikazzjoni diretta bejniethom anke permezz ta’ WhatsApp li baqgħet anke għal xi żmien meta kien persuna ta’ interess fl-omiċidju. Dr. Muscat wieġeb hekk: *“Le. Is-Sur Fenech qatt ma staqsejtu u qatt ma tkellimt miegħu fuq dan il-punt. Lil Keith Schembri li kien jaqa’ taħti, staqsejtu wara li ħareġ dan kollu u reġa’ qal li*

*kienet kwistjoni ta' negozju bejniethom it-tnejn u qalli li ma għandha x'taqsam xejn mal-Electorgas*".

Is-Sur Schembri fil-verità jibqa' jsostni hekk ukoll anke sal-lum. Mhux il-kompitu tal-Bord li jesprimi ruħu fuq x'inhi l-verità f'dan ir-rigward. Il-punt kruċjali hu illi meta saret l-akkuża, xhur qabel l-assassinju, l-Prim Ministru m'għamel xejn meta missu għamel ħafna. Kien bħal minimu obbligat jirrapporta l-allegazzjoni formalment lill-Pulizija b'talba li tinvestigaha b'urġenza jekk xejn għax kienet tista thedded l-istabilità tal-governanza fil-pajjiż. Il-Pulizija dak iż-żmien taħt il-Kummissarju Lawrence Cutajar għamlu ftit li xejn. Ċertament m'għamlux dak li kellhom jagħmlu. Ċertament għamel inqas mill-Kummissarju ta' qablu Michael Cassar li wara li ġew żvelati d-dettalji dwar il-Panama Papers u ġie informa li l-FIAU kienu qed jaħdmu fuqha, fetaħ file bl-isem ta' '*Operation Green'*. Hu kien irriżenja xi tlett ġimgħat wara li kien irċieva r-rapporti dwar is-Sur Keith Schembri u l-Ministru Mizzi. Lill-Bord tah x'jifhem illi ma felaħx għall-pressjoni li akkużi gravi ta' din ix-xorta ġabet fuqu. L-istess kif kien għamel Manfred Galdes.

**Abbuż ta’ poter li jekk pruvat ibiddel ix-xenarju**

Dawn ir-referenzi qsar għaċ-ċirkostanzi tal-Panama Papers u l-kumpanija 17 Black qed isiru f’dan l-istadju mill-Bord għaliex huma inidkattivi ta’ kif kien jiġi abbużat l-eżerċizzju tal-poter fl-ogħla livell biex jiġu protetti persuni fil-qalba tal-amministrazzjoni. Huma importanti wkoll għaliex jekk wieħed jikkunsidra illi tnejn mill-persuni involuti kienu jew jista’ jkun li għadhom persuni ta’ interess għall-pulizija fl-investigazzjoni tagħhom tal-omiċidju li ġie ippjanat tul iż-żmien u jekk l-involviment tagħhom jiġi b’xi mod konstatat minn awtorità kompetenti – salvi dejjem il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u ġust – il-kwistjoni ma tibqax biss li jiġi determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċitu minn jew fi ħdan xi entità tal-IStat iffaċilitatx l-assassinju meta kellha tipprevenih. Ix-xenarju jinbidel għal wieħed ta’ parteċipazzjoni attiva ta’ persuni li jikkomponi enti tal-IStat fil-kommissjoni tad-delitt.

Dan apparti, fuq bażi fattwali u mhux issa ipotetika, l-inattività pależi tal-Prim Ministru u tal-entitajiet tal-iStat, fosthom il-Pulizija li għandhom il-funzjoni li jħarsu lis-soċjetà mill-kriminalità u jiggarantixxu l-ordni pubbliku, li jieħdu passi effettivi u fil-ħin kontra persuni ta’ poter fil-politika u fin-negozju, tnissel sens qawwi ta’ impunità, mhux biss fl-istess persuni involuti, imma wkoll

f’kullmin kien intenzjonat li jaġixxi biex jipparteċipa f’xi aġir kriminuż. Kif jirriżulta mill-provi dawn fittxew li jkollhom konnessjonijiet fl-ogħla livell ta’ ħbiberija jew interess ma’ min kellu s-setgħa biex ikun jistgħu jaġixxu fl-assigurazzjoni reali jew perċepita li ser ikunu minnhom protetti.

Dawn iċ-ċirkostanzi huma relevanti wkoll għaliex huma prova tanġibbli taż-żwieġ li seħħ bejn l-eżerċizzju tal-poter politiku u l-eżerċizzju tal-poter ekonomiku. Żwieġ inċestuż li kien fil-qalba tal-investigazzjonijiet tal-ġurnalista assassinata u li ngħad, ma setax ma kienx il-movent prinċipali tal-qtil tagħha.

**Theddida għall-eżerċizzju tal-poter ekonomiku**

Il-Bord konvint kif inhu, illi fuq bażi qawwija ta’ probabbilitajiet jekk mhux ċertezza, l-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia hu inevitabblilment marbut ma’ dawk li hi kienet tqis li huma skandli serji ta’ amministrazzjoni ħażina, riżultat tal-qrubija bejn il-poter politiku u l-poter tan-negozju kbir li wasslu biex nawwru sewwa l-istituzzjonijiet regolatorji tal-pajjiż, hi inevitabbli l-konklużjoni illi l-ġurnalista sabet in-nemesi fatali tagħha fil-politika dikjarata tal-gvern sa minn qabel l-elezzjoni tal-2013, illi hu kien determinat li jkun għal kollox *business friendly*. Politika li kellha l-għan li tiffavorixxi n-negozju,

tinkorraġġixxi s-sħubija tal-gvern mal-investiment privat u tirrealizza proġetti kbar li joħolqu l-ġid.

Ladarba ġiet eskluża t-teżi illi l-omiċidju seta' seħħ minħabba xi att inkonsult ta' fanatiżmu politiku partiġġjan – f'dan ir-rigward ma rriżultat l-ebda provi quddiem dan il-Bord – il-fatti rilevanti li rriżultaw kemm qabel u kemm wara l-omiċidju għandhom jiġu ikkunsidrati minn din l-ottika.

Il-Bord ripetutament afferma li ma kien hemm xejn oġġezzjonabbli li l-gvern ikollu politika li tkun *business-friendly*, anzi fi kliem iċ-*Chief of Staff* Keith Schembri gvern b''mentalità tal-*business'*, sakemm l-eżekuzzjoni ta' dik il-politika u r-relazzjonijiet bejn l-amministrazzjoni pubblika u negozjanti w investituri jinżammu strettament fil-limiti tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

Hu f'dan illi l-aġir tal-gvern falla. Hu għaliex il-mentalità ta' negozjant għandha bħala regola l-mira illi timmassimizza l-profitt fin-negozju, bl-inqas burokrazija, u billi taqta' għad-dritt ħadet is-sopravvent fuq dik li għandha tkun il-mira ta' kull gvern li joħloq il-ġid fl-interess tal-komunità b'mod ġust u trasparenti skont il-liġijiet tal-pajjiż, illi ngħata lok għal sitwazzjonijiet li tista' tgħid kull

proġett maġġuri inizjat mill-amministrazzjoni spiċċa kellu dellijiet ta’ irregolaritajiet, abbuż ta’ poter u korruzzjoni. Allegazzjonijiet li jimplikaw li negozjanti involuti f’dawn il-proġetti għamlu jew kienu intenzjonati li jagħmlu qligħ indebitu minn fuq dahar il-poplu anki f’xi okkażjonijiet b’kollużjoni ma’ personaġġi politiċi ewlenin involuti fit-twettieq ta’ proġetti. Il-proġett tal-Electrogas hu wieħed minn dawn il-proġetti li dwaru l-Awditur Ġenerali esprima riservi kbar dwar ir-regolarità tal-proċeduri fit-twettieq tal-proġett u l-ħarsien tal-liġijiet applikabbli.

**Mentalità ta’ negozju mhux imrażżna**

Dak li ġie żvelat fil-Panama Papers u fir-rapport tal-FIAU dwar is-soċjetà estera 17 Black irid jiġi naturalment verifikat mill-awtoritajiet kompetenti. Huwa xhieda peró tal-mentalità ta’ assoċjazzjoni u qrubija bejn xi negozjanti u amministraturi pubbliċi li flimkien jimmiraw biex waqt li jaħdmu biex jirrealizzaw proġetti ta’ investimenti kbar għall-pajjiż, jassiguraw li javvanzaw bihom l-interessi tagħhom. Mentalità din li hija tipikament ta’ negozju, meqjusa leġittima jekk tosserva r-regoli u l-liġijiet imma ċertament illeċita jekk mhux illegali jekk magħmula b’abbuż ta’ poter u frott ta’ ħbiberiji u maniġġi oskuri .

Il-Bord diġà kellu l-opportunità illi jesprimi l-fehma li dan ma kienx xi każ jew tnejn iżolati bejn xi ħadd li abbuża mis-sistema u nqabad fil-fatt, anke jekk kien każ ta' negozjant li aġixxa b'kollużjoni ma' amministratur pubbliku. Każijiet iżolati bħal dawn ġraw u jibqgħu jiġru u sakemm l-istituzzjonijiet regolatorji jaħdmu kif suppost, ma jippreżentaw l-ebda diffikultà la għall-ġurnalisti li jinvestigawhom u wisq anqas għall-governanza tajba.

Hawn *si stratta* ta' realtà ta' aġir abbużiv kif jopera n-negozju u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-amministrazzjoni pubblika. Rabtiet li jiġu żviluppati f'sistema bażata fuq ħbiberiji w interessi strateġiċi. Dan iwassal għal sitwazzjonijiet fejn min ikun involut, waqt li fuq il-karta ikunu qed jidher li qed jiġu osservati l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, jkunu qegħdin fil-fatt isibu l-mezz kif jevitahom.  Dan bil-ħsieb li jiġi akkwistat vantaġġ indebitu li spiss jissarraf fi profitt inġust imma wkoll a skapitu tal-kompetituri u a spejjeż tas-soċjetà.

**In-negozju u prattiċi korruttivi**

Naturalment in-negozjanti l-kbar li b'xi mod jew ieħor għamlu użu minn dawn il-prattiċi korruttivi u li bosta minnhom xehedu quddiem dan il-Bord imma anke f'fora oħra bħal *Public Accounts Committee* tal-Kamra tad-Deputati,

kollha jiċħdu li aġixxew b'mod li ma kienx xieraq. Ilkoll jaffermaw li mxew skont ir-regoli u li ma serqu xejn. Dan forsi għaliex għan-negozjant b'din il-mentalitá żbaljatament, dan kien il-mod kif normalment għandu jsir in-negozju. Xhieda li spiss ma kienitx konvinċenti, b'attakki ta' amneżija u wirjiet ta' sorpriża li l-Bord donnu kien qed jiddubita mill-korrettezza tagħhom jew mix-xewqa tagħhom li jagħmlu ġid lil pajjiżjhom.

Ħadd minnhom ma wera li kien qed jaċċetta l-kritika li kienet qed issirlu per eżempju mill-Awditur Ġenerali u wisq anqas wera xi sogħba għal mod dikjarat skorrett ta' kif ittanttaw jammassaw il-fortuni. F'ċertu ħin il-Bord kellu s-sensazzjoni li kien qed jiddjaloga ma' numru ta' oligarki ta' poter, kapaċi li jagħmlu l-miljuni bis-saħħa tar-relazzjonijiet personali li bnew ma' amministraturi pubbliċi u ministri li finalment jkollhom l-aħħar kelma dwar it-twettieq tal-proġetti.

Nies ta' din ix-xorta minn dejjem kienu jeżistu. Peró jidher illi anke bħala riżultat tal-politika adottata mill-gvern li jkun viċin in-nies tan-negozju, donnhom inġabru fi klassi għalihom ben definita. Klassi ta' nies li kienu konxji mis-saħħa tagħhom u arroganti fil-mod kif jaġixxu anke mal-istess amministrazzjoni pubblika. F'ċerti aspetti jippretendu li huma 'l fuq mil-liġi

tant li jistgħu b’impunità jevadu milli jagħmlu dak li huma obbligati jagħmlu jew li josservaw regolamenti li kellhom bħal kull ċittadin ieħor josservaw.

Il-mod kif uħud minn dawn in-‘negozjanti’ kienu u forsi għadhom kapaċi li jikkundizzjonaw lill-awtoritajiet pubbliċi b’diversi modi, mhux eskluż l-għoti ta’ favuri u kumpens mhux xieraq, hi allarmanti. Jekk xejn għaliex it-tnawwir kien qed jestendi tista’ tgħid għall-oqsma kollha ċentrali tal-amministrazzjoni pubblika, fosthom awtoritajiet regolatorji bħall-MFSA, l-Awtorità tal-Gaming, l-Awtorità tal-Ippjanar, id-Dipartiment tat-Taxxi, il-Pulizija w oħrajn.

Il-Bord sema’ u ra provi dokumentarja ta’ numru kbir minn dawn l-abbużi li mhux il-każ li janalizza jew li jgħaddi ġudizzju dwarhom. Biżżejjed li jikkonstata li saru dawn l-allegazzjonijiet gravissimi li bosta minnhom għadhom qed jiġu indagati minn awtoritajiet kompetenti. Jinnota peró li diffiċilment wieħed jista’ jipprospetta l-ħolqien ta’ xibka daqshekk estiża ta’ intriċċi mingħajr ma jkun hemm regia ċentrali illi almenu tikkondona dawn il-fatti.

Il-Bord baqa’ mbellah jisma’ per eżempju kif is-Sur Paul Apap Bologna ekx Direttur tal-Electrogas u negozjant ewlieni fil-qasam tal-prodotti mediċinali tant li għandu interess f’industrija ġdida għall-produzzjoni tal-kannabis

mediċinali, sab ruħu għal xi żmien membru tal-Awtorità tal-Ippjanar. Jammetti li ma kellu l-ebda esperjenza fl-ippjanar u ma jafx kif sab ruħu hemm. Peró jirriżulta imbagħad illi dak iż-żmien l-Awtorità tal-Ippjanar kienet qed tikkunsidra applikazzjonijiet għall-proġetti kbar ta' żvilupp f'Tas-Sliema u l-Imrieħel promossi minn kumpaniji ta' Gasan li fihom minħabba rabtiet familjari, kellu interess dirett. Naturalment jinsisti li meta ġew diskussi dawn l-applikazzjonijiet hu irtira mil-laqgħa.

Il-Bord sema' kif is-Sur Joseph Cuschieri xehed li kien iħoss li ma kien hemm l-ebda konflitt ta' interess fil-fatt li hu meta kien sar CEO tal-*Malta Financial Services Authority*, aċċetta stedina tas-Sur Yorgen Fenech li kellu interessi kbar fil-casinos f'Malta, biex jakkumpanjah a spejjeż tiegħu fuq żjara Las Vegas biex jagħtih parir dwar negozju ta' *gaming* li kien qiegħed jippjana. Jifhem li din l-istedina saritlu għaliex hu kien ħabib tiegħu imma wkoll għaliex sa ftit qabel kien jokkupa l-kariga ta' CEO tal-*Gaming Authority*.

Fil-verità jinsisti illi dak iż-żmien ma kienx jaf li s-Sur Fenech kien il-proprjetarju tal-kumpanija 17 Black jew li għall-Pulizija kien persuna ta' interess fl-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia. Tipikament imma mhux sorprendentement, is-Sur Cuschieri jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu b'mod li dan il-Bord sema' spiss

ripetuta minn protagonisti oħra “*in hindsight had I had the gift of foresight, I would have acted differently*”.

F’dan l-istadju qed jingħataw biss dawn iż-żewġ eżempji biex il-Bord jagħti indikazzjoni b’liema mezzi u safejn il-poter tan-negozju irnexxielu jinfiltra biex jitħabbeb ma’ u jinfluwenza lill-amministraturi pubbliċi fil-qadi ta’ dmirijiethom. Jingħataw eżempji oħra fil-kors ta’ dan ir-rapport. Hemm ħafna oħrajn li dwarhom il-Bord akkwista provi konvinċenti li mhux f’pożizzjoni li jirreferi għalihom għal diversi raġunijiet, fosthom biex jirrispetta d-dritt ta’ privatezza ta’ terzi imma wkoll u l-aktar għaliex ikun hemm riskju reali li jiġu preġudikati l-investigazzjonijiet li qed tagħmel il-pulizija jew proċeduri u proċessi quddiem il-qrati kriminali.

**Nuqqas gravi tal-Pulizija**

Provi dawn u forsi anke aktar li huma għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jistgħu jutilizzawhom fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Il-Bord m’għandux dubju illi li kieku l-awtoritajiet kompetenti bħal Pulizija jew awtoritajiet regolatorji ħadu l-passi li kellhom jieħdu fil-mument opportun biex jippriservaw il-provi ladarba bdew isiru allegazzjonijiet gravi ta’ irregolaritajiet u illegalitajiet li ovvjament kellhom jiġu indagati minnufih,

ħafna aktar evidenza kienet tiġi akkwIstata u preservata. Hu ovvju per eżempju illi kieku l-Pulizija aġixxiet meta kellha taġixxi, ħafna data maħżuna f'*servers* u mezzi elettroniċi kienet tiġi akkwIstata u l-ebda *mobile* ma kien jintilef.

Il-Bord ifakkar li huwa ma hux inkarigat li jinvestiga l-abbużi li seħħew fit-twettieq tal-proġetti jew kull aġir illeċitu jew illegali li jemerġi mir-relazzjonijiet dubjużi bejn negozjanti w amministraturi pubbliċi. Il-Bord sodisfatt li issa l-pulizija jidher li qed tagħmel l-almu tagħha biex issegwi linji ta' investigazzjoni li ħarġu kemm min din l-Inkjesta, kif ukoll minn data akkwistata fi proċeduri oħra. Għal dan il-Bord huwa biżżejjed li għandu provi sodisfaċenti u skjaċċanti dwar is-sistema li nħolqot u li kienet ta' gravità tali li infiltrat sal-livell tal-kriminalità organizzata li ħasset li setgħet taġixxi b'impunità u sigurtà għax kienet protetta jekk mhux sostnuta, mhux biss mill-entitajiet tal-iStat li kellhom l-obbligu li jrażżnuhom imma wkoll mill-qawwa finanzjarja tan-negozju.

**L-Electrogas mhux l-uniku proġett inkwinat**

Ikun żball kbir li wieħed iqis li l-Electrogas kien l-uniku proġett inkwinat f'din is-sistema intiża biex toħloq sinerġija bejn l-amministrazzjoni pubblika u d-

dinja tan-negozju u għaliex kienet abbużata, spiċċat biex imminat kull regola ta’ governanza tajba li tassigura t-trasparenza u l-kontabilità. Sistema li spiċċat biex tat lok għal abbużi gravi mhux biss min-negozjanti kbar li wieħed jifthem li jittantaw japprofittaw ruħhom minnha, imma wkoll u aktar serju minn amminsitraturi pubbliċi li dmirhom kien li jrażżnu dawn l-abbużi.

L-Electrogas, kien forsi eżempju klassiku ta’ dan l-inkwinament għaliex kien jinvolvi proġett ewlieni tal-gvern li kien impenjat li jirrealizzah fl-iqsar żmein possibbli wara l-elezzjoni.  Peró tista’ tgħid bosta proġetti kbar oħra għal raġuni jew oħra, b’mod jew ieħor, anke skont l-istil u l-*modus operandi* tal-promuturi rispettivi tagħhom kif ukoll skont il-livell ta’ kuntatti u familjarità ma’ ministri w aworitajiet oħra involuti, spiċċaw parteċipi f’din is-sistema. Fittxew li jieħdu vantaġġ minnha, mhux kulħadd sal-istess livell u arroganza ġenerata mis-suċċess fin-negozju u l-għatx għall-kisba tal-flus u poter. Kien hemm peró min għamel użu mis-sistema sal-massimu għax għaraf il-potenzjal tagħha li jkompli jammassa fortuna sospetta lil’hinn mill-qligħ ġust li għalih kien intitolat.

**Realtà gravi u perikoluża**

Din hi r-realtà mill-aktar gravi u perikoluża li kellha tiffaċċja l-ġurnalista Caruana Galizia meta iddeċidiet li tissokta bl-investigazzjonijiet tagħha fil-proġetti li beda jniedi l-gvern immedjatament wara l-elezzjoni tal-2013.

B'perspikaċja kbira hi intebħet illi l-allegazzjonijiet ta' abbuż li kienet qed tiskava ma kienux sempliċement jindikaw skorrettezzi min-naħa tal-promutur tal-proġett imma li kien hemm involviment attiv anke minn ta' amministraturi pubbliċi.

Ma kienx daqstant faċli biex minn proġett għall-ieħor tasal biex tifforma stampa ċara ta' dak li kien qed iseħħ. Ma kienx faċli għaliha li tasal biex waħeda tistabbilixxi r-rabta bejn in-negozjant u l-amministratur pubbliku. Anke jekk dan setgħet tasal għalih fuq proġetti singoli bħall-Electrogas fil-qasam tal-enerġija, l-Vitals fil-qasam tal-privatizazzjoni tas-servizzi tas-saħħa, l-proġetti li fihom kienet involuta l-kumpanija DB Group bħall-proġett tad-dar tal-anzjani San Vinċenz de Paul u l-konċessjoni tal-art tal-ITS, l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti, l-iskema tal-windfarm fil-Montenegro, x-xogħol estensiv ta' żvilupp illegali mill-kumpaniji ta' Charles Polidano (ċ-Ċaqnu) u oħrjan. Il-prova ta' sistema strutturata ta' abbuż u irregolaritá baqgħet teskala.

Kien mill-provi li ħarġu mil-Panama Papers u eventwalment mill-kxif tal-eżistenza tas-soċjetà 17 Black illi Caruana Galizia aċċertat lil'hinn minn kull dubju, li kienet qed teħodha ma' sistema essenzjalment korrotta li kienet tinvolvi l-eżerċizzju tal-aqwa żewġ poteri fil-pajjiż, dak politiku u dak ekonomiku. Bil-kxif ta' dawk il-fatti li regħdu pajjiż, hi tat avviż ċar lil kull min serjament involut f'din is-sistema illi bir-rivelazzjonijiet tagħha, s-Sinjura Caruana Galizia kienet qed tipperikola mhux biss il-proġetti individwali kbar kemm kienu kbar u tesponihom għar-riskju ta' konsegwenzi gravi, forsi fatali li jwasslu għall-falliment kif kien qed jasal għalih il-proġett tal-Electrogas, imma aktar agħar kienet qed tipperikola l-istess sistema komda li minnha l-persuni involuti kienu qegħdin jakkwistaw vantaġġi kbar u kienu qed jippjanaw aktar għall-futur.

**Fejn naqset il-Pulizija**

Hu f'dan ix-xenarju li wieħed irid jeżamina, japprezza u jiġġudika l-komportament tal-entitajiet tal-iStat fil-konfront tal-ġurnalista assassinata u tad-dmir tagħhom li jħarsuha minn kull att li seta' jippreġudika l-inkolumità u l-ħajja tagħha. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-pulizija b'mod speċjali kienu konsapevoli tal-fatti li attwalment żvelat il-ġurnalista, anke jekk

setgħu ma kienux jafu dak kollu li kienet taf hi. Żgur li kienu f'qagħda li anke b'hekk jaslu għan-nies kollha li kienu involuti u li eventwalmen irriżulta li kienu parti minn din is-sistema. Żgur setgħu jew kellhom jaslu għal dak li kien wasal għalih l-Onorevoli Evarist Bartolo li quddiem dan il-Bord afferma li f'Malta "*għandna nies tal-flus, li jużaw il-flus tagħhom biex jixtru l-influwenza f'kull qasam tal-ħajja inkluż fil-politika u jiena wissejt li jista' jkollok żewġ gvernijiet, jista' jkollok il-gvern ta' fuq il-palk u jista' jkollok gvern parallel ta' wara kwinti*".

Aktar tard mistoqsi jekk setax jagħti indikazzjoni dwar din in-network jew in-nies tan-negozju li jkunu jduru ma' dawn il-proġetti, il-ministru wieġeb "*Jien naħseb li wieħed mhux jagħmel organigramma tal-kuntratti u tal-persuni involuti u tal-kumpaniji involuti? Din hija l-evidenza empirika, mhux x'naħseb jien.*" Li kieku l-pulizija għamlu dmirhom fil-mument meta l-affarijiet bdew jiġu ċċarati, kien ikun manifest għalihom illi r-riskju li xi ħadd jittanta b'xi mod isikkitha jew jinnewtralizzaha kien laħaq grad tant għoli li wieħed kien jew kellu jistenna li jkun hemm reazzjoni qawwija f'din id-direzzjoni. Kien obbligu għall-pulizija li mhux biss jestendilha protezzjoni massima, imma wkoll u forsi aktar, li attivament u b'urġenza jinvestigaw l-allegazzjonijiet li kienet qed

tagħmel u l-persuni fihom involuti. Il-Kummissarju tal-Pulizija ta' allura w uffiċjali oħrjan tal-Korp jammettu li la saret waħda u lanqas l-oħra.

Dwar dan il-Bord jagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri aktar 'l quddiem.

**Il-figura taċ-*Chief of Staff***

Finalment, il-Bord ma jistax ma jagħamilx bħala konklużjoni għal dan il-kapitlu ftit kunsiderazzjonijiet dwar ir-rwol li kellu ċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru biex jippromwovi l-ħolqien tal-ġid nazzjonali bis-sħubija mill-qrib bejn il-gvern u n-negozju ewlieni fil-pajjiż.

Peress illi s-Sur Keith Schembri għadu bħalissa suġġett għall-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u billi għadu mhux ċar jekk għadux ukoll persuna ta' interess għall-pulizija fir-rigward tal-omiċidju, il-Bord jeħtieġlu joqgħod ferm attent li ma jgħid xejn li bih jista' jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Ser jillimita ruħu għalhekk biex jiċċita siltiet qosra mix-xhieda tiegħu quddiemu. Xhieda li f'sede oħra timmerita approfondiment għax titfa' dawl fuq il-poltika l-ġdida li introduċa l-gvern fl-2013 u l-isforzi li saru biex tinħoloq sinerġija pożittiva bejn il-gvern u negozjanti kbar bħala mutur għall-ħolqien tal-ġid.

1. Jiddikjara li kien hu li ħajjar lil Dr Joseph Muscat biex joħroġ għall-Kap tal-partit fl-2008. Dr. Muscat talbu biex jgħinu fil-kampanja u hu qallu "*ngħinek fejn nista' jien ovvjament għandi n-negozju tiegħi*". Kellu r-rwol ta' *campaign manager* fl-elezzjoni tal-2013. Meta dik intrebħet u Dr. Muscat allura Prim Ministru qallu li kellu bżonnu fil-gvern, ħa l-pass diffiċli li jmur miegħu bħala *Chief of Staff*. Minn jeddu u bi qbil mal-Prim Ministru, irriżenja mid-*directorships* tiegħu kollha fil-kumpaniji u assigura lil Prim Ministru li "*Ix-xogħol ta' tenders ta' karta għax dik hija l-linja tagħna, waħda mil-linji tagħna li dejjem ħadt għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena li ser nidħol għalihom għax huma tenders. Imma proġetti ġodda fil-gvern jiena ma mmisx magħhom*."

2. Kien wieħed mill-artefiċi prinċipali fil-politika li l-gvern fil-ġid kien jeħtieġlu jkun b''business mentality' u business friendly li kienet pjattaforma ewlienija tal-programm elettorali għal dik l-elezzjoni. Iddikjara li kien f'pożizzjoni li jifhem sew il-ħtiġijiet tan-negozju u li seta' jagħti input kbir "*għax jien dħalt fin-negozju imbagħad dħalt fil-politika mhux bil-maqlub*".

3. Kien għamel suċċess fin-negozju u kien jifhem x'kienu l-bżonnijiet tan-negozjant "*Aħna dejjem emminna li għalkemm ġejjin mil-lat tax-xellug fl-isfera*

*politika, aħna dejjem emminna li biex tqassam il-ġid trid l-ewwel tikkrejah u jiena u l-Prim Ministru konna nidħqu u ngħidu 'isma' inti ikkreja l-ġid u aħna nqassmuh'* ". Jiġifieri li r-rwol prinċipali ta' *Chief of Staff* kien dak li jikkreja l-ġid permezz tal-politika l-ġdida li kienet qed tiġi introdotta.

4. Jsostni li din il-politika kellha suċċess kbir u f'seba' snin tat riżultati impressjonanti fl-ekonomija mingħajr ma ġew imposti taxxi u piżijiet ġodda. Jixhed li bis-saħħa tiegħu inħolqot sinerġija man-nies tan-negozju, peró jiċħad kategorikament illi fuq proġetti speċifiċi kbar qatt sar diskors jew *commitment* qabel ġew realizzati. Dan japplika wkoll għall-proġett tal-Electrogas. Jsostni li veru kien hemm *presentation* ta' proġett qabel l-elezzjoni. Peró kien hemm ħafna li ressqu l-proġetti u l-pjan tagħhom kien li jsir sors alternattiv tal-enerġija, jnaqqsu l-emissjonijiet u jraħħsu l-prezzijiet *"Jiena l-pożizzjoni tiegħi bħala campaign manager u wara bħala Chief of Staff kien li aħna nrabatna fil-manifest elettorali li ħa inraħħsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u tajna terminu għalih. Tajjeb?"*.

Kien għalhekk li l-proġett ingħata priojorità qawwija. Fil-fehma tiegħu l-proċeduri kollha li saru għat-twettieq tal-proġett kienu regolari. Għalih *"This was a simple power station tajjeb, li ħa tnaqqas l-emissions u tnaqqas il-cost*

*of production. Jien il-mistoqsija tiegħi Sur Imħallef hija kif qatt ma saret qabel għax din hija xi ħaġa bażika. Kif qatt ma saret qabel?*". Mhux minnu li l-ippjanar tagħha kollu kien lest qabel l-elezzjoni. L-Awditur Ġenerali peró ma jaqbilx ma' din il-pożizzjoni u l-provi li sema' l-Bord ikomplu jsaħħu l-konklużjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward minkejja li ħafna mill-Ministri li xehedu quddiemu daqqew l-istess diska.

5. Is-Sur Schembri jelabora fuq id-differenza bejn kif iħares lejn l-amministrazzjoni tal-pajjiż, is-servizz pubbliku u kif kien iħares lejha hu mil-lenti ta' amministrazzjoni mfassla fuq kif negozjant imexxi n-negozju "*there is a difference between a business friendly Government and a Government with a business mentality. The business mentality, jiena per eżempju ma kontx well seen minn ħafna nies taċ-ċivil tajjeb? Jiena issa nqlajt minnha l-pożizzjoni u nista' ngħid kollox kif inhu. Jien għalija, tajjeb, li l-ewwel kelma meta mmur għand xi ħadd taċ-Ċivil jgħidli le. Il-le ma teżistix fid-dinja. Irridu nagħmluha, le ma teżistix. I am here to deliver tajjeb.*" Stqarrija li tfisser li r-regoli żejda u l-hekk imsejjħa burokrazija kienet ta' xkiel għall-progress u li fejn meħtieġ iridu jiġu evitati. Din kienet il-mentalitá u hekk kien isir in-negozju.

6. Mistoqsi mill-Bord kif kien jikkonċilja il-fatt li minn negozju ta' suċċess ġej mill-privat daħal f'kariga daqshekk għolja li l-ebda persuna minn negozju qatt ma kien okkupa s-Sur Schembri wieġeb "*Kienet diffiċli ħafna. Kienet diffiċli. It was a culture shock*."

Mistoqsi jekk qattx ikkunsidra li se jpoġġi ruħu f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' nteress, is-Sur Schembri wieġeb "*Le kunflitt ta' interess – l-unika kunflitt ta' interess li kelli kien fil-ħsieb tiegħi, għax jiena wara għoxrin (20) sena fin-negozju tajjeb, il-fatt li jkun hemm ċertu deċiżjonijiet daqshekk faċli, tajjeb, daqshekk loġiċi, daqshekk ovvji, li ħadd ma jkun irid jeħodhom, that bothers my mind. Jiġifieri jiena dawk qatt ma stajt naċettahom. Jiġifieri jiena l-fatt, tgħiduli antipatku, jiena dejjem imdorri fil-privat naħdem biss b'KP eyes, key performers indicators....*".

"*Jien, jien għax nara affarijiet mil-lat ta' negozju loġiku, jien dejjem għidt: isma' jekk hawn numru ta' kumpaniji kbar li għandhom iħallsu ħafna NI, għandhom jagħtu ħafna lill-Gvern tajjeb, u għandhom propjetajiet qegħdin hemm, il-Gvern għandu jgħid jien flok inħalli familja rieqda mal-art jew b'sitt (6) itfal reqdin ġo żewġt ikmamar, jekk din il-persuni għandu jagħtini 20 miljun, 30 miljun f'NI għax ma ngħidlux: isma' tini 150, tini 200 flat fejn*

*inpoġġi familji fejn jistgħu jorqdu. Jien hekk kont naħseb u ovvjament tkaxkir tas-saqajn għax le ma nistgħux, għax le ma nistgħux* (min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika) *.... dawk l-affarijiet jien ma kontx naċċettahom*."

Kien jikseb riżultati bħala *Chief of Staff* għaliex kien introduċa u ħadem b'mentalità tan-negozju, jaqta' l-kantunieri u jnaqqas il-burokrazija żejda.

Bħala *Chief of Staff* l-interess tiegħu biss kien li d-*deadlines* li jingħataw biex jiġu realizzati l-proġetti "*iridu jimxu magħhom*".

7. Dwar il-kontijiet li fetaħ fil-Panama u band'oħra s-Sur Schembri xehed "*Jiena fit-two thousand and thirteen (2013) meta dħalt fil-politika, tajjeb, qabel dħalt fil-politika jiena diġà kelli offshore structures kif kulħadd jaf, tajjeb. Offshore structures għax aħna kellna l-ewwelnett there is nothing illegal with having an offshore structure. Nitilqu minn hemm, jiġifieri li kieku hemm iktar minn tliet kwarti mill-gruppi kbar ta' Malta kollha għandhom offshore structures u offshore accounts, tajjeb u aħna l-holding tagħna kellna l-istess ħaġa, tajjeb. Fit-thirteen (13) ovvjament meta dħalt fil-politika, jien fuq pariri li ngħatajt kemm minn avukati u kemm minn awdituri, tajjeb, ftaħt trust mal-*

*Bank of Valletta fejn, x'kont qed nagħmel? Kont qed nitfa' l-assi kollha tiegħi u eventwalment kont ħa naqleb il-kumpaniji tiegħi kollha taħt dan it-trust.*

*Għadda xi żmien, għaddew xi xhur u ġew numru ta' nies, iktar minn tnejn (2) minn nies li qaluli: isma' l-Partit Nazzjonalista jaf bit-trust li għandek mal-Bank of Valletta nkluż l-ammonti li fihom u x'qed tagħmel u ma tagħmilx. Jiena kont ktibt lil dak iż-żmien Chairman John Cassar White u John Cassar White rrispondieni bil-miktub: isma' aħna ftaħna investigazzjoni peró ma nistgħux nagħtuk garanzija li mill-bank ma illikja xejn. Mela l-bank li l-Gvern shareholder fih, jien Chief of Staff tal-Gvern, jien mort fuq il-Prim Ministru għidtlu: Prim Ministru għandi żewġ (2) affarijiet x'nista' nagħmel u tkellimna flimkien – jew nissuwja l-bank, imma timmaġina Chief of Staff tal-Gvern li jissuwja bank li l-Gvern shareholder fih, kerha, jew inħalliha tgħaddi*". Ma ried ikollu x'jaqsam xejn ma' Malta u fuq parir li tawh l-awdituri fetaħ il-kumpanija *offshore* fil-Panama li kienet temporanja għaliex wara xtaq li l-assi tiegħu minn Malta jgħaddihom għal fuq trust fi New Zealand. Sitwazzjoni stramba w infeliċi fejn iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru jiddikjara li ma kellux fiduċja fis-sistema bankarja fil-pajjiż u wasal biex jaħdem ma' banek suspetti f'pajjiż barrani.

Is-Sur Schembri jiċħad li għamel xi ħaġa illegali. Għalkemm ma għarafx jagħti risposti sodisfaċenti lill-Bord għal diversi mistoqsijiet f'dan ir-rigward. Dan speċjalment f'liema ċirkostanzi li fihom infetħu tlett kumpaniji *offshore* fil-Panama u jekk kienx hemm konnessjoni bejnu u bejn il-Ministru Mizzi li jsostni li ma kellu x'jaqsam xejn miegħu f'din il-biċċa.

Kien evażiv ħafna dwar ir-rabta li kien hemm bejn il-kumpanija *offshore* tiegħu Tillgate u l-kumpaniji 17 Black u Macbridge li l-awdituri tiegħu Nexia BT indikaw bħala s-sors li minnhom kellu jirċievi fondi. Is-Sur Schembri insista li dawn ġew indikati bħala *main potential clients* u ammetta li sa minn dak iż-żmien hu kien jaf min kien il-*beneficial owner* tal-kumpanija 17 Black imma ma kellu l-ebda idea ta' min kienet Macbridge Ltd. Baqa' jinsisti li Mabridge ma kienx semmieha hu imma l-awdituri tiegħu mingħajr ma informawh min kienet. F'din il-parti tax-xhieda tiegħu s-Sur Schembri xejn ma kien kredibbli.

8. Ikkonfrontat bl-allegazzjoni li 17 Black kellha tgħaddi flejjes lis-soċjetà tiegħu Tillgate li oriġinaw minn fonti dubjużi konnessi mal-Electrogas, ir-risposta tas-Sur Schembri kienet din "*Imma bir-rispett kollu Sur Imħallef, bir-rispett kollu. Jekk jien għandi klijent tiegħi, tajjeb, li hu potential client tiegħi, tajjeb, u jidħol, jien naf f'xi bawxata and so on, jiena li ħa nkun potential client*

*x'tort għandi? Min jaf kemm isiru affarijiet hekk? Min jaf kemm isiru affarijiet hekk hux."* Ipprova jiddistanzja ruħu mill-kumpanija 17 Black avolja l-provi kienu juru xort'oħra. Jammetti peró aktar tard illi huwa kien jaf min kien is-sid tas-17 Black sa minn qabel Frar tal-2017.

Mistoqsi jekk kienx għarraf lill-Prim Ministru b'dan il-fatt dak iż-żmien, is-Sur Schembri afferma illi kif kien diġà qal lill-Prim Ministru kien qallu li dak kollu li hemm fil-Panama Papers kien xogħol li ma kienx relatat ma' Malta. Ma kellux allura jitkellem fuq is-17 Black mal-Prim Ministru u l-Prim Ministru ma ħassx il-bżonn li jistaqsieh. Din il-parti tal-interrogatorju kompliet hekk:

*"Dr. J. Azzopardi: Ma staqsiekx u ma ħassejtx il-bżonn li tgħidlu?*

*Keith Schembri: Ma kellix għalfejn ngħidlu.*

*Imħ. A. Lofaro: Ok.*

*Imħ. J. Said Pullicino: Imma mhux ok ta', għax ma ħassejtx il-bżonn inti u l-Prim Ministru apprentement lanqas ħass il-bżonn li jsaqsik. Imma f'dawn iċ-ċirkostanzi allegazzjonijiet ta' din in-natura ma kienx fl-interess tal-pajjiż illi intom tesplorawha din u tarax x'inhi l-istorja? I* mean persuna ....

*Keith Schembri: L-istorja rajna li ma – sorry, sorry.*

*Imħ. J. Said Pullicino:* *Sur Schembri ħa ngħidlek inti persuna, ħabib tat-tnejn kont qed tgħid, tajjeb. Involut b'xi mod f'xi ħaġa li hemm allegazzjonijiet gravi, gravissimi, tajjeb, għax tagħti sustanza lil dak li kien hemm allegat fil-Panama Papers. Forsi mhux veru, imma dak l-inċident taha sustanza. Issa jiena ngħidlek ma ħassejtx il-bżonn lill-Prim Ministru, anke hu ta', hawnhekk x'inhi din l-istorja ...*

*Imħ. A. Lofaro:* *Ma jistax jirrispondik għall-Prim Ministru.*

*Imħ. J. Said Pullicino:* *... inti taf ta' min hi dik? Hix ta' dak u għandna din il-problema ħa nsolvuha. Imma din ma ġratx din il-biċċa xogħol?*

*Keith Schembri:* *Ma kien hemm xejn x'issolvi.*

*Imħ. J. Said Pullicino: Eh?*

*Keith Schembri: Ma kien hemm xejn x'issolvi.*

*Imħ. J. Said Pullicino:* *Le kien hemm ħafna x'issolvi għax dak iż-żmien ma kienx hemm delitti għad. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm id-delitti ftehmna? Allura kien hemm x'issolvi. Kieku dak iż-żmien ittieħdu l-passi li kellhom jittieħdu, tajjeb, id-delitt, il-probabbiltà l-kbira kien li ma kienx isir, ftehmna, ħa niftehmu tajjeb.*

*Keith Schembri:* *Ma nistax nifhem kif wasaltu għal din il-konklużjoni. Ma nafx. Ma nistax nifhem kif wasaltu għal din il-konklużjoni.*

*Imħ. J. Said Pullicino: Imma n-ness qiegħed hemm. Issa naraw, tajjeb? Imma inti sadanittant qed tgħidilna li ma ħassejtx dan il-bżonn.*

*Keith Schembri: Ma ħassejtx li kien hemm għalfejn. Jiena I downplayed it for obvious reasons f'moħħi, issa jekk għamilt żball hemm għamilt żball u nkun l-ewwel wieħed li ngħid skużani għamilt żball. Imma jien f'moħħi potential client, ħa nagħmel negozju miegħu wara li nitlaq mill-dik politika, kif kien ħa jagħmel ħafna – issa inzertajt Chief of Staff, vera għamilt żball etiku? Jista' jkun.*

*Imħ. J. Said Pullicino: Tagħmel negozju ma' persuna ma jfissirx li taħfer id-dnubiet kollha ta'. Għax fil-fatt li tagħmel negozju ma' persuna leġittimu ....*

*Keith Schembri: Hekk hu."*

Tul ix-xhieda tiegħu s-Sur Schembri ittanta jagħti l-impressjoni li huwa kien sempliċi koordinatur bejn il-ministeri u responsabbli biex jiġu mwettqa l-proġetti tal-Gvern, jagħti l-impressjoni li ma kienx bniedem ta' poter kbir imma kien jesegwixxi l-ordnijiet tal-Prim Ministru u jieħu d-deċiżjonijiet li jeħtieġ biex il-politika tal-gvern tiġi realizzata. Jinsisti li l-proġetti kollha kbar kienu jiġu approvati mill-Kabinett u jaċċetta li hu kien ikun preżenti meta l-Prim Ministru kien jiddiskuti materji mal-ministri wara l-laqgħat mal-Kabinett. Il-provi juru xort'oħra.

L-ewwel sostna li hu qatt ma daħal għal-laqgħat fl-ebda ambitu jekk ma jkunx mistieden, kien ikun preżenti biex jimbotta fit-twettieq tal-proġetti u jimplimenta l-politika tal-gvern. Iddeskriva kif kienu jiġu approvati l-proġetti kbar mill-Kabinett u l-koordinament bejn id-diversi ministeri b'mod taħt ċertu aspett differenti minn dak illi ddiskrivewh uħud mill-ministri. Iddeskriva mbagħad il-mod kif kien jaħdem il-Prim Ministru Muscat li għalih esprima wera ammirazzjoni kbira hekk "*Dejjem kien jaħdem b'dak li ngħidulu triangle, tajjeb. Jiġifieri .....scheme jiġifieri hu qiegħed fuq u l-linji taħtu mhux bilfors li kulħadd ikun jaf x'qed jiġri*".

Indubbjament hu kien fil-quċċata tal-piramidi, fl-istess livell tal-Prim Ministru. It-tnejn ikkonfermaw li kienu mhux biss ħbieb kbar jafdaw lil xulxin kważi b'fiduċja għamja u jittrattaw lil xulxin bħala aħwa. Il-provi kollha itendu lejn din ir-realtá.

Mix-xhieda tas-Sur Schembri wieħed jikkonkludi illi hu kien jaf sewwa x'qed jiġri f'kull qasam tal-amministrazzjoni u forsi bħala CEO dan kien xogħlu. Uffiċjalment ikkonferma dak li qalu bosta ministri li huwa kellu poter qawwi fil-ħsieb ta' uħud esaġerat. Ix-xhieda tikkonferma wkoll li hu anki waqt li kien

CEO baqa' bil-mentalità tan-negozju u kien jippartecipa fit-twettieq tagħhom jekk ma kienx f'xi wħud minnhom ukoll il-promutur priċipali tagħhom.

Ħa sehem direttament fin-negozjar biex jiġi attirat investiment kbir fil-pajjiż, fosthom f'proġetti li spiċċaw b'dellijiet serji fuqhom u fil-mira tal-ġurnaliżmu investigattiv tas-Sinjura Caruana Galizia u sussegwentement anke wara mewtha tal-Awditur Ġenerali fost l-oħrajn. Biżżejjed wieħed isemmi l-proġett tal-Electorgas, l-allegata rabta mal-kumpanija 17 Black, il-proġett tal-Vitals, il-proġett tal-windfarms tal-Montenegro, il-proġett tal-Crane Currencies, l-Università Amerikana ta' Malta w oħrajn. Is-Sur Schembri jidher li lanqas kien dejjem sinċier mal-Prim Ministru – ħabib kbir tiegħu. Dan tal-aħħar jikkonferma bla tlaqliq illi kieku kien jaf bid-dettalji tan-negozjati tal-windfarms tal-Montenegro, kieku l-proġett kien iwaqqfu.

Il-Bord wasal għal konvinċiment illi dak li realment seħħ fir-rigward ta' dawn il-proġetti ma huwiex rifless fix-xhieda tas-Sur Schembri li tipprova tagħti impressjoni ta' normalità ta' amministrazzjoni trasparenti u nadifa, intiża biex tkattar il-ġid nazzjonali b'mod trasparenti u korrett. Il-provi quddiem dan il-Bord u fid-dominju pubbliku juru xort'oħra. Jikkonfermaw li bejnu u bejn il-Prim Ministru kien hemm mhux biss sintonija sħiħa ta' ħsieb u metodu kif

kellu jiġi amministrat il-pajjiż, imma wkoll ħbiberija qawwija li nislet klima ta' fiduċja u rispett reċiproku li ċertament baqgħet sal-mument illi s-Sur Schembri ġie arrestat taħt suspett li seta' kien involut fl-assassinju u forsi anki wara. Ħbiberija li fid-dehera tagħha kienet testendi għall-allegat mandant tad-delitt li sa ċertu żmien jidher li għamel minn kollox biex jiddefendih. Dwar dawn il-fatti l-Bord joqgħod lura milli jesprimi ġudizzju.

Il-figura tas-Sur Schembri bħala l-id mhux tant moħbija li tikkontrolla l-poter fiż-żmien rilevanti b'dak kollu li dan jimplika żgur li ma tistax tiġi skartata. Il-verità sħiħa f'dan ir-rigward għad trid toħroġ.

# Taqsima III - L-ewwel terminu ta' referenza

"1. jiġi *determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn, jew fi ħdan, xi entitá tal-Istat iffaċilitatx l-assassinju jew naqsitx milli tipprevjenih. B'mod partikolari jekk (a) xi entitá tal-Istat kinitx taf jew kellhiex tkun taf dwar, jew ikkawżatx, riskju reali w immedjat, inkluż mill-aġir kriminali ta' xi terza persuna, għall-ħajja ta' Daphne Caruana Galizia u (b) naqqset milli tieħu miżuri fi ħdan il-firxa tas-setgħat tagħha li, b'ġudizzju raġonevoli, kien mistenni minnha li tieħu biex tevita dan ir-riskju;*"

**Taqsima III**

**L-Ewwel Terminu ta' Referenza**

**Aspett legali/Gurisprudenza**

Kif ingħad, għad-determinazzjoni tal-aspett legali ta' din l-Inkjesta, il-Bord iżomm bħala punt ta' tluq l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-Artikolu jgħid: *"Everyone's right to life shall be protected by law. No one shall be deprived of his life intentionally save in the execution of a sentence of a Court following his conviction of a crime for which his penalty is provided by law*."

Dan ifisser illi l-iStat għandu jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex jipproteġi l-ħajjiet ta' dawk fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Dan jinkombi dover primarju fuq l-IStat li jpoġġi dispożizzjonijiet kriminali effettivi biex ibiegħed reati kontra l-persuna sostnuti b'pulizija u qrati effettivi għall-protezzjoni, sospensjoni u kastigi għall-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet (ara Machova et vs Bulgaria Nos. 43577/98 u 43579/98 ECHR 2005-VII).

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem peró marret oltre dan id-dritt primarju tal-iStat. Fil-kawza "Osman vs U.K. 87/1997/871/1083 tat-28 ta' Ottubru 1998 il-Qorti qalet: *"It is common ground that the State's obligation in this respect extends beyond its primary duty to secure the right to life by putting in place effective criminal law provisions to deter the commission of offences against the person backed up by law enforcement machinery for the prevention, suppression and sanctioning of breaches of such provisions. It is thus accepted by those appearing before the Court that Article 2 of the Convention may also imply in certain, well defined circumstances a positive obligation on the authorities to take preventive operational measures to protect an individual whose life is at risk from the criminal acts of another individual*". Dan ifisser kwindi illi minħabba l-obbligazzjoni primarja li jipproteġi l-ħajja ta' persuni li jkunu fil-ġurisdizzjoni tiegħu, l-iStat għandu wkoll obbligazzjoni pożittiva sabiex jieħu dawk il-miżuri operattivi neċessarji biex jipproteġi individwu li l-ħajja tiegħu tkun fil-perikolu minn azzjonijiet kriminali ta' terzi.

Il-Bord jifhem u jestendi din id-direzzjoni billi jafferma bl-aktar mod kategoriku u deċiż illi tali obbligazzjoni pożittiva tavvera ruħha anke jekk l-individwu/l-

individwi konċernati jirrifjutaw l-obbligazzjoni primarja tal-protezzjoni tal-ħajja.

Fl-istess sentenza fuq ċitata l-Qorti fehmet illi minħabba aġir mhux mistenni ta' kondotta umana u l-għażliet operattivi li jridu jsiru f'termini ta' prijoriatjiet u riżorsi, tali obbligazzjoni għandha tiġi interpretata b'mod li ma tpoġġix piż impossibbli u sproporzjonat fuq l-awtoritajiet. Konsiderazzjoni rilevanti oħra hija l-bżonn ta' assikurazzjoni li l-Pulizija jeżerċitaw il-poteri tagħhom li jikkontrollaw u jipprevenu reati b'mod u manjiera li jirrispettaw il-liġijiet, il-proċess legali, inkluż il-garanziji kontenuti fl-Artikoli 5 u 8 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti tkompli tghid: *"In the opinion of the Court when there is an allegation that the authorities have violated that positive obligation to protect the right to life in the context of the above mentioned duty to prevent and suppress offences against the person, it must be established to it's satisfaction that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual or individuals from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their public office which, judged reasonably must have been expected to avoid that risk." "For the Court ... it is sufficient for an applicant to show*

*that the authorities did not do all that could be reasonably expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge."* Din id-direzzjoni ġiet ukoll segwita fil-kawża fl-ismijiet "Branco Tomasich et vs Croatia" (application number 46598/06 tal-15 ta' April 2009) fejn il-Qorti qalet: *"A positive obligation will arise when it has been established that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which judged reasonable might have been expected to avoid that risk."*

Għal aktar każistika in materja l-Bord jirreferi għall-kawzi "Kajak vs Turkie para 53 et seq numbers 6044/08 tal-10 ta' Lulju 2012" kif ukoll "Civek vs Turkie para 54 et seq numbers 55354/11 tat-23 ta' Frar 2016."

**Termini ta' referenza jirriflettu l-ġurisprudenza tal-E.C.H.R.**

L-ewwel artikolu tat-terminu ta' riferenza ta' din l-Inkjesta jirrifletti proprju dan il-punt meta jgħid illi dan il-Bord għandu jiddetermina *"whether any wrongful action or omission by, or within, any state entity facilitated the assassination of or failed to prevent it. In particular whether (a) any state*

*entity knew or ought to have known of, or caused, a real and immediate risk to Daphne Caruana Galizia's life including from the criminal acts of a third party; and (b) failed to take measures within the scope of its powers which, judged reasonably, it might have been expected to take in order to avoid that risk*."

Ma hemmx dubju illi t-tfassil ta' dan il-paragrafu kien fuq il-parir u direzzjoni tas-sentenzi fuq imsemmija. Intervent f'waqtu f'dan l-stadju hu kumment dwar il-kwalità tax-xhieda li ddeponew quddiem dan il-Bord, fejn spikkat l-amneżija u nuqqas ta' ko-operazzjoni speċjalment ta' dawk li ħadmu Kastilja fiż-zmien in kwistjoni. Dan kien mistenni peress illi l-konsegwenzi personali kienu notevoli u dawn ix-xhieda kellhom interess li ma jikkooperawx. Dina mhix xi ħaġa ġdida jew limitata biss għal Malta iżda fenomenu li spiss jispikka f'inkjesti pubbliċi b'mod ġenerali. Tant li:

"*It is inevitable that inquiries will not always receive the full cooperation of those who appear before them because there may be interference or obstruction with the work of the inquiry and because orders that the inquiry makes as to the provision of documents and evidence, and attendance at hearings, may not be obeyed. Indeed, as inquiries frequently consider allegations of serious wrongdoing by individuals and organizations, and*

*because the consequence for individuals and organizations (both in terms of immediate reputational harm and the potential for downstream proceedings) may be severe, there are plain incentives for non-cooperation*" (ibid p. 251).

Il-Bord kien jippretendi li almenu l-ministri tal-Gvern ta' allura jkunu aktar pronti u miftuħa biex jagħtu l-informazzjoni meħtieġa dwar dak li fil-fatt seħħ u li kien rilevanti għal meritu ta' din l-Inkjesta. Ftit kienu dawk li tkellmu b'mod miftuħ, il-parti l-kbira ttentaw li jfittxu protezzjoni fis-sigriet li sostnew li jorbothom rigward dak kollu li ingħad waqt il-laqghat tal-Kabinett. Raġuni li l-Bord ma jifhimx fejn si tratta ta' ċirkostanzi rilevanti għall-assassinju. Dan apparti l-fatt li ħafna mix-xhieda esprimew injoranza ta' dak li kien qed jiġri madwarhom f'Kastilja.

Għalhekk, dan l-ewwel paragrafu tat-Termini ta' Riferenza jrid jiġi kkunsidrat fl-isfond tas-sentenzi fuq imsemmija bid-direzzjoni li tali obbligazzjonijiet primarji u pożittivi javveraw ruħhom anke fin-nuqqas ta' qbil jew rifjut tal-persuna/persuni li jkunu qegħdin f'riskji. Dan bil-caveat li tali obbligazzjoni pożittiva ma għandhiex tiġi interpretata b'mod li tpoġġi oneru impossibbli jew sproporzjonat fuq l-awtoritajiet.

**Il-qbil jew rifjut tal-Persuna f'riskju**

Dan iwassal lill-Bord biex jikkummenta dwar in-nota illi esebixxa l-Avukat Joseph Brincat liema nota ġġib id-data 7 ta' Dicembru 2020 u li fiha ġew esebiti diversi *posts* imqiegħdha mis-Sinjura Daphne Caruana Galizia fuq il-blog tagħha dwar il-filosofija illi kellha fuq il-protezzjoni illi seta' joffrielha l-IStat. F'dan il-*post* is-Sinjura Caruana Galizia qiegħdha turi ċerta stmerrija lejn l-Avukat Franco Debono li kien kritiku ħafna tal-Gvern ta' Dr. Lawrence Gonzi, meta kien talab il-protezzjoni tal-Pulizija wara l-bieb tar-residenza tiegħu. F'dawn il-*posts* is-Sinjura Caruana Galizia wriet il-fehma illi l-għassa tal-klieb hija ferm aktar effettiva minn dawk tal-Pulizija meta qalet: *"You never know who or what those constables are (they change on a shift basis) and even if they don't report back to base they are not immune to reporting to their friends and relatives*." B'din in-nota l-Avukat Brincat ried juri lill-Bord li s-Sinjura Caruana Galizia esprimiet riservi dwar il-protezzjoni illi seta' offrielha l-IStat u kwindi jekk l-IStat naqas li jagħti l-protezzjoni dana kien tort tal-istess Caruana Galizia bl-imġieba u l-attitudini tagħha versu tali protezzjoni. Peró dina ma hijiex il-konklużjoni illi waslet għaliha l-Qorti Ewropea l-kawża ċitata aktar qabel "Osman vs United Kingdom" meta qalet illi l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jrid jiġi interpretat *"in certain well defined circumstances a positive obligation on the authorities to take preventive operational measures*

*to protect an individual whose life is at risk from the criminal acts of another individual".*

Din il-*"positive obligation*" u "*preventive operational measures*" ma jiddependux mill-adeżjoni jew aċċettazzjoni tal-persuna illi jkollha l-ħajja tagħha f'riskju. Hija dikjarazzjoni ġenerika illi tapplika għal kulhadd anke fin-nuqqas ta' tali adeżjoni. Kien għalhekk illi dana l-Bord aktar qabel estenda din l-interpretazzjoni billi afferma illi din l-obbligazzjoni pożittiva tavvera ruħha anke jekk l-individwu konċernat jirrifjuta l-obbligazzjoni primarja għal protezzjoni tal-ħajja. Għalhekk, anke jekk is-Sinjura Daphne Caruana Galizia wriet ċerta riluttanza u nuqqas ta' fiduċja fil-Pulizija illi jagħtuha protezzjoni dana ma jfissirx illi l-Pulizija/l-iStat kellhom jonqsu milli jipprovdu l-protezzjoni, jekk il-ħajja tagħha kienet f'riskju reali u imminenti.

***Preventive Operational Measures:***

Il-Bord issa jrid iqis jekk dawn il-"*preventive operational measures*" kienux ser ipoġġu oneru impossibbli jew sporporzjonat fuq l-awtoritajiet.

Irriżulta mill-provi illi sakemm kien għadu Kummissarju s-Sur John Rizzo, dan kien iżomm ċerta komunikazzjoni mas-Sinjura Caruana Galizia u kien jara illi

jkollha protezzjoni anke bir-rondi illi jkun hemm fl-inħawi tar-residenza tagħha mill-pulizija. Peress illi s-Sinjura Caruana Galizia kellha storja ta' attakki fuq ir-residenza tagħha, bħal per eżempju l-ħruq mal-bieb tad-dar tagħha u l-avvelenament u qtil tal-klieb, kien meħtieġ li din il-protezzjoni ssir aktar frekwenti u kien hemm żmien ukoll meta kien hemm "*a fixed point*" mill-Pulizija. Avolja l-Kummissarji li ġew wara s-Sur John Rizzo qalu li ma biddlu xejn mis-sistema rudimentali li kien hemm qabel, irriżulta bħala fatt illi dan il-minimu ta' protezzjoni illi s-Sinjura Caruana Galizia kellha fi żmien John Rizzo ġie rtirat.

Żgur peró illi l-Pulizija f'dak iż-żmien kellha l-mezzi kollha, kemm għal dawk li huma loġistiċi kif ukoll *personnel* sabiex toffri l-minimu ta' protezzjoni lis-Sinjura Caruana Galizia u kif ingħad, din il-protezzjoni kellha tingħata dejjem, f'kwalunkwe każ, anke fin-nuqqas ta' adeżjoni tal-istess Caruana Galizia.

Il-Pulizija kienu ben konxji ta' din l-obbligazzjoni tagħhom. Fil-fatt, fl-ewwel seduta quddiem dan il-Bord Matthew Caruana Galizia fis-6 ta' Diċembru 2019 qal: "*Police officers who were sent to guard our house even after my mother protested against their presence during events that were considered to be high risk for her, for example the Hunting Referendum, General Elections and*

*following the attack by neo-nazis in 2006....."* *"Police protection even in the form of neighbourhood patrols were stopped in 2013 under what could only have been on instruction from the new Police Commissioner...."* Għalhekk il-Bord jikkonkludi illi stante li fil-passat il-Pulizija kienet tagħti miżura ta' protezzjoni lis-Sinjura Caruana Galizia, din l-obbligazzjoni pożittiva tal-iStat ma kinitx sejra tpoġġi xi oneru impossibbli jew sproporzjonat fuq l-awtoritajiet.

**Jekk kenitx f'riskju reali u imminenti**

Il-Bord jeħtieġlu issa jevalwa jekk il-ħajja tas-Sinjura Caruana Galizia kenitx f'riskju illi timmerita protezzjoni.

Għall-ewwel esperjenza ta' inkontru spjaċevoli mal-awtoritajiet, il-Bord jirrikorri għax-xhieda tal-Avukat Peter Caruana Galizia, ir-raġel tas-Sinjura Daphne. Dana jirrakkonta illi fl-1984 meta Daphne, allura ta' tmintax-il sena, kienet qiegħdha tipparteċipa fi protesta kontra l-awtoritajiet dwar il-politika tagħhom konċernanti l-iskejjel privati, ġiet arrestata mill-allura Spettur Angelo Farrugia, illum l-Ispeaker tal-Parlament fejn damet arrestata għal sitta u tletin siegħa u fl-aħħar ġiet imġiegħla tiffirma stqarrija illi ma reditx. Skont l-Avukat Caruana Galizia hawnhekk beda ir-radikalizzazzjoni tas-Sinjura Caruana Galizia

fejn dina rat is-saħħa tal-IStat fil-konfront taċ-ċittadin privat fejn dan tal-aħħar jista' jkun soġġett għall-abbużi u dana mingħajr protezzjoni adegwata.

Daphne u l-Avukat Peter Caruana Galizia żżewġu f'Awwissu tal-1985 u hi bdiet tikteb wara li twieldu t-tfal bejn wieħed u ieħor fl-1988. L-ewwel ħaġa politika li s-Sinjura Caruana Galizia għamlet kienet intervista mal-allura Ministru Michael Falzon fl-1988 wara ħafna garr dwar l-iżbroff ta' drenaġġ minn tas-Sliema. Għamlet l-intervista u ppubblikat l-opinjoni tagħha fejn il-Ministru Michael Falzon ma tantx ħa gost peress illi deherlu illi l-kummenti tagħha ma kienux ġusti fil-konfront tiegħu. Wara inkurraġġament mill-Editur tat-Times, Anthony Montanaro bdiet tikteb il-kolonna tagħha bl-isem "*The Good, The Bad and The Ugly*". Bdiet tikteb b'mod regolari u l-kolonna tagħha kibret fil-popolarità. Inkontru serju illi kellha mal-awtoritajiet kien fl-1995 meta kien hemm il-kwistjoni ta' Meinrad Calleja li hu t-tifel ta' dak li fiż-żmien il-kwistjoni kien il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati l-Brigadier Maurice Calleja. Kien hemm involuta wkoll Clarissa Cachia illi tiġi oħt Meinrad. Din inqabdet b'kilo kokaina fil-karrozza tagħha. Peress illi kien qed jiġi allegat illi Meinrad Calleja kien qed iżomm il-kokaina fid-dar tal-ġenituri tiegħu, is-Sinjura Caruana Galizia kitbet fis-sens illi dan seta' jikkompromettI l-pożizzjoni tal-Brigadier bħala l-Kap tal-Forzi Armati ta' Malta. Sussegwentement meta Meinrad Calleja ġie mressaq

il-Qorti biex iwieġeb għal xi akkuzi in konnessjoni ma' din id-droga, l-Avukat difensur tiegħu, l-Avukat Giannella Caruana Curran ukoll qajmet kontroversja mas-Sinjura Daphne Caruana Galizia peress illi dehrilha illi din kienet f'pożizzjoni ta' konflitt ta' interess stante illi missierha l-Professur Guido Demarco kien membru tal-Kabinett viċin tal-allura Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami. Meta s-Sinjura Caruana Galizia kitbet *opinion piece* dwar din is-sitwazzjoni l-Editur tat-Times ma riedx jippubblikahielha, għalhekk marret għand gazzetta oħra, il-Malta Independent fejn dina aċċettat u ppubblikat l-istorja. Wara dan irceviet ittra mingħand it-Times fejn qalulha illi ma kenux ser iħalluha tikteb aktar fil-gazzetta tagħhom.

Dak iż-żmien kellhom l-ewwel attakk fuq id-dar tagħhom meta xi ħadd ipprova jaħraq il-bieb prinċipali. Ħadd ma tressaq għal dan l-inċident. Sadanittant is-Sinjura Caruana Galizia baqgħet tikteb fuq il-"Malta Independent" b'mod regolari sal-mewt tagħha.

Inċident ieħor gravi sar fl-2006 meta s-Sinjura Caruana Galizia bdiet tikteb fuq Norman Lowell u l-partit tiegħu "Imperium Europa" meta xi ħadd ta n-nar lid-dar tagħhom liema nar kien imkebbes b'*tyres* ta' trakk mimlija bil-petrol. Avolja saret ħafna ħsara hadd ma weġġa' u ħadd ma tressaq in konnessjoni

ma' dan l-inċident. Sadanittant kompliet tikteb b'Ingliż perfett, b'pinna ċara u inċiżiva fejn il-popolarità tagħha kompliet tikber. Veru illi kellha *bias* favur il-Partit Nazzjonalista peró irriżulta illi ma kenitx tifforma parti minn dak il-partit u lanqas ma kellha xi inkarigu speċjali sabiex tikteb għan-nom tiegħu. Fil-fatt, kienet tikkritika b'mod qawwi diversi personaġġi assoċjati mal-Partit Nazzjonalista, per eżempju kitbet kontra Richard Cachia Caruana illi kien viċin ħafna tal-Prim Ministru Eddie Fenech Adami kif ukoll kontra d-Deputat Prim Ministru Guido De Marco. Fl-2004 ikkritikat lil Fenech Adami stess talli aċċetta l-presidenza tal-pajjiż.

**Jitwieled il-blog "Running Commentary"**

Ftit qabel l-elezzjoni tal-2008 bdiet il-blog tagħha "Running Commentary" li mal-ewwel kiseb popolarità kbira. Jinghad peró illi kienet aggressiva mhux ħażin fil-kitbiet tagħha speċjalment ma' esponenti tal-Partit Laburista. Dan peró ma kienx biżżejjed u s-Sinjura Caruana Galizia bdiet tikteb ukoll fil-konfront ta' nies privati illi l-uniku kriterju illi immotiva kritika kien l-assoċċjazzjoni tagħhom mal-Partit Laburista. Din il-kritika wasslet għal ħolqien fl-2008 ta' blog ieħor bl-isem "*Taste Your Own Medicine*". Dana kien anonimu, peró beda jattakka lis-Sinjura Caruana Galizia u lill-familja tagħha

personalment fejn saru oġġett ta' mibgħeda. Ġie allegat illi dan il-*blog* kien kreazzjoni tal-Partit Laburista.

Interessanti x-xhieda ta' Mark Anthony Sammut li ta fit-8 ta' Frar 2021 fejn irrefera għal diskursata li kellu mal-mibki missieru l-awtur Frans Sammut, intellettwali assoċjat mal-Partit Laburista. Dan kien qallu li Dr. Joseph Muscat kien avvicinah biex jikkontribwixxi għal blog intiż biex jikkuntrasta l-kitba tas-Sinjura Caruana Galizia. Missieru kien irrifjuta li jagħmel dan. Fix-xhieda tiegħu quddiem dan il-Bord tal-4 ta' Diċembru 2020 Dr. Muscat qal li hu qatt ma kellu x'jaqsam ma' *blogs* intiżi biex jikkontrastaw lis-Sinjura Caruana Galizia u lanqas ma nkoraġġixxa kitbiet fil-konfront tagħha. Il-fatt jibqa' li dan il-blog kien jeżisti u baqa' jattakka lis-Sinjura Caruana Galizia, jesponiha għal stmerrija, ridikolu u fastidju sakemm l-Onorevoli Glenn Bedingfield introduċa l-*blog* tiegħu.

**Kampanja ostili minn persuni li jokkupaw kariga pubblika:**

L-Onorevoli Bedingfield xehed quddiem din l-Inkjesta fis-seduta tal-21 ta' Frar tas-sena 2020 fejn innega kwalunkwe konnesjoni ma' dan il-blog magħruf "*Taste Your Own Medicine*". Ammetta peró l-patroċinju ta' *blog* illi huwa beda taħt ismu kif ukoll ta' programm fuq il-One TV bl-isem "*Ta' Taghna t-*

*Tnejn*" flimkien mal-Avukat Luke Dalli. F'dan il-programm is-Sinjura Caruana Galizia ġiet deskritta bħala "el fava", terminu dispreġġattiv b'konnotazzjonijiet sesswali li rrendiha spiss oġġett ta' stmerrija u kundanna.

L-Onorevoli Bedingfield ippreżenta lista ta' ħames mija u tmienja u ħamsin (558) isem ta' nies li ġew attakkati mis-Sinjura Caruana Galizia u argumenta illi d-dritt tal-libertà tal-kelma japplika għal kulħadd u mhux għal persuna waħda biss. Sikwit uża l-frażi "*an equal and opposite reaction*" għal kitbiet illi kienet tikteb is-Sinjura Caruana Galizia fejn kienet tattakka bla ħniena kwalunkwe persuna konnessa ma' jew esponent tal-Partit Laburista. Kif diġà ingħad, is-Sinjura Caruana Galizia kienet aggressiva ferm fil-kitbiet tagħha, u veru li setgħet weġġgħet ħafna nies. Per eżempju, kien kattiv u krudili r-rapportaġġ tagħha illi ċ-*Chief of Staff* Keith Schembri kien marid serjament u di più semmiet it-terminu ta' tlett xhur meta dan kellu jmut. Żgur illi rapportaġġ bħal dan jolqot fil-laħam il-ħaj lil kull min ikun involut u jġib sentiment ta' rabja qawwija f'dak li jkun.

Dan l-istil ta' rapportaġġ għandu jkun ikkundannat, jigi minn fejn jigi.

Peró illi jingħad illi l-kitbiet tal-Onorevoli Bedingfield kienu *"an equal and opposite reaction"* huwa żbaljat. Ma kien hemm xejn "*equal*" f'dak illi kien jikteb l-Onorevoli Bedingfield ma' dak illi kienet tikteb is-Sinjura Caruana Galizia. Dana il-għaliex dak tal-ewwel kellu warajh *media house* kif ukoll is-saħħa ta' Partit Politiku u l-Gvern tal-ġurnata bir-riżorsi kwazi infiniti tiegħu.

**Attakki jiħraxu qabel l-elezzjoni tal-2017**

Meta kienet qed tavviċina l-elezzjoni tal-2017 il-komunikazzjonijiet tal-Gvern li jiskreditaw ir-rappurtaġġ tas-Sinjura Caruana Galizia intensifikaw, partikolarment fejn jinvolvu l-Panama Papers, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Joseph Muscat, Michelle Muscat, Pilatus Bank u oħrajn relatati. Bħallikieku dan mhux biżżejjed, ġie rappurtat ukoll li l-Gvern kien ingaġġa d-ditta ta' relazzjonijiet pubbliċi Chelgate, uffiċjalment biex jagħti pariri lill-Gvern kif jirribatti aħbarijiet foloz fil-konfront tiegħu. Peró l-gazzetta Svediza "Svenska Dagbladet" irraportat li l-Gvern Malti kien ingaġġa d-ditta Ingliza Chelgate biex ixxerred għajdut li s-Sinjura Caruana Galizia kienet spijja għar-Russja u dana waqt il-kampanja tal-elezzjoni tal-2017. (https://www.sudh.se/mordhistorier-shaker-on-kapplas-till-oversta-maken). Waqt ix-xhieda tiegħu quddiem dan il-Bord, l-allura Kap tal-Komunikazzjoni Kurt Farrugia nnega li l-ingaġġ ta' Chelgate kien biex jiskredita lis-Sinjura Caruana Galizia, għad li ma nnegax li

Chelgate kienet ingaġġata mill-Gvern. Hi x'inhi, dana juri s-saħħa finanzjarja, influwenza u poter li kellu l-Gvern li kollha kienu disponibbli għalih u għall-Onorevoli Bedingfield biex jikkuntrastaw lis-Sinjura Caruana Galizia.

Il-kuntrast ma setax ikun aktar manifest:

L-Onorevoli Bedingfield u anke funzjonarji tal-Gvern jattakkaw ġurnalista mentri s-Sinjura Caruana Galizia kienet ġurnalista tattakka l-Gvern.

Meta ried is-Sur Bedingfield seta' jmur quddiem it-television u jxandar l-opinjonijiet tiegħu mal-erbat irjieħ mentri s-Sinjura Caruana Galizia kienet tikteb waħedha bil-lingwa Ingliża illi mhux kulħadd kien komdu fiha. Tant hu hekk illi l-Bord huwa persważ illi ħafna min-nies illi kienu jikkundannawha qatt ma qraw dak li kienet tikteb, ħaġa li ma sfuġġietx lill-ġurnalista Roberto Saviano fil-ktieb tiegħu "*Di la verità anche se la tua voce trema*". F'paġna 9 jgħid: "*Ogni articolo di Daphne era giudicato senza essere letto, molti Maltesi non leggevano nemmeno l'Inglese dei suo pezzi ma sapevano benissimo come contrastarlo...*".

**Kampanja ta' deumanizzazzjoni:**

Dana l-għaliex filwaqt illi ħafna ma kienux daqshekk komdi bil-lingwa Ingliża, kienu esposti kontinwament għal programmi televiżivi bil-Malti illi kienu jattakkaw mingħajr ħniena lis-Sinjura Caruana Galizia biex biż-żmien saret "dehumanised" u oġġett ta' mibgħeda u stmerrija. Eżempju tipiku ta' dan kien l-inċident tar-Rabat ftit wara l-elezzjoni tal-2013 li fih kien hemm involut l-ex Sindku taz-Żurrieq Ignatius Farrugia. Is-Sinjura Caruana Galizia kienet qiegħda tattendi festa r-Rabat flimkien ma' ħbieb u familjari tagħha meta s-Sur Farrugia lemaħha, beda jgħajjat fil-konfront tagħha u ġemgħa nies marru jiġru warajha tant illi kellha ssib refuġju f'kunvent tal-patrijiet. Dan l-incident peró kellu konsegwenzi aktar serji peress illi meta s-Sur Farrugia ġie mressaq il-Qorti biex iwieġeb għall-akkuzi in konnessjoni ma' dan l-inċident l-Ewwel Qorti sabitu ħati, is-Sur Farrugia appella u fl-appell ingħatat deċiżjoni illi l-istess Imħallef deherlu illi kienet żbaljata u talab lill-President tar-Repubblika sabiex tippubblika maħfra fil-konfront tas-Sur Farrugia, kif fil-fatt sar.

L-importanza ta' dan ma huwiex tant il-maħfra fiha nnifisha daqstant il-messaġġ illi bagħtet. Mhux probabbli illi l-pubbliku in ġenerali kien qed jifhem il-komplikazzjonijiet legali illi kienu waslu għal din il-maħfra. Kienu jafu biss illi Ignatius Farrugia li kien involut f'xi aggressjoni fil-konfront tas-Sinjura Caruana Galizia ġie meħlus minn kull akkuża u kwindi setgħet tiġi kkonsidrata bħala

"*fair game*" għal kull min ried jagħmel xi ħsara fil-konfront tagħha. Dan beda jgħolli l-livell ta' riskju illi s-Sinjura Caruana Galizia kienet qed tiffaċċja dak iż-żmien.

Sadanittant peró kif ingħad, wara l-inċdenti tal-2006 tal-ħruq mad-dar tagħha, s-Sinjura Caruana Galizia kien qed ikollha xi forma ta' protezzjoni mill-pulizija. L-Ex-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo li xehed fis-7 ta' Jannar 2020 qal illi huwa kompla fuq il-miżuri li kienu poġġew il-predeċessuri tiegħu l-Kummissarji Alfred Calleja u George Grech. Rizzo qal testwalment: *".....żgur illi protezzjoni kien hemm ma' Daphne, żgur baqgħet hemm. Issa kemm damet hemm I do not know. Jekk kontx jien li neħħejthom, jekk kienux ta' warajja li neħħewha I can't remember."*

Irriżulta illi l-Pulizija kienu jorganizzaw "*frequent patrols*" fl-inhawi tar-residenza tagħha u dawna kienu jiżdiedu u anke tqiegħed "*fixed point*" fi żmien l-elezzjoni jew inkella fi żmien ir-Referendum tal-Kaċċa. L-ex Kummissarju Peter Paul Zammit xehed illi jaf illi kien hemm ordni għal "*frequent patrols*" u dik ħalliha hemmhekk. L-istess Ex-Kummissarju Michael Cassar ippreżenta elenku tal-ġranet meta kien hemm "*fixed point duties*" mar-residenza tas-Sinjura Caruana Galizia. Dawna kienu fi żmien l-elezzjonijiet u fi

żmien ir-Referendum tal-Kaċċa. Xehed illi qatt ma ta ordni sabiex kollox jieqaf peró ma kienx hemm komunikazzjoni regolari bejnu u bejn is-Sinjura Caruana Galizia, ħaġa li kienet tispikka sew bejnha u l-Kummissarju Rizzo. Is-Sur Rizzo spjega illi kien ikun f'kuntatt regolari magħha u minkejja illi kienet turi ċerta oppożizzjoni illi jkollha l-Pulizija wara darha, s-Sur Rizzo kien jinsisti magħha illi din il-protezzjoni kien ser jagħtihielha trid jew ma tridx.

Sadanittant il-pressjoni fuq Caruana Galizia kompliet tiżdied fil-kampanja elettorali tal-2013 meta l-Partit Laburista tella' billboard li wera wiċċ Caruana Galizia flimkien ma' esponenti oħra tal-Partit Nazzjonalista biex b'hekk ġiet identifikata ma' dak il-partit.

**Pressjoni Kbira wara l-2013:**

Wara l-elezzjoni tal-2013, persuni direttament involuti f'kampanja ta' attakki kontra l-ġurnalista assassinata assumew karigi ta' uffiċjali pubbliċi bosta minnhom fl-uffiċċju tal-Prim Ministru. Kienu jokkupaw karigi bil-funzjoni li jmexxu l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Gvern mal-poplu. F'dik il-kapaċita' dawn il-persuni mhux biss kellhom l-obbligu li jieqfu minn dawn l-attakki għax kienu obbligati jiddefendu d-dritt fondamentali tal-espressjoni. Kellhom l-obbligu li jieħdu passi biex irażżnu dawn l-attakki jiġu minn fejn jiġu anke minn

dawk tal-partit li kienu membri tiegħu imma wkoll jekk il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienet qed tikteb b'mod aħrax kontra l-politika dikjarata tal-Gvern jew persuni li jikkomponuh. Dan l-aspett ġie trattat ukoll fl-osservazzjoni ġenerali tal-Bord.

Din il-kampanja denegratorja issa aggravata bil-*blogs* ta' Glenn Bedingfield li allura beda jokkupa kariga uffiċjali kif ukoll bil-*posts*, fost oħrajn, illi kien jagħmel Neville Gafa, funzjonarju ieħor tal-Gvern illi kien ipinġi lil Daphne Caruana Galizia bħala s-saħħara b'figuri u ritratti grafiċi b'intenzjonijiet malizzjużi u kattivi. Is-Sinjura Caruana Galizia kienet qed tiġi segwita kull fejn tmur bir-ritratti tagħha jiġu *uploaded* fuq facebook flimkien ma' kummenti dispreġġjattivi kemm fuq il-facebook *post* ta' Neville Gafa kif ukoll fuq il-*blog* ta' Glenn Bedingfield u oħrajn.

F'dan l-istadju d-"*dehuminisation*" tagħha kien wieħed avvanzat u saret oġġett ta' stmerrija u mibgħeda. Quddiem dan kollu l-Pulizija ma għamlet xejn, anzi f'ċerta sitwazzjonijiet kienet ukoll sors ta' fastidju u *harassment* tal-istess Caruana Galizia meta, per eżempju, xi ħadd irrapporta malizzjozament illi s-Sinjura Caruana Galizia kienet laqtgħet il-karrozza tiegħu meta din kienet ipparkjata fil-*car park* tal-allura sptar St. Luke's. Il-Pulizija talbu lis-Sinjura

Caruana Galizia biex tmur l-Għassa u din irrifjutat għax qalet li dak ir-rapport ma kienx minnu. Għalhekk, marru għand is-Sinjura Caruana Galizia sabiex jispezzjonaw il-karrozza tagħha u jaraw jekk dina kellhiex xi marki illi kien jindika xi forma ta' impatt ma' vettura oħra. Fil-fatt ma kien irriżulta xejn. Kien hemm ċirkostanza oħra fejn ġiet mogħtija *parking tickets* għal xejn, u anke drabi fejn Pulizija xehed il-falz fil-konfront tagħha.

**Svolta fir-riskju wara l-Panama Papers**

Fi Frar tal-2016 ir-riskju għas-Sinjura Caruana Galizia żdied enormament meta bdiet tesponi l-istrutturi sigrieti *offshore* u li kienu mwaqqfa mill-grupp ta' *accountants* Nexia BT favur esponenti għolja tal-Gvern. Għall-ewwel din l-istorja ġiet ridikolata bħala pura invenzjoni tal-Partit Nazzjonalista biex jiddistabilixxi lill-Gvern. Meta mbagħad il-veraċità tagħha bdiet toħroġ fil-pubbliku, peress illi din ma kenitx ħaġa ta' Malta, imma kienet tikkonċerna strutturi internazzjonali magħrufa sussegwentement bħala l-Panama Papers, is-sitwazzjoni saret aktar serja. Kontemporanjament, bdew dehlin ir-rapporti tal-F.I.A.U. dwar illegalità illi setgħet ġiet kommessa miċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru Keith Schembri kif ukoll mill-Ministru Konrad Mizzi. Meta l-Pulizija talbu illi jkollhom awtorizazzjoni sabiex jipproċedu kontra Nexia BT, l-Avukat Ġenerali Dr. Peter Grech kien kiteb ittra fejn ta l-parir illi tali tfittxija fl-uffiċini

ta’ Nexia BT għal *servers* u dokumenti setgħet titqies bħala “*too intrusive*”. Abbażi ta’ dan il-parir il-Pulizija, allura mmexxija mill-Kap tal-*Economic Crimes Unit*, is-Supretendent Ian Abdilla ddeċidew illi ma jagħmlu xejn u kollox baqa’ kif kien. Nexia BT baqgħu joperaw b’mod regolari, jirċievu kuntratti mingħand il-Gvern, Keith Schembri baqa’ jokkupa l-pożizzjoni tiegħu bħala *Chief of Staff* mentri Konrad Mizzi ġie mmexxi lateralment minn dekasteru għall-iehor. Filwaqt illi l-Panama Papers għamlu skossi u terremoti mad-dinja kollha għal dak li jirrigwarda Malta bilkemm għamlu immewġa u baqa’ kollox għaddej daqslikieku ma ġara xejn. Sadanittant kull rapport mis-Sinjura Caruana Galizia dwar irregolaritajiet minn funzjonarji għolja tal-Gvern beda jżid ir-riskju illi kienet qed tiffaċċja.

F’Mejju tal-2016 ġie rrapportat illi l-F.I.A.U. għamlu u kkonkludew rapport fejn urew it-tħassib tagħhom u suspetti illi tranżazzjoni ta’ mitt elf ewro (Eur100,000) bejn Keith Schembri u Brian Tonna kienet riżultat ta’ attività kriminuza marbuta mal-bejgħ tal-passaporti. L-istess, ma kien hemm l-ebda konsegwenza għal Keith Schembri jew Brian Tonna għal dan ir-rapport. Beda jidher ċar li kull min kien viċin il-poter ta’ Kastilja kien protett u bdiet tiġi ġenerata dik il-kultura ta’ impunità li dwarha il-Bord diġà beda jagħmel konsiderazzjonijiet. F’dawn l-istess żminijiet it-tensjoni kompliet tikber meta

s-Sinjura Caruana Galizia allegat illi l-benefiċjarju tal-kumpanija *offshore* Egrant ma kienet xejn anqas ħlief il-mara tal-Prim Ministru, Michelle Muscat. Kien hemm diskussjoni mqanqla bil-pajjiż maqsum, min hu favur dak li kitbet is-Sinjura Caruana Galizia u min kien kontra sakemm, tajjeb jew ħazin il-Prim Ministru ddeċieda illi jsejjaħ elezzjoni ġenerali f'Marzu tal-2017. Kien żmien meta s-Sinjura Caruana Galizia bdiet tiġi impinġija bħala spalla importanti għal Partit Nazzjonalista. L-elezzjoni ntrebħet b'maġġoranza straordinarja favur il-Partit Laburista u b'hekk ġie jidher illi mhux biss il-Partit Nazzjonalista ġie sfiduċjat imma anke s-Sinjura Caruana Galizia. L-unika protezzjoni illi ingħata mill-Pulizija kien biss f'dawk il-ġranet tal-elezzjoni fejn saru "*fixed points*" wara l-bieb tar-residenza tagħha. Għaddew dawk il-ġranet u s-Sinjura Caruana Galizia reġgħet sfat ruħha waħedha. Inħoloq xenarju ta' impunità u dghjufija ta' istituzzjoniiet li fih min ried jagħmillha ħsara għamel il-kuraġġ u kompla jaħmi f'aktar dettall il-pjan biex tiġi eliminata Daphne Caruana Galizia darba ghal dejjem.

Dan il-pjan kompla jiġi mgħejjun bis-sitwazzjoni politika li tfaċċat wara l-elezzjoni, bir-riżenja tal-allura Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Simon Busuttil u l-proċess tal-elezzjoni tal-kap il-ġdid. Hawnhekk, is-Sinjura Caruana Galizia tat il-kontribut tagħha bis-soltu stil fejn attakkat qatta bla habel lill-kandidat

Dr. Adrian Delia. Minkejja kollox, dan ġie elett bħala Kap tal-Oppożizzjoni u b’hekk ġie jidher li s-Sinjura Caruana Galizia ġiet kompletament iżolata, attakkata minn kullimkien. Peró, baqgħet tagħmel il-kuraġġ għax il-*hits* fuq il-*post* tagħha kienu fl-ogħla tagħhom u kienet ferm popolari qalb il-qarrejja tagħha. Dan ma kienx biżżejjed biex jiggarantilha sigurtà peress li l-attakki fuqha komplew jiżdiedu u jsiru aktar ħorox u aggressivi fit-ton u għamla tagħhom.

**Viċinanza ma’ persuni fl-amministrazzjoni pubblika**

Fattur li kien determinanti għaż-żieda tar-riskju li kienet qed tiffaċċja s-Sinjura Caruana Galizia kien il-viċinanza tal-allegati eżekuturi tad-delitt ma’ persuni prominent fl-amministazzjoni pubblika. Fix-xhieda ġuramentata li Vincent Muscat il-Koħħu, ta quddiem dan il-Bord fis-6 ta’ April 2021 u kif konfermata fix-xhieda li ta fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-aħwa Degiorgio fis-16 u 21 ta’ April 2021, spjega din il-viċinanza u kif kien sar pjan ieħor fl-2014-2015 biex tinqatel s-Sinjura Caruana Galizia. F’dan il-pjan, kienu involuti Vince Muscat u xi persuni oħra. Il-pjan falla meta l-flus li ntalbu ma tħallsux. Vince Muscat, il-Koħħu xehed li t-tieni pjan ġie moħmi u kellu jiġi esegwit qabel l-elezzjoni tal-2017. Hu kkonferma illi l-pjan ġie mwaqqaf u ġie reattivat immedjatament wara li ħareg ir-riżultat tal-elezzjoni. Dan il-fatt, jekk jirriżulta verifikat u

rilevat minn persuna li ammetta li kien involut fl-ippjanar u l-esekuzzjoni materjali tad-delitt, jikkonferma lil hinn minn kull dubbju raġoneoli li min wettaq id-delitt ħa ħsieb li jwettqu fl-aktar ħin opportun u spedjenti mhux biss għalihom personalment imma wkoll politikament.

Ma huwiex il-kompitu ta' dan il-Bord li jidħol fil-meritu tal-pjan tal-assassinju jew min seta' kien responsabbli ghalih peress li dan hu kompitu tal-Pulizija peró, ma jistax ma jirrimarkax li dawn iċ-ċirkostanzi nisslu is-serħan il-moħħ f'dawk li kellhom il-pjan li jesegwixxu d-delitt li ma kenux ser jinqabdu wara l-assassinju. Vince Muscat semma' partikolarment ex-Ministru. L-allegati eżekuturi tant kellhom moħħom mistrieħ li kienu jafu minn tlett gimgħat qabel li ser jiġu arrestati fl-4 ta' Diċembru 2017 u kellhom l-opportunità jżarmaw l-ambjenti li kienu jokkupaw fil-magħrufa tinda tal-Patata l-Marsa. Dana ġie konfermat mill-allura Prim Ministru Dr. Joseph Muscat meta xehed (bil-magħluq pero' wara disponibbli fid-dominju pubbliku) quddiem dan il-Bord fl-4 ta' Diċembru 2020. "*Jien illum il-ġurnata għandi suspett pjuttost fondat illi fil-laqgħa jew laqgħat li kienu qegħdin isiru qabel l-arrest tat-tlett persuni kien hemm leak... F'dawk il-laqgħat kien ikun hemm preżenti iva Keith Schembri u Silvio Valletta ... imma huwa car illi l-persuni arrestati kienu jafu ... it was a fact*". Vince Muscat xehed li ġie mogħti informazzjoni mill-aħwa

Degiorgio li l-arrest tagħhom kellu jkun wieħed temporanju fejn wara l-arrest kellhom jiġu interrogati u meħlusa wara ftit ġranet. Fil-fatt ma kienux u dak li ġara wara huwa fid-dominju pubbliku.

Hu rilevanti għal dan l-eżerċizzju l-viċinanza tal-kriminalità orgnanizzata mal-politiku u l-ogħla organu ta' poter fil-pajjiż. Viċinanza li għamlet il-kuraġġ u saħħet il-volontà tal-allegati eżekuturi tal-assassinju li kienu konvinti li ma kienux ser jinqabdu wara l-kommissjoni tad-delitt u jekk jinqabdu kienu ser jiġu meħlusa wara ftit jiem. Din il-viċinanza allegata minn Vince Muscat imma altrimenti miċħuda, jekk tirriżulta li kienet teżisti qabel l-omiċidju tkun għolliet il-livell ta' riskju li kienet qed tirrinfaċċja s-Sinjura Caruana Galiza għal livelli perikolużi ħafna.

Hemm evidenza tal-involviment ta' uffiċjali pubbliċi fl-O.P.M. fosthom Keith Schembri, oħrajn fl-uffiċċju tiegħu u membri fil-korp tal-Pulizija żgur wara d-delitt biex b'xi mod jgħinu lill-allegati esekuturi. Min allegatament wettaq l-assassinju kien iħossu kopert sal-punt li kien konvint li jew mhux ser jinqabad jew jeħlisha ħafif. Hemm provi, kif ingħad, li elementi fil-korp tal-Pulizija fl-għola ranki kienu involuti fi ħbiberija mhux xierqa a skop ta' vantaġġ personali, ċertament wara li seħħ id-delitt. Mhux eskluż li setgħu kienu jeżistu qabel.

Inċidenti u intriċċi serji li effettivament wasslu għar-riżenji ta' wħud minn dawn l-uffiċjali għolja u ta' Inkjesti Maġisterjali.

**Entitajiet tal-iStat jinjoraw allegazzjonijiet serji tal-ġurnalista**

Diffiċli li wieħed iżomm kronoloġija tal-avvenimenti li ġraw qabel l-assassinju peress illi l-frekwenza u d-durata tagħhom ġew fuq xulxin. Peró l-linja komuni li kienet tiġri f'dak kollu li kienet tirrapporta s-Sinjura Caruana Galizia kien li tikteb x'tikteb dwar korruzzjoni, illegalitajiet u nuqqas ta' etika professjonali ta' persuni fl-ogħla karigi, qatt ma kien isir xejn minkejja li l-pulizija u diretturi ta' istituzzjonijiet li xehdu quddiem dan il-Bord qalu li kienu jużaw ir-rapporti tagħha bħala sors ta' informazzjoni. Dan in-nuqqas ta' azzjoni kompla iżid l-iżolament tas-Sinjura Caruana Galizia u konsegwentement ir-riskju għall-ħajjitha.

Bdew isiru libelli wara l-ieħor mill-politiċi, Bank Pilatus u kummerċjanti kbar bl-aktar wieħed serju ikun dak tal-allura Ministru Dr. Chris Cardona. Hu magħruf li s-Sinjura Caruana Galizia kienet allegat li l-Ministru Chris Cardona kien iffrekwenta burdell il-Ġermanja waqt li kien fuq doveri uffiċjali tal-Gvern. Ir-reazzjoni tiegħu kienet waħda aggressiva bla preċedent fejn, minbarra kawża ta' libel, intavola u akkwista ordni ta' Mandat ta' Sekwestru u Qbid tal-finanzi

tas-Sinjura Caruana Galizia. L-importanza ta' dan ma kienx tant id-diffikultajiet finanzjarji li kellha tiffaċċja, daqs kemm li ġiet esposta l-vulnerabbilità tagħha għal min ried jagħmillha l-ħsara u kważi garantita l-impunità tiegħu. L-ironija hi li f'intervista li Dr. Cardona, allura deputat kap tal-Partit Laburista, ta lit-Times of Malta ppubblikata fil-ħarġa tal-5 ta' Gunju 2020, mistoqsi jekk is-s-Sinjura Caruana Galizia kenitx "*…a thorn in your side*". Dr. Cardona ġie rrappurtat li rrisponda "*she was not a thorn in my side, in anybody's side, she was a pillar of democracy*". Meħud in konsiderazzjoni t-trattament/persekuzzjoni li ssubiet minn kull kwartier, din id-differenza bejn il-kliem u l-fatti ma setgħetx tkun aktar manifesta.

**Proġett Electrogas**

Sadanittant, is-Sinjura Caruana Galizia bdiet tirċievi kwantità kbira ta' *leaked emails* mill-kumpanija Electrogas u kienet ċerta li kien hemm korruzzjoni liema bħala fil-proċess tal-għoti tal-kuntratt. Kienet taf bl-eżistenza ta' 17 Black. Kienet taf li l-Electrogas kien f'xifer falliment u f'Settembru 2017 kitbet dwar dan u ftit wara ndaħal il-Gvern biex ta garanzija illi permezz tagħha l-kumpanija akkwistat "*financial closure*" f'Novembru 2017 u cioé xahar wara l-assassinju tagħha. Hu probabbli li kieku kien ġie żvelat b'ċertezza u pubblikament qabel l-assassinju, ta' min kienet il-kumpanija 17 Black, il-Gvern

kien isib ruħu f'pożizzjoni skomda biex jagħti garanzija u l-futur tal-kumpanija kien ikun mess in dubju. Dan mingħajr ma wieħed jinjora l-fatt illi c-Chief of Staff tal-Prim Ministru kien jaf ben tajjeb min kien l-UBO ta' 17 Black ferm qabel ma xandret l-aħbar Daphne Caruana Galizia. Dan jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess. Mhuwiex il-kompitu ta' dan il-Bord li jitratta l-motivi tal-assassinju peress li, kif ingħad, dan hu ta' kompetenza tal-Pulizija.

Daphne ma nqatlitx minħabba z-zekzik (*gossip*) iżda minħabba xi ħaga ferm u ferm aktar serja.

**Responsabbilità tal-Entitajiet tal-iStat**

Kwindi meta l-Bord iqis dan kollu, jikkonkludi li bejn l-2013-2017 is-Sinjura Caruana Galizia kienet esposta għal skala dejjem gravanti ta' riskju personali. Riskju veru u attwali li kontemporanjament poġġa l-ħajja tagħha f'perikolu manifest. Perikolu li seta' faċilment ġie identifikat mill-awtoritajiet li naqsu fl-obbligazzjoni pożittiva tagħhom li jieħdu dawk il-miżuri operattivi neċessarji, li ma kienux ser ipoġġu oneru impossibbli jew sproporzjonat fuqhom, sabiex jipproteġu l-ħajja tas-Sinjura Caruana Galizia minn azzjonijiet kriminali ta' terzi.

# Taqsima IV - It-tieni terminu ta' referenza

*"2. tistabbilixxi jekk l-Istat kellux u għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet ta' liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa stat ta' de facto impunitá bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex jiddiswadi mit-twettiq ta' reati kriminali serji, bl-appoġġ ta' makkinarju ta' inforzar tal-liġi għall-prevenzjoni, s-soppressjoni, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjonijiet serji tal-liġi;"*

**Taqsima IV**

**It-Tieni Terminu ta' Referenza**

Il-Bord tal-Inkjesta ser issa jgħaddi biex jeżamina t-tieni terminu ta' referenza u cioé li l-Bord "għandu jistabbilixxi jekk l-Istat kellux u għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa stat ta' *de facto* impunità bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex jiddiswadi mit-twettieq ta' reati kriminali serji bl-appoġġ ta' makkinarju ta' infurzar tal-ligi għal prevenzjoni, soprasessjoni, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjoni serji tal-liġi."

**Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u s-Saltna tad-Dritt**

**Komunika mill-Kummissjoni Ewropeja lill-istituzzjonijiet ewropej**

F'dan ir-rigward il-Bord jibda billi jiccita mill-"*Communication from the Commission to the European Parliament, The Council, The European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions, 202 Rule of Rule Report, The Rule of Law Situation in the European Union*". Permezz ta' dan ir-Rapport il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat illi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija essenzjali sabiex taħdem is-saltna tad-dritt.

Ir-Rapport jgħid hekk: *"Corruption undermines the functioning of the State and of Public Authorities at all levels and is a key enabler of organized crime. Effective anti-corruption frameworks, transparency and integrity in the exercise of state power can strenghten legal systems and trust in public authorities. Fighting corruption needs to be based on evidence about its prelevance and form in a given country, the conditions that enable corruption and the legal institutional and other incentives that can be used to prevent, detect and sanction corruption. The fight against corruption cannot be reduced to a standard one size fits all set of measures. It also needs to take into account specific risk factors which may vary between different member states. Nevertheless all member states need tools in place to prevent, detect, curb and sanction corruption. The need for comprehensive preventive strategies that increase transparency and integrity in all sectors of society and function on root causes has long been recognized by the E.U. Such strategies should be based on an assessment of threats, vulnerabilities and risk factors, likewise the need for reliable and effective integrity measures, efficient corruption preventive systems and effective, accountable and transparent public institutions at all levels is also part of the E.U. approach to fighting corruption."*

**Ħtieġa ta' miżuri ta' prevenzjoni u repressjoni**

Sussegwentement ir-Rapport jgħid illi jeħtieġ illi kull Stat ikollu "*a combination of prevention and repressive measures*". Ir-rapport ikompli hekk: "*This calls for independent and impartial justice systems that effectively enforce anti-corruption legislation by conducting impartial investigations and prosecutions and effective proportionate and dissuasive sanctions including the effective recovery of proceeds of corruption. This in turn requires a robust legal and institutional framework, sufficient administrative and judicial capacity as well as the political will for enforcement measures, independent and pluralistic media, in particular investigative journalism and an active civil society playing an important role in the scrutiny of public affairs detecting possible corruption and integrity breaches, raising awareness and promoting integrity. The fight against corruption also has an important E.U. dimension as it is linked to the protection of the financial interests of the Union. The European Public Prosecuting Office will pay a crucial role in this regard.*"

**Leġiżlazzjoni meħtieġa kontra l-korruzzjoni**

Ir-Rapport isemmi wkoll li hemm bzonn ta' legislazzjoni kontra l-korruzzjoni, il-protezzjoni ta' whistleblowers, regoli riveduti kontra l-hasil tal-flus u l-bzonn illi jkun hemm skambju ta' informazzjoni finanzjarja sabiex investigazzjonijiet

ta’ natura finanzjarja jithaffu. Ir-Rapport isemmi espressament lil Malta u jghid hekk: *“The ongoing investigation and separate Public Inquiry into the assassination of investigative journalist Daphne Caruana Galizia unveiled deep corruption patterns and sparked a strong public demand for significantly strengthening the capacity to tackle corruption and wider rule of law reforms*.” Isemmi wkoll l-indipendenza tal-media u fir-rigward ta’ Malta jghid: *“The independence and competence of media authorities is established by law in all member states. Nevertheless some concerns have been raised with regard to the politicization of the authority for instance in Hungary, Malta and Poland.”*

Huwa sinjifikanti wkoll li r-Rapport isostni illi f’Malta sabu li kien diffikultajiet u ostakoli sabiex iċ-ċittadin jottjeni l-informazzjoni u dana fir-rigward tar-*“right of access to information*” li huwa importanti wkoll għall-iskrutinju ta’ istituzzjonijiet pubbliċi u sabiex tinżamm ir-*“rule of law*”. Ir-rapport sab nuqqas fir-rigward ta’ Malta peress illi għadha ma appuntatx *“a National Human Rights Institution*”. Madanakollu r-Rapport jgħid illi l-Parlament ta’ Malta qiegħed jikkonsidra li tinħoloq din in-National Human Rights Authority, N.H.R.I. indipendenti.

**Evaluation Report tal-GRECO Kritiku ta’ Malta**

Sabiex ikompli fuq il-linji gwidi li ħarġu mill-Unjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Ewropa, il-Bord ser jirreferi issa għall-“Evaluation Report” li sar fuq Malta mill-Kummissjoni Greco tal-Kunsill tal-Ewropa, li ġie ppubblikat fit-3 ta’ April 2019. Ir-Rapport evalwa jekk Malta għandhiex qafas effettiv f’postu sabiex jilqa’ u anke jipprevjeni korruzzjoni mill-Ministri u ufficjali għolja tal-Gvern u minn membri tal-forza tal-Pulizija. Ir-Rapport, fost affarijiet oħrajn, jgħid hekk: *“For a country of that size, Malta has on paper an impressive arsenal of public institutions involved in checks and balances. However their effectiveness is being questioned as the country was confronted in recent years with an unprecedented wave of controversies concerning the integrity of senior government officials up to the highest levels. These included allegations of misuse of state resources and nepotism, conflicts of interest in relation to privatization, tenders, energy supplies and the sale of land measured to attract foreign investments including through the sale of passports, the award of contracts and public positions, the capacity of its criminal justice system and preventive mechanisms to deal with allegations of corruption and money laundering in the above context was largely questioned.*

Ir-Rapport Greco sab li Malta ma għandhiex strateġija "*or coherent risk based approach*" meta si tratta tal-integrità tal-uffiċjali tal-Gvern u għalhekk hemm bżonn illi jkun hemm regoli aktar stretti fir-rigward tal-involviment ta' uffiċjali għolja tal-Gvern f'kostruzzjonijiet, f'operazzjonijiet *offshore*, f'kunflitti ta' interess u dikjarazzjonijiet ta' assi u interessi. Instab ukoll illi ma hemmx "*general verification and enforcement regarding such rules*" u li ma hemmx sistema ta' sanzjonijiet. Instab illi s-sistema ta' Malta li tirregola l-ġustizzja kriminali ma tieħux passi effettivi meta jsiru allegazzjonijiet serji rigward il-qsim tad-dmirijiet bejn l-Ufficcju tal-Avukat Generali, l-Pulizija u l-Maġistrati Inkwirenti u jinħtieġ li dawn ir-responsabbilitajiet jerġgħu jiġu "*re-distributed*".

**Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni mhux effettiva u ħtieġa ta' riforma fil-Pulizija**

Ir-Rapport jinnota wkoll illi l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni f'Malta ma għandha l-ebda valur reali u effettiv u dana wara li ilha li twaqqfet tletin sena u dana peress illi wara li rat 'il fuq minn erba' mitt kaz, il-ftit informazzjoni li toħroġ tissuġġerixxi illi din il-Kummissjoni sallum ma waslitx għal xi riżultati konkreti. Fit-2 ta' Diċembru 2020 xehed is-Segretarju tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u qal li dakinhar li xehed il-Kummissjoni kellha madwar għaxar każ pendenti quddiemha. Deher ukoll iċ-

Chairman ta' din il-Kummissjoni, l-Imħallef Lawrence Quintano li nforma lill-Bord li ma setax jixhed għaliex huwa pprojbit mil-liġi milli jixhed u ghalhekk il-Bord ma ngħatax akar informazzjoni dwar ix-xogħol li qed twettaq din il-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-Pulizija, ir-Rapport Greco jgħid illi hemm bżonn li l-iStat jieħu "*a comprehensive set of measures to streamline integrity policies in the management of the force*". Jgħid li kien hemm *Chief Executive Officer* maħtur fl-2017 u dan kien żvilupp pożittiv iżda jinħtieġ li jkun hemm aktar miżuri "*including more robust ethical standards, a clear merit based approach for career decisions and promotions, the introduction of a communication policy, a more robust training system and so on*". Jinħtieġ ukoll illi "*The Independent Police Complaint Board*" jissaħħah u jsir aktar effettiv. Sabiex il-korruzzjoni tiġi miġġielda jinħtieġ strateġija ċara fuq rapporti minn *whistleblowers* u minn nies oħrajn u f'dan ir-rigward hemm bżonn illi jittiehdu miżuri protettivi għal dawk li jagħtu informazzjoni kif ukoll għal *whistleblowers*.

**Apprezzament Negattiv tas-sitwazzjoni f'Malta**

Ir-rapport isemmi li ntbagħat "*evaluation team*" Malta mit-2 sas-6 ta' Ottubru 2018. Malta ġiet fil-wieħed u ħamsin (51) pożizzjoni minn mija u tmenin (180)

skont it-*T I perception index 2018*. Il-*Eurobarometer* 457 *"on Business Attitudes towards corruption provides a similar picture. 58% of business respondents considered that corruption is a problem for doing business whilst 84% perceived corruption as widespread and 90% see excessively closed links within business and politics as one of the main causes of corruption on very specific variables. The above study refers to negative trends since 2015 for instance as regards the forms of corrupt behavior, links with political financing, tax fraud, vat avoidance, manipulation of tenders, impartiality of anti-corruption efforts etc*". Dana minn sondaġġi li saru Malta stess. F'dan ir-rigward issemmew il-kontroversji ta' Swiss Leaks, il-Panama Papers, il-Programm taċ-Ċittadinanza b'Investiment, is-Sinjura Caruana Galizia u Maria Efimova. Ir-Rapport isemmi illi kien hemm ħames Kummissarji tal-Pulizija differenti bejn l-2013 u l-2018. Jelenka r-rapporti li ħarġet l-F.I.A.U. dwar uffiċjali tal-Gvern, l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, id-"deal" tal-Electrogas, il-privatizzazzjoni tal-Isptarijiet lil ditta li ma kellha l-ebda esperjenza fis-settur tas-saħħa, il-bejgħ ta' art pubblika għal prezzijiet anqas mill-valur tas-suq, użu ħażin mir-riżorsi pubbliċi u s-sejħiet illi saru għar-riżenji tal-Kummissarji tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali.

Ir-Rapport Greco itemm billi jagħmel numru ta' rakkommandazzjonijiet u "*follow up*" fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Malta.

Effettivament ġie redatt l-"*Addendum to the Second Compliance Report Malta*", fil-25 ta' Marzu 2021, li ġie ppubblikat fil-11 ta' Mejju 2021.

Dan ir-Rapport irrikonoxxa li kien hemm numru ta' riformi pożittivi li ġew implimentati f'Malta mill-2019. Madanakollu, ħames proposti mid-disa' li kienu saru fl-2019 baqgħu ma gewx implimentati. Ir-Rapport għamel diversi rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Maltin. Il-Bord jinnota il-bosta Rapporti oħra minn istituzzjonijiet awtorevoli bhal Kummissjoni ta' Venezja għad-Demokrazija, permezz tal-Ligi tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-Assemblea Leġislattiva tal-Parlament Ewropew, Moneyval u oħrajn li identifikaw tista' tgħid l-istess nuqqasijiet fuq kif kien qed jiġi amministrat il-pajjiż.

**Fatti Rilevanti għal dan it-Tieni Terminu ta' Referenza**

1) Fis-16 ta' Ottubru 2017 il-ġurnalista investigattiva Daphne Caruana Galizia nqatlet b'karrozza bomba illi splodiet ftit il-bogħod mir-residenza tagħha fil-Bidnija. Huwa rilevanti li jingħad illi matul is-snin preċedenti f'Malta

saru diversi każi ta' karrozzi bomba. L-ebda wieħed minn dawn ir-reati ma ġie solvut u l-ebda persuna ma tressqet il-Qorti fir-rigward tagħhom.

2) L-arresti illi saru wara l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienu riżultat ta' investigazzjonijiet forensiċi illi rabtu l-bombi mal-allegati awturi. L-evidenza tissuġġerixxi illi l-"modus operandi" u forsi l-istess matriċi fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kien l-istess bħal dak ta' splużjonijiet preċedenti.

3) F'dan il-każ, tal-assassinju ta' ġurnalista prominenti u magħrufa internazzjonalment, wassal biex kien hemm pressjoni fuq l-iStat Malti sabiex jissolva l-assassinju. Kien hemm insistenza enormi pubblika anke internazzjonali sabiex issir investigazzjoni forensika serja sija bl-għajnuna ta' aġenziji u esperti barranin bħal Europol u l-F.B.I. Dan ma jidhirx illi kien il-każ fil-każijiet ta' karrozzi bomba preċedenti. Fil-verita', il-Gvern mill-ewwel irrealiżża l-gravita' tas-sitwazzjoni tant li minnufih wara li seħħ l-assassinju ħa passi biex jinvolvi l-F.B.I.

4) Il-fatt illi l-każijiet kollha li kien hawn Malta ta' karrozzi bomba baqgħu ma ġewx solvuti seta' ta lill-mandanti u l-eżekuturi materjali ta' dan ir-reat

faħxi s-serħan tal-moħħ li ma kienux ser jinqabdu la darba ħadd ma kien inqabad qabel b'rabta ma' delitti ta' din ix-xorta.

Dawna l-allegati assassini aġixxew skont istruzzjonijiet mogħtija lilhom minn mandanti li qabbduhom jew ordnawlhom iwettqu dan ir-reat. Il-provi juru li anke ċ-ċirkostanzi kienu tali li l-allegati mandanti ħassew li kienu protetti u x'aktarx mhux ser jinqabdu u li qatt ma kienu ser iħallsu ta' għemilhom.

**It-Tieni Referenza timporta eżami tal-effikaċja tal-Liġi Kriminali applikabbli għal dan il-każ**

Kif ingħad, dan il-Bord intalab jistabbilixxi jekk l-iStat kellux u għandux fis-seħħ disposizzjonijiet ta' liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattici biex jevita li jiżviluppa stat ta' *de facto* impunità bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jissolvewx u biex jiddiswadu mit-twettieq ta' reati kriminali serji bl-appoġġ ta' makkinarju ta' inforzar tal-liġi għall-prevenzjoni, it-trażżin, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjonijiet serji tal-liġi.

**Atti Terroristiċi "*di stampo mafioso*"**

Li kieku kellna napplikaw il-liġi kriminali Taljana għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, l-assassinju seta' jissejjaħ att terroristiku "*di stampo*

*mafioso*”. L-assassinju tal-ġurnalista ma kienx maħsub biss sabiex itemmilha ħajjitha iżda biex itemmilha xogħolha u l-attiviżmu tagħha. Dana sabiex il-persuni li ddeċidew li joqtluha jibqgħu għaddejjin bil-pjanijiet tagħhom mingħajr xkiel. Riedu wkoll illi jnisslu l-biża’ fis-sorsi, il-ġurnalisti, l-attivisti u f’kull min seta’ jkompli l-ħidma tagħha.

Mill-eżami tal-evidenza illi ġabar dan il-Bord irriżulta illi f’Malta kienet bdiet titrawwem organizzazzjoni ta’ kriminalità li kienet tistrieħ fuq l-influwenza u l-ħbiberija mhux xierqa bejn persuni fin-negozju, fil-pulizija, fil-politika, u f’istituzzjonijiet għolja. Organizzazzjoni li kienet bdiet tinfirex u kieku tħalliet tkabbar l-għeruq kienet tiżviluppa f’assoċjazzjoni “a delinquire” li tikkorrompi l-istituzzjonijiet u teqred il-governanza tajba. Jinħtieġ għalhekk illi jiġi żviluppat qafas leġiżlattiv u ta’ infurzar sabiex tiġi eradikata kull possibbilità li terġa’ tifforma oħra bħalha.

Fil-pajjiżi fejn hemm leġiżlazzjoni kontra l-mafja jew organizzazzjoni tat-tip mafjuż hi definita bħala organiżazzjoni fejn il-membri tagħha jużaw is-setgħa tal-intimidazzjoni minn rabtiet ta’ sħubija, l-iStat tal-ħakma u l-kultura ta’ segretezza. Din trawwem kultura li tasal biex jitwettqu reati, biex jinkiseb kontroll dirett jew indirett fuq attivitajiet ekonomiċi, liċenzji,

awtorizazzjonijiet, kuntratti ta’ akkwist pubbliku jew servizzi jew biex jinkiseb qligħ jew vantaġġi għalihom jew għal ħaddieħor jew biex jiġi evitat jew jitfixkel l-eżercizzju liberu tal-vot jew biex jinkisbu voti għalihom jew għal ħaddieħor fl-elezzjonijiet. Is-sħubija f’din it-tip ta’ organiżazzjoni hija minnha nnifisha reat punibbli, anke jekk ma tkunx tista’ tiġi ppruvata rabta diretta bejn persuna mafjuża u l-eżekuzzjoni ta’ xi reat imwettaq minn mafjużi f’isem l-organizzazzjoni. Il-penali jiġu aggravati jekk jinstab li l-membri tal-organizazzjoni għandhom aċċess għall-armi jew splussivi bil-għan li jmexxu ’l quddiem l-għanijiet tal-organizzazzjoni.

**Il-Korruzzjoni taqbad l-għeruq f’kultura ta’ impunita’**

It-Tieni Terminu ta’ Referenza jindirizza lill-Bord biex jistabilixxi f’liema ċirkostanzi u ambjent jiżviluppa stat ta’ *de facto* impunita’ anke għaliex ikunu seħħew spiss atti kriminali li ma jiġux solvuti. Fil-verita’ hemm żewġ uċuħ tal-istess midalja. Jista’ jkollok sitwazzjoni fejn tinħoloq din il-klima ta’ impunita’ għax numru ta’ reati serji ma jiġux solvuti. Mill-banda l-oħra jista’ jkollok klima ta’ impunita’ għaliex min jikkommetti r-reati kriminali jew ikollu poter tant qawwi li jidhirlu li jista’ jabbuża minnu jew għal kuntrarju min ikun ser iwettaq ir-reat, ikun assigurat illi seta’ jagħmel dan għax kien kopert minn persuni ta’ awtorita’ li setgħu jipproteguh.

Fil-każ tal-assassinju tal-ġurnalista Caruana Galizia jirriżultaw ċar dawn iż-żewg aspetti distinti, anke jekk kultant interkonnessi mal-iStat ta' de facto impunita' li kkondizzjonaw l-assassinju. Jigi nnotat illi hawn ma aħniex nillimitaw ir-reati kriminali għal dawk biss li huma atti ta' vjolenza fiżika bħall-assassinju imma jinkludu wkoll reati kriminali serji oħra bħal dawk ta' ħasil ta' flus, korruzzjoni, abbuż ta' poter, misappropriazzjoni u abbandun tad-dmirijiet minn uffiċjali pubbliċi fost oħrajn. Mill-każ taħt eżami hu ċar illi l-allegazzjonijiet huma illi min materjalment kien involut fir-reat ta' omicidju kien iħossu assigurat mill-protezzjoni ta' nies fil-poter, kemm politiku kif ukoll ekonomiku. Mill-banda l-oħra, dawk li allegatament huma involuti f'reati serji tax-xorta finanzjarja u korruzzjoni, fost oħrajn, gawdew mill-impunita' li ħassew li kienu jgawdu mis-saħħa tal-posizzjoni tal-poter li kellhom.

**It-tema gia' trattata fl-osservazzjonijiet ġenerali**

Il-Bord diġa' għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kultura ta' impunita' u l-poter fil-Kapitolu V tal-osservazzjonijiet ġenerali tiegħu. Jagħmel hawn riferenza sħiħa għalihom u ser jillimita l-kummenti tiegħu f'dan l-istadju biex jillustra kif u sa fejn l-osservazzjonijiet ġenerali tiegħu japplikaw għal każ taħt eżami. Dan ukoll billi jagħti ħjiel għal fatti bażiċi li jindikaw kif kienet taħdem

in-nisġa bejn in-negozju u l-awtoritajiet pubbliċi, sa fejn kienet tasal u kif ikkreat kultura ta’ impunita’ biex spiċċat infiltrat u influwenzat b’mod determinanti l-kommissjoni tar-reat.

**L-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi li ffavorew l-impunita’**

Il-Bord stabilixxa diga’ li wasal għal konklużjoni inevitabbli li l-assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia huwa intrinsikament jekk mhux esklussivament marbut max-xogħol investigattiv tagħha li wassal biex jiġu żvelati allegazzjonijiet ta’ irregolaritajiet u abbużi amministrattivi fi twettieq ta’ proġetti ta’ żvilupp maġġuri li fihom kienu involuti elementi ta’ negozju kbir fil-pajjiż. Irregolaritajiet u abbużi li ma setgħux javveraw ruħhom li kieku min kien involut fihom, kemm minn naħa tal-amministrazzjoni pubblika u kemm minn naħa tan-negozju, ma ħassewhomx koperti b’mantell ta’ impunita’ li jagħtihom is-saħħa biex jaġixxu bla biża’ li jiġu skoperti. Dik l-impunita’ setgħet tinħoloq biss jekk ikun hemm iċ-ċertezza illi l-awtoritajiet li kellhom l-obbligu illi jassiguraw is-saltna tad-dritt proprju billi jrażżnu dawk l-irregolaritajiet u abbuzi amministrattivi, ma kienux ser jaġixxu b’mod effiċjenti jew saħansitra jkopru lil min ikun involut fihom. Il-Bord ġia’ rrefera għax-xibka wiesgħa ta’ uffiċjali pubbliċi mhux biss fil-Pulizija u fis-servizz pubbliku imma

wkoll imxerrda mal-awtoritajiet kollha li kellhom b'xi mod jaqsmu mat-tfassil u esekuzzjoni ta' proġetti maġġuri u dawk involuti fit-twettiq tagħhom.

F'dan l-istadju għalhekk il-Bord ser jillimita ruħu għal parti essenzjali ta' kopertura, tista' tgħid kompleta u minn kull naħa, tal-avvenimenti li bdew iseħħu wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers li, għal Bord huwa l-mument kruċjali meta beda jiskala b'mod mill-aktar perikoluż ir-riskju li għalih il-ġurnalista assassinata kienet qed tiġi esposta.

Ser jagħti l-fatti essenzjali kif żviluppat u ħarġet fil-beraħ din il-kultura ta' impunita', anke jekk kull min kien involut ittanta jiġġustifika l-komportament tiegħu, illum manifestament dubbjuż, billi jsostni illi hu mexa dejjem skont ir-regoli u skont dak li kien mistenni minnu.

Il-Bord jerġa jagħmel enfasi li peress illi fir-rigward ta' bosta personaġġi msemmija f'dan ir-rakkont jistgħu jkunu għadhom soġġetti għal investigazzjoni mill-pulizija jew huma attwalment soġġetti għal proċeduri kriminali, għal xi raġuni jew oħra konnessa mal-qadi ta' dmirijiethom fiż-żmien rilevanti, il-Bord ser jistrieħ esklussivament fuq ix-xhieda mogħtija quddiemu bla ma jagħmel kummenti jew ġudizzju dwar dan.  Jikkonsidra wkoll illi qiegħed jirrelata għall-

fatti mill-ottika tal-komportament tal-uffiċjali pubbliċi fl-amministrazzjoni pubbblika f’sens wiesgħa u ma hu qed jagħmel l-ebda riferenza ta’ sustanza dwar l-aġir ta’ persuna jew persuni attwalment akkuzati b’parteċipazzjoni b’mod jew ieħor fl-assassinju.

Mhux biss. L-estensjoni kwazi ermetika tax-xibka ta’ impunita’ li min ħoloqha irnexxielu jinseġ kienet tinvolvi uffiċjali pubbliċi, fl-għola livell tal-amministrazzjoni li, anke jekk mhux dejjem intenzjonalment, illum jidher illi kienu qegħdin jaġixxu għall-istess għan u spirtu b’oġġettiv wieħed, żgur orkestrati minn ċentru ta’ poter b’żewġ fergħat, dak politiku u dak ekonomiku. Ir-raġunijiet illi għalihom l-uffiċjali daqstant għolja fl-amministrazzjoni pubblika ssokkombew għal tentazzjonijiet ta’ vantaġġi u pjaċiri li offrewlhom kienu multiformi. Kull inċident għandu l-istorja tiegħu li toħroġ mix-xhieda quddiem dan il-Bord u anke mill-provi li ġew żvelati u għadhom qed jiġu żvelati fid-dominju pubbliku. Mhux il-każ li l-Bord jinoltra ruħu fihom għaliex hu tal-fehma li għandu jibqa’ fuq il-linji ġenerali li jwassluh ghall-assassinju.

Wieħed ifakkar illi din il-kultura ta’ impunita’ ma kenitx biss waslet biex min attwalment kien involut fl-omiċidju iħossu sigur li mhux ser jinqabad u jeħlisha milli jirrispondi għal għemielu imma wkoll għat-twettieq ta’ proġetti kbar li l-

ġurnalista assassinata allegat fihom irregolaritajiet, abbuż, tixħim u korruzzjoni. Għal Bord ġie stabbilit illi l-impunita’ li nħolqot kienet saret stil ta’ ħajja u atteġġjament li jeħtieġlu jmil lejh kull min kellu ħsieb illi jittratta mal-amministrazzjoni pubblika għat-twettieq tal-proġett li jkollu. Kif intqal, irregolaritajiet serji invadew, kif spiss jinvadu, trattattivi u negozjati ta’ din ix-xorta u f’dan il-livell. Biex jagħti eżempju ħaj tal-effett li kellha din ix-xibka ta’ impunita’, sew dak li seħħ qabel u wara, ser jirreġistra b’mod sintetiku l-fatti li seħħew kif jirriżultaw mix-xhieda li taw lil dan il-Bord persuni ta’ awtorita’ li ipparteċipaw in prima persona fl-avvenimenti li seħħew.

**L-F.I.A.U., il-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Ħolqien tal-Impunita’**

Il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienet irrapportat fil-Blog tagħha fit-22 ta’ Frar 2016 illi l-Ministru Konrad Mizzi kellu konnessjonijiet finanzjarji suspettużi mal-Panama u ma’ New Zealand. Fil-25 ta’ Frar 2016 tellgħet blog post oħra illi fiha żvelat illi Keith Schembri, iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru Joseph Muscat, kellu Trust fi New Zealand, liema Trust kellha kumpanija fil-Panama. Dan kollu seħħ xahrejn qabel ma ħarġet il-*leak* tal-Panama Papers madwar id-dinja kollha f’April 2016. Jirriżulta lill-Bord illi l-F.I.A.U. kienet għamlet rapport preliminari wara li kien faqqa’ mad-dinja kollha l-iskandlu u r-

rapport ġie mgħoddi lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien is-Sur Michael Cassar. Ir-rapport ma kienx wieħed formali.

Skont il-liġi l-F.I.A.U. obbligata tgħaddi l-informazzjoni lill-Pulizija u l-Pulizija jkollha kull poter u dover li tkompli tagħmel l-indaġini tagħha, waqt li l-F.I.A.U. tkompli tagħmel l-investigazzjoni. Is-Sur Manfred Galdes li kien id-Direttur tal-F.I.A.U. fiż-żmien in kwistjoni u kien ilu jokkupa dik il-kariga ghal tmien snin, ħass illi kellu jagħmel dan ir-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija għaliex ġustament deherlu li l-kwistjoni kienet ta' importanza nazzjonali u urġenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija Cassar kien ġie nfurmat illi kien għad jeħtieġ aktar żmien sabiex l-F.I.A.U. tiffinalizza r-rapport sħiħ. Is-Sur Galdes ħass id-dover li jinfurmah minnufih b'dak li kellu f'idejh sabiex il-Pulizija tkun tista' tieħu l-azzjoni kollha meħtieġa. Hu xehed illi l-informazzjoni illi tah kienet korretta u ħass illi kien hemm biżżejjed informazzjoni biex il-Pulizija tifhem l-importanza tal-allegazzjonijiet u tkompli tinvestiga. Effettivament l-ex kummissarju xehed quddiem il-Bord illi kien fetaħ file li semmieh Operation Green. Dawn il-*preliminary reports* għaddew għand il-Kummissarju tal-Pulizija fis-7 ta' April 2016.

Fuq domanda diretta tal-Bord, is-Sur Galdes wieġeb li l-fatt li l-F.I.A.U. tkun qiegħda tindaga bl-ebda mod ma jwaqqaf lill-Pulizija milli tinvestiga. Il-Pulizija wkoll kellha d-dover li taġixxi u ma kellhiex tonqos milli tagħmel dan bl-iskuża li kienet qed tistenna li l-F.I.A.U. ittemm l-indaġini tiegħu. Hu semma' każijiet fejn l-F.I.A.U. kienu ħadmu flimkien mal-Pulizija u hija prassi tajba illi l-F.I.A.U. u l-Pulizija jaħdmu flimkien u jgħinu lil xulxin fl-investigazzjonijiet.

Irriżulta mix-xhieda tal-ex-kummissarju Cassar illi ftit granet wara li rċieva dan il-*preliminary report* fuq il-Panama Papers mill-F.I.A.U. irriżenja minn Kummissarju tal-Pulizija. Is-Sur Galdes xehed illi f'Lulju 2016 irriżenja mill-kariga tiegħu ta' Chairman tal-F.I.A.U. u dana peress illi, skont hu, ma kienx qed jingħata *backing* biżżejjed mill-Ministeru tal-Finanzi biex il-pagi tal-impjegati mal-F.I.A.U. jiżdiedu u biex ikollu aktar nies u għalhekk ħass li ma setax ikun aktar effiċjenti fil-kariga tiegħu.

**L-F.I.A.U. u l-Pilatus Bank**

Is-Sur Galdes xehed dwar il-Pilatus Bank li dwaru l-F.I.A.U. kienet ħarġet rapport f'Marzu 2016. Xehed illi kienu marru l-uffiċjali tal-F.I.A.U. il-Pilatus Bank, damu hemmhekk madwar għaxart ijiem u kull darba kienu jiġu lura u jirrappurtawlu li meta kienu jitolbu ċerta informazzjoni din ma kenitx qiegħda

tingħatalhom. Is-Sur Galdes xehed illi din l-informazzjoni suppost li kellha tkun għand il-Bank bħala *due diligence* fuq il-klijenti tal-istess Bank. Kien għalhekk li l-F.I.A.U. ħareġ rapport fuq il-Pilatus Bank fis-sens illi nstabu nuqqasijiet kbar, essenzjalment għax ma rriżultax li kien hemm id-dokumentazzjoni li dan il-Bank suppost żamm.

Is-Sur Galdes kien kellem liċ-Chairman ta' Pilatus Bank illi ma kienx qabel mar-rapport tal-F.I.A.U. u ftiehem miegħu illi kien ser jerga' jibgħat l-uffiċjali biex jagħmlu t-tieni viżita. Madanakollu s-Sur Galdes ħass illi l-konklużjonijiet li kien hemm fl-ewwel rapport tal-F.I.A.U. fuq il-Pilatus Bank kellhom jibqgħu kif kienu, għax il-Bank kien ripetutament irrifjuta li jagħtiha l-informazzjoni mitluba kif fil-fatt għamel waqt it-tieni spezzjoni.

**L-Involviment tal-Avukat Ġenerali**

Is-Sur Galdes xehed ukoll li l-Bord tal-F.I.A.U. jikkonsisti minn erba' persuni: wieħed minnhom nominat mill-Avukat Ġenerali, ieħor mill-Pulizija, ieħor mill-M.F.S.A. u ieħor mill-Bank Centrali. Hu qal illi minn meta ġiet istitwita l-F.I.A.U. sa dakinhar illi xehed jiġifieri sal-20 ta' Jannar 2020, il-persuna nominata mill-Avukat Ġenerali dejjem kien ikun l-Avukat Ġenerali nnifsu, f'dan il-każ kien Dr. Peter Grech. Is-Sur Galdes xehed illi darba minnhom Dr. Grech

kien ċempillu u staqsih għal xi dettalji fuq każ relatat jew ma' Keith Schembri jew inkella mal-Ministru Konrad Mizzi u f'dak il-mument is-Sur Galdes qallu "*inti qed tistaqsieni bħala Avukat Ġenerali jew bħala Chairman tal-F.I.A.U.?*" u meta Dr. Peter Grech eżita biex jagħtih ir-risposta s-Sur Galdes qallu "*jiena mhux ser naghtik l-informazzjoni*". Kompla jixhed illi kien hemm inċidenti oħra simili.

Hu sostna illi kien tal-fehma illi kien hemm ċerti deċiżjonijiet fejn il-konflitt ta' interess ma kienux qed jiġu immaniġjati b'manjiera tajba. Meta kien jitqiegħed f'dik il-pożizzjoni, kien qiegħed iħossu skomdu ħafna. Darba ohra l-Avukat Ġenerali kien reġa' ċempillu u staqsih jekk, skont il-*Prevention of Money Laundering Act* l-F.I.A.U. tistax tassumi r-rwol ta' *Inquiry Board* f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Huwa kien spjega lill-Avukat Ġenerali li l-F.I.A.U. għandha poteri li huma differenti ħafna minn sempliċement inkjesta biex tasal ghall-konklużjoni jekk kienx hemm aġir inopportun jew le.

**Indħil fix-Xogħol tal-F.I.A.U.**

Is-Sur Galdes kien ħa l-impressjoni ċara illi l-F.I.A.U. ma kienx kuntent bil-fatt illi kienu qegħdin jindagaw u jinvestigaw il-Panama Papers. Huwa qal illi mill-Bord kollu kien Dr. Peter Grech illi kien qiegħed jgħaddilu dan il-messaġġ. Dr.

Peter Grech kien qallu illi l-F.I.A.U. għandha tkun *business friendly*, rimarka din li, b'mod inkwetanti tirrifletti l-politika dikjarata tal-Gvern li dwarha dan il-Bord diġa' esprima r-riservi serji dwarha, jidher li din il-politika kkondizzjonat anke il-mentalita' tal-Avukat Ġenerali fil-qadi ta' dmirijietu. Is-Sur Galdes ġustament ħass illi dan ma kellux ikun il-każ għaliex l-F.I.A.U. kellha dmir illi tinvestiga xi ħaġa serja bħal Panama Papers u din il-kwistjoni ċertament influwenzatu wkoll fid-deċiżjoni tiegħu illi jirriżenja.

Is-Sur Galdes xehed ukoll illi r-riżorsi lill-F.I.A.U. twaqqfu f'salt fiż-żmien meta bdiet tinvestiga l-Panama Papers. Kien hemm proċess għaddej illi fih kellhom jiġu ingaġġati persuni oħra, li twaqqaf ħesrem proprju meta faqqa' l-iskandlu tal-Panama Papers u l-F.I.A.U. bdiet tinvestigahom. Is-Sur Galdes xehed illi meta mar jagħti r-rapporti tal-F.I.A.U. lill-Kummissarju tal-Pulizija, lis-Sur Michael Cassar, dan kien ħadha bi kbira, ħa xokk kbir u deher inkwetat ħafna. Deher viżibbilment aġitat u xxokkjat. Id-data tar-riżenja tas-Sur Galdes mill-F.I.A.U. kienet dik tal-15 ta' Settembru 2016.

**Għaliex irriżenja l-Kummissarju tal-Pulizija**

Xehed ukoll Kenneth Farrugia, is-suċċessur tas-Sur Manfred Galdes u kkonferma illi l-F.I.A.U. għadda r-rapporti fuq il-Panama Papers lill-Pulizija iżda

minkejja illi l-liġi tgħid illi l-Pulizija għandha tagħtihom il-*feedback* wara li jkunu għaddewlhom ir-rapporti, huma baqgħu ma rċevew xejn. Il-Pulizija tawh bħala raġuni l-fatt li kien hemm l-Inkjesti tal-Maġistrati Inkwirenti. Semma wkoll *working document* illi kien għadda lill-Pulizija fir-rigward tal-Power Station u l-Ministru Konrad Mizzi. F'dan il-*working document* il-Pulizija ingħatat informazzjoni dwar liema banek għandhom jikkuntattjaw għal aktar informazzjoni. Huwa xehed illi kien hemm "*reasonable suspicion of money laundering*".

Irriżulta mill-provi li sema' dan il-Bord illi l-Pulizija ma ħadet l-ebda azzjoni fir-rigward ta' dan il-*preliminary report* tal-F.I.A.U. u illi Michael Cassar kien iddeċieda illi jirriżenja għaliex ħass illi r-responsabbilita' kollha kienet intefgħet fuqu. Minħabba l-klima politika ta' dak iż-żmien, hass illi ma setax jieħu l-passi opportuni fir-rigward ta' dan ir-rapport.

Kif ingħad aktar qabel, Michael Cassar kien fetaħ file li ssejjah "Operation Green" u s-Superintendent Raymond Aquilina xehed li l-Iskwadra kontra l-Ħasil tal-Flus dak iż-żmien, cioé fl-2016 kienet immexxija mis-Supretendent Ian Abdilla li sussegwentement laħaq Assistent Kummissarju u baqa' jmexxi din l-Iskwadra. Fit-2 ta' Novembru 2016 kien wasal ukoll rapport tal-F.I.A.U. dwar

Adrian Hillman u Keith Schembri u s-Supretendent Ian Abdilla talab lis-Supretendent Raymond Aquilina biex jaqrah, joħroġ l-ittri rispettivi li kellhom jintbagħtu lill-awtoritajiet lokali biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa u imbagħad jgħaddu r-rapport lura lis-Sur Abdilla.

Is-Supretendent Aquilina kien irċieva r-risposti lejn l-aħħar ta’ Diċembru 2016, kien qiegħdhom ġol-file u għadda kollox lis-Supretendent Ian Abdilla u dana fl-20 ta’ Frar 2017. Is-Supretendent Aquilina xehed illi huwa dejjem baqa’ jistenna risposta u aktar direzzjonijiet minn għand is-Supretendent Abdilla. Madanakollu sa dakinhar li xehed quddiem il-Bord jiġifieri fil-5 ta’ Frar 2020, is-Supretendent Aquilina ma kien ingħata l-ebda struzzjoni ulterjuri mingħand is-Sur Ian Abdilla. Is-Supretendent Aquilina xehed illi sussegwentement kienet infetħet Inkjesta Maġisterjali. Mistoqsi mill-Bord jekk il-Pulizija hijiex impeduta milli tkompli tinvestiga *una volta* jkun hemm Inkjesta Maġisterjali, huwa wieġeb illi l-Pulizija ma hija bl-ebda mod miżmuma milli tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha sempliċement għax tkun għaddejja Inkjesta Maġisterjali.

**Tlett linji ta' investigazzjonijiet**

Hu xehed illi l-Pulizija kienu rċevew rapporti preliminari li kienu ser jinqasmu fi tlieta: wieħed li kien jirrigwarda lil Keith Schembri, Brian Tonna u l-kumpannija Willoughby, rapport ieħor fuq Keith Schembri u Adrian Hillman u l-investimenti li kien hemm u t-tielet rapport globali ġenerali. Huwa kompla jixhed illi l-aħħar rapport kien jirrigwarda l-kumpanija 17 Black. Hu kien rah u għaddih lis-Supretendent Ian Abdilla. Kienet ittieħdet deċiżjoni illi l-ewwel jibgħatu għall-informazzjoni minn pajjizi esteri u imbagħad jimxu wara li jkunu raw ir-risposti. Kienet ittieħdet id-deċiżjoni illi jintbagħtu ittri rogatorji u għalhekk kienu ħadu l-parir mingħand l-Avukat Ġenerali f'dan is-sens.

Mistoqsi jekk il-Pulizija bagħtitx għall-persuni li ġew identifikati f'dawn id-diversi rapporti, per eżempju Hillman u Keith Schembri s-Supretendent wieġeb illi minkejja illi l-informazzjoni kienet hemm u kellhom biżżejjed biex jekk iridu jiftħu l-każ u jmexxu kontra l-persuni indizjati, huwa għadda kollox lis-Sur Abdilla u ma kienx jaf jekk is-Sur Abdilla kienx bagħat għall-persuni indizjati jew le.

Is-Supretendent Aquilina iċċara illi l-Inkjesti Maġisterjali kienu nfetħu wara t-talba li kien għamel f'dan ir-rigward l-ex Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Simon

Busuttil. Is-Supretendent Aquilina xehed ukoll illi f'dawn ir-rapporti tal-F.I.A.U. kien hemm imsemmija wkoll il-Ministru Konrad Mizzi, b'*timeframes* kif ġraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-Electrogas u kif ħarġet il-kumpanija 17 Black u pagament li sar minn Bank lokali għall-kumpanija 17 Black. Is-Supretendent Aquilina reġa' kkonferma fuq domandi magħmulha mill-Bord illi l-Pulizija baqgħet ma bagħtet għal ħadd mill-persuni kollha li kienu ġew indizjati fir-rapporti tal-F.I.A.U. Huwa reġa' kkonferma li mis-sena 2017 sad-data illi xehed, is-Sur Abdilla ma kienx qallu biex jibgħat għal xi ħadd għall-interrogazzjoni minn dawn il-persuni kollha li kienu ġew imsemmija fir-rapporti tal-F.I.A.U. Xehed illi meta rċieva r-rapport tal-F.I.A.U. rigwardanti s-Sur Hillman u Keith Schembri f'Novembru 2016 dan kien ġie mgħoddi lilu waħdu u mingħajr Police File. Din ma kenitx il-prassi normali. Normalment jinfetaħ Police File u s-Supretendent jassenjah lill-Ispettur għal aktar investigazzjoni.

Ir-Rapport tal-F.I.A.U. dwar is-17 Black kien hareg fis-27 ta' Marzu tas-sena 2018. Is-Supretendent Aquilina xehed illi l-*Financial Crimes Unit* kienet *understaffed* u minkejja l-fatt illi kien jiġbed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu għal dan u li kellu *backlog* u ma kienx qed ilaħħaq max-xogħol ma kienux qed jiġu ingaġġati aktar nies. Ma kellhomx riżorsi biżżejjed. Kienu ġew erba'

spetturi fis-sena 2018. Is-Supretendent xehed illi huwa ma kkonkludiex għaliex is-Sur Abdilla ma għaddielux il-file lura u ma qallux biex ikompli jinvestiga.

Mix-xhieda tas-Supretendent Antonovitch Muscat illi kien stazzjonat l-*Economic Crimes Unit* irriżulta illi fis-sena 2016 is-Sur Ian Abdilla kien is-Senior tiegħu. Huwa kkonferma illi kienu daħlu l-*analytical reports* mill-F.I.A.U. f'Lulju tas-2016 u dawn ir-rapporti ngħaddew lilu mis-Sur Abdilla li kien qallu biss biex jaqrahom. Dan kien qalu lilu u lis-Supretendent Raymond Aquilina. Dan ix-xhud jikkonferma x-xhieda tas-Supretendent Aquilina fis-sens illi kien ingħadda lilhom biss ir-rapport tal-F.I.A.U. u li ma kienx inkorporat ġo Police File kif soltu jkun. Ikkonferma li din ma kinitx il-prassi normali. F'Marzu tas-sena 2018 irċevew rapport ieħor tal-F.I.A.U. li kien jirrigwarda Operation Green Power u għall-ħabta tal-aħħar ta' Marzu 2018 daħal ir-rapport dwar 17 Black. Ix-xhud ikkonferma illi kienu saru ittri rogatoji u li kienu talbu din l-informazzjoni mingħand il-Europol u l-Interpol. Kienet infetħet ukoll Inkjesta. Ix-xhud qal illi fost il-persuni konċernati kien hemm Keith Schembri u Dr Konrad Mizzi.

Fost ir-rapporti li daħlu fl-2016 kien hemm wieħed illi kien jirrigwarda l-Panama Papers. Is-Superintendent Antonovitch Muscat xehed illi minkejja illi kien hemm dawn ir-rapporti kollha huwa qatt ma rċieva xi istruzzjonijiet biex jagħmel xi investigazzjoni fuq il-Panama Papers. Ix-xhud ikkonferma li ma bagħtu għal ħadd u ma investigaw lil ħadd. Fir-rigward ta' 17 Black kienu bagħtu jitolbu għall-informazzjoni. Kien hemm pajjiż, Dubai, li ma ikkopera xejn magħhom u ma kien tahom l-ebda informazzjoni. F'dan iż-żmien is-Sur Abdilla kien il-Kap tal-*Economic Crimes Unit* fil-Korp tal-Pulizija.

Huwa fatt illi s-Sur Ian Abdilla meta xehed fit-13 ta' Marzu 2020 (jiġifieri aktar minn erba' snin mill-publikazzjoni tal-Panama Papers) qal lill-Bord li sa dakinhar il-Pulizija kienu għadhom ma bagħtu għal ħadd, ma kellmu lil ħadd, u ma investigaw lil ħadd dwar il-Panama Papers u dwar ir-rapporti kollha li kienu ġew trażmessi lilhom mill-F.I.A.U. Huwa kkonferma li dawn ir-rapporti kienu ġew diskussi minnu, mis-Sur Silvio Valletta, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Avukat Ġenerali li kien tahom parir, u dan jirriżulta minn minuta fil-Police File, "*to thread very carefully*" u biex joqgħodu attenti fl-investigazzjoni tagħhom. Hu kien anke tahom parir, u dan irriżulta mill-minuta fil-Police file, sabiex joqghodu attenti ferm qabel ma jmorru u jelevaw is-servers ta' Nexia B.T.

Meta ġew illikjati r-rapporti tal-F.I.A.U., is-Sur Keith Schembri kien bagħat għas-Sur Abdilla u talbu l-opinjoni tiegħu dwarhom fejn jikkonċernaw lilu nnifsu, jiġifieri lis-Sur Keith Schembri. Is-Sur Abdilla xehed illi ltaqa' ma' Keith Schembri darbtejn u ddiskuta dawn ir-rapporti li kienu jolqtu lil Keith Schembri u l-laqgħat saru f'Kastilja. Dan juri li kien hemm indħil dirett u suspett mis-Sur Schembri fil-ħidma u fl-investigazzjoni tal-Pulizija dwar ir-rwol tiegħu fil-Panama Papers. Aġir li hu ferm ċensurabbli u anke illeċitu.

Il-Pulizija kienu jafu illi l-kumpanija 17 Black kienet tappartjeni lil Yorgen Fenech, imprenditur kbir b'konnessjonijiet mill-qrib kemm ma' politiċi ewlenin kif ukoll mac-Chief of Staff tal-Prim Ministru. Is-Sur Abdilla żvela wkoll li kien ġie deċiż illi jmorru jkellmu lil Fenech Portomaso iżda huma u sejrin hemmhekk ċempel lis-Sur Silvio Valletta u qalilhom biex iduru lura għaliex is-Sur Fenech dakinhar ma setax ikellimhom billi kien indispost. Ma kienux reġgħu marru ikellmuh u lanqas talbuh biex imur id-Depot tal-Pulizija ħalli jkellmuh.

Is-Sur Ian Abdilla qal illi r-rapporti tal-F.I.A.U. huma biss Intelligence u fl-istess nifs qal illi ladarba hemm l-investigazzjonijiet għaddejjin mill-F.I.A.U. l-Pulizija jistghu jieqfu u jistennew illi dawn jitkomplew. Dan ċertament huwa kontra-

sens kbir. Ukoll skont is-Sur Abdilla, il-Pulizija ma nvestigatx għaliex kien hemm l-Inkjesti Maġisterjali. Xehed fis-sens illi meta faqqa' l-iskandlu tal-Panama Papers, il-Pulizija ma bagħtu għal ħadd u ma investigaw lil ħadd. Kienu bagħtu għan-nies biss xhur wara, meta kienet għaddejja l-Inkjesta tal-Egrant.

**Il-Pulizija jistrieħu fuq il-parir tal-Avukat Ġenerali**

Fl-10 ta' Mejju 2016 Ian Abdilla ta l-opinjoni tiegħu lill-Assistent Kummissarju Silvio Valletta dwar ir-rapport preliminari tal-F.I.A.U. li fuqu nfetaħ il-file Operation Green. Is-Sur Abdilla qallu illi r-rapport tal-F.I.A.U. ma jispjegax u ma jiddefinixxix liema reati kriminali kienu jemerġu mill-Panama Papers. Qal illi l-F.I.A.U. kienu implikaw f'diskussjonijiet miegħu, li r-reat kien ovvju iżda s-Sur Abdilla qal, testwalment "*this was never clearly illustrated*", "*the F.I.A.U does not mention any proof, and the circumstantial evidence of the underlying criminal activity*". Ir-Rapport ikompli b'dan il-mod: "*When a crime or an underlying criminal activity has not yet been established it is considered that the Police has to be cautious before taking drastic steps of this nature As such the Police think that at the moment, with the evidence at hand, it would be disproportionate for the Police to seize the servers. There is no guarantee whatsoever that the seizure of the servers is likely to produce the result which*

*F.I.A.U. wishes to achieve. The information in question might not exist or might have been deleted or might have been encrypted. This should leave the Police exposed to legal action for damages by Nexia B.T."*

Issa l-parir tal-Avukat Ġenerali kien jgħid hekk: "*hence the seizure of servers which correctly the F.I.A.U. does not make any proposal about in its preliminary report is a matter for the Police to decide upon*". Jirriżulta illi s-Sur Ian Abdilla bħala Kap tal-Economic Crimes Unit ma ħax id-deċiżjoni illi jeleva s-*servers* u l-*computers* ta' Nexia B.T. Kif ġia aċċennat fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar l-ewwel terminu ta' referenza, il-Bord jissottolinea illi l-parir tal-Avukat Generali Dr. Peter Grech kompla b'dan il-mod: "*It is agreed that the measure is highly intrusive and drastic and carries the considerable high legal risk of counter-productivity. In such circumstances the Police are legally entitled to exercise their judgement with caution and to demand a high level of reasonable suspicion in deciding whether the proof available justifies such a measure*".

Fatt ieħor inkwetanti u li jirriżulta mix-xhieda tas-Sur Ian Abdilla huwa illi l-Pulizija raw is-*servers* ta' Nexia B.T. fl-2017. Jiġifieri biss meta l-ex Prim Ministru Dr. Joseph Muscat għamel kwerela illi tirrigwarda l-Egrant u l-*frame*

*up* tiegħu u tal-familja u mhux sena qabel fl-2016, meta l-Pulizija kellhom informazzjoni illi Nexia B.T. kienu involuti sew fil-Panama Papers ghal dak li kien jirrigwarda PEP's Maltin fosthom ic-Chief of Staff tiegħu u ex-Ministri tal-Kabinett. Kien hemm trapass ta' sena illi matulha dawn is-*servers* setgħu ġew imbagħbsa, l-informazzjoni setgħet ġiet ikkanċellata jew b'xi mod ġiet *encrypted*.

**Il-Parir tal-Avukat Ġenerali**

Meta Dr. Peter Grech ġie mistoqsi għalfejn ta dan il-parir lill-Pulizija, huwa wieġeb u ittanta jiġġustifika l-parir tiegħu billi qal illi li kieku ħadu s-"servers" kienet tkun xi ħaġa intrussiva, miżura drastika għaliex prattikament ser tagħlaq *Accountancy Firm*. Il-Pulizija allura kellha bżonn ta' livell għoli ta' "*reasonable suspicion*" li jkun sod biżżejjed biex setgħet tieħu s-"*servers*". L-ex Avukat Ġenerali xehed illi huwa ried jagħti binarji legali u ta dan il-parir mingħajr ma kien jaf il-Pulizija x'kellha f'idejha. Dr. Peter Grech xehed illi meta ta dan il-parir ma kienx qara sew ir-rapport tal-F.I.A.U. liema rapport kien ikkonkluda li kien hemm "*a reasonable suspicion of money laundering*". Hu xehed illi d-deċiżjoni finali jekk jelevawx is-"*servers*" jew le kienet u kellha tkun f'idejn il-Pulizija. L-Avukat Ġenerali xehed illi l-Pulizija qatt ma reġgħu ġew għandu biex jerġgħu jitolbuh jekk kellhomx jelevaw is-"*servers*". Sostna

illi huwa kemm tahom il-binarji legali biss. Il-Pulizija minn naħa tagħha jidher li interpretaw dan il-parir bħala direzzjoni li ma kellhomx f’dak l-istadju jelevaw is-“*servers*” ta’ Nexia B.T.

Meta kien ippressat u mistoqsi jekk biddilx il-parir tiegħu wara li ħarġet l-istorja tas-17 Black Dr. Peter Grech beda jsemmi l-Inkjesta Egrant u qal illi f’din l-Inkjesta kienu fil-fatt ġew elevati s-“*servers*” ta’ Nexia B.T. Madanakollu jibqa’ l-fatt li seta’ kien hemm xi informazzjoni li fil-frattemp tħassret jew inbidlet. Sussegwentement l-ex Avukat Ġenerali xehed illi fl-Inkjesta Egrant ma ġewx elevati s-“*servers*” ta’ Nexia B.T. iżda Nexia B.T. intalbet biss biex tagħti xi dokumenti lill-Maġistrat Inkwirenti, u fil-fatt tawhom lil F.I.A.U. Jirriżulta li dan il-parir ingħata mill-ex Avukat Ġenerali xi xahar jew xahrejn wara li ħarġet l-istorja tal-Panama Papers madwar id-dinja kollha.

Meta Dr. Peter Grech ġie mistoqsi jekk wara li ħarġet l-istorja tal-Panama Papers kienx hemm xi diskussjonijiet, per eżempju ma’ Keith Schembri, ma’ Konrad Mizzi, jew ma’ xi Ministri, jew mal-Prim Ministru, Dr. Peter Grech wieġeb fin-negattiv. Huwa xehed illi l-parir hu jagħtih meta jiġi mitlub u ma jkunx hu li minn jeddu joffri parir. Dr. Peter Grech ukoll ġie mistoqsi dwar il-parir tal-Avukat Ġenerali ta’ llum, Dr. Victoria Buttigieg li allura kienet d-

Deputat tieghu fir-rigward tal-proġett tal-Electrogas. Huwa xehed illi kienu qed jaġgixxu bħala Avukati għall-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll kienu qegħdin jaraw il-kuntratt tal-Gvern.

Dan l-atteġġjament tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jkun aktar minn kawt f'materji tant sensittivi li jolqtu l-involviment ta' uffiċjali pubbliċi għolja anke fejn si tratta ta' proġetti kbar flimkien ma' interessi privati, huwa rifless fil-parir li tat Dr. Victoria Buttiġieġ deputat Avukat Ġenerali fir-rigward tal-proġett Electrogas. Jidher li Dr. Buttiġieġ kienet involuta f'diskussjoni mal-Avukati ta' Electrogas dwar Security of Supply Agreement li kellu jiggarantixxi self kbir għal Electrogas. Riżultat ta' dawn l-iskambji l-Avukat Buttiġieġ tat parir fis-sens li ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li l-Kabinett jew il-Parlament Malti japprovaw il-proġett tal-Electrogas jekk ikun hemm il-firma tal-Ministru responsabbli. Parir tal-Avukat Ġenerali biex tinsab soluzzjoni għall-problema, tkun xi tkun, b'mod *to bypass Parliament and Cabinet* jistona u ma jagħtix affidament li dak l-uffiċċju kien qiegħed qabel xejn jaġixxi fl-interess tal-IStat u mhux tal-Gvern tal-ġurnata.

**Jixhed l-Ex Deputat Kummissarju Silvio Valletta**

Meta xehed l-ex Deputat Kummissarju Silvio Valletta, qal lill-Bord illi huwa kien għadda r-rapporti kollha li kienu daħlu mill-F.I.A.U. lil Ian Abdilla. Meta ħareġ fil-media illi s-17 Black allegatament kien jappartjeni lis-Sur Fenech u illi din il-kumpannija allegatament kienet maħsuba biex tgħaddi flus lil Keith Schembri u lil Konrad Mizzi, huwa afferma illi dak li jiġi trasmess lill-Pulizija mill-F.I.A.U. kien biss intelliġenza. Il-Pulizija ma tkunx tista’ tużaha meta tiġi biex tarresta lil xi ħadd u jkollha bilfors tagħtih il-“*full disclosure*”. Din kienet ukoll it-tezi tas-Sur Ian Abdilla.

Is-Sur Silvio Valletta żvela fatt inkwetanti dwar l-inċident meta Ian Abdilla u uffiċjal ieħor kienu ser imorru jkellmu lil Yorgen Fenech f’Portomaso. Qal lill-Bord li kien ċempillu Keith Schembri, iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru u qallu “*mela ser tmorru tkellmu lil Yorgen Fenech għaliex semplicement deher rapport fit-Times?*” Il-Bord jispjega illi r-rapport li deher fil-ġurnal Times of Malta kien jirreferi għal fatt illi Yorgen Fenech kien is-sid ta’ 17 Black. Keith Schembri ċempel lill-Pulizija, speċifikatament lil Silvio Valletta u qallu biex jordna lil Ian Abdilla u lill-Pulizija l-oħrajn ma jmorrux ikellmu lil Yorgen Fenech biex jinvestigaw dan il-fatt.

Dan huwa kaz ċar ta' intralċ minn Keith Schembri fuq l-operat tal-Pulizija. Fix-xhieda tiegħu Silvio Valletta l-ewwel qal illi dakinhar illi kienu sejrin ikellmu lil Yorgen Fenech, Ian Abdilla kien ċempillu u qallu illi ma kienux sejrin ikellmuh għaliex kien indispost. Madanakollu meta l-Bord irrilevalu illi Ian Abdilla u oħrajn kienu xehdu li kien hu, jiġifieri Silvio Valletta li kien qalilhom biex ma jmorrux ikellmu lil Yorgen Fenech peress li dakinhar kien indispost, is-Sur Valletta qal illi ma jiftakarx. Ftakar biss illi ċempillu Keith Schembri u qallu illi l-Pulizija ma kellhiex għalfejn tmur tkellem lil Yorgen Fenech għaliex deher artikolu fuq ġurnal.

Is-Sur Valletta kkonferma illi meta l-Pulizija kienu jmorru jagħtu "*briefings*" f'Kastilja dwar l-investigazzjonijiet li kienu qegħdin isiru dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, Keith Schembri kien dejjem ikun preżenti għalihom. Dan il-komportament suspett ta' uffiċjali għolja tal-Pulizija, inċidenti li seħħew wara l-assassinju huma konfermati wkoll b'inċidenti allarmanti li seħħew fosthom ikliet familjari fir-"*ranch*" tas-Sur Fenech li għalihom kienu jkunu mistiedna wkoll uffiċjali għolja tal-Korp, is-safar tas-Sur Silvio Valletta bħala mistieden ta' Yorgen Fenech biex jara logħob tal-football fi Kiev u Liverpool u dana wara li kienet ħarġet l-aħbar min kien sid 17 Black. Valletta xehed illi għamel hekk għaliex kieku ma marx Fenech kien jissuspetta illi hu kien jaf xi

ħaġa dwaru. Din skuża fjakka li ntużat ukoll minn Joseph Muscat meta mistoqsi fuq iċ-*chat* li kellu ma' Yorgen Fenech u Keith Schembri, li nħoloq bejnietom wara li ġew arrestati l-allegati esekuturi u fuq il-*party* tal-Girgenti.

***Leaks* mill-Pulizija**

Irriżulta illi saru *leaks* mill-Pulizija u dana kemm fir-rigward tal-investigazzjonijiet dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia kif ukoll dwar id-dati ta' meta kellhom jiġu arrestati l-ewwel tlett persuni indizjati waqt ir-*raid* fit-tinda tal-patata l-Marsa. Kien hemm *leaks* ukoll meta kien ser jiġi arrestat Melvin Theuma u fejn kienu ser isiru dawn ir-*raids* mill-Pulizija fil-proprjetajiet tiegħu. Hu allegat ukoll illi l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar kien għadda xi informazzjoni dwar Melvin Theuma lil Edwin Brincat, magħruf bħala l-Ġojja u hemm investigazzjonijiet għaddejjin f'dan ir-rigward. Irriżulta ċar illi Yorgen Fenech kien jaf meta ser jiġi arrestat, tkellem fit-tul dwar dan ma' Keith Schembri u dan ta' l-aħħar kien qallu biex ma jitlaqx. L-istess Prim Ministru Muscat ammetta fix-xhieda tiegħu li kien qal lil Keith Schembri biex jgħid lil Yorgen Fenech biex ma jwarrabx minn Malta.

Dan kollu juri xibka ta’ skambju ta’ informazzjoni bejn il-Pulizija, ic-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru u l-persuni illi allegatament qatlu lis-Sinjura Daphne Caruana Galizia.

**Xorta oħra ta’ impunita’**

Il-kultura ta’ impunita’ li f’dan il-każ jidher illi trabbiet appożitament biex tiffavorixxi, tkopri jew tostor atti illegali imma wkoll reati finanzjarji u l-awturi tagħhom. Wieħed ma ghandux jinjora impunita’ ohra li min kien attwalment involut fl-ippjanar u l-esekuzzjoni tal-assassinju kien ċert li qed igawdi minnha. Il-Bord ġia aċċenna għal fatt illi f’Malta kien hemm tul iż-żmien diversi karrozzi bomba u delitti oħra gravi li qatt ma ssolvew. Il-Bord jirreferi għax-xhieda tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta’ illi xehed illi minkejja illi s-Servizzi, flimkien mal-Pulizija, kienu ħadmu sabiex isolvu dawn ir-reati, dawn qatt ma kienu ġew solvuti anke għaliex ma kellhomx il-mezzi tekniċi biex jagħmlu dan. Indubbjament fil-fehma tal-Bord dan in-nuqqas ta’ suċċess kien fattur illi kkontribwixxa għas-sens ta’ impunita’ li assigura lil dawk li ħasbu u ippjanaw id-delitt li, kif kien ġara f’okkażżjonijiet oħra, huma ma kienux ser jinqabdu. Kienu iħossu ruħhom protetti li la delitti ta’ dik ix-xorta qatt ma ġew solvuti, lanqas dan ma kien ser jiġi.

Din l-impunita' tirresali għal-inabilita' tal-Pulizija u dawk inkarigati miż-żamma tal-ordni illi jsolvu ċertu tip ta' delitti minħabba nuqqas ta' għarfien tekniku u esperti in materja kif ukoll ta' limitazzjonijet ta' *personnel* u riżorsi. Hija impunita' illi tista' tavvera ruħha anke f'ċirkostanzi aktar normali għax spiss il-kriminalita' organiżżata għandha ferm aktar ħażen, għarfien tekniku u anke riżorsi mill-forzi tal-ordni inkarigati biex irażżnuhom. Fil-każ taħt eżami pero' wieħed irid iqis il-fattur ewlieni illi min ippjana u esegwixxa d-delitt aġixxa bil-konoxxenza jew assigurazzjoni li kellu l-protezzjoni u l-kopertura ta' nies ta' poter fil-qasam amministrattiv u ekonomiku wkoll u l-aghar ta' uffiċjali gholja fil-Korp tal-Pulizija. Huwa allegat li din kienet il-konvinzjoni ta' min seta' wettaq l-assassinju. Jekk dan huwiex minnu jew le għad irid jiġi stabbilit minn investigazzjonijiet li l-Bord mgħarraf illi qed tagħmel il-Pulizija u naturalment jekk ikun il-każ, mill-Qrati.

Jingħad ukoll li f'ċertu sens dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw għal reati finanzjarji li bihom hu allegat li kienu implikati negozjanti kbar li dwarhom il-Bord diga' ikkummenta. Anke f'dan il-każ jidher illi kien hemm nuqqasijiet gravi fl-investigar u prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati, u bosta oħrajn simili, mill-awtoritajiet regolatorji u mill-Pulizija. Dan kif ingħad minħabba nuqqas ta' riżorsi umani u *personnel* imħarreġ u espert. Anke f'dan ir-rigward fil-każ taħt

eżami min kien intenzjonat li jwettaq reati gravi ta' din ix-xorta kien konfortat mill-fatt illi ftit li xejn qatt saru prosekuzzjonijiet fuq allegazzjonijiet ta' reati bħal dawn. Magħdud ma' dan għandu wkoll jiġi sottolineat illi d-dinamika użata biex jiġu kommessi jew tentati dawn l-allegati reati kienet waħda ta' segretezza massima meqjusa bħala assolutament blindata u sigura bit-twaqqief ta' kumpanniji *offshore* u f'ġurisdizzjonijiet oskuri. Anke f'din is-segretezza kienu jfittxu komfort u serħan il-moħħ.

**L-iStat għandu fis-seħħ disposizzjonijiet ta' liġijiet kriminali effettivi?**

Il-Bord hu mistieden fit-Tieni Terminu ta' Referenza tiegħu biex jagħti opinjoni dwar jekk fid-dawl tal-provi li rriżultawlu l-iStat kellux jew għandux fis-seħħ disposizzjonijiet ta' liġijiet kriminali effettivi biex jevita li jiżviluppa stat ta' *de facto* impunita'. Filwaqt li ma jistax jiġi eskluż illi t-twettieq ta' reati serji, inklużi dawk bħall-omiċidju u l-korruzzjoni seħħew u jibqgħu jseħħu minn żmien għal żmien anke minn kriminalita' organiżżata, huwa rari li dan ikun karatterizżat minn kopertura ta' impunita' li tiffavorih jew tipproteġih. Indubbjament l-esperjenza qarsa li rriżultat mill-provi mismugħa quddiem dan il-Bord imma anke minn dak li ġie rilevat fid-dominju pubbliku, kixfet fenominu ġdid, gravi u xokkanti. Dan għaliex, kif ġie espost f'dan ir-rapport imma wkoll mill-ħafna investigazzjonijiet oħra li saru minn istituzzjonijiet

internazzjonali, dan seħħ fl-għola livelli tal-amministrazzjoni pubblika. Għar-risposta tiegħu għal dan il-kweżit il-Bord jagħmel riferenza għal din il-parti minn rapport tal-Assembleja Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa li tittratta dwar l-allegazzjonijiet gravi ta' skandli li jorbtu n-negozju kbir mal-amministrazzjoni u jattribwixxu t-tnawwir tal-istituzzjonijiet proprju għal dan l-iStat ta' *de facto* impunita' li nħoloq u li ppermetta li dawn il-fatti gravi jseħħu bla rażan.

**L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa**

Dan ir-rapport tal-Committee on Legal Affairs and Human Rights huwa *follow up* għal Parliamentary Assembly Resolution 2293/2019.

Din ir-risoluzzjoni tittratta dwar l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Uffiċjali Għolja fis-Servizz Pubbliku, il-Parlament ta' Malta, il-ħatra ta' Imħallfin u Maġistrati, il-ħatra tal-Avukat Ġenerali, tal-IState Advocate, il-Kummissarju tal-Pulizija, Inkjesti Maġisterjali, id-dewmien fil-kumpilazzjonijiet, l-Uffiċċju tal-Ombudsman, l-Ufficcju tal-Awditur Ġenerali, l-F.I.A.U., l-Ufficcju tal-Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-*Freedom of Information Act*, il-*Protection of the Whistleblower Act*, il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

L-Assemblea Parlamentari imbagħad *"notes that these fundamental weaknesses have allowed numerous major scandals to arise and go unchecked in Malta in recent years including the following: The Panama Papers Revelations, The Electrogas Affair, The Egrant Affair, The Hillman Affair, The Golden Passports Affair, The Vitals Global Healtcare Affair, Nexia B.T., Pilatus Bank. The Assembly concludes that the Rule of Law in Malta is seriously undermined by the extreme weaknesses of its systems of checks and balances noting that individuals such as Dr. Mizzi, Mr. Schembri and Mr. Tonna seem to enjoy impunity under the personal protection of the Prime Minister Muscat for their involvement of the above affairs. The Assembly considers that recent events in Malta illustrates serious damage that can result from its dysfunctional system. Despite certain recent steps Malta still needs fundamental holistic reform including subjecting the Office of the Prime Minister to effective checks and balances, ensuring judicial independence and strengthening law enforcement and other rule of law bodies. Malta's weaknesses are a sort of vulnerability for all of Europe. Maltese citizenship is European Union's citizenship, a Maltese Visa is a Schengen Visa and a Maltese Bank gives access to the European Banking system. If Malta cannot or will ot correct its weaknesses European Institutions must intervene."*

Dan ir-Rapport isostni illi dawn l-iskandli kbar seħħew għaliex l-istituzzjonijiet kienu fondamentalment dgħajfa. F'dan ma huwiex preċiż għaliex fil-fehma tal-Bord, l-istituzzjonijiet fil-pajjiż, anke jekk mhux perfetti, kienu normalment jassiguraw amministrazzjoni nadifa u governanza tajba. Dana naturalment ma jfissirx illi ma kienx hemm bżonn ta' emendi, anke strutturali, biex jissaħħu. Il-verita' hi illi l-iskandli seħħew għaliex kien hemm elementi, fost l-aktar b'saħħithom fil-pajjiż, li approfittaw ruħhom mill-politika dikjarata tal-Gvern illi akkost ta' kollox ikun "*business friendly*" u jikkonċentra fuq il-ħolqien tal-ġid, biex fil-proċess, jimmassimizzaw il-profitti tagħhom u jħaxxnu bwiethom.

Li kien, u hu inkwetanti u perikoluż kien il-mod kif dawn il-persuni organiżżaw ruħhom, ċertament kmieni wara l-elezzjoni tal-2013, biex ħolqu *modus operandi*, li la hu trasparenti u lanqas leġittimu, kif setgħu jagħmlu dan f'xenarju ta' qbil bejn numru ristrett ta' amministraturi pubbliċi u negozjanti kbar. Inħolqot xibka ta' kontroll u sostenn fl-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-Pulizija u dawk responsabbli għaż-żamma tal-ordni u tista' tgħid l-awtoritajiet pubbliċi kollha li għandhom il-funzjoni li jirregolaw l-attivitajiet ekonomiċi prinċipali fil-pajjiż. Meta kien meħtieġ din estendiet ir-rabta tagħha mal-kriminalita' organiżżata kif jidher li seħħ fl-assassinju tas-Sinjura Caruana

Galizia. Sistema perikoluża kienet f'postha, l-organizzażżjoni kienet qed tinbena u kienet diga' bdiet tagħti l-frott.

**Il-ġurnaliżmu investigattiv żvela din ix-xibka**

L-entita' u l-gravita' tal-allegazzjonijiet tas-Sinjura Caruana Galizia dwar l-irregolaritajiet u abbużi kważi fil-proġetti kollha għal ħolqien tal-ġid mill-amministrazzjoni fis-sħubija mal-privat u n-numru kbir ta' uffiċjali għolja tal-Gvern u f'awtoritajiet pubbliċi li kienu b'xi mod involuti fihom huma xhieda ta' dan. F'dan l-aspett il-pajjiż kien qed joqrob lejn sitwazzjoni li tista' tiġi kwalifikata bħala stat ta' mafja. Kien l-assassinju tal-ġurnalista illi għamel fren qawwi fuq dan id-diżastru annunċjat. Mhux biss. Il-Bord jinnota illi kien proprju minħabba l-iStat ta' de facto impunita', li minnu dawk kollha involuti f'din l-istruttura kienu qed igawdu, illi l-irregolaritajiet u abbużi serji finanzjarji u ma humiex, baqgħu jseħħu anke wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u s-17 Black. Impunita' li baqgħet tkopri lilhom u eventwalment anke lill-eżekuturi materjali tal-assassinju sa wara li seħħ id-delitt.

Xibka organiżżata ta' din ix-xorta f'dan il-livell u b'riżorsi enormi, motivata b'interessi komuni li bdiet tinfiltra sewwa l-istituzzjonijiet biex tassigura protezzjoni kienet realta' ġdida għal Malta. Tmur lil hinn mis-sempliċi atti ta'

korruzzjoni u abbuż ta' poter li mistennija li jseħħu taħt kull amministrazzjoni u li meta l-istituzzjonijiet jaħdmu kif imiss, kif ġeneralment kien ikun il-każ, jiġu kkontrollati. Jeħtieġ għalhekk illi l-iStat jieħu passi anke leġislattivi biex jipprevjeni l-ħolqien ta' organiżżazzjonijiet u assoċjazzjonijiet simili fil-futur u jassigura illi l-pajjiż qatt ma jerġa jiġi rinfaċċjat b'sitwazzjoni bħal dik li għadda u għadu jgħaddi minnha.

**L-Assassinju u l-abbużi fl-amministrazzjoni intimament konnessi**

L-assassinju tal-ġurnalista Caruana Galizia fih innifsu kien reat kriminali mill-aktar gravi iżda dan ir-reat ma jistax jinfired mill-isfond tal-fatti li mmotivawh u ipprovokawh, u ċioe' mill-akkwist korrott, mill-ħasil tal-flus u t-tixħim. Dawk direttament involuti fil-qtil tal-ġurnalista jimmeritaw il-konsegwenzi ta' għemilhom u l-kastig tagħhom. Daqstant pero' huma responsabbli għall-istess delitt dawk kollha li bl-abbuż tal-poter politiku u finanzjarju, għamlu qligħ illeċitu a spejjez tal-ġid komuni u għal dannu tal-iStat. Fil-konfront ta' din ix-xibka kriminali organiżżata l-prosekuzzjoni ma tistax tillimita l-azzjoni tagħha fuq elementi u manifestazzjonijiet limitati għal azzjoni estrema tal-mafja u ċioe' għall-assassinju, mingħajr ma tqis l-eżistenza tal-istruttura mafjuża minnha nnifsha. Dan għaliex b'hekk tipperikola illi din titħalla attiva bil-konsegwenza li tibqa' tasserixxi ruħha mingħajr wisq konsegwenzi.

Il-liġijiet tal-pajjiż ma għandhomx jiċħdu l-possibbilita' illi trabbi l-għeruq fil-pajjiż organiżżazzjoni ta' din ix-xorta. Għandhom jirrikonoxxu illi s-sempliċi esistenza tagħha tkun theddida għal viabbilita' tal-iStat Malti, anke jekk ma tkunx immanifestat ruħha b'xi att vjolenti estrem kif kien dan il-każ. Fuq kollox f'dan ir-rigward il-Bord ikkonstata illi filwaqt illi kif ingħad, liġijiet kriminali eżistenti jitqiesu li huma adegwati u effikaċi biex ikopru u jilqgħu għar-reati illi l-iStat sallum kien iqis li huma ta' theddida għas-soċjeta', eventi drammatiċi li ċċirkondaw u pprovokaw l-assassinju tal-ġurnalista Caruana Galizia jissuġġerixxu l-ħtieġa ta' azzjoni leġislattiva strutturata biex tilqa' għal din ir-realta' ġdida. Dan biex is-soċjeta' tkun protetta kontra t-theddid gravi li tista' titfaċċa mill-abbuż tal-poter u l-kilba bla rażan u bla skruplu għal qligħ u poter.

**Miżuri Leġislattivi Rakkomandati:-**

Il-Bord jindika wħud minn dawn il-miżuri leġislattivi li jirrakkomanda li jittieħdu:-

**Unexplained Wealth Orders**

1. L-infurzar tal-liġijiet kontra l-kriminalità finanzjarja, inkluż tixħim u korruzzjoni huwa diffiċli minħabba l-għodod disponibbli għall-kriminali sabiex jgħattu l-passi tagħhom. Madanakollu kull min għandu ferm aktar rikkezzi minn kemm jiġġustifika l-introjtu tiegħu hu l-benefiċċjarju ta' introjtu li ma jistax jiġġustifika.

Hija rilevanti x-xhieda li inghatat quddiem il-Bord imma wkoll fil-Qrati, dwar persuni suspettati li allegatament kienu involuti fid-delitt u oħrajn anke fl-amministrazzjoni pubblika, fis-sens illi dawn, minkejja li ma jaħdmux, kellhom karozzi lussużi, dgħajjes u oggetti oħra ta' valur. Kieku kienet teżisti din il-liġi kien ikollhom jispjegaw kif kellhom dan il-ġid meta huma ma kienux jaħdmu.

Kieku l-Pulizija u awtoritajiet oħra investigaw lill-persuni bħal dawn fiż-żmien utili, għax kien jeżisti r-reat, l-istorja kienet tieħu żvolta oħra.

Il-qafas leġislattiv tagħna ma għandux il-miżuri li għandu dak tar-Renju Unit fejn għandhom proċedura li tipprovdi għal "*unexplained wealth orders*". Dawn huma ordnijiet maħruġa mill-qrati li bihom persuni jiġu mġiegħla jiżvelaw is-sorsi tar-rikkezzi mhux spjegati tagħhom. Il-persuni li ma jagħtux

rendikont u jonqsu li jiġġustifikaw l-oriġini tal-ġid tagħhom ikunu soġġetti għal konfiska tal-assi meta xi awtorita' tal-infurzar bħall-aġenzija nazzjonali tal-kriminalita', tagħmel appell b'suċċess quddiem il-High Court Ingliża.

Jinħtieġ ukoll illi f'Malta jkun hemm deterrent ċar u simili f'liġi bħal din sabiex jiġi evitat li persuni li jabbużaw mill-poter jakkumulaw rikkezzi mill-aġir illeċitu tagħhom. F'dan il-każ ir-reat ikun aggravat għaliex jistgħu jkunu f'posizzjoni li jevitaw investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'rabta ma' tali kondotta. F'dawn is-sitwazzjonijiet il-liġi għandha tipprovdi aggravju fil-piena.

**Min jabbuża mill-Uffiċċju tiegħu biex ifixkel jew jinfluwenza xi awtorita' oħra**

2. Hemm bżonn illi jiġi kkrejat reat speċifiku li persuna b'kariga pubblika tkun soġġetta għall-proceduri kriminali jekk tipprova tfixkel lill-Pulizija, il-Prosekuturi, l-investigaturi u/jew uffiċjali oħrajn bħall-Awditur Generali, l-Ombudsman jew il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika milli jwettqu investigazzjonijiet ta' din ix-xorta.

Il-Bord iqis li kieku f'Malta kellna dawn l-għodod leġiżlattivi fis-seħħ, il-korpi tal-infurzar tal-ordni, kif ukoll l-awtoritajiet regolatorji speċjalment fil-qasam finanzjarju kieku kellhom il-kuraġġ u ma kenux kompromessi kif kienu, kien

ikollhom is-setgħa li jaġixxu f'diversi okkażjonijiet qabel u wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia biex jassiguraw li tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt . Kienu jassiguraw li ma kienx ikun hemm qerda suspetta ta' records pubbliċi meta jintużaw kontijiet privati tal-emails għall-ħidma uffiċjali biex jiġi imminat il-proċess tal-awditjar u l-verifika, jintervjenu meta ma tingħatax evidenza, tingħata evidenza kontradittorja jew evidenza parzjali mhux trasparenti.

Dan juri illi hemm bżonn ta' riformi leġiżlattivi li jirfdu ftit mid-dispożizzjonijiet tal-Kodici Kriminali tagħna eżistenti li ftit li xejn jintużaw bħal dawk dwar il-miżappropriazzjoni, l-abbuż mill-pożizzjoni, it-tfixkil jew l-attakki fuq uffiċjali pubblici fil-qadi ta' dmirijiethom u dispożizzjonijiet oħra koperti b'liġijiet amministrattivi speċifiċi.

**Bżonn li jiġi introdott reat simili għal-Artikolu 416 *bis* tal-Kodiċi Kriminali Taljan**

3. Il-Bord jirrakkomanda b'saħħa illi tiġi konsidrata l-possibbilita' ta' emenda fil-Kodiċi Kriminali Malti sabiex tinkorpora r-reat kontemplat fl-Artikolu 416 *bis* tal-Kodiċi Penali Taljan illi jikkontempla r-reat "*di associazione a delinquere di stampo mafioso*".

Dan l-Artikolu ġie introdott fil-liġi kriminali Taljana fl-1982 u dana sabiex jirrendi punibbli kondotta assoċjattiva tat-tip mafjuż li ma kenitx taqa' fl-ambitu tal-artikolu 416 tal-Kodiċi Penali Taljan.

Fil-pubblikazzjoni "*Il reato di associazione a delinquere di stampo Mafioso*" tal-Cammino Diritto tal-21 ta' Lulju 2015, intqal illi mhuwiex dejjem sempliċi u faċli biex jinstab il-metodu u l-formola li tiddefinixxi b'mod eżatt il-fenominu mafjuż. "*La dottrina ha messo in luce che la finalita' di arricchimento di mafiosi usando rapporti di dipendenza personale a tutti i livelli e strati sociali ha fattosi che l'attenzione del legislatore si concentrasse sul carattere prevalente di una forma di attivita' imprenditoriale o para imprenditoriale il tutto nel quadro di quella che e' possible definire come una logica di dominio e di conquista illegale e violenta di spazii di potere reale.*"

Il-ġurisprudenza Taljana ppreċiżat illi sabiex iseħħ ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 416 *bis* ma jinħtiegx biss is-sempliċi ftehim sabiex isir ir-reat imma tinħtieġ ukoll struttura organizzattiva. Illi għalhekk il-ġurisprudenza taljana ppruvat tindividwa l-elementi tal-organizzazzjoni mafjuża bħas-segretezza, l-omertà eċċetra u stabbiliet illi f'kull każ jeħtieġ illi jkun hemm il-preżenza ta' organizzazzjoni u struttura stabbli u permanenti.

Il-provi miġbura mill-Bord jindikaw li kienet qed tinħoloq sistema organiżżattiva anke jekk mhux konxjament biex tivvantaġġja indebitament persuni ħalli jarrekkixxu ruħhom a skapitu tal-ġid komun, u dan permezz ta’ ħbiberiji, qrubija u assoċjazzjoni ma’ persuni fil-poter. Emenda simili hija meħtieġa biex tipprevjeni l-ħolqien ta’ sistema organizzattiva bħal din.

**Reat tal-Abbuzo d’Ufficcio**

4. Fi Franza l-Kodici Penali Franċiż jitkellem fuq id-delitt ta’ “*Abuse de Confiance*”, filwaqt li fl-Italja hemm id-delitt ta’ “*Abuso d’Ufficcio*”. L-Artikolu 314 sub-artikolu (1) tal-Kodici Penali Franċiż jgħid illi l-abbuż tal-fiduċja pubblika jiġi fis-seħħ meta l-persuna, bi preġudizzju għal ħaddiehor, iddawwar għal fuqha fondi jew beni oħrajn li jkunu ġew fdati lilha bi skop li din troddhom lura jew tagħmel minnhom użu determinat. Min jinsab ħati jeħel piena ta’ ħabs ta’ ħames snin u emenda ta’ tlett mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€375,000). Il-piena titla’ għal dik ta’ għaxar snin ħabs u emenda ta’ miljun u ħames mitt elf ewro (€1,500,000) meta dan l-abbuż iseħħ minn uffiċjal pubbliku jew ministerjali jew xi uffiċjal fdat bit-twettiq ta’ ġustizzja u meta l-abbuż iseħħ fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

Fil-Kodiċi Penali Taljan insibu l-Artikolu 323 li jipprovdi wkoll għal dan it-tip ta’ abbuż li jsir minn uffiċjal pubbliku jew inkarigat mis-servizz pubbliku, fil-qadi ta’ dmirijiet jew servizz tiegħu. Dan id-delitt jista’ jwassal għal piena ta’ ħabs minn sena sa erba’ snin, piena li tiżdied f’kaz li l-vantaġġ jew id-dannu huma relattivament gravi. Minn dak li rriżulta lill-Bord hemm il-ħtieġa urġenti li f’Malta jiġu introdotti disposizzjonijiet fil-liġi biex jilqgħu għall-abbużi ta’ din ix-xorta.

**Kondotta Mhux Xierqa minn Uffiċċjali Pubbliċi fosthom il-Pulizija, is-Servizz tas-Sigurta’ u Ufficjali Gholja ta’ Awtoritajiet Pubbliċi**

5. Mix-xhieda illi sema’ dan il-Bord kif ġia aċċennat fl-osservazzjonijiet li għamel għal dan it-terminu, u konsidrat mill-ottika amministrattiva tirriżulta imġieba ħażina u abbuż ta’ poter minn uffiċjali pubblici fil-qadi ta’ dmirijiethom, kemm qabel Ottubru tal-2017 u kif ukoll wara. Irriżultaw dellijiet ta’ korruzzjoni minn kollużjoni u influwenza minn ħbiberiji li jmorru oltre dak mistenni minn persuni li jokkupaw posizzjonijiet uffiċjali. Il-Bord baqa’ żbalordit meta ra li l-Pulizija ma aġixxewx meta daħlu r-rapporti tal-F.I.A.U. u meta faqqa’ l-iskandlu tal-Panama Papers u aktar u aktar l-iżvelar tal-kumpanija 17 Black. Keith Schembri u Konrad Mizzi ma tkeċċewx, Nexia B.T. tħalliet topera u ma ġewx elevati s-*servers* tagħha. Pilatus Bank tħalla jopera

qiesu qatt ma ġara xejn. U għal ċertu nies, jagħmlu x'jagħmlu kollox kien baqa' *business as usual*. L-aġir mhux xieraq tagħhom la twaqqaf, la ġie punit u lanqas ġie, b'xi mod, iċċensurat.

Wieħed kien jistenna illi dawn il-persuni kellhom jirriżenjaw jew jiġu mġiegħla jirriżenjaw u mhux jibqa' kollox għaddej. Il-Pulizija lanqas biss indenjat ruħha li taġixxi u tibgħat għal min kien involut. Mhux talli l-Pulizija ma ħadet l-ebda azzjoni, talli rriżultaw *leaks* mill-Pulizija lill-persuni suspettati bl-assassinju, kif diġà ssemma f'diversi istanzi f'dan ir-rapport.

Irriżulta lill-Bord illi kien hemm imġieba mhux xierqa minn uffiċjali pubbliċi u dan fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi illi jħalltu partit mal-Gvern, uffiċjali li ħatru lill-uliedhom u qraba fuq il-bordijiet fid-dekasteru tagħhom stess, uffiċjali pubbliċi illi kellhom dħul privat klandestin, oħrajn illi kienu dikjarati mill-Qorti illi xehdu l-falz u ma ġara xejn, uffiċjali pubbliċi illi rabtu l-erarju pubbliku fi proġetti multi-nazzjonali fi vjaġġi li għalihom ma tteħditx il-medja u allura ma kien hemm l-ebda skrutinju. Irriżultaw każijiet fejn uffiċjali pubbliċi ħatru persuni fuq Bord ta' Għażla fuq proġetti kbar ħafna u li qatt ma messhom kienu fuq tali Bord minħabba kunflitt pależi ta' interess, kif kien hemm uffiċjali pubbliċi

illi għamlu ftehim sigriet, Memorandum of Understanding, qabel il-ħruġ ta' tender pubbliku dwar l-istess suġġett, f'proġetti ta' importanza nazzjonali.

Hemm bżonn ta' provvediment leġislattiv biex iservi ta' deterrent sabiex titrażżan imġieba mhux xierqa u ħażina li tibqa' għaddejja mingħajr ebda konsegwenza għal min iwettaqha. Deterrent li għandu jkopri wkoll l-amministrazzjoni pubblika f'sens wiesgħa.

F'dan ir-rigward, hemm bżonn mhux biss ta' emendi leġislattivi imma wkoll ta' provvedimenti xierqa fil-Kodiċijiet ta' Etika biex jilqgħu għal din ix-xorta ta' kondotta mhux xierqa u suspetta.

**Jissaħħaħ l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u miżuri oħra**

6. Jista' jkun illi wasal iż-żmien illi l-uffiċjali tas-Servizz Sigriet ma jibqgħux imorru għand l-Eżekuttiv biex jitolbu l-interċettazzjoni ta' persuni suspettati meta dawn jista' jkollhom konnessjonijiet ma' politiċi u dana jgħodd ukoll fil-każ ta' maħfra presidenzjali. Għaliex għandu jkun il-Kabinett illi jiddeċiedi u jagħmel rakkommandazzjoni dwar maħfriet presidenzjali lill-President ta' Malta? Forsi wasal iż-żmien li għandu jkun hemm xi tip ta' Kumitat illi jkun indipendenti mill-Eżekuttiv illi jiddeċiedi dwar dawn il-kwistjonijiet ta'

maħfriet presidenzjali u li jagħmel ir-rakkommandazzjonijiet tiegħu lill-President ta' Malta f'dan ir-rigward.

Il-Bord jinnota illi l-Gvern ħa passi biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja għat-twaqqif ta' uffiċċju indipendenti ta' Direttur ta' Prosekuzzjonijiet jew Prosekutur Ġenerali u għażel it-triq li jaqsam l-uffiċċju tal-Avukat Generali fi tnejn, dak ta' Avukat tal-Gvern u dak ta' Avukat Ġenerali li għandu l-funzjoni li jikkonduċi l-prosekuzzjoni ta' reati li jimportaw piena b'aktar minn sentejn priġunerija.

L-emendi li saru jissodisfaw ir-rekwiżit tal-indipendenza tal-uffiċċju mill-Gvern. Jibqa' l-punt importanti li ma ġiex sa issa implimentat, dak li rrakkomandat l-Kummissjoni li dan l-uffiċċju ma jikkonduċix l-investigazzjonijiet hu, dawn baqgħu f'idejn il-Pulizija esekuttiva. Biex ir-riforma ssir sew jeħtieġ li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jingħata r-riżorsi kollha meħtieġa biex ikun jista' jaqdi din il-funzjoni u b'hekk ikollu kontroll sħiħ tar-reati serji. Il-Bord hu tal-fehma li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-poter li hu stess jinizja investigazzjoni ta' fatti li jimportaw il-kummissjoni ta' reati gravi, anke mingħajr il-ħtieġa li jkollu rapport mill-Pulizija jew minn terza persuna.

Jinħtieġ ħafna aktar proattivita' mill-Pulizija meta toħroġ informazzjoni ta' min joqgħod fuqha minn ġurnalisti investigattivi dwar korruzzjoni jew abbuż ta' poter u jinħtieġ ukoll illi ġurnalisti investigattivi jkunu rikonoxxuti għal ħidma kbira li jagħmlu u jkunu wkoll protetti.

**Tfixkil fil-kors tal-ġustizzja, depistaġġ**

7. F'Malta ma jeżistix ir-reat ta' "obstruction of justice". Dan ir-reat huwa kontemplat fil-Kodiċi Kriminali Kanadiż fl-Artikolu 139. Fil-Kanada dan ix-xorta ta' reat jista' jwassal għal priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn għaxar snin. Il-liġi fl-Awstralja tipprovdi fl-Artikolu 319 tal-Crimes Act tal-1900 "A person who does any act or makes any omission intending in any way to pervert the course of justice is liable to imprisonment for fourteen years." Fl-Irlanda l-Criminal Justice Act, 1999, fl-Artikolu 41 jgħid hekk: "A person with the intention thereby of causing the investigation or the course of justice to be obstructed, perverted or interfered with shall be guilty of an offence." Dan ir-reat huwa kontemplat ukoll fil-Crimes Act 1961 ta' New Zealand.

Fil-Kodiċi Kriminali tagħna ma hemm ebda reat li jikkontempla l-attentat li xi ħadd b'xi mod jostakola l-kors tal-ġustizzja. Din il-lakuna fil-liġi tagħna wkoll

tagħti lok għal impunita' u toffri l-opportunita' sabiex persuni jwettqu abbużi u anke jfixklu jew jindaħlu fil-kors tal-ġustizzja.

Waqt din l-Inkjesta l-Bord sema' provi ta' tentattivi minn uffiċjali pubbliċi kemm biex jiżvijjaw il-kors tal-ġustizzja kif ukoll biex jostakolawh. Huwa allura meħtieġ urġentement li jiġu introdotti provvedimenti effikaċi biex jilqgħu għal dan l-abbuż.

# Taqsima V -
# It-Tielet terminu ta' referenza

*"3. tiddetermina jekk l-Istat wettaqx u jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b'mod partikolari fil-każ tal-ġurnalisti"*

**Taqsima V**

**It-Tielet Terminu ta' Referenza**

Il-Bord issa jgħaddi biex jagħmel xi riflessjonjonijiet ulterjuri, pertinenti għat-tielet terminu ta' referenza li ngħata. Dan hu li jiddetermina *"jekk l-iStat wettaqx jew jekk hux qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b'mod partikolari fil-każ tal-ġurnalisti*".

Dawn il-kunsiderazzjonijiet qegħdin isiru fid-dawl ta' dak li diġà ġie ikkunsidrat mill-Bord fit-Taqsima li fiha għamel il-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu. Kunsiderazzjonijiet li jkopru ħafna mit-terren li jippreżenta dan it-terminu ta' referenza u li jkopri wkoll dak li ġie trattat minn dan il-Bord dwar l-ewwel terminu ta' referenza. In fatti l-isfond legali ta' dan it-terminu ta' referenza huma l-jedd fundamentali li għandha kull persuna fl-iStat Malti għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-libertà tal-espressjoni. Drittijiet protetti kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem inkorporata fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Bord jagħmel riflessjoni qasira dwar l-estensjoni tal-protezzjoni fiż-żewġ istituti fondamentali. Il-Kostituzzjoni ta' Malta fis-sub-artiklu 1 tal-Artiklu 33 tipprovdi illi "*Ħadd ma jista' jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu ikun ġie misjub ħati*". Minn naħa l-oħra l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jgħid "*Everyone's right to life shall be protected by law. No one shall be deprived of his life intenionally save in the execution of a sentence of a court following his conviction of a crime for which his penalty is provided by law*".

Id-distinzjoni bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet anke jekk biss fuq l-enfasi bejn id-dritt taċ-ċittadin u l-obbligu tal-iStat fir-rigward tal-protezzjoni għall-ħajja u anke jekk dan jidher esssenzjalment li hu rifless taż-żewġ uċuh tal-istess medalja, hija ċara u sinjifikanti. Waqt li l-Kostituzzjoni tenfasizza d-dritt tal-individwu għall-ħajja u għall-inkolumità tal-persuna u li allura l-iStat kellu l-obbligu li jittutela dak id-dritt, il-Konvenzjoni timmira biex tiggarantixxi li dan l-istess dritt tal-ħajja għandu jiġi protett b'liġi u li tali protezzjoni għandha tiġi estiża lil kull individwu mill-iStat.

Filwaqt li l-għan taż-żewġ dispożizzjonijiet hu identiku in kwantu t-tnejn huma maħsuba biex iħarsu l-ħajja ta’ kull individwu, il-Kostituzzjoni tipproklama d-dritt ta’ kull individwu li ma jiġix privat mill-ħajja tiegħu jew tagħha intenzjonalment jekk mhux fil-każijiet espressament elenkati fil-Kostituzzjoni.

Dritt li jissarraf fl-obbligu korrispettiv u tal-iStat li bl-ebda mod ma jippriva lill-individwu mill-ħajja tiegħu jew tagħha. Mill-banda l-oħra l-Konvenzjoni tmur *oltre* u timponi fuq l-iStat l-obbligu li jassigura li dan id-dritt tal-ħajja ta’ kull individwu jiġi protett b’liġi. Obbligu dan li jimporta aġir pożittiv u tempestiv mill-organi tal-iStat biex dan id-dritt tal-ħajja jiġi assigurat fejn ikun mhedded. Il-Kostituzzjoni tipproklama l-jedd ta’ kull individwu għall-ħajja li jissarraf fl-obbligu tal-iStat li jipproteġih. Il-Konvenzjoni espressament tenfasizza li d-dritt għall-ħajja ta’ kull persuna għandu jiġi protett b’liġi mill-iStat.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet bażiċi huma riflessi fit-termini ta’ referenza ta’ dan il-Bord li hu mitlub jiddetermina “*jekk l-iStat wettaqx u jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta’ prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali*”. Stabbilit li dan l-obbligu pożittiv tal-iStat jikkonkretizza, jagħti sura

u jimmaterjalizza l-jedd fundamentali għad-dritt għall-ħajja u tal-inkolumità tal-persuna kif enunzjati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja, u ikkunsidrat illi l-obbligu pożittiv tal-iStat f'dan ir-rigward hu espressament impost fil-Konvenzjoni Ewropeja, hu ċar illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li interpretat is-subinċiż 1 tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni takkwista rilevanza kbira.

L-obbligu tal-iStat taħt l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi l-inkolumità u l-integrità fiżika ta' kull persuna fil-ġurisdizzjoni tiegħu mhux biss jimporta d-dmir negattiv li hu jiddeżisti milli intenzjonalment u illegalment tiġi preġudikata jew imneħħija l-ħajja ta' kull persuna. Timponi wkoll l-obbligu pożittiv fuq l-iStat li jieħu l-passi kollha xierqa u meħtieġa biex tiġi mħarsa l-ħajja ta' dawk kollha fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Hu espressament obbligat li jilleġisla biex ikun dan il-jedd fundamentali ikun garantit li ċertament ma jagħmel xejn hu biex jqiegħdu f'riskju.

Hu fl-identifikazzjoni ta' dan l-obbligu pożittiv espliċitu illi l-Konvenzjoni Ewropeja tmur lil'hinn minn dak illi l-Kostituzzjoni impliċitament tirrikonoxxi. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha fl-ismijiet

Gongadze vs Ukraine[4] hekk elaborat fuq in-natura ta' dan l-obbligu pożittiv tal-iStat li jipproteġi d-dritt tal-ħajja "*This involves a primary duty on the State to secure the right to life by putting in place effective criminal law provisions to deter the commission of offences against the person backed up by law enforcement machinery for the prevention, suppression and punishment of breaches of such provisions. It also extends in appropriate circumstances to a positive obligation on the authorities to take preventive operational measures to protect an individual or individuals whose lives are at risk from the criminal acts of another individual*".

Dan il-Bord mhux qiegħed jiġi mitlub biex jagħmel apprezzament dwar id-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali maħsuba biex jipprevjenu u jrażżnu d-delitti kontra l-persuna, jew dwar jekk ir-regoli u l-pieni stabbiliti appellabbli għal kif dawn lil min jinstab ħati ta' reati ta' din ix-xorta huma xierqa u ġusti. Lanqas ma hu mitlub jinvestiga dwar jekk il-makkinarju tal-iStat għall-infurzar tal-liġi biex jipprevjenu, jissoprimu u jippunixxu delitti kontra l-persuna kienux adegwati u idoneji. Qiegħed peró jiġi espressament mitlub biex jindaga jekk l-iStat "*wettaqx u jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri*

[4] Application No 34056/02 ECHR 2005 – XL.

*operazzjonali ta' prevenzjoni*". Preċiżament it-termini wżati fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja appena citata.

Sewwa jingħad għall-korrettezza illi l-istess sentenza tikkwalifika dan l-obbligu pożittiv tal-iStat f'kuntest illi hu stabbilit f'każistika kostanti tal-istess qorti f'dawn il-parametri.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament dan il-Bord jeħtieġlu jfassal il-kunsiderazzjonijiet tiegħu. Il-Bord iqis:-

1. Li l-obbligu pożittiv tal-iStat li jwettaq miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lill-individwu mhuwiex wieħed assolut, hu wieħed relattiv marbut maċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

2. Illi filwaqt li hu minnu illi biex tissussisti l-obbligazzjoni pożittiva tal-iStat irid ikun stabbilit illi l-awtoritajiet kienu jafu jew messhom kienu jafu, fiż-żmien meta seħħ id-delitt f'dan il-każ l-assassinju, tal-eżistenza ta' riskju reali u imminenti fuq il-ħajja tal-vittma, dan ma kienx ifisser illi dan ir-riskju kellu jkun

marbut jew limitat mal-azzjonijiet kriminali tal-eżekuturi materjali tad-delitt jew tal-mandati tagħhom. Dan ir-riskju reali u immedjat għall-ħajja tal-vittma seta' kien maħluq u sostnut, kif kien f'dan il-każ, bil-ħolqien ta' ambjent ostili, ta' mibgħeda u theddid li jwassal għad-deumanizazzjoni sħiħa tal-persuna u jrendiha estremament vulnerabbli, għal min kellu l-intenzjoni li jeliminaha b'malizija. Hemm provi abbundanti li r-riskju kbir li kienet qed tiffaċċja Daphne Caruana Galizia meta waħedha kienet qed teħoda kontra l-poter tal-iStat u l-poter ekonomiku, b'konfront dirett u bla kantunieri speċjalment minn wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u s-17 Black, kien wieħed reali u imminenti.

3. Reali sal-punt illi l-awtoritajiet u l-entitajiet responsabbli fosthom il-Pulizija u s-Servizzi tas-Sigurtà responsabbli għaż-żamma tal-ordni ma setgħux ma kienux jafu bl-eżistenza u l-gravità tiegħu. Lanqas setgħu jinjoraw li l-konfront u l-vjolenza frontali kemm verbali, fiżika jew xort'oħra kienu jrendu r-riskju gravi f'wieħed imminenti. Tant li kien ovvju għal ħafna illi s-sitwazzjoni kienet eskalat sal-punt li wieħed kellu raġonevolment jistenna li setgħet tirriżolvi ruħha b'xi att vjolenti.

4. Li hu verament inkwetanti u ta' tħassib għall-Bord u mhux għall-Bord biss hu l-fatt stabbilit mill-provi li jipponta fid-direzzjoni ta' responsabbiltà

kontributorja tal-iStat bħala riżultat ta' aġir abbużiv ta' elementi li kienu jifformaw parti minn entitajiet tiegħu li ikkontribwew b'mod sinjifikattiv għall-ħolqien ta' dan ir-riskju reali u imminenti. Mhux biss. Jirriżultaw provi konvinċenti illi ċ-ċirkostanzi li qegħdu l-ħajja ta' Caruana Galizia f'riskju reali u imminenti bħala riżultat tax-xogħol investigattiv tagħha kienu jinvolvu fl-ogħla livell tal-amministrazzjoni pubblika. Uffiċjali għolja fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

5. Il-Bord joqgħod ferm attent milli jispekula u jipponta subajgħ lejn min seta' kien parteċipi jew iffavorixxa l-pjan jew pjanijiet tal-assassinju. Fil-verità l-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar ir-riskju reali u imminenti li kien jimponi fuq l-entitajiet tal-iStat li jassiguraw massima protezzjoni għall-ġurnalista assassinata, jistgħu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull min fil-fatt ippjana, kien mandant jew l-eżekutur materjali tad-delitt. Huma kunsiderazzjonijiet li japplikaw saħansitra għall-att ikkonsult ta' xi wieħed miġnun li ddeċieda li jelimina lill-ġurnalista. Dan ċertament ma kienx il-każ.

6. Fiż-żmien aktar viċin meta seħħ id-delitt, il-pożizzjoni ta' Caruana Galizia kienet aggravat għaliex l-attakki fil-konfront tagħha bdew jiġu minn kull naħa, inkluż min-naħa li kienet issostni l-allura Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia.

Kienet realment iżolata. Ħadd ma kien jiddefendiha. Aktar ma kienet tiżvela investigazzjonijiet bħal per eżempju dwar l-eżistenza ta' 17 Black jew allegazzjonijiet fuq il-komportament tal-allura Kap tal-Oppożizzjoni, aktar kienu jikkargaw l-insulti u t-theddid anke permezz ta' azzjonijiet ġudizzjarji fil-konfront tagħha. Kienet saret dak iż-żmien *Public Enemy* No 1 tista' tgħid maż-żewġ naħat tal-isfera politika.

Fil-verità, għandu jingħad li jirriżultaw provi kemm quddiem il-Bord u kemm fid-dominju pubbliku illi l-assassinju kien ilu qed jiġi ippjanat xhur qabel l-elezzjoni tal-2017 u qabel ma beda l-konfront qawwi mal-allura Kap tal-Oppożizzjoni. Il-Bord allura jqis illi fuq bażi ta' probabbiltà jekk mhux ċertezza, għax din tista' tiġi stabbilita biss fi proċeduri ġudizzjarji, li dak li wassal għall-assassinju kien ix-xogħol investigattiv tas-Sinjura Caruana Galizia fuq ir-rabtiet bejn il-politika u n-negozju kbir.

7. Hu peró rilevanti kif il-Pulizja u l-awtoritajiet responsabbli għaż-żamma tal-ordni fil-pajjiż ma apprezzawx jew ma riedux japprezzaw dak li kien ovvju għall-pajjiż kollu. In-nuqqas totali ta' kull azzjoni biex tiġi protetta persuna li l-ħajja tagħha tkun f'riskju daqstant reali u imminenti meta kellu jkun ċar għalihom illi l-fatt ki kienet qed teħodha kontra l-qawwa tal-politika u l-forza

tal-flus. Huwa allarmanti, inspjegabbli u kundannabbli l-mod diżinvolt kif l-eks Kummissarju tal-Pulizija, Lawrence Cutajar fost l-oħrajn, xehed bl-akbar diżinvoltura li l-pulizija baqgħu jagħtu lil Caruana Galizia dik il-protezzjoni li kienu jagħtuha qabel. Xehed li fiċ-ċirkostanzi ma setgħu jagħmlu xejn aktar milli kienu għamlu, sa minn qabel l-2013 meta ċ-ċirkostanzi kienu ferm differenti u l-livell ta' riskju kien ferm atkar baxx. Dan meta fil-fatt ma għamlu xejn. Anzi naqqsu l-ftit protezzjoni li kienet tingħata billi illimitawha għaż-żmien tal-elezzjoni, referendum u avvenimenti ta' din ix-xorta.

8. Il-fatt li Caruana Galizia kienet qed tiġi attakkata b'tant qawwa minn kull naħa għaliex kienet qed teżerċita l-professjoni tagħha u l-fatt li kienet qed teħodha kontra l-qawwa tal-politika fuq kull naħa u l-forza tal-flus, bl-ebda mod ma jidher li allarmaw lill-Pulizija li l-ġurnalista kienet qed tesponi ruħha għal riskju reali w imminenti ta' ritaljazzjoni. Dan anke fi żmien meta hi bdiet tagħmel akkużi speċifiċi ta' kommissjoni ta' reati. Il-Pulizija *ex admissis* ma deherilhomx li kellhom iżidu l-miżuri ta' sigurtà biex jestendulha l-protezzjoni. Aktar u aktar jidher li ma għamlu assulutament xejn biex irażżnu l-ħruxija tal-attakki minn sorsi ben identifikati u in parti in kwantu oriġinaw mill-istess Uffiċċju tal-Prim Ministru, faċilment kontrollabbli.

9. Aspett ieħor fejn l-entitajiet tal-iStat naqqsu li jwettqu l-obbligu pożittiv tagħhom ta' prevenzjoni li jassiguraw li l-ġurnalista setgħet teżerċita l-professjoni tagħha f'ambjent sikur, jirrigwarda n-nuqqas tista' tgħid assolut illi jinvestigaw l-allegazzjonijiet serji li kienet qed tiżvela Carurana Galizia kontra Ministru u ċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru imma mhux biss. Investigazzjonijiet li kellhom isiru kontra persuni li jeżerċitaw il-poter u li minnhom min kien tenut li jinvestigahom kien jiddependi.

F'dan ir-rigward mhux biss il-Pulizija kienu naqsu milli jaqdu d-dmirijiet tagħhom, imma wkoll awtoritajiet regolatorji; bħall-MFSA, l-FIAU, awtoritajiet bħal dik tal-Ippjanar u l-Iżvilupp tal-Artijiet u tal-Gaming, kollha fi xi żmien jew ieħor abdikaw milli sewwa jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom biex jassiguraw illi l-liġijiet jiġu osservati u l-abbuż imrażżan.

Kien hemm uħud li ttantaw jagħmlu d-doveri tagħhom bħal l-eks Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar u l-eks Direttur tal-FIAU Manfred Galdes fost l-oħrajn, iżda dawn għal xi raġuni jew oħra ftit damu f'posthom wara li bdew jiġu żvelati allegazzjonijiet kontra persuni fis-setgħa.

Ir-raġunijiet għal din l-inattività totali tal-awtoritajiet li indubjament ikkontribwiet bil-qawwa għall-ħolqien ta’ ambjent ta’ impunità u allura ffavoriet it-twettieq tad-delitt huma bosta u lkoll huma ċensurabbli. Setgħu kienu l-biża’ ta’ ritorsjoni jew tpattija minn persuni li jkunu ser jiġu indagati, r-rispett uman u t-temenza li tindaga lis-superjuri tiegħek kif kien l-obbligu li jsir, id-dgħjufija motivata minn biża’ tal-konsegwenzi li indaġnijiet serji bħal dawn setgħu jġibu fuq l-istabbilità tal-pajjiż, l-inkompetenza manifesta ta’ persuni mqiegħda f’karigi għolja li ma jixirqulhomx u oħrajn.

Hemm peró raġunijiet oħra aktar sinistri għal din l-inattività kundabbabbli li jemerġu mill-provi quddiem dan il-Bord, mix-xhieda quddiem il-Qrati u mid-dominju pubbliku. In fatti l-Bord għandu f’idejh informazzjoni li mhux fil-libertà li jiżvela, in kwantu jistgħu b’xi mod jippreġudikaw il-proċeduri kriminali li għadhom għaddejjin. Jista’ peró jafferma kif diġà irrefera aktar ‘l fuq f’dan ir-rapport l-eżistenza ta’ xibka ta’ nies li kienu jikkontrollaw awtoritajiet regolatorji, magħżula u mqiegħda bħala persuni ta’ fiduċja tal-poter politiku, b’lealtà għamja lejn il-persuni li ħatruhom u jwieġbu direttament liċ-ċentru tal-poter fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Diffiċli jekk mhux impossibbli anke f'ċirkostanzi normali, illi persuni bħal dawn li jkunu jafu s-suċċess għall-karriera tagħhom, jekk mhux l-avvanz futur, għal min ikun ħatarhom, jieħdu xi pass dovut fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom biex jindagaw allegati abbużi fir-rigward ta' min kienu jqisu li kienu mhux biss is-superjuri, imma ukoll il-mexxeja tagħhom.

Għal dawn in-nies sitwazzjoni bħal dik li ġiet deskritta f'dan ir-rapport, iċ-ċirku tal-poter jestendi wkoll għal dawk il-persuni fosthom negozjanti kbar illi rabbew relazzjonijiet tajba u mill-qrib mal-poter politku. Ikunu saru persuni ta' ġewwa li setgħu jafdaw u li mingħandhom setgħu jakkwistaw xi favur. Mill-banda l-oħra n-negozjant ma damx ma għaraf il-potenzjal illi bil-flus, bil-pjaċiri u mhux biss, jista' jagħmel użu minn dawn in-nies għall-iskopijiet tiegħu biex jinqeda meta jkollu bżonn, anke jekk meħtieġ billi jabbużaw xi ftit mill-poter li kellhom.

Eżempju ta' dawn il-persuni l-Bord jista' jindika fost oħrjan is-Sur Joseph Cuschieri eks CEO tal-Malta Gaming Authority, is-Sur Johann Buttigieg eks CEO tal-MEPA, is-Sur Marvin Gaerty il-Kummissarju tat-Taxxi u l-eks Supretendent Silvio Valletta eks Deputat Kummissarju tal-Pulizija li kienu responsabbli għall-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Dan xehed quddiem

dan il-Bord illi kien iħossu fl-obbligu illi jirrispondi għal Keith Schembri ċ-*Chief of Staff tal-Prim* Ministru għaliex dak kien superjur tiegħu. Kien jagħtih informazzjoni dwar l-investigazzjoni anki jekk dan ma kienx bħala regola intitolat għaliha.

10. Hu minnu, li jirriżulta bħala fatt, illi dawn l-uffiċjali pubbliċi u oħrajn involvew ruħhom fi ħbiberija mill-qrib ma’ persuna illum akkużata b’involviment fl-omiċidju, li daħlet tant ‘l ġewwa li ssarfet f’favuri, pjaċiri, rigali jew wegħdiet ta’ impjieg.

Tali relazzjonijijiet ċertament kienu bi vjolazzjoni ta’ regoli ta’ etika u ta’ komportament korrett li jorbtu lil kull amministratur pubbliku. Mhux il-kompitu tal-Bord li jiġġudika jekk tali aġir kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ xi liġi kriminali. Jibqa’ rilevanti peró ħafna l-fatt illi dawn l-uffiċjali pubbliċi kollha u hemm oħrjan kienu jokkupaw pożizzjonijiet illi jimponu fuqhom l-obbligu li jinvestigaw allegazzjonijiet serji ta’ abbuż u ammminsitrazzjoni ħażina li għamlet l-ġurnalista assassinata mhux biss kontra tagħhom infushom imma wkoll dawk fiċ-ċrieki tal-poter li minnhom kienu jiddependu.

Hu inspjegabbli l-fatt li dawn l-istess nies ma kienu jaraw l-ebda konflitt ta' interess bejn il-kariga li kienu jokkupaw u l-ħbiberija li kellhom ma' persuni li huma stess seta' jkollhom jindagaw. Dan kollu hu rifless u prova jekk kien hemm bżonn, għal livell ta' impunità li nħolqot f'dawn l-ambjenti fiż-żmien rilevanti.

11. Il-Bord diġà fl-osservazzjonijiet ġenerali li għamel aċċenna għall-fatt illi fil-każ tal-ġurnalisti, l-aċċess għall-informazzjoni li kienet ta' interess pubbliku u li allura jiffaċilita l-investigazzjoni u r-riċerka tal-verità, hu mezz ewlieni kif l-iStat iwettaq l-obbligu pożittiv tiegħu li jipproteġihom jekk il-ħajja tagħhom tkun f'riskju. Dan mhux biss għaliex meta tiġi mogħtija l-informazzjoni xierqa u fiż-żmien utli l-iStat ikun qiegħed juri li jivvalorizza x-xogħol ta' ġurnalista u jelimina ħafna mill-konfrontazzjoni li tinħoloq mis-suspett u d-dubju, imma wkoll tagħti sinjal pożittiv li l-ġurnalisti kien jistħoqqilhom kull protezzjoni u kien pront biex jiddefendihom kontra kull tentattiv ta' aggressjoni.

Il-Qorti Ewropea irrikonoxxiet illi n-nozzjoni tal-ħelsien li wieħed jirċievi informazzjoni tinkludi d-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni. Dan ipoġġi fuq l-awtoritajiet pubbliċi l-obbligu, li hu n-naħa l-oħra tal-midalja, illi l-iStat jipprovdi dik l-informazzjoni li hija fl-interess pubbliku. L-għoti ta' din l-

informazzjoni speċjalment lill-ġurnalisti hu element kruċjali biex tiġi assigurata t-trasparenza u l-kontabiltà tal-amminsitrazzjoni pubblika, speċjalment f'materji li huma ta' interess pubbliku ġenerali.

Hu ovvju li fil-każ tas-Sinjura Caruana Galizia l-iStat naqas minn dan l-obbligu. Hu minnu li l-gvernijiet kollha f'Malta bħala regola jkunu retiċenti u xħaħ fl-għoti ta' informazzjoni lill-ġurnalisti, għaliex jitilqu bil-premessa spiss żbaljata, illi l-amministrazzjoni tista' ssofri preġudizzju jekk il-pubbliku jkun mgħarraf b'ċerti dettalji f'ċertu żmien. Hemm fil-fatt lok għal-leġislazzjoni li twessa' u tirregola aħjar id-dritt tal-pubbliku li jirċievi l-informazzjoni billi fl-obbligu tal-iStat li jipprovdiha jiġu limitati l-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju.

12. Hu ċar peró li fil-każ tas-Sinjura Caruana Galizia r-riluttanza kważi assoluta li tiġi mogħtija informazzjoni korretta u f'waqtha, ma kienitx dettata minn xi konvenjenza politika. Kienet aktar riżultat tal-bżonn li jiġi kemm jista' jkun minimizzat is-sindakar mill-ġurnalista u oħrajn, fil-maniġġi u intriċċi li seħħew fl-ippjanar u t-twettieq ta' diversi proġetti li inevitabbilment spiċċaw fil-mira tal-investigazzjoni tal-ġurnalista assassinata.

Fil-verità, għalkemm rigward is-Sinjura Caruana Galizia kien hemm din ir-raġuni aktar impellenti biex isajjmuha għal kollox minn kull informazzjoni li titlob, kienet politika tal-gvern u forsi mhux biss ta' dak il-gvern, illi bħala regola tingħata l-inqas informazzjoni possibbli dwar dak li jinteressa lill-pubbliku fuq l-amministrazzjoni tal-ġid komuni. Hemm it-tendenza li l-politika tuża l-ġurnaliżmu għall-iskopijiet tagħha ta' propoganda jew biex tmexxi l-politika tal-gvern tal-ġurnata. Agħar minn hekk, il-ġurnaliżmu jista' jiġi abbużat meta xi enti tal-iStat jew persuni li jikkomponuhom jittanta jxerred *fake news* jew jiżvijja indaġni billi jutilizza s-servizzi ta' ġurnalisti li jaħseb li jista' jafda għax jiffavoruh. Il-Bord huwa informat li hekk kien ġara wara li seħħ l-assassinju meta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru xterdet il-possibbiltà li l-awturi tad-delitt setgħu kienu nies konnessi mal-kuntrabandu taż-żejt. Aħbar li kienet ukoll bdiet tinxtered fil-media internazzjonali.

13. Il-provi quddiem dan il-Bord juru li l-iStat ma għamel xejn biex iwettaq l-obbligu pożittiv li għandu li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lis-Sinjura Caruana Galizia kontra r-riskju reali u imminenti li hi kienet qed tiffaċċja. Jirriżulta li ma kien hemm l-ebda pjan loġistiku biex materjalment tiġi protetta mhux biss billi tiġi mogħtija kopertura fiżika safejn dan kien possibbli, imma wkoll u forsi aktar, billi jittieħdu passi serji biex tiġi

newtralizzata l-oriġini u l-kawża li kienet qed tagħti lok għall-ħolqien tar-riskju. Dan mhux biss biex isiru l-investigazzjonijet tempestivi tal-allegazzjonijiet gravi li kienet qed tagħmel imma wkoll billi minnufih titwaqqaf il-kampanja denigratorja u ta' mibgħeda lil'hinn minn kull sens ta' umanità, sostnuta mill-poter tal-gvern. Kampanja li kienet tant ħarxa li setgħet faċilment ipprovokat attakki vjolenti kontra l-persuna tagħha motivata minn xi estremiżmu politiku imma wkoll u agħar kif fil-fatt ġara, li sservi ta' kopertura tajba u effikaċi għal min kellu raġuni ben differenti biex jeliminaha.

**Ħolqien ta' klima favorevoli għal ġurnaliżmu investigattiv**

Fin-noti ta' osservazzjonijiet eżawrijenti u ben riċerkati tagħhom, l-avukati tal-familja Caruana Galizia meta ikkunsidraw fit-tielet terminu ta' referenza identifikaw dawk li fil-fehma tagħhom huma l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-iStat biex tinħoloq klima favorevoli biex il-ġurnaliżmu fil-pajjiż, b'mod partikolari dak investigattiv, ikun jista' jaħdem b'mod ħieles u sigur kif jixraq lill-pajjiż demokratiku. Huma osservazzjonijiet mibnija fuq l-esperjenza li għaddiet minnhom il-ġurnalista assassinata, imma wkoll ġurnalisti oħra fl-istess perjodu. Osservazzjonijiet li jħarsu lejn il-futur bit-tama li wara li jsir dibattitu informat, jekk ikun hemm ir-rieda politika meħtieġa, jittieħdu dawk il-passi neċessarji biex ix-xogħol tal-ġurnalista jiġi valorizzat kif jixraq bħala

għodda li tikkontribwixxi b'mod determinanti għat-trasparenza u kontabilità tal-amministrazzjoni pubblika.

Fin-noti tagħhom jittrattaw fost oħrajn temi bħad-dritt tal-ġurnalista għall-aċċess għall-informazzjoni mill-iStat dwar materji ta' interess pubbliku. Id-dritt tal-ġurnalista għall-protezzjoni tas-sorsi li fuqhom jibbażaw l-investigazzjonijiet tagħhom u dana bħala karatteristika essenzjali tad-dritt tal-libertà tal-istampa fil-pajjiż, dritt li hu stabbilit u sanċit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea; l-protezzjoni tal-*whistle blowers* li b'kuraġġ u kultant b'riskju kbir jiddeċiedu li jiżvelaw sitwazzjonijiet ta' abbuż ta' poter u korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll ir-rikonoxximent għall-protezzjoni tal-ġurnalisti bħala klassi professjonali, b'funzjoni essenzjali fil-proċess demokratiku. Hu notat fin-nuqqas ta' strutturi għall-awtoregolamentazzjoni tal-professjoni li jassiguraw standards għolja ta' etika u professjonalità f'qafas leġislattiv u effikaċi li jiggarantixxi awtonomija u indipendenza sħiħa tal-professjoni fost l-oħrajn.

Dawn it-temi kollha huma diskussi b'referenza għal dak li jirriżulta fix-xhieda waqt din l-Inkjesta ta' edituri u ġurnalisti ewlenin li kollha enfasizzaw il-ħtieġa

li l-ġurnaliżmu fil-pajjiż kien jeħtieġ li jiġi msaħħaħ, mogħti sostenn u awtonomija finanzjarja biex ikun jista' sewwa jaqdi l-funzjoni tiegħu bi professjonalità u lealtà lejn il-verità.

**Proposti ta' min jikkunsidra u jimplimenta**

Il-Bord ma jistax ma jikkondividix l-osservazzjonijiet li saru u ma jsostnix il-firxa wiesgħa ta' rakkomandazzjonijiet li għamlu mhux biss għat-titjib b'mod ġenerali tal-professjoni tal-ġurnalisti imma wkoll biex jiġi assigurat li l-ġurnalisti f'Malta jkollhom protezzjoni adegwata mill-awtoritajiet kompetenti u ma jiġu qatt suġġetti għall-kampanji ta' theddid u intimidazzjoni estremi ta' kull xorta kif kienet ġiet issoġġettata Daphne Caruana Galizia fix-xhur qabel ġiet assassinata.

Fuq invit tal-Bord saru diversi noti ta' osservazzjonijiet oħra minn persuni u assoċjazzjonijiet li għandhom għall-qalbhom il-ġurnaliżmu Malti u li fihom ġew trattati l-istess temi li trattaw l-avukati tal-familja Caruana Galizia u għamlu rakkomandazzjonijiet fuq l-istess linji. Il-Bord kien tal-fehma li dawn in-noti kollha fihom materjal tal-akbar utilità għal min hu fid-dover li jieħu inizjattivi li hemm bżonn biex il-ġurnaliżmu fil-pajjiż jitqiegħed fuq bażi soda u sigura u

biex jassigura li dak li seħħ ma jerġax jiġri.  Jistgħu u għandhom iservu ta' pjattaforma għal dibattitu san u miftuħ li jwassal għal rakkomandazzjonijiet konkreti ta' dak li jeħtieġ li jsir biex jiġi assigurat li l-ġurnalista jkun jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu b'mod liberu u sigur, ħieles minn kull abbuż ta' poter u protett minn kull indħil mhux xieraq jew pressjoni indebita.

Ċertament il-ġurnalist m'għandu qatt jiġi minħabba x-xogħol tiegħu, ridott għal bersall dirett ta' elementi fl-amministrazzjoni pubblika ostili għalih, u wisq anqas oġġett skomdu li jeħtieġ li jiġi eliminat minn min ikollu interess li jsiktu għax iqisu theddida għall-attivitajiet oskuri tiegħu.  Minħabba f'hekk ġiet assassinata Daphne Caruana Galizia.  Ikun biss jekk il-pajjiż jitgħallem minn dak l-event traġiku, li Daphne ma tkunx mietet għalxejn.

**Il-Qofol ta' dan it-terminu ta' referenza**

Il-Bord hu tal-fehma li s-sottomissjonijiet li saru f'dawn in-noti li jirrigwardaw passi li hu rakkomandat li jittieħdu għat-tisħiħ tal-ġurnaliżmu f'Malta strettament ma jinkwadrawx fit-termini ta' referenza li ingħata.  In fatti t-tielet terminu ta' referenza jsejjaħ lill-Bord biex jiddetermina jekk l-iStat wettaqx fiż-żmien tal-assassinju u anke jekk huwiex iwettaq illum *"l-obbligu pożittiv li*

*jieħu miżuri operazzjonali ta' protezzjoni biex jipproteġi lill-ġurnalisti f'riskju minn atti kriminali*".

Il-kampanja ta' difamazzjoni u deumanizazzjoni tal-ġurnalista kif kienet dik sostnuta kontra l-ġurnalista assassinata, tista' fiha nfisha titqies att kriminali. Dan l-aspett ġie trattat ampjament f'dan ir-rapport. Hu ovvju wkoll illi dan it-terminu ta' referenza jistieden lill-Bord biex jiddetermina x'miżuri għandhom jittieħdu mill-iStat biex jiġu protetti l-ġurnalisti f'riskju minn atti kriminali, motivati minn persuni li jħossuhom aggravati bil-ħidma investigattiva tagħhom.

F'dan il-kuntest trid tiġi stabbilita r-rabta bejn l-att kriminuż u l-aġir tal-kriminali li immotiva l-att vjolenti kontra l-ġurnalist. Rabta li fil-każ preżenti l-Bord iddetermina b'mod mill-aktar sodisfaċenti u lil'hinn minn sempliċi bażi ta' probabbiltà. Il-Bord stabilixxa li l-iStat fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia ma wettaqx l-obbligi pożittivi li jieħu l-miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġiha mir-riskju gravi u imminenti li kienet qed tiffaċċja b'konsegwenza tar-rivelazzjonijiet li kienet qed tagħmel.

Hu illum assodat li l-obbligazzjonijiet li jiġu intervenuti attakki fuq il-ġurnalisti huma intimament konnessi u marbuta ma' dak li l-iStat għandu li jipproteġi lill-ġurnalisti mill-attakk u mill-vjolenza. Speċjalment f'dawk il-każijiet li l-awtoritajiet ikunu jafu jew imisshom ikunu jafu li kien hemm riskju reali u immedjat li l-ġurnalista jista' jsofri attakk vjolenti. Il-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet Gongadze vs Ukraine affermat li l-obblikazzjoni tal-iStat *"Extends in approrpriate circumstances to a positive obligation on the authorities to take preventive operational measures to protect and individual or individuals whose lives are at risk of the criminal acts of another individual*[5]*".*

Min-naħa tagħha l-InterAmerican Court of Human Rights fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Gozales et al vs Mexico deċiża fis-16 ta' Novembru 2009[6] irriteniet illi l-istrateġija ta'prevenzjoni kellha tkun waħda komprensiva u li kienet tilqa' għall-isfidi li kienu jiffaċċjaw ġurnalisti nisa in partikolari kif kien il-każ li kienet qed teżamina. Il-Qorti irriteniet illi l-Qorti kellha "*prevent the risk factors and at the same time strengthen the institutions that can provide an effective response in cases of violence against women. From this perspective*

[5] Application No 34056/02 deċiża fit-8 ta' Novembru 2005, para 164.

[6] Series C No 205 para 258.

*an absence of a general public policy of prevention and failure to take account of any risk factors facing women journalists can mean that the State has failed in its duty to prevent". "Where there is a risk of these (crimes against freedom of expression) occurring and in specific situations where the authorities know or should have known of the existence of a real and immediate risk of such crimes and not only in cases where those at risk request State protection"* jiġi fis-seħħ l-obbligu pożittiv tal-iStat li jestendi l-protezzjoni. Dan proprju għaliex iċ-ċirkostanzi jkunu tali illi jkun hemm theddida gravi għad-dritt fundamentali tal-libertá tal-espressjoni. Dawn huma kunsiderazzjonijiet li jillustraw bi preċiżjoni l-prinċipji legali li fihom il-Bord jinkwadra dak li seħħ f'dan il-każ.

Mill-banda l-oħra ġie stabbilit li dawn il-miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni li wieħed kien jistenna mill-Pulizija u s-Servizzi tas-Sigurtà li jieħdu f'ċirkostanzi simili ma ttieħdux. Effettivament jirriżulta li lanqas kienu jeżistu protokolli stabbiliti, ċari u effiċjenti dwar x'azzjoni kellha tittieħed biex tiġi estiża l-protezzjoni meħtieġa kontra kull individwu li jkun f'riskju f'xi att krminali. Fil-fatt lanqas meta kien ċar illi s-Sinjura Caruana Galizia kienet f'periklu gravi li tisfa vittma ta' xi att simili ma nħassx il-bżonn li jittieħdu passi ta' emerġenza biex jipproteġuha anke jekk dawn sorprendentement ma kienux previsti f'xi prattiċi stabbiliti għaż-żamma tal-ordni fil-pajjiż. Il-Pulizija deherilha li ma

kienx il-każ li jittieħdu xi miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex iħarsu s-sigurtà tagħha *nonostante* li kienu jafu li għal xhur sħaħ il-ġurnalista kienet qed tkun assoġġetta għall-kampanja ta' denigrazzjoni u deumanizazzjoni orkestrata ukoll minn esponenti ewlenin tal-gvern fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Baqgħu insensittivi għall-gravità tar-riskju**

Baqgħu għal kollox insensittivi għall-gravità tar-riskju li għaliha kienet qed tiġi esposta l-ġurnalista speċjalment wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u wisq aktar ta' 17 Black. Dan meta kien jew kellu jkun allura ovvju għall-Pulizija illi l-ġurnalista kienet qed teħodha kontra nies b'interessi kbar, fl-ogħla grad ta' poter fil-pajjiż li kellhom ħafna x'jitilfu. Wieħed kien jistenna li, jekk almenu ma setgħu jipprovdu protezzjoni fiżika lill-ġurnalista f'dawn iċ-ċirkostanzi ovvjament mhedda, l-Pulizija kellha għallanqas tieħu passi immedjati biex turi li ser tinvestiga l-allegazzjonijiet gravi li l-ġurnalista kienet qed tagħmel kontra dawn il-persuni potenti. Kellha taġixxi tempesitivament u b'determinazzjoni biex tippriserva l-provi u turi li hija kellha kull intenzjoni li tipproteġi lill-ġurnalista li għamlet l-allegazzjonijet sakemm dawn jiġu verifikati. Kellha tibgħat messaġġ qawwi li għaliha kulħadd kien indaqs quddiem il-liġi u ħadd ma seta' jaġixxi b'impunità biex jabbuża mill-poter u jkompli jikser il-liġi.

Id-difiża tal-uffiċjali tal-Pulizija illi huma kellhom jimxu b'kawtela u fiċ-ċirkustanzi ma jaġixxux meta ma kellhomx provi konklussivi tal-allegazzjonijiet f'idejhom għax setgħu joħolqu diżgwid fil-pajjiż, hi għal kollox inaċċettabbli u kontra kull sens kif għandha tiġi amministrata ż-żamma tal-ordni u l-ġustizzja fil-pajjiż.

**Pulizija li abdikat mill-qadi ta' dmirijietha**

Biżżejjed jingħad li l-Pulizija kellha obbligu li taġixxi anke biex tipprevjeni sempliċiment tentattivi ta' delitti gravi fis-settur finanzjarju li allegatament seħħew jew setgħu iseħħu. Minn dan kollu l-Pulizija ma għamlu xejn u ħarsu n-naħa l-oħra. F'din is-saga twila snin bejn il-ġurnaliżmu ta' Daphne Caruana Galizia, b'allegazzjonijet ta' abbuż mill-amministrazzjoni pubblika u allegazzjonijiet ta' aġir kriminuż minn persuni fi ħdan l-amminsitrazzjoni pubblika jew negozjanti li magħhom kellhom interess, il-Korp tal-Pulizija taħt l-eks Kummissarju Lawrence Cutajar ma deherlu li ma kellu jieħu l-ebda pass sinjifikattiv biex jintervjeni biex almenu jassigura x'verità jew x'sustanza kien hemm fl-allegazzjonijiet gravi li kienu qed isiru.

Tħarrkek biss meta l-allura Prim Ministru għamel kwerela għax ħassu aggravat meta ġie allegat illi hu jew martu kienu l-proprjetarji tal-kumpanija offshore Egrant. Anki hemm l-Pulizija tħarrku biex jipprovokaw inkjesta maġisterjali li kienet immirata mhux biex jiġi determinat jekk il-ftuħ ta' dik il-kumpanija *offshore*, kienet ta' min kienet, u ż-żewġ kumpaniji l-oħra *offshore* li l-Panama Papers indikaw bħala li kienu proprjetà ta' *Chief of Staff* tal-Prim Ministru u l-Ministru Konrad Mizzi, kienx hemm elementi li jindikaw ksur ta' liġijiet u regolamenti finanzjarji li jikkostitwixxu reati jew t-tentattiv tagħhom.

Iċċaqalqu biss u sewwa għamlu biex jiddefendu l-unur tal-Prim Ministru u martu.

Dan magħdud il-Bord jinnota li dan hu rilevanti fil-kuntest ta' dak kollu li ntqal s'issa, illi dan it-terminu ta' referenza jitlob lill-Bord biex jiddetermina jekk l-iStat wettaqx miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lill-ġurnalista minn atti kriminali. Hu qisu preżunt allura li l-atti kriminali kienu estranei għall-entitatjiet tal-iStat u l-persuni li jikkomprenduhom. Fil-verità fil-każ taħt eżami hemm sitwazzjonijiet akar sinistri.

Il-Bord ittratta u stabbilixxa xenarju fejn atti kriminali li għalihom kien assoġġettata Daphne Caruana Galizia oriġinaw minn jewk kienu favuriti anke minn elementi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru li ikkontribwew bl-ikrah biex iżidu r-riskju li għalih il-ġurnalista kienet esposta permezz ta’ kampanja ta’ vilifikazzjoni u deumanizazzjoni kontra tagħha. Forsi aktar serju minn hekk l-allegazzjonijiet ta’ aġir kriminuż, abbuż ta’ poter u malamministrazzjoni li fil-fehma tal-Bord wasslu biex tiġi eliminata l-ġurnalista kienu immirati lejn u jinvolvu uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni pubblika u negozjanti kbar. Hu manifest illi fil-konfront ta’ dawn il-persuni kollha ta’ poter fl-awtorità, l-Pulizija ma ħadet l-ebda passi. Aġixxiet biss meta kienet sfurzata miċ-ċirkustanzi li tagħmel hekk, meta l-verità dwar l-assassinju bdiet toħroġ u meta ma kienx għadu possibbli anki għal dawk li kienu jokkupaw kariga uffiċjali u li sal-aħħar ittantaw jostru l-verità jibqgħu, li jibqgħu jagħmlu hekk.

Anke f’dak iż-żmien kruċjali li fih il-ġurnalista kienet qed tiġi assoġġettata għal ikbar pressjoni, b’theddid u intimidazzjoni ma sabet l-ebda kenn jew wens mill-pulizija. Il-Pulizija ma ħadet l-ebda miżura operazzjonali ta’ prevenzjoni biex jipporteġuha avolja kien ovvju r-riskju kbir li kienet qed tinkorri. Hu ċar li akbar ma kienet il-konfrontazzjoni tal-ġurnalista mal-qawwa tal-iStat u potenzjalment ma’ min allegatament kien wettaq reati kriminali serji, akbar

kienet il-ħtieġa ovvja u manifesta tal-ġurnalista li jkollha protezzjoni ta' kull xorta biex tipprevjeni xi att ta' vjolenza kontra tagħha. Dan f'xenarju li fih att ta' intimidazzjoni fuq il-persuna u ħsara fil-proprjetà, vjolenza fil-forma ta' theddid, insulti u minaċċi baqgħu għaddejjin sa meta ġiet maqtula.

Ir-risposta ċara u skjetta għal dan il-kweżit hi allura fin-negattiv. L-iStat wera li la wettaq u lanqas kellu l-ħsieb li jwettaq xi miżuri opeazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lill-ġurnalista u jissodisfa l-obbligu pożittiv li kellu fit-termini tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**X'kienet qed tgħaddi minnu l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia fi kliemha**

Xieraq f'dan l-istadju b'ġustizzja mal-ġurnalista assassinata, li jiġu rrappurtati siltiet minn intervista li Daphne Caruana Galizia kienet għamlet ma' ġurnalista fil-Kunsill tal-Ewropa għaxart ijiem qabel ġiet assassinata u li fiha tkellmet b'mod l-aktar grafiku dwar il-kampanji kbar ta' vilifikazzjoni, *harassment,* theddid u deumanizazzjoni u dan sa minn qabel l-Elezzjoni tal-2013, imma l-aktar minn meta ġew ippubblikati l-Panama Papers 'l quddiem.

F'din l-intervita l-ġurnalista tiddeskrivi attentati biex id-dar tagħha tingħata n-nar, tentattivi biex jippreġudikawlha d-dħul u l-għixien tagħha, l-iffriżar tal-kontijiet tal-bank tagħha u għexieren ta' kawżi ta' libell kontra tagħha minn Ministri u nies fin-negozju, kif ukoll attakki fuq is-*social media* u fit-triq minn kritiċi tagħha illi kienu ittimbrawha bil-laqam 'Saħħara'.

Dawn is-silitiet qed jiġu rappurtati testwalment bħala parti mix-xhieda illi ta quddiem il-Bord binha Matthew Caruana Galizia. Dan qed isir mhux biss b'sens ta' ġustizzja għall-memorja tal-ġurnalista imma wkoll għax jagħtu stampa ċara tal-livell għoli ta' riskju li kienet qed tiffaċċja l-ġurnalista u kemm min kellu s-setgħa u l-obbligu li jimminimizzah naqas milli jaqdi d-doveri tiegħu.

> *"Daphne Caruana Galizia describes the environment in which she published as one in which she was made the national scapegoat. She uses the following words:*
>
> *(i) "So, it's, when you look at my story, it's a classic, classic case of scapegoating on a national, nation-wide scale. So, obviously, when you have the scapegoat, there's an entity which is doing the*

*scapegoating and encouraging others to scapegoat. And in my case, that became the labour party which was in opposition for many years but now has become more dangerous because labour party is actually in government and so has a lot more power. But all the problems, leaving aside the attended problems, like abuse of power in my regard, and so on; all the problems, the greatest difficulties I encounter, come from the fact that they have made me into what in effect is a national scapegoat. And this has gone on for thirty years now almost."*

*3. She continues:*

*(i) "I am in a situation where people who can't even read English and therefore, have never read anything I've written, at the same time are aware of who I am, know that they are meant to hate me, or dislike me, or despise me, or disagree with me, or whatever, and react to me on that basis. Totally irrespective of what I write but as the person, as the figure that they are told to hate. So, this has become a massive, massive problem and I have had cases, especially when the incitement is really high at times of political tension, where I have had problems even with people in the street ..."*

*Daphne Caruana Galizia draws an important difference, which is also of relevance to this inquiry, between harassment and interference. In this interview she states "I experience a lot of harassment. Umm in the past I had interference because I had editors. ..." She continues to describe attempts at shutting her up and narrates that having experienced being sacked from the newspaper she thought a blog would be her fall back position, thinking "Now, nobody can say – we're gonna shut her up!" Because before that 'shutting me up' constituted putting pressure on my directors to sack me and they're still doing it to this day, you know? Trying to get me to lose my column at 'The Independent' by saying, "We won't give you government advertising because you've got her on board." She speaks of 'blatant abuses where they make it clear that umm, that the newspaper is not getting government advertising because they've got me on board. ...' She speaks of the government's attempt at intimidating her financially by 'they just want, umm to reduce my income because, I'm paid by 'The Independent', you see? So they want to close off all avenues to me. And they even ha-harass people who work closely with me. ..."*

*9. Daphne Caruana Galizia elaborates further on economic harassment which goes beyond her losing income from The Independent and refers to her income from advertising on Running Commentary. She explains that businesses recognize their audience as being their target customer base yet they 'are afraid' to advertise 'because they think they would get retribution from the government, who supports the old government or that supporters of the government would boycott their product or their shop.' She defines the impact of this on her as "It makes life a real struggle. ... But because of this scapegoating issue ... It's classic scapegoating, you know, umm, punish her, don't whatever, isolate her, I mean. It's all like a systematic attempt to isolate me and cut me off from everybody else."*

*10. Glen Bedingfield's blog was also discussed in this interview. Daphne Caruana Galizia indicates that she had complained of this to the OSCE. She describes Bedingfield's blog as 'the instrument of government targeting' which was systematic. She describes how she was harassed by persons who were closely connected to the Labour Party. Such harassment took its toll and also brought about changes in her daily habits. She gave up going to the beach after*

*'this group Sharon Ellul Bonici, Ignatious Farrugia, whatever, following me around taking photos of me and uploading me on Facebook. I said, "Forget it, I'm not going to the beach anymore, you know?"*

*11. Daphne Caruana Galizia recognised that the 'biggest-biggest negative impact it has, leaving aside the impact it has on me, ... But my biggest concern is that because people see what happened to me, they don't want to do it. It's scared others off! So, people keep asking, "Why is there only one of her?" And the only reason, there's one of her is not because I do something unique or wonderful or my abilities are super special because there are loads of people, especially in the younger generation ..." She continues to explain that 'People are scared because they see me under constant attack. They see what my life is like and they say, "No way!"'*

*12. The interview also considers judicial intimidation. She speaks of the use of precautionary warrants demanded by the then Minister Chris Cardona against her and explains how even when the government stated it would change the law so that such warrants would not be used against journalists, the government had used the Department of Information to publish a press statement to continue*

*scapegoating her in which Cardona said 'he agrees with removing precautionary warrants for journalists but makes an exception in my case back to what we were talking about, scapegoating, because I am not the same as other people. I am evil!" Caruana Galizia also recognizes that despite this political rhetoric in the end 'they didn't change the law as they promised they would."*

*13. Addressing the issue of libel proceedings instituted by persons in public life, Daphne Caruana Galizia describes this as 'a public relations reaction." She highlights the fact that under Maltese law one could institute a libel procedure for every publication even if the subject matter was connected. She refers to the five libel suits presented against her by Adrian Delia on different blog posts referring to the same subject matter, and she also refers to the nineteen libel suits presented by Silvio Debono. She describes the former as being a case of public relations reaction, but she saw the latter as being a case of direct harassment indicating that the plaintiff had himself intimated as much when he told her "Għax jien għandi ħafna flus u nista' nagħmel, you know, dsatax-il kawza." She identifies this situation as placing journalists in Malta at the mercy*

*of those on whom they write and agrees that this creates a climate of fear.*

*14. The interview also discusses psychological violence. When asked how this happened in her regard, Daphne Caruana Galizia replied in the following manner:*

*"Well, that is constant with me and it is absolutely terrible. And there have been periods where literally I would feel like, oh my god, I'm going to get a stomach ulcer. That churning, churning nerves all the time. Because you're living under it constantly, you know? And it was bad enough, as I said, when Labour party was in opposition but now they're in government. Now, they have access to all my private information, everything, you know, at the push of a button. And umm, I think the worst part of it, this is why I make the distinction, the political distinction, because the Nationalist party in government also had access to that information. It also had the journalists that it didn't like and whatever, but I can't imagine ever in a million years that anybody who was in government crossed the line and used any information about any journalist abusively or used it to threaten them or whatever.*

*Interviewer: But you feel that this is happening now?*

*Daphne Caruana Galizia: Of course, it's happening!*

*Interviewer: And to you personally.*

*Daphne Caruana Galizia: They have absolutely no red lines. For them-for them, and I say 'them' advisedly, umm they- any information they have access to is all fair-all's fair in love and war and there are absolutely no boundaries. They can call up anything about anybody, even your children's exam results. I'll give you one example, which is, it's really shocking.*

*Interviewer: This is a state of surveillance essentially."*

*15. Daphne Caruana Galizia also spoke of 'acts of aggression' which she distinguished from the smear campaign which she experienced 'All the time, all the time, all the time, all the time.' She states 'that one of the most aggressive tools which the labour party and the government tries to use against me which is the one of social ostracism and alienation .." She refers to her being repeatedly called a 'witch' and she expresses concern that while this smear campaign does not stop her work it does affect others. She states 'And I'm quite again, I am quite sure that I am one of the reasons why there aren't more women in public life. I'm quite sure because*

*earlier, earlier on, I used to literally get a lot of correspondence from younger women, or women saying, "You know, you're really good role model, umm you know, you really encourage me to whatever." And I think, okay, the flip side of that is that they probably see what's happening to me as well, and they might not want to have to deal with that."*

*16. Daphne Caruana Galizia claims in this interview that 'a climate of fear' surrounded journalism in Malta inducing not only journalists to self-censorship but also negatively affecting their sources who were in turn afraid of consequences should they speak up as well as 'anybody who is required to speak openly', indicating that 'It has become very difficult, for example, for journalists to get comments from people." She explicitly states that real journalism had become very difficult. She agrees with the interviewer that the intimidation was filtering down even to people who are sources and Daphne Caruana Galizia states "Yes, its filtering down and there's been a clear change over the last four years where people are actually scared."*

*17. Harassment and intimidation towards Daphne Caruana Galizia included receiving 'shit in envelopes through the post.", 'poison pen*

*letters', 'harassing phone calls' and "one of the things I used to worry about most was that they used to phone home blaspheming, saying all kinds of things and the children used to pick up the phone, you know. They used to pick up the phone and they used to hear this string of blasphemy at the other end. That was top." Harassment on traditional mediums moved to harassment online with Daphne Caruana Galizia being harassed on social media.*

*18. The harassment and intimidation that Daphne Caruana Galizia experienced also left its effects on her family. Testimony of her sons, husband, sisters and parents also expresses the constant attacks on Daphne Caruana Galizia as a person as opposed to criticism of her work. Her family narrate the ongoing attacks on Daphne Caruana Galizia which long before her assassination, these attacks had dehumanized her and sanctioned actions being taken by government officials or persons closely connected to the government and to the party in government.*

*19. Her mother's testimony clearly shows the constant anxiety which her parents experienced as a direct consequence of Daphne Caruana Galizia being a journalist. Her mother states that she was constantly concerned that her daughter might suffer a physical violent attack.*

*Her father testified that ‘All of those ‘weapons’ were directed against my daughter Daphne, at different times, in a bid to stop her from holding government under scrutiny.” The weapons he was referring to were ‘The suppression of free speech and the denial of the people’s right to know, as also the use of the police and the regulatory structure in general as tools to harass, and to wear down, any individual or organization the party perceived as being in conflict with the attainment of its objectives.”*

**Sorveljanza u Pedinaġġ ta’ Ġurnalista**

Caruana Galizia kienet ġustament tilmenta li kienet qed tiġi pedinata kull fejn tkun minn persuni li wħud minnhom identifikathom bħala viċin l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Kienet qed tiġi sorveljata u dan ippruvat wkoll b’dak li kien qiegħed jiġi ippubblikat dwarha, speċjalment fi żmien viċin li kienu qed jiġu minnha u minn ġurnalisti oħrajn żvelati il-Panama Papers u wara. Prattiċi ta’ sorveljanza, tipiċi ta’ reġimi totalitarji maħsuba biex jintimidaw, ibeżżgħu u jirristrinġu lill-ġurnalista għas-skiet. Attakki diretti fuq id-dritt fundamentali tal-libertá tal-espressjoni.

Il-Bord akkwista provi konklussivi minn xhieda mismugħa bil-magħluq minn fonti għal kollox kredibbli li dawn it-tattiċi ma kienux qed jiġu wżati biss fir-rigward ta' Caruana Galizia, iżda wkoll ma' ġurnalisti oħra li kienu minn ta' quddiem fl-investigazzjoni tal-Panama Papers u allegazzjonijiet oħra ta' abbużi li kienu qed jiġu investigati. Diversi kienu l-ġurnalisti li rrelataw li għaddew minn esperjenzi simili anke jekk mhux tal-istess intensitá u li kellhom "*chilling effect*" fuq il-ħidma ġurnalistika tagħhom.

F'każ minnhom il-ġurnalista rrakkonta b'mod espliċitu u bid-dettal kif ġie segwit minn persuni identifikati li wieħed minnhom ċertament f'xi żmien kien impjegat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li kkonferma quddiem il-Bord illi kien jirrispondi liċ-*Chief of Staff* tiegħu. Dan il-ġurnalista rrakkonta kif kien ġie segwit minn wara li kien qiegħed jirrapporta attivitá tal-Partit Laburista fil-kampanja elettorali tal-2017 sal-post fejn kellu jiltaqa' ma' persuna sors tiegħu li kienet ben informata fuq aspetti tal-Panama Papers. Għamlu tentattiv li rnexxa li jirreġistraw il-konverżazzjoni bejn il-ġurnalista u s-sors tiegħu. Fatt dan ukoll pruvat tant li minħabba dan l-inċident li s-sors bata konsegwenzi gravi tant li kellu jabbanduna x-xogħol tiegħu.

Tattiċi dawn kundanabbli li jġibu l-istmerrija tal-Bord imma wkoll ta’ kull min jgħożż il-valuri demokratiċi. Agħar minn hekk ifissru li amministrazzjoni li kellha obbligu li ssostni u tipproteġi lill-ġurnalisti biex tinkurraġġihom li jkomplu jinvestigaw dak li kien fl-interess pubbliku, kienet konċentrata biex b’kull mezz issikkithom jew tfixkilhom milli jagħmlu dmirhom. Indikazzjoni li din it-tip ta’ sorveljanza kienet qed tiżviluppa f’sistema ta’ kontroll. In fatti wieħed mill-persuni involuti f’dan l-inċident qrib l-Uffiċċju tal-Prim Ministru b’rabtiet diretti mal-Kap tal-Informazzjoni Kurt Farrugia u maċ-Chief of Staff ma kkonfermax li kellu ordni speċifika li jsegwi lill-ġurnalista f’dik l-okkażjoni imma ta x’jifhem lill-Bord li xogħolhom kien illi jekk jidhrilhom li kien hemm l-opportunitá li tiġi akkwistata informazzjoni utili, huma kellhom isegwu dik il-“*lead*”, jakkwistawha u jirreferuha lis-superjuri tagħhom.

Meta xehedu quddiem il-Bord l-allura Kap tal-Komunikazzjoni Kurt Farrugia innega kull involviment tal-uffiċċju tiegħu f’inċidenti bħal dawn u ikkundannahom. Tibqa’ peró r-realtá illi min wettaq din ix-xorta ta’ sorveljanza għamel hekk jew għax ħass li kien id-dover tiegħu bħala parti minn xogħolu li jagħmel hekk jew altrimenti kien konvint li jekk jagħmel hekk qed ikun ta’ servizz għall-partit li jħaddan jew għall-gvern li jimpjegah.

**Livell insapportabbli ta' konfrontazzjoni**

Il-Bord jagħmel referenza ampja għax-xhieda dettaljata u dokumentata ta' membri tal-familja ta' Caruana Galizia, fosthom tat-tifel tagħha Matthew u żewġha, kif ukoll tal-ħabiba tagħha Caroline Muscat li grafikament taw dettalji biex jillustraw il-livell insapportabbli ta' konfrontazzjoni li għaliha kienet qed tiġi assoġġettata l-ġurnalista assassinata. Din il-konfrontazzjoni kienet il-parti l-kbira iġġenerata minn dawk li kellhom l-obbligu illi jipproteġuha kontra attakki ta' din ix-xorta. L-estensjoni tat-theddid u *harassment* li kellha tiffaċċja ma jħallu ebda dubju tas-sehem li uffiċjali pubbliċi kellhom fil-kampanja biex jiddeumanizzaw lis-Sinjura Caruana Galizia u fil-proċess joħolqu ambjent insikur u intimidatorju li ma kienx jippermetti lill-ġurnalista teżerċita l-professjoni tagħha b'mod liberu u seren.

**Obbligu tal-iStat li jinvestiga**

Kien obbligu tal-entitajiet tal-iStat f'kull livell illi jintervjenu bil-qawwa biex iwaqqfu din il-kampanja intimidatorja, speċjalment meta f'ċertu żmien ftit qabel inqatlet, sfat ukoll fil-mira ta' attakk feroċi minn elementi fiż-żewġ partiti politiċi ewlenin. Għall-kuntrarju kienu proprju dawn il-persuni w entitajiet li kienu obbligati li jipproteġuha, illi kienu protagonisti fil-kampanja

biex jinnewtralizzaw lill-ġurnalista Caruana Galizia. Dana b’kull mezz, anke jekk apparentement legali.

**Jittantaw isiktuha bil-kawżi ta’ Libelli u Azzjonijiet SLAPP**

Il-Bord sema’ kif fiż-żmien tal-mewt tagħha kien hemm pendenti kontra Caruana Galizia almenu 47 kawża ta’ libell, ħamsa minnhom ta’ natura kriminali wħud minnhom ukoll mill-Kap tal-Oppożizzjoni. Ftit qabel mewtha kienet skopriet per eżempju illi Henley & Partners permezz tar-rappreżentant legali tagħhom Christian Kalin, kienu bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru Muscat, iċ-*Chief of Staff* tiegħu, il-Ministru Owen Bonnici u Jonathan Attard li kien is-CEO ta’ Identity Malta li jieħu ħsieb l-iskema tal-Passaporti, kienu ippjanaw flimkien biex iħarrku lill-ġurnalista l-Ingilterra bil-ħsieb li jikkawżawlha riperkussjonijiet finanzjarji serjissimi. Din kienet waħda mill-azzjonijiet SLAPP li għaliha irreferiet Caruana Galizia fl-intervista tagħha u li kienu maħsuba biex ikissruha u jirrovinawha finanzjarjament.

Wara mewtha l-familja skopriet illi anke sid il-Bank Pilatus kien istitwixxa proċeduri ta’ libell kontra tagħha fl-Amerka f’ismu u f’isem il-bank tiegħu li fiha kien qed jipprentendi danni ta’ 40 miljun dollaru. Żewġha Peter Caruana Galizia xehed ukoll li kien hemm żmien meta martu kienet tirċievi *assessment*

mid-Dipartiment tal-VAT u tal-Income Tax u kienet tkun suġġetta għal skrutinju dettaljat tal-kontijiet tagħha. Dan minn dipartiment li l-Kummissarju tiegħu ammetta quddiem dan il-Bord li kellu relazzjonijiet ta’ ħbiberija mal-imprenditur Yorgen Fenech li llum jiddispjaċih li qatt għamilhom.

Ċirkustanza oħra li rriżultat maħsuba biex timmina b’mod determinanti d-dħul finanzjarju u l-mezz tal-għixien tal-ġurnalista kien it-tentattiv ikkonfermat biex tinxtara l-gazzetta The Malta Independent mis-Sur Silvio Debono tad-DB Group u s-Sur Yorgen Fenech proprjetarju tas-17 Black. Żewġ personaġġi illi kienu kostantement fil-mira tal-investigazzjoni li kienet tagħmel Caruana Galizia dwar l-allegati intriċċi tan-negozju li kellhom fi proġetti mal-gvern. Caruana Galizia kienet kontributur regolari ta’ dik il-gazzetta u jekk il-mira kienet li jsikktuha, dan ċertament kien mezz kif jistgħu jilħqu l-għan tagħhom. Mill-banda l-oħra huma jiċħdu li din kienet l-intenzjoni fil-fatt il-proġett ġie abbandunat wara ftit żmien.

Il-Bord jinnota illi l-fatt li l-privat ittanta juża l-kawża ta’ libell bħala arma biex jipprova jwaqqaf il-kritika ta’ allegazzjonijiet meqjusa inġurjużi ma hijiex fiha nfisha ċensurabbli. Il-fatt li wieħed juża l-arma leġittima tal-libell anke jekk b’mod eċċessiv ma jistax jiġi ikkunsidrat li materjalment żied il-livell tar-riskju li

għalih kienet esposta l-ġurnalista. Anke jekk il-privat irrikorra għal din l-arma leġittima biex jintimida lill-ġurnalista u jinondaha b'kawżi li għal diversi raġunijiet ma setgħetx tilqa' għalihom, dan jista' biss jammonta għal fastidju w anki *harassment* ikkawżat mill-eżerċizzju tad-dritt li wieħed għandu.

Mill-banda l-oħra l-arma ta' libell minn entijiet tal-iStat jew persuni li jikkomponuhom kontra ġurnalisti għandha tiġi wżata eċċezzjonalment u biss f'każijiet fejn l-inġurja tkun gravissima. Dan għal raġuni kif ingħad li dawn għandhom l-obbligu li mhux biss jiggarantixxu d-dritt tal-espressjoni ħielsa imma wkoll illi jipproteġu lill-ġurnalisti fix-xogħol tagħhom anki meta jkunu kritiċi ħorox tal-amministrazzjoni. Imbagħad ferm ċensurabbli talbiet ta' ħruġ ta' mandati ta' sekwestru u qbid kontra l-ġurnalisti li kellhom biss l-għan li jipparalizzaw id-dħul kollu tagħhom u jiffriżawlhom il-kapital.

Il-Bord jirrikonoxxi li fl-2018 il-parlament approva l-Att dwar il-Media u d-Difamazzjoni li bih fost il-provvedimenti salutari oħra ġie abolit id-dritt li jinħarġu mandat in konnessjoni ma' azzjonijiet ta' libell jew difamazzjoni, kif wkoll ġie abolit il-libell kriminali mil-liġi Maltija u dana retroattivament. Waqt li indubjament dejjem jibqa' lok għal titjib, din il-liġi kienet pass importanti ferm fir-rikonoxximent tal-valur tal-ġurnaliżmu, fil-protezzjoni tal-ġurnalisti u

fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur u liberu li fih setgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom. Ta' min jinnota fi grad anqas kien hemm ġurnalisti oħra li għaddew minn dawn id-diffikultajiet gravi fil-qadi ta' xogħolhom u wieħed proprju ma jarax għaliex kellhom ikunu dawn l-eventi traġiċi biex jispinġu lill-Parlament li jieħu l-ewwel passi fid-direzzjoni ġusta.

Mill-banda l-oħra għadhom ma ttieħdu l-ebda passi biex il-ġurnalisti jiġu protetti kontra t-theddida ta' proċeduri legali hekk imsejjħa SLAPP, li bihom ġurnalisti f'Malta jiġu mħarrkin f'ġurisdizzjoni estera biex jirrispondu għal akkużi ta' malafama, b'riskju kbir li jekk jinstabu ħatja jiġu esposti għal danni inġenti li żgur ma jkunux jifilħu għalihom. Din il-materja timporta studji tad-dritt internazzjonali u qed tiġi studjata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. M'hemmx raġuni għaliex peró il-Parlament Malti ma jistax jieħu passi biex jipproteġi lill-ġurnalisti anki qabel ma jkun hemm direttivi tal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għamel il-Bord f'din it-taqsima u wkoll b'dawk li għamel fl-osservazzjonijiet ġenerali, l-Bord jasal għal dawn il-konklużjonijiet prinċipali:-

**L-iStat naqas li jiddefendi l-ħajja**

1. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia l-iStat ma wettaqx l-obbligu pożittiv li kellu li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex iħares materjalment u fiżikament il-persuna tagħha u ħajjitha. Kollox jindika li la kien hemm u lanqas hemm illum, xi proċedura formali jew sistema li biha l-pulizija jikkonduċu stħarriġ tar-riskju li ġurnalista tkun esposta għalih bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-professjoni tagħha. L-apprezzament ta' dan ir-riskju tal-ġurnalista, imma fil-verità ta' kull pesuna oħra, li għalih tista' tkun serjament esposta, dejjem tħalla u għadu jitħalla f'idejn il-ġudizzju tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jagħmel proċess ta' evalwazzjoni ta' dan ir-riskju, tal-gravità tiegħu u tal-potenzjal li kellu biex jipprovoka inċidenti ta' vjolenza fuq il-persuna. Hu minnu li l-Pulizija ma tistax tiġi ritenuta responsabbli għax ma ipprevenitx xi att inkonsult ta' xi ħadd li jaġixxi f'mument ta' rabja jew passjoni politika. Atti bħal dawn iseħħu bla mistenni u jissorprendu.

L-assassinju ta' Caruana Galizia peró altru li ma kienx hekk. Kien ippjanat għal diversi xhur, kien jinvolvi persuni magħrufa qalb il-kriminalità organizzata, il-ġurnalista kienet esposta għal riskji kbar minħabba allegazzjonijiet gravi li

kienet qed tagħmel fil-kitba tagħha li setgħu jipperikolaw l-istabbilitá tal-gvern u kienet qed teħodha qatta bla ħabel kontra l-poter politiku u dak ekonomiku. Dan kellu jkun aktar minn ovvju għall-Pulizija u l-forzi fdati biż-żamma tal-ordni. Il-fatt li baqgħu ċassi quddiem din it-theddida u ma ipprovdew l-ebda miżura ta' protezzjoni anzi naqsu l-ftit li kienet qed tingħata qabel l-elezzjoni tal-2013 meta r-riskju kien ferm inqas, hu inspjegabbli, jirrażenta l-irresponsabbili u jammonta għall-abbandun tal-IStat għad-dover gravi tiegħu li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa biex iħares il-ħajja tal-ġurnalista.

**Il-Pulizija fost oħrajn neqsin li jinvestigaw l-allegazzjonijiet**

2. Fost il-miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni li l-Pulizija u l-forzi fdati biż-żamma tal-ordni fil-pajjiż kif ukoll l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu biex jipproteġu l-ħajja tal-ġurnalista li tkun qed tagħmel l-investigazzjonijiet tax-xorta li kienet qed tikkonduċi l-ġurnalista assassinata b'allegazzjonijiet gravi kontra persuni bl-aqwa poter fil-pajjiż u li kellhom il-potenzjal li jipprovokaw kif fil-fatt għamlu, reazzjoni qawwija mhux biss ta' ritorsjoni imma wkol ta' difiża b'kull mezz ta' interessi oskuri, hemm dik li jibdew jindagaw minnufih u bis-serjetá l-allegazzjonijiet li jkunu qegħdin isiru. Dan b'kull mezz u bla ma jħarsu lejn wiċċ ħadd.

Li jinfetaħ file jew tintbagħat ittra lil xi bank hija jew ċertifikat ta' inkompetenza jew att ta' dgħjufija, jew agħar biex ma nurtawx lil min hu b'saħħtu jew nakkomodawh. Ċertament mhux is-sinjal qawwi li kellu jagħti l-iStat, per eżempju appena ġew ippubblikati l-Panama Papers u wisq aktar meta ġew ippubblikati l-fatti dwar 17 Black jew meta Caruana Galizia ppubblikat allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet gravi fi proġetti kbar, li hu kellu kull ħsieb li jiddefendi lill-ġurnalisti, li jirrispetta u jivvalorizza x-xogħol tagħha u li kien ser jagħmel kull ma jista' biex jipproteġiha anke fiżikament u materjalment biex tkun tista' twettaq xogħolha fl-interess tad-demokrazija fil-pajjiż.

**Naqsu li jidentifikaw min kien il-kawża li joħloq ir-riskju**

3. Fost il-miżuri operazzjonali preventivi li l-Pulizija u l-forzi għaż-żamma tal-ordni kienu obbligati jieħdu appena jirriżultalhom, kif kellu jirriżultalhom, li l-persuna li f'dan il-każ, il-ġurnalista kienet f'riskju reali u imminenti għal ħajjitha, kellhom jkun hemm dak li jidentifikaw kemm jista' jkun malajr dawk l-elementi fil-pajjiż li kienu ħolqu l-ambjent ostili u jiddemonizzaw lill-ġurnalista għal raġunijiet li ma kienux kollha neċessarjament marbuta mal-allegazzjonjijiet ta' abbuż u allegati skandli li kienet qed tinvestiga.

Hija din il-kampanja sostnuta ta' mibgħeda u vilifikazzjoni li iffavoriet il-kommissjoni tar-reat għaliex għenet b'mod determinanti għall-ħolqien tal-klima li fih min wettqu fuq kummissjoni, kien iħossu komdu li seta' jagħmel hekk b'kopertura w impunitá. Hu illum stabbilit lill'hinn minn kull dubju, illi l-kawża tal-assassinju ma kienitx il-kampanja medjatika jew l-iskontru politiku vjolenti, huma kemm huma kundnabbli, anki jekk meta f'xi ambjenti seta' kien hemm min momentarjament kien sodisfatt u anki ferħan li fl-aħħar ħeles minnha. Ma tirriżulta l-ebda prova sa llum ta' xi rabta diretta jew indiretta bejn din il-kampanja medjatika ostili għall-ġurnalista u l-assassinju tagħha. Teżisti prova li din il-kampanja kienet determinanti u ħolqot ambjent li iffavorietu.

Il-veritá hi peró illi l-ġurnalista nqatlet għaliex kienet saret u qed issir aktar persuna skomda għal dawk li riedu jabbużaw mill-poter u theddida serja u imminenti għall-proġetti li wettqu u kienu għadhom iridu jwettqu mal-amministrazzjoni pubblika u li minnhom kienu ippjanaw li jammassaw fortuna.

Persuni li neċessarjament kienet viċin sew mal-qalba tal-amministrazzjoni pubblika jekk ma kienux jiffurmaw parti minnha.

**Relazzjonijiet u kuntatti dubbjużi**

4. L-allegazzjonijiet li kexkxu pajjiż dwar relazzjoijiet mill-qrib, ħbiberiji u kuntatti dubjużi ta' kull xorta bejn uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija mill-Kummissarju 'l isfel, allegatament kellhom ma' persuni b'xi mod involuti indagati jew akkużati fl-assassinju, jekk eventwalment provati, jqarrbu għall-figura mhux biss tar-reat tal-abbuż tal-uffiċċju, imma wkoll u iktar gravement għal dak ta' reat li sallum f'Malta ma għandniex ta' assoċjazzjoni ma' organizzazzjoni tax-xorta mafjuża. Jistgħu joffru spjega plawsibbli għaliex fil-konkret, ma ttieħdux f'ħinhom, f'waqthom u b'mod effettiv il-miżuri kollha operazzjonali preventivi li kienu obbligati jieħdu l-pulizija u l-forzi fdati biż-żamma tal-ordni.

**Sallum il-miżuri ta' prevenzjoni għadhom inadegwati**

Il-Bord f'din ir-referenza hu mitlub jiddetermina wkoll jekk l-iStat illum huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv tiegħu li jħares il-ħajja ta' nies f'riskju, bħall-ġurnalisti, kif fuq spjegat. Ir-risposta għal din id-domanda in kwantu tirrigwarda l-eżistenza ta' proċeduri jew protokolli kif jiġi evalwat ir-riskju li fih titqiegħed persuna u x'kellu jsir *on the ground* biex il-ħajja tagħha tiġi mħarsa jidher li trid tkun fin-negattiv. Għalkemm wieħed jaħseb u jistenna li hemm

aktar għarfien tal-problema, il-Bord m'għandux informazzjoni li fil-prattika ttieħdu passi materjali biex il-livell ta' ħarsien jitjieb.

F'dan ir-rigward il-Bord jidhirlu utli illi jirriproduċi proposti ċari u sintentiċi li għamlu l-avukati tal-familja tal-ġurnalista assassinata fil-paragrafu 280 tan-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom u jġibhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

*"The Police Force must implememt a formal risk assessment procedure which assesses the risk of journalists based on a consideration of their publications and the circumstances in the country. This needs to be an ongoing process undertaken by persons assigned this responsibility and who are accountable for this process. Meanwhile journalists need to have a contact point within the police force who is able to understand their role and responsibility while efficiently receiving notification of threats received by journalists and who has the power and ability to offer and execute protection in their regard as well as investigate incidents and prosecute perpetrators. In this regard an early warning and rapid response mechanism is required to provide journalists and media workers with*

*immediate access to authorities who are competent and well resourced to provide effective protective measures*."

Tip ta' mekkaniżmi ta' din ix-xorta jnissel fil-korp l-għarfien tal-valur intrinsiku tal-ġurnaliżmu u tal-ħtieġa li l-ġurnalisti jiġu f'kull ħin protetti minn attakki provokati bil-ħidma investigattiva tagħhom.

**Kif jiġi rikonoxxut u valorizzat ix-xogħol tal-ġurnalista**

5. L-aqwa protezzjoni li tista' tingħata lill-ġurnalisti li tikkwalifika bħala l-iprem miżura operazzjonali li tassigura l-inkolumitá tal-ġurnalista, huwa l-impenn li xogħol ġurnalistiku li jiżvela allegazzjonijiet kredibbli u dokumentati ta' abbużi serji ta' korruzzjoni, amministrazzjoni ħażina, ksur ta' liġijiet finanzjarji, ħasil ta' flus, reati ta' svijjar fil-kors tal-ġustizzja, kompliċitá u kollużjoni bejn persuni fl-amministrazzjoni pubblika għolja kemm huma għolja u persuni fin-negozju, jiġu investigati minnufih bla ma jħarsu lejn wiċċ ħadd fir-rispett tal-prinċipji fundamentali li l-liġi hi ugwali għal kulħadd u kulħadd hu sottomess għaliha.

Kunsiderazzjonijiet dwar x'jistgħu jkunu l-effetti u l-konsegwenzi ta' investigazzjonijiet bħal dawn meqjusa l-persuni potenti li jistgħu jkunu involuti

u l-gravitá tar-reati lilhom addebitati u l-kobor tal-proġetti u x'isarrfu għall-pajjiż, m'għandhomx ikunu fatturi li b'xi mod jintralċaw l-investigazzjonijiet jew jiżvijjaw il-perkors tal-ġustizzja. Għall-kuntrarju aktar ma jkunu b'saħħithom u importanti l-persuni allegatament involuti fl-abbuż, aktar kellha tkun ir-reazzjoni tal-pulizija u dawk fdati biż-żamma tal-ordni u tal-awtoritajiet regolatorji. Kellhom l-obbligu li jintervjenu b'saħħa, minnufih u b'effiċjenza kollha jinvestigaw u jwaqqfu l-abbuż u ma jħallux l-għeruq. Dan fir-rigward tal-allegazzjonijiet gravi ta' Daphne Caruana Galizia, kif ukoll li żvelaw ġurnalisti oħra ta' kuraġġ, manifestament ma sarx.

F'dan l-iStat falla l-ħasra u traġedja għall-pajjiż hi li dan in-nuqqas gravi ma seħħx biss minħabba xi ineffiċjenza jew traskuraġni ta' xi elementi fl-amministrazzjoni pubblika. Seħħ għaliex l-istituzzjonijiet iddgħajjfu għax saru intolleranti għall-kritika jew għax elementi fl-amministrazzjoni pubblika u fin-negozju ħassewhom mhedda minn dak li l-ġurnalista assassinata kienet qed tiżvela jew kienet ser tiżvela. Kif ingħad ippruvaw il-mezzi kollha biex jsikktuha u jġiegħluha tieqaf milli tkompli bix-xogħol fejjiedi tagħha. Meta xejn u ħadd ma rnexxielu jsikkitha kien hemm min ħass li ma kienx hemm triq oħra ħlief li jeliminaha fiżikament. Għażel li jagħmel dan b'arma tipika u bil-metodu

klassiku wżat minn organizzazzjonijiet mafjużi biex jeħilsu mill-maġistrati li kienu qegħdin jinvestigawhom.

Wieħed jistenna li l-esperjenza li l-pajjiż għadda minnha bil-mewt ta' Daphne Caruana Galizia għallmitna lezzjoni u wieħed jawgura u jistenna li f'dan il-kuntest qiegħed isir progress. Is-sinjali huma f'din id-direzzjoni.

Fil-kors ta' din l-Inkjesta xehedu ħafna ġurnalisti u edituri ewlenin li wħud minnhom offrew ix-xhieda tagħhom spontanjament biex informaw lill-Bord fl-iStat li kienet fihom il-professjoni tagħhom, x'kienu n-nuqqasijiet l-aktar gravi li kienu qegħdin jiffaċċjaw u għamlu bosta rakkomandazzjonijiet kif il-ġurnaliżmu f'Malta seta' jitpoġġa fuq sisien sodi kif jixraq f'pajjiż demokratiku kif wkoll taw ħjiel ta' xi miżuri operazzjonali li għandhom jittieħdu biex jipproteġu lill-ġurnalisti minn theddid, *harassment* u riskju għall-inkolumitá u mhux biss.

Dawn il-ġurnalisti li l-Bord jirringrazzja għall-interessament tagħhom kif ukoll il-membri tal-familja tal-ġurnalista assassinata kienu motivati minn sens ta' responsabbilitá illi l-pajjiż kien meħtieġ li jieħu tagħlima b'hekk li seħħ, jħares 'l quddiem u jaġixxi biex il-ġurnaliżmu jakkwista mill-ġdid il-valur intrinsiku

tiegħu bħala strument essenzjali għad-demokrazija u jitqiegħed fuq sisien sodi, waqt li jiġi assigurat li dak li seħħ ma jerġax jiġri.

**Proposti**

F'dan l-istadju l-Bord jindika ftit minn dawn il-proposti li jirrakkomanda għall-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

1. Il-ħtieġa li kull inċident ta' vjolenza kontra ġurnalista jiġi minnufih investigat. Il-Bord illustra sewwa mil-liema kalvarju għaddiet Daphne Caruana Galizia meta kienet fil-mira ta' dawk li kienet qed tinvestiga jew tikkritika. Vjolenza fiżika, theddid, harassment, vessazzjoni estrema finanzjarja, deumanizazzjoni u demonizazzjoni. Kampanja sistematika li la l-pulizija u lanqas ebda awtoritá oħra ma ħadet passi biex b'xi mod iwaqqafha. Dan avolja kien ċar minn fejn parti minnha kienet qed toriġina. Din l-inattivitá hija fiha nfisha vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-ġurnalista għad-dritt tal-espressjoni.

In fatti fil-kawża Luis Gonzalo "Richard" Vales Retrepo and family vs Colombia deċiża mill-InterAmerican Commission on Human Rights fit-23 ta' Ottubru 2010 (para 136) instab li l-iStat tal-Kolombja kien ħati ta' vjolazzjoni ta' dan id-

dritt għaliex naqas "*to effectively investigate earlier violence against the journalist which resulted in subsequent threats and harassment against him*". *Intqal illi "By taking steps 'to prevent, investigate, identify and punish' the perpetrators of human rights violations states should ensure that there are adequate and effective mechanisms of accountability to break such a 'vicious circle' of violence and combat the culture of impunity surrounding violence against journalists*".

Skont din is-sentenza l-iStat kien mistenni li jieħu azzjoni immedjata u effikaċi kontra min ikun ikkommetta dawn ir-reati għaliex b'hekk biss l-iStat jista' jibgħat "*a strong message to society that there will be no tolerance for those who engage to set a grave violation of the right to freedom of expression*". L-iStat Malti naqas minn dan l-obbligu ċar li kellu fir-rigward tas-Sinjura Caruana Galizia. Jeħtieġ għalhekk li l-Pulizija u l-forzi fdati miż-żamma tal-ordni jkollhom proċeduri biex jassiguraw li jkunu f'pożizzjoni li jintervjenu f'sitwazzjonijiet simili qabel ikun tard wisq. Veru li Malta ma hijiex il-Colombia u ma għandhiex l-istess problemi ta' kriminalitá organizzata li għandu dak il-pajjiż. Peró jibqa' l-fatt li quddiem ir-realta' li Caruana Galizia kienet għal snin il-bersall ta' vjolenza ta' kull xorta l-iStat jew ma għamel xejn jew ipperikolaha.

2. Għal dan il-fini ġie ssuġġerit illi l-Pulizija jkollha unit speċifiku bil-funzjoni li tħares u tipproteġi lill-ġurnalisti. Dan il-unit għandu jkun speċjalizzat fil-liġi tal-media u għandu jkun f'pożizzjoni li sewwa jifhem il-valur tal-ġurnaliżmu u t-theddid li l-ġurnalisti jiffaċċja minn żmien għal żmien. F'dan ir-rigward huwa importanti li jkun hemm sinerġija bejn dan il-unit u l-operaturi tal-ġurnali bil-ħolqien ta' punt ta' kuntatt dirett li jiffaċilita intervent tal-pulizija biex it-theddid kontra l-ġurnalisti u l-kmamar tal-aħbarijiet jiġi minnufih imrażżan.

Min-naħa tagħhom il-ġurnalisti għandhom ikunu f'qagħda li jħossuhom komdi li jitolbu l-protezzjoni tal-pulizija għaliex ikunu sodisfatti li ser ikollhom rispons u protezzjoni adegwati u li t-talbiet tagħhom għall-protezzjoni kienu ser jiġu ittrattati b'serjetá u b'kompetenza. Naturalment huwa fl-obbligu tal-iStat li joffri protezzjoni adegwata lill-ġurnalisti kontra kull xorta ta' vjolenza, li jinvestiga kull rapport ta' theddid dwarhom. Huwa differenti mill-obbligu tiegħu illi jindaga b'serjetá stejjer ta' allegazzjonijiet ta' abbuż u irregolaritajiet minn persuni fis-setgħa li jistgħu jkunu l-kawża ta' dan it-theddid. Dwar dan il-Bord diġá għamel l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. F'Malta diġá għandna leġislazzjoni li tirregola delitti ta' mibgħeda u *harassment* bħala reati separati li jirrigwardaw delitti oħra kontra l-persuna

bħal theddid, minaċċi w insulti gravi. Hu rakkomandat li dawn jitqiesu bħala reati aggravati u allura suġġetti għal piena ogħla meta jkunu kommessi kontra ġurnalista. Il-valur intrinsiku tax-xogħol tal-ġurnalisti għandu jkun rifless fil-livell tal-protezzjoni li l-iStat jagħtihom billi jirrikonoxxi li theddid u vjolazzjonijiet fil-konfront tagħhom mhux biss jitqiesu li huma reati kriminali imma li min iwettaqhom ikun passibbli għal pieni aktar ħorox.

4. Il-Bord jirrikonoxxi illi l-Att Nru. XI tal-2018 jipprovdi għall-aġġornar u regolament ta' materji li jikkonċernaw il-media u l-malafama. Kien pass il-quddiem u li f'ċerti aspetti jagħti protezzjoni lill-ġurnalisti li qabel ma kellhomx. Il-liġi ipprovdiet qafas ġdid legali għal-liġijiet dwar il-media, il-libell, d-difamazzjoni u l-inġurja, waqt li estendiet l-effetti tagħha mhux biss għall-ġurnaliżmu bil-kitba imma wkoll għall-ġurnaliżmu permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-liġi għandha aspetti pożittivi li mhux biss tipproteġi lill-ġurnalisti imma wkoll taħt ċertu aspetti tirresponsabbilizzahom.

Separatament u dan rilevanti għal din l-Inkjesta tabolixxi l-libell kriminali kif ukoll tneħħi l-possibbilitá ta' ħruġ ta' mandati każilatorji li jesponu kif esponew sewwa lis-Sinjura Caruana Galizia għal theddid gravi tal-istess mezzi ta' għixien tiegħu jew tagħha. Fil-parti l-kbira din il-liġi hi pożittiva anki għaliex

hi mfassla biex tinkorpora prinċipji pjuttost riċenti, elaborati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem.

Anki hawn hi sfortuna kbira li kien jeħtieġ li tinqatel ġurnalista biex tiġi introdotta liġi moderna li tirregola l-media li fil-parti l-kbira hi pożittiva u mhijiex kontroversjali. Il-Bord ifakkar ukoll li l-ġurnalista assassinata kienet soġġetta għal numru kbir ta' libelli minn persuni privati li ħassewhom aggravati bil-kitba tagħha u sa hawn kienu qed jeżerċitaw il-jedd tagħhom.

Kien hemm ukoll peró numru ieħor ta' libelli li saru fil-konfront tagħha minn persuni f' awtoritá biex jittantaw isikktuha. Dan meta kif fuq elaborat huma kellhom l-obbligu illi jipproteġu l-jedd tagħha għal-libertá tal-esperssjoni kif ukoll il-valur intrinsiku tal-ġurnaliżmu. Uħud minn dawn il-kawżi ta' libell inżammu fis-seħħ anki wara li ġiet maqtula.

Aktar agħar minn hekk il-Bord ifakkar dak li għalih diġá għamel referenza fil-kawżi hekk imsejjħa SLAPP li nfetħu kontra tagħha. Uħud minnhom kien hemm il-ħsieb li jiġu introdotti f'ġurisdizzjonijiet esteri anke bl-akkwiexxenza jekk mhux bl-approvazzjoni tal-gvern. L-avukati tal-familja ssuġġerew li jkun hemm lok għal titjib f'dan l-Att dwar il-media u d-difamazzjoni fosthom billi jiġi

assigurat illi uffiċjali pubbliċi ma jkunux f'pożizzjoni li jistitwixxu kawżi ta' libell li jiġu estinti mal-mewt tal-ġurnalista mħarrka. Li ma jkunux jistgħu jsiru mandati ta' inibizzjoni li bihom ġurnalista jiġi miżmum preventivament milli jiippubblika stejjer li hu jkun investiga, naturalment salv eċċezzjonijiet li jkunu provduti bil-liġi, u li jittieħdu passi konkreti biex kemm u sakemm ikun possibbli fiċ-ċirkostanzi l-ġurnalisti jiġu protetti minn din ix-xorta ta' libelli. Dana sakemm il-materja tiġi finalment determinata minn istituzzjonijiet Ewropej.

Dawn huma ftit mill-ħafna rakkomandazzjonijiet importanti li saru minn ġurnalisti u edituri li xehedu quddiem dan il-Bord li jimportaw proposti leġislattivi imma wkoll miżuri prattiċi amministrattivi li jekk jiġu implimentati flimkien jipprovdu qafas strutturat li fih il-ġurnalista jkun iħossu sikur, protett u rispettat mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod li jkun f'pożizzjoni jeżerċita l-protezzjoni tiegħu b'mod ħieles u liberu. Naturalment l-aqwa u l-iprem protezzjoni li l-iStat jista' jagħti lill-ġurnaliżmu huwa li jaġixxi b'mod illi jassigura li fil-pajjiż ma tinħoloqx sistema li tippermetti li b'mod sistematiku l-malamministrazzjoni, l-abbuż tal-poter u l-korruzzjoni u li tħossha koperta b'sens qawwi ta' impunitá.

Il-Bord issa jgħaddi biex jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kif mitlub.

# Taqsima VI - Konklużjonijiet

**Taqsima VI**

**KONKLUŻJONIJIET**

Il-Bord jasal għal dawn il-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jistgħu jservu wkoll bħala "Executive Summary" tar-rapport:

Għal dak li jirrigwarda r-risposta għall-ewwel terminu ta' referenza diġa' ingħatat risposta fil-parti konklużjonali intitolat "Responsabbilita' tal-Entitajiet tal-iStat". Pero' in suċċint jiġi riavviżat illi filwaqt illi ma rriżultat ebda prova li l-iStat bħala tali kellu xi rwol fl-assassinju tas-Sinjura Caruana Galizia, għar-raġunijiet ampjament murija fil-korp ta' dan ir-rapport, l-iStat għandu jerfa' r-responsabbilita' għall-assassinju billi kkrea atmosfera ta' impunita', ġenerata mill-għola livelli fil-qalba tal-amministrazzjoni f'Kastilja u bħal qarnita infirxet għal entitajiet oħra bħal istituzzjonijiet regolatorji u l-Pulizija li wassal għall-kollass tas-saltna tad-dritt u kwindi (a) l-iStat u l-entitajiet li kkomponewh ma għarafx kif kellu jagħraf ir-riskju reali u immedjat, inkluż mill-aġir kriminali ta' terzi għall-ħajja ta' Daphne Caruana Galizia; u (b) naqas milli jieħu miżuri fi

ħdan il-firxa tas-setgħat tiegħu li, b'ġudizzju raġonevoli, kien mistenni minnu li jieħu biex jevita dak ir-riskju.

01. Il-provi kollha f'din l-inkjesta jwasslu għall-konvinzjoni illi l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia huwa intrinsikament jekk mhux esklussivament marbut max-xogħol investigattiv tagħha, b'allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet u abbużi amministrattivi fit-twettieq ta' proġetti ta' żvilupp maġġuri li fihom kienu involuti elementi ta' negozju kbir fil-pajjiż.

02. Anke jekk jista' jirriżulta li seta' kien hemm xi rabta bejn l-assassinju u elementi oħra estranji għall-amministazzjoni pubblika – ħaġa din mhux eskluża mill-pulizija imma bl-ebda mod ma rriżulta lil dan il-Bord – hu aċċertat illi dak li rriżulta lill-Pulizija dwar it-twettieq tal-assassinju, u li wassal biex dawk li fil-fehma tagħha kienu allegatament responsabbli bħala mandanti jew esekuturi materjali, jibqgħu l-qofol ta' dak li seħħ. Il-Kummissarju tal-Pulizija kkonferma dan quddiem il-Bord waqt li indika li l-investigazzjonijiet għadhom sejrin u mhux eskluż li dawn jinvolvu persuni u linji ta' investigazzjonijiet oħrajn.

03. Il-mandat li ingħata lil dan il-Bord mhux li jinvestiga jew li jidentifika jew jaddebita xi responsabbilita' lill-persuni sallum allegatament involuti direttament jew indirettament fih. Kull persuna tibqa' preżunta innoċenti u jibqgħu bla mittiefsa d-drittijiet tagħha għas-smigħ xieraq u ġust. Huwa ta' interess lill-Bord biss l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika u kif dawn setghu impattaw fuq l-assassinju kienu min kienu l-persuni li ppjanaw u wettquh.

**Responsabilita' ta' xi entitajiet tal-iStat fosthom tal-Pulizija u awtoritajiet regolatorji**

04. Il-provi kollha quddiem il-Bord maħsuba biex jistabilixxu ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-assassinju żvelaw kultura estiża ta' impunita' mhux biss għall-uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni pubblika, inklużi "persons of trust", iżda wkoll għal ċirku ristrett ta' politiċi, negozjanti u kriminali.

05. Ir-rabtiet bejn il-politika u negozjanti kbar li dejjem kienu jeżistu u li dwarhom jeħtieġ li jittieħdu passi biex jiġu mrażżna u regolarizzati, sabu l-aqwa sfog tagħhom fil-politika dikjarata tal-Gvern sa minn qabel l-2013 li l-amministrazzjoni pubblika kellha tkun "*business friendly*". Politika li fuqha l-

Bord ma jgħaddix ġudizzju, u li tista’ tkun posittiva sakemm ma tiġix abbużata u applikata strettament entro l-binarji tal-liġijiet u regolamenti applikabbli. Li tkun “*business friendly*” m’għandu qatt ifisser li tkun “*money friendly*”. L-amministrazzjoni pubblika obbligata tħares is-saltna tad-dritt u m’għandha qatt tippermetti li l-kilba għall-flus u profitt għan-negozjant jew uffiċjal pubbliku ittappan il-korrettezza u l-governanza tajba.

06. Il-Bord akkwista provi abbundanti dwar l-intriċċi u kunfidenzi żejda bejn elementi fl-amministrazzjoni pubblika fl-għola livell u negozjanti kbar interessati li jippromwovu proġetti kbar ta’ żvilupp. Din il-qrubija kienet fattur determinanti biex il-parti l-kbira tal-proġetti l-kbar realiżżati fil-perjodu rilevanti jispiċċaw taħt il-lenti tal-Awditur Ġenerali u Inkjesti Magisterjali, fost oħrajn. Investigazzjonijiet li jikkonfermaw li kien hemm irregolaritajiet kbar sal-punt li ġiet prospettata l-possibilita’ li f’uħud minnhom il-proċess kollu seta’ kien vizzjat.

07. Il-Bord ġie konfrontat b’sitwazzjonijiet li fihom il-proċeduri stabbiliti dettati mill-governanza tajba jidhru fuq il-karta li kienu qed jiġu segwiti meta fil-fatt kienu biss il-mezz ta’ kif min kien involut jasal ghall-għanijiet tiegħu.

Dan konfermat ukoll fir-rapporti tal-Awditur Ġenerali li hu l-istituzzjoni kostituzzjonali biex jivverifika l-korrettezza tal-aġir ta' amministrazzjoni pubblika. F'dan il-kuntest il-Bord jeħtieġ jagħmel tiegħu r-riżultanzi li wasal ghalihom l-Awditur Ġenerali sal-punt li identifika aġir skorrett tal-amministrazzjoni pubblika. Aġir li anke jekk mhux dejjem illegali, hu ċertament illeċitu.

08. Ir-realta' hi illi parti minn negozju l-kbir, mhux sorprendentement, ħataf l-okkażżjoni biex ikun jista' jopera u jwettaq il-proġetti tiegħu bl-inqas xkiel amministrattiv u b'manipulazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi fl-għola gradi li magħhom ħolqu rabtiet ta' interess komuni.

09. Kruċjali biex wieħed jifhem kif żviluppaw dawn ir-rabtiet u kif kienet topera fi żmien rilevanti l-amministrazzjoni pubblika hi mhux biss il-politika dikjarata li tkun "*business friendly*" imma wkoll il-figura ta' Chief of Staff tal-Prim Ministru, persuna li tgħaqqad fiha fl-għola livell l-amministrattiv pubbliku u n-negozjant il-kbir.

10. Hu stabbilit li fi żmien rilevanti l-kitba tal-ġurnalista assassinata kienet kollha kemm hi kritika ta' dawn l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika u r-rabtiet li kien hemm ma' ċerti negozjanti fi twettieq ta' proġetti. Rabtiet li ħolqu żewg ċentri ta' poter – il-poter politiku u dak ekonomiku. Kien inevitabbli li meta l-ġurnalista bdiet tattakka frontalment u b'mod kredibbli dawn iż-żewġ poteri inħolqot reazzjoni ta' konfrontazzjoni diretta ma' dawk fil-poter li kienu involuti. Beda mill-bidu jinħass il-bżonn li l-ġurnalista tiġi b'kull mezz kontrastata kemm biex jiġi newtralizzat l-aspett negattiv li l-kitba tagħha kien qed ikollha fuq il-politika dikjarata tal-Gvern kif ukoll biex ma jiġux ippreġudikati l-pjanijiet li issa jirriżulta li kien hemm, li xi nies jistgħanew bis-saħħa bil-konnessjonijiet li kellhom mal-amministrazzjoni pubblika.

11. Din il-konfrontazzjoni laħqet il-qofol tagħha wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers u taċ-ċirkostanzi tat-twaqqif tal-kumpannija estera 17 Black, meta sar ovvju li l-ġurnalista kienet kisbet u kien għada qed tikseb informazzjoni mill-aktar sensittiva u taħraq li setgħet tippreġudika irremedjabbilment mhux biss il-pjanijiet ta' dawk li kienu qed jieħdu vantaġġ mhux xieraq mill-proġetti li fihom kienu involuti imma saħansitra l-istabbilita' tal-istess Gvern. Konfrontazzjoni li baqgħet teskala sal-mument li ġiet assassinata.

12. Irriżulta pruvat illi l-konfrontazzjoni tant kienet qawwija li l-gvern kien sa minn xi żmien wara l-elezzjoni tal-2013 beda iqis il-ġurnalista bħala l-unika opposizzjoni fil-pajjiż. Dan kliem tal-Prim Ministru ta' allura. Konfrontazzjoni li kienet aċċentwata mill-fatt ammess, tista' tgħid universalment, li l-informazzjoni u l-fatti li fuqhom kienet qed tibbaża l-allegazzjonijiet il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienu sostanzjalment korretti u l-kitba tagħha kienet "*an open source*" anke għall-Pulizija.

13. Ir-reazzjoni politika għall-din il-konfrontazzjoni kienet prinċipalment kampanja sostnuta ta' attakki personalizzati ta' tmaqdir u mibgħeda, inċidenti ta' abbuż verbali, insegwiment abbużiv, għafsa ta' morsa finanzjarja anke b'meżżi legali. Inċidenti bħal dawn, wħud minnhom gravi, jistgħu forsi jkunu b'xi mod aċċettabbli għalkemm dejjem ċensurabbli, fuq pjan ta' konflitt bejn partiti politiċi. Ma jista' qatt jiġi aċċettat pero' li jkun xi enti tal-iStat li jinvolvi ruħu fi jew jippromwovi inizzjattivi ta' din ix-xorta l-iStat għandu l-obbligu li jiddefendi b'kull mod il-valur tal-ġurnaliżmu f'demokrazija u jiddefendi d-dritt fundamentali ta' espressjoni ħielsa u l-inkolumita' u l-ħajja tal-ġurnalisti. Dan l-obbligu jinkombi fuq l-iStat anke meta ġurnalista tkun qed tesprimi opinjonijiet ħorox kontra l-politika u amministrazzjoni tal-gvern tal-ġurnata.

14. Irriżulta pruvat li fi żmien rilevanti xi entitajiet tal-iStat mhux biss naqsu mill-obbligu tagħhom li jestendu protezzjoni sħiħa lil Daphne Caruana Galizia imma kien hemm persuni f'entitajiet tal-iStat li attivament u direttament aġixxew b'mod li serjament preġudikawlha d-dritt li teżerċita l-professjoni tagħha b'mod liberu u sikur waqt li kienu strumentali li l-grad ta' riskju li għalih kienet qed tiġi esposta l-ġurnalista jiżdied expotenzjalment.

15. Il-provi juru konklussivament illi kemm elementi fil-poter politiku kif ukoll fin-negozju li kellhom l-istess interess li l-effett tal-kitba qawwija tal-ġurnalista assassinata tiġi b'xi mod newtraliżżata. Dan ma jfissirx li f'dan l-istadju, teżisti xi prova tal-involviment tal-amministrazzjoni pubblika bħala tali fl-esekuzzjoni tal-assassinju. Ma teżisti l-ebda prova f'dan ir-rigward u l-Bord jeħtieġlu jiskarta allegazzjonijiet li saru f'dan il-kuntest. Jibqa' l-fatt pero' li l-kampanja denigratorja li ddemonizzat lil Daphne Caruana Galizia, f'xenarju ta' impunita' ħolqot il-klima favorevoli biex min ried jeliminaha seta' jagħmel hekk bl-inqas konsegwenzi. Jibqa' l-fatt illi għall-Bord kienet il-kitba ta' Daphne Caruana Galizia dwar l-intriċċi bejn in-negozju l-kbir u l-politika li wasslet għall-assassinju. Huwa lejn din id-direzzjoni li provi akkwiżiti mill-Bord u dawk fid-dominju pubbliku qegħdin jippuntaw. Fuq bażi ta' probabbilita' l-

Bord ħa din ir-realta' bħala punt ta' tluq. Fil-verita' hadd mix-xhieda li ddeponew quddiemu ma kkontesta din ir-realta'.

16. Din il-kampanja denigratorja bdiet qabel l-elezzjoni tal-2013 meta l-konfront kien wieħed biss politiku. Wara dik l-elezzjoni l-konfront ħrax u sar wieħed bejn ġurnalista u l-amministrazzjoni pubblika apparti li baqa' l-element politiku. Dak iż-żmien, Daphne Caruana Galizia bdiet tkun soġġetta għal attakki minn elementi fl-amministrazzjoni pubblika. Attakki li bdew jiżdiedu mal-iżvelar mill-ġurnalista tal-allegati irregolaritajiet u skandli fi twettieq ta' proġetti kbar ta' żvilupp. Kien f'dak iż-żmien li beda jissawwar u jirranka r-riskju għal persuna u l-proprjeta' tagħha għax kien ovvju li kienet qiegħdha teħodha kontra l-qawwa tal-iStat u l-interessi ta' negozju kbir. Dan ir-riskju skala wara l-iżvelar tal-Panama Papers u aktar u aktar wara l-fatti dwar kumpanija estera 17 Black. F'din tal-aħħar Daphne Caruana Galizia, aġixxiet ukoll wara draft ta' rapport tal-F.I.A.U., li żvela allegazzjoni ta' rabta mill-qrib bejn in-negozju u persuni fl-amministrazzjoni pubblika b'akkuża speċifika ta' reati gravi fil-qasam finanzjarju. Minn dak il-mument 'il quddiem kien ovvju għal kulħadd li l-ġurnalista kienet qed tissogra reazzjoni qawwija mill-poter politiku u dak ekonomiku flimkien b'riskju reali u imminenti li baqa' sostnut sal-mument tal-assassinju.

17. Għall-Bord dan hu l-mument li fih issawret il-ħtieġa li Daphne Caruana Galizia tiġi mrażżna u msikkta mhux għal raġuni politika imma għalhiex kienet qiegħda teħodha kontra interessi finanzjarji qawwija proġettati u moħmija fi żwieġ inċestuż bejn elementi fil-politika u fin-negozju.

18. Dak li kien ovvju għal kulħadd ma kienx ovvju la għall-Kummissarju tal-Pulizija, la għal servizzi ta' sigurta' u lanqas għal awtoritajiet regolatorji li għandhom il-funzjoni li jżommu l-ordni pubbliku, jassiguraw il-governanza tajba u jesiġu konformita' sħiħa mal liġijiet u regolamenti li jiggvernaw l-oqsma diversi tal-attivita' ekonomika fosthom dawk finanzjarji. Din l-inattivita' letarġika tal-istituzzjonijiet, mhux biss biex ma jiġux investigati allegazzjonijiet serji ta' ksur ta' liġi anke kriminali imma wkoll biex ma jiġux investigati allegazzjonijiet oħra ta' amministrazzjoni pubblika ħażina u illeċita hija inspjegabbli u ċensurabbli. Ma tistax tiġi spjegata b'sempliċi inkompetenza jew indifferenza. Il-Bord f'ċirkostanzi tant pależi, kkunsidra wkoll ix-xibka ta' kontroll li nħolqot biex l-amministrazzjoni pubblika tikkontrasta dawn l-allegazzjonijiet serji. Ma jistax ma jikkonkludix illi kien hemm pjan orkestrat biex ix-xogħol tal-ġurnaliżmu investigattiv tal-ġurnalista assassinata jiġi newtralizzat. Dan biex tiġi qabel xejn minn naħa waħda

limitata l-ħsara għal poter politiku u minn naħa l-oħra l-preġudizzju irrimedjabbli li setgħu isofru dawk li kienu interessati jibqgħu javvanzaw il-proġetti anke għall-interessi personali tagħhom.

19. Pjan li rnexxa proprju għaliex kien ċentralment organiżżat mill-uffiċċju tal-Prim Ministru u li wassal għal iżolament sħiħ ta’ ġurnalista f’mument meta sfat ukoll il-mira tal-allura kap tal-opposizzjoni. Iżolament li, marbut mar-realta’ tal-impunita’ li nħolqot proprju minħabba l-inattivita’ voluta tal-istituzzjonijiet li jaqdu dmirhom, issarfu fi klima ta’ riskju kbir. Klima li fiha min xtaq, ipprova u rnexxielu jeliminaha sab l-okkażżjoni u ż-żmien opportun biex jagħmel dan. Kienu min kienu dawk li ppjanaw u wettqu l-assassinju ċertament kellhom jew kienu jħossu li kellhom l-assikurazzjoni li kienu ser ikunu protetti minn dawk l-aktar li kienu interessati li jsikktu lill-ġurnalista.

20. Il-Bord hu sodisfatt mill-provi illi dan hu delitt esegwit għal flus u fuq kommissjoni. Min materjalment wettqu ma kellu l-ebda interess personali li jeliminaha. Kellu biss interess li jitħallas għax-xogħol faħxi tiegħu. Il-Bord baqa’ żbalordit bil-mod kif Vince Muscat, il-Koħħu, kif ukoll Melvin Theuma l-middleman li ammetta l-involviment tiegħu tant li ingħata l-maħfra

presidenzjali, iddeskrivew b'dettalji xokkanti l-mod "*cold bloodied*" kif kien ġie ppjanat fit-tul u esegwit id-delitt. Fatti dawn li għad iridu jiġu verifikati mill-Qrati kompetenti u l-Bord ma jippronunċja ruhu bl-ebda mod fuq l-innoċenza jew ħtija ta' dawk allegatament involuti. Li impressjona pero' l-Bord u li hu ta' rilevanza kbira għal din l-inkjesta, hu l-mod disinvolt u sigur kif kull min kien allegatament involut fl-esekuzzjoni materjali tad-delitt, kien apertament jippaleza l-kuntatti li kellu ma' ministri, c-Chief of Staff u persuni oħra fil-qalba tal-poter. Dawn setgħu fil-konvinzjoni tagħhom, jassigurawhom illi fl-aħħar mill-aħħar kienu ser isibu appoġġ minnhom u jeħilsuha ħafif. Il-fatt biss li kienet teżisti din il-mentalita' fil-livell ta' kriminalita' organiżżata sal-punt li c-Chief of Staff u l-Prim Ministru ta' allura kienu jirreferu għalihom bhala n-No 1, ix-xiħ u l-king, hu fih innifsu turija tal-kunfidenza li kienu jiftaħru biha sforz tal-kultura ta' impunita' li kienet tirrenja u li biha kienu jħossuhom protetti.

21. Għal fini ta' din l-inkjesta hu biżżejjed li l-Bord stabilixxa li kienet teżisti din il-kultura ta' impunita', sostnuta wkoll mix-xibka ta' kontroll li nħolqot biex tikkonċentra l-poter f'idejn ftit nies. Il-Bord jifhem li la l-korruzzjoni u l-anqas l-impunita' għal kommissjoni tar-reati ma huma karatteristika jew monopolju tal-amministrazzjoni li qed jindaga. Minn dejjem kienu jeżistu u jibqgħu jeżistu taħt kull amministrazzjoni. L-impunita', speċjalment li timporta l-

akkwist ta' vantaġġi jew favuri minħabba konnessjonijiet, ħbiberiji, familjarita' u konverġenza ta' interessi, hija sfortunament karetteristika tas-soċjeta'.

Din fil-veritá hi d-difiża fjakka illi ttantaw jagħtu diversi ministri imma wkoll uffiċjali għolja tal-amministrazzjoni pubblika fosthom is-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti rispettat u korrett fil-Ministeru tal-Finanzi, fost oħrajn. Id-difiża kienet fis-sens illi kull proġett kbir li jagħmel kull gvern minn dejjem ikun b'xi mod imtappan b'allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet. Peró hemm differenza kbira u lampanti. Id-differenza hi li fi żminijiet oħra kien hemm min jabbuża mis-sistema biex jieħu vantaġġi li ma jistħoqqlux. Dan f'xi każi anki b'involviment ta' xi uffiċjali pubbliċi. Ġeneralment peró l-istituzzjonijiet regolatorji ħadmu, l-abbużi ġew investigati appena ġew skoperti u ttieħdu passi kontra min jirriżulta li abbuża. Naturalament mhux dejjem u kollox kien perfett.

Mill-banda l-oħra peró fiż-żmien in eżami kienet is-sistema innifisha maħsuba biex tipprovdi *checks and balances* li ġiet imminata biex tiġi preġudikata l-governanza tajba. L-istituzzjonijiet f'ħafna okkażjonijiet ma ħadmux u ma ttieħdu l-ebda passi biex l-allegazzjonijiet serji li kienu qed isiru jiġu investigati

u biex min kien allegatament responsabbli jiġi msejjaħ biex jagħti kont ta' għemilu.

Li jimpressjona f'dan il-każ huwa l-gravita' u estensjoni ta' din l-impunita' fl-għola livelli li wasslet biex min wettaq id-delitt iħossu sikur li jwettqu. Impressjona wkoll il-mod kif tista' tgħid l-istituzzjonijiet kollha fil-pajjiż naqsu li jirreaġixxu b'mod xieraq u effettiv li jikkontrastaw din l-impunita' kif kienu obbligati jagħmlu, nuqqas li ħafna minnhom tista' tkun attribwita proprju għar-rabtiet li kien hemm bejn min kien qed imexxihom u dawk li kienu qed javvanzaw l-interessi dubjużi tagħhom.

22. Il-Bord kif ġia ingħad ma jistax jasal għall-konklużjoni li l-iStat, qua stat kellu xi responsabbilita' fit-twettieq tad-delitt pero' l-Bord ma jistax ma jasalx għas-segwenti realta':

a. Waqt li hu assigurat illi l-entitajiet tal-iStat fil-parti l-kbira wettqu dmirhom b'lealta', b'dedikazzjoni, b'professjonalita' u korrettezza hu pruvat li f'dan il-każ elementi importanti ta' uffiċjali fil-kontroll ta' ċerti entitajiet naqsu li jagħmlu dmirhom kemm qabel kif ukoll wara li ġie kommess l-omiċidju.

b. Tispikka l-iżjed per eżempju f'dan ir-rigward l-inattivita' tal-Kummissarju u ta' xi uffiċjali gholja tal-Pulizija li jaqdu dmirhom qabel xejn billi jinvestigaw l-allegazzjonijiet li saru mill-ġurnalista assassinata kontra esponenti għolja fl-amministrazzjoni u negozjanti kbar. Dan b'mod partikolari wara l-pubblikazzjoni tal-Panama Papers, l-akkużi kontra l-Bank Pilatus u 17 Black. Bl-istess mod hi ċensurabbli l-inattivita' kważi totali ta' istituzzjonijiet regolatorji bħal M.F.S.A. u l-F.I.A.U. Kien hemm okkażjonijiet fejn uffiċjali f'dawn l-istituzzjonijiet ħadu inizjattivi korretti ta' investigazzjoni u kontroll iżda l-isforzi tagħhom għal raġuni jew oħra ġew stultifikati.

ċ. Tispikka wkoll mhux biss nuqqas ta' għarfien għall-valur li l-iStat għandu jagħti lill-ġurnalizmu investigattiv imma wkoll l-atteġġjament ostili ppruvat kontra Daphne Caruana Galizia, ħafna minnu orkestrat minn persuni li jokkupaw karigi f'entitajiet tal-iStat fosthom l-uffiċċju ta' Prim Ministru. Il-Bord iqis li din l-ostilita' kienet aġir illeċitu li vvelifika u ddemonizża l-persuna tal-ġurnalista. Aġir dan li ma setax ma kienx kontributorju għall-ħolqien ta' ambjent ostili u allura element ta' inkoraġġiment għal min kien intenzjonat iwettaq id-delitt.

d. Daphne Caruana Galizia kellha l-isfortuna li ħaditha kontra l-poter politiku u dak ekonomiku fl-istess waqt. Il-Bord jenfasiżża illi li l-provi huma kollha fid-direzzjoni illi l-omiċidju kien jinvolvi grupp żgħir ta' nies li ppjanaw u esegwewh għall-interessi proprji tagħhom u minn mandanti li kienu jqisuha theddida għall-pjanijiet anke futuri tagħhom. Dan ifisser illi fil-waqt li hemm element ta' kontributorjeta' ta' entitajiet tal-iStat fil-ħolqien ta' ambjent li ffavorixxa l-omicidju, ma jistax jingħad illi kien l-iStat li ppjanah jew iffavorih.

e. Mill-banda l-oħra dan ma jfissirx illi l-iStat wettaq l-obbligu posittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi l-ġurnalista Caruana Galizia meta kienet manifestament f'riskju ta' atti vjolenti anke fuq il-persuna tagħha minn kriminali.

f. Fil-konsiderazzjonijiet tiegħu l-Bord elabora n-nuqqas tal-iStat li jwettaq dan l-obbligu posittiv li għandu prinċipalment jiġi identifikat in-nuqqas ta' entitajiet responsabbli kemm li jaġixxu kif suppost biex jipproteġu materjalment il-persuna tal-ġurnalista kif ukoll fin-nuqqas, li jaġixxu

tempestivament biex jipprevjenu d-delitt billi jinvestigaw l-allegazzjonijiet tagħha adegwatament.

ġ. Il-karatteristika partikolari ta' dan il-kaz li taggrava r-responsabbilita' tal-iStat hija l-involviment dirett għall-ħolqien tal-klima kemm ta' impunita' kif ukoll ta' deumanizżazzjoni imma wkoll u ferm agħar l-allegazzjonijiet li għad iridu jiġu verifikati, li seta' kien hemm persuni fi ħdan entitajiet tal-iStat li bl-azzjonijiet tagħhom b'mod dirett jew indirett, ikkontribwew għat-twettieq tad-delitt jew iffavorewh.

ħ. Fil-verita', il-Bord akkwista ħafna provi li flimkien ma' dak li rriżulta fid-dominju pubbliku, jipprovaw b'mod konklussiv li wara li seħħ id-delitt, uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni tal-pulizija u f'awtoritajiet pubbliċi aġixxew b'mod manifestament illeċitu jekk mhux illegali jew biex jiffavorixxu u jassistu persuni suspettati jew ta' interess għall-indaġini tal-pulizija jew li jiżvijjaw l-indaġni tagħhom billi jindirizzaw il-ġurnalisti ghall-pisti oħra l-bogħod minn dak li verament seħħ. Wieħed jista' raġonevolment jikkonkludi li dan l-atteġġjament ċensurabbli kellu l-għeruq tiegħu fi ħbiberiji, ammessi jew svelati minn

komunikazzjonijiet elettroniċi bejn dawn il-persuni u dawk li kienu jew għadhom ta' interess għall-pulizija fl-indaġni tad-delitt.

i. Il-Bord sodisfatt illi l-provi jwasslu għall-konvinċiment illi l-iStat kien ultimament responsabbli għall-ambjent li ffavorixxa t-twettieq tad-delitt kemm bl-inattivita' tal-entitajiet responsabbli kif ukoll bl-atti posittivi ta' vilifikazzjoni, tgħajjir u "*harassment*" minn uffiċjali b'karigi għoljin fl-amministrazzjoni. Pero' jekk wieħed jelimina, kif il-Bord neċessarjament jeħtieġ li jagħmel, l-allegazzjoijiet serji li saru kontra figuri ewlenin fl-amministrazzjoni pubblika bħal Dr. Chris Cardona li jiċħadhom, dwar l-allegat involviment tagħhom fl-omiċidju u/jew il-qrubija tagħhom mal-kriminalita' organiżżata, wieħed kif inghad, ma jistax jasal għall-konklużjoni li l-elementi tal-prova sallum stabbiliti jikkwalifikaw id-delitt sal-figura ġuridika ta' "*omicidio di stato*". Il-ġuristi Taljani jirravviżaw dan id-delitt, anke jekk jista' jkun li għadu mhux kodifikat, fejn jirriżulta li l-iStat kien involut direttament jew indirettament fl-ippjanar u twettieq tal-omiċidju. Dan sallum ma jirriżultax u l-allegazzjonijiet huma kollha miċħuda mill-persuni involuti li wħud minnhom huma u forsi għandhom persuni ta' interess għall-pulizija. Din il-konklużjoni tal-Bord tinbidel jekk jirriżulta pruvat mill-Qorti kompetenti li xi

Ministru jew uffiċjal pubbliku kien implikat fl-ippjanar u twettiq tal-assassinju. F'dan il-każ, tkun applikabbli għal fatti in eżami l-figura "Omicidio di Stato".

j. Il-Bord pero' wasal għal konklużjoni li l-ewwel terminu ta' referenza ġie ampjament pruvat in kwantu ġew stabbiliti atti, ċertament illeċiti jekk mhux ukoll illegali, minn persuni fi ħdan entitajiet tal-iStat li ħolqu ambjent li ffaċilita l-assassinju. Dan anke billi naqsu milli jagħmlu d-dover tagħhom biex tempestivament u effiċjentement jaġixxu biex jagħtu protezzjoni xierqa lill-ġurnalista. Dan b'diversi modi li ġew ampjament trattati fil-korp ta' dan ir-rapport. Waqt li ma hemmx prova li xi entita' tal-iStat kienet taf bl-ippjanar u esekuzzjoni tad-delitt, il-Bord hu sodisfatt illi l-entitajiet tal-iStat kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li l-ġurnalista assassinata kienet esposta għal riskju reali u immedjat li seta' ipprovoka aġir kriminali. Dan proprju għaliex kien hemm persuni fi ħdanhom li kkrejaw ambjent li fih trabba r-riskju reali li ffaċilita l-omiċidju. Dan kollu ġie ampjament trattat mill-Bord.

k. Il-Bord ukoll identifika x'azzjoni kellhom, fiċ-ċirkostanzi jieħdu l-entitajiet responsabbli bħal Pulizija u s-servizzi ta' sigurta', uffiċċju tal-Prim Ministru u awtoritajiet regolatorji biex jevitaw jew jimminimiżżaw dak ir-

riskju. Jirriżulta pruvat li dawn l-entitajiet ma ħadu prattikament l-ebda azzjoni f'dan ir-rigward. Anzi, kif ingħad, uħud minnhom kienu strumentali li jeskalaw dak ir-riskju.

l. Il-Bord jeskludi, kif għandu, f'dan l-istadju l-allegazzjoni mhux pruvata illi kien ser isir tentattiv ieħor biex tinqatel Daphne Caruana Galizia fl-2014-2015. Anke jekk jiġi eventwalment pruvat li dan kien ser iseħħ, il-movent tiegħu ma setax ikun ir-rabta bejn l-amministrazzjoni pubblika u l-kriminalita' organizzata. Dan proprju għaliex l-isvelar tal-iskandli riżultat ta' din ir-rabta beda jsir mill-ġurnalista assassinata wara. Hu għalhekk li l-Bord hu konvint li r-riskju reali li għalih kienet esposta l-ġurnalista assassinata laħaq l-għola grad tiegħu bil-pubblikazzjoni minnha tal-Panama Papers u wara.

**Responsabbilita' kollettiva tal-Kabinett**

23. Il-Bord jasal għal konklużjoni illi, premess li d-delitt kien neċessarjament marbut mal-allegazzjonijiet gravi ta' Daphne Caruana Galizia fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika li bdew jiġu żvelati b'aktar preċiżjoni meta ppubblikat ir-rivelazzjonijiet tal-Panama Papers u 17 Black, il-Bord ma jistax ma jirraviżax ir-responsabbilita' kollettiva tal-membri tal-Kabinet meta naqsu li

jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa. Filwaqt li wieħed jista' b'xi mod jiskolpa l-Kabinett li ma itteħditx azzjoni tempestiva meta ġew ippublikati l-Panama Papers kontra ċ-Chief of Staff għalhiex il-Prim Ministru Muscat assuma responsabbilita' personali għall-aġir tas-Sur Schembri, ċertament mhux l-istess jista' jingħad meta ġew ippublikati allegazzjonijiet speċifiċi ta' reati in konnessjoni ma' 17 Black. Żgur li f'dan l-istadju l-ebda membru tal-Kabinett ma jista' jeżonera ruħu mill-obbligu li kellu li jasserixxi l-volonta' tiegħu li, f'dak l-istadju, min kien involut ma kienx għad hemm postu fil-Kabinett. Jingħad b'enfasi li dik is-sitwazzjoni kristaliżżat ruħha diversi xhur qabel l-assassinju u fi żmien meta l-attakki vjolenti kontra l-ġurnalista kienu qed jiħraxu.

24. Din l-inattivita' għall-Bord ma hix spjegabbli jekk mhux għax il-Kabinett kien aktar moħħu fil-ħolqien tal-ġid li kien f'idejn grupp żgħir ta' nies fdati li wħud minnhom kienu implikati fl-allegazzjonijiet li kienu qed isiru, aktar milli jaġixxu biex jiddefendu lil min kien f'riskju gravi għax kien qed iwettaq dmiru. Lanqas taw priorita' li jassiguraw il-governanza tajba u s-saltna tad-dritt. Il-qagħda tal-Kabinett taggrava meta wieħed iqis, li apparti li wħud minnhom esprimew mal-Prim Ministru id-disapprovazzjoni tagħhom għal dak li kien qed jiġri, kienu indubbjament konxji li wieħed minnhom, il-Ministru Evarist Bartolo kien apertament u pubblikament kritiku tan-nuqqas ta' attivita' li jittieħdu

passi fil-ħin. Ġranet wara l-pubblikazzjoni tagħhom, il-Ministru Bartolo kkwalifika l-Panama Papers fi *tweet* li għamel fl-10 ta' Mejju 2016 bħala "*każ ieħor ta' liġi għall-Allat u oħra għall-annimali*". Asserzjoni xokkanti ta' membru tal-kabinet li fil-pajjiż kien hawn il-kollass tas-saltna ta' dritt.

25. Mhux biss il-Gvern ma ħa l-ebda azzjoni biex jirrimedja għal din is-sitwazzjoni; il-Kabinett u l-grupp parlamentari kollu baqa' jagħti l-appogg tiegħu b'voti ta' fiduċja fil-parlament lill-persuni implikati.

26. Għall-Bord dik l-inattività tal-Kabinett f'dawn iċ-ċirkostanzi li għażlu li jħarsu n-naħa l-oħra jew sempliċement biex ma jintilifx il-ġid li kien qed jinħoloq u li naqsu li jesiġu bħala gvern li jittieħdu passi biex jassiguraw li s-saltna tad-dritt tkun rispettata, tfisser illi l-Ministri kollha individwalment min b'mod u min b'ieħor, kienu qed jissottoskrivu u javallaw id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jħalli kollox għaddej. Deċiżjoni li politikament kienet tfisser sinjal qawwi illi s-sens ta' impunitá li kien qiegħed jinħoloq proprju fil-qalba tal-amministrazzjoni kellu l-approvazzjoni siekta, jekk mhux il-barka, tal-Kabinett kollu.

27. Fil-fehma tal-Bord dan il-fatt, anke jekk wieħed jipprexxindi li seta' ma kienx determinanti għall-assassinju, kif il-Bord hu tal-fehma li kien, huwa att ta' omissjoni gravi u jammonta għall-illiċeitá ċensurabbli. U fatt li l-istat ta' liġi kif inhu sallum, aġir simili ma hux passibbli għal xi sanzjoni legali għalkemm f'pajjiż li jirrispetta l-valuri demokratiċi għandu jimporta sanzjonijiet politiċi. Aspett dan li hu relevanti għal din l-Inkjesta iżda jeżorbita mil-limiti stretti tat-termini ta' referenza li ingħata l-Bord.

28. Dan in-nuqqas tal-Kabinett u tal-grupp parlamentari li jagħtu valur lill-investigazzjonijiet tal-ġurnalista assassinata biex jassiguraw it-tisħiħ tal-istituzzjoniiet u jirripristinaw is-saltna tad-dritt, trid titqies ukoll fl-isfond tal-kampanja denigratorja fil-konfront tagħha li tirriżulta orkestrata prinċipalment minn elementi fl-uffiċċju tal-Prim Ministru u dana sa minn qabel l-elezzjoni tal-2013.

**Responsabbilita' tal-Prim Ministru Joseph Muscat**

29. Il-Bord identifika responsabbilta' tal-ex Prim Ministru Joseph Muscat għal dak li ġara, anke jekk mhux diretta, għad-deċizjoni tiegħu fl-ewwel lok li ma jieħux passi serji fil-konfront taċ-*Chief of Staff* tiegħu u l-Ministru Mizzi

meta ġew implikati fil-fuq imsemmija Panama Papers u wisq aktar fit-tieni lok meta ddeċieda li jibqa' jżommhom fil-kariga anke wara l-pubblikazzjoni tal-istorja ta' 17 Black. Waqt li Dr. Muscat seta' jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-Panama Papers billi jikkwalifikaha bħala deċiżjoni politika żbaljata – ħaġa li l-Bord ma jaċċettax – ċertament ma setax jagħmel hekk fil-każ ta' 17 Black fejn saret allegazzjoni ta' aġir kriminali serju li timplikahom it-tnejn.

Dawn id-deċizjonijiet tal-Prim Ministru flimkien mal-fiduċja espressa mill-Parlament, fil-fehma tal-Bord, saħħew il-kultura ta' impunita' li fiha kienu jaġixxu l-persuni kollha involuti fl-attivitajiet ta' intriċċi bejn amministraturi politiċi u negozjanti kbar li dwarhom kitbet Daphne Caruana Galizia. Impunita' li straħu fuqha l-elementi ta' kriminalita' organiżżata, kienu min kienu, u li ċertament iffaċilitat l-assassinju.

**Rigward it-Tieni Teminu ta' Referenza**

30. Fir-rigward tat-Tieni Terminu ta' Referenza, il-Bord jikkonkludi li waqt illi d-disposizzjonijiet tal-liġi kriminali ġeneralment huma adegwati biex jilqgħu għal ċirkostanzi normali li jistgħu jwasslu għal stat ta' *de facto* impunita', hemm lok ta' reviżjoni tagħhom biex jassiguraw rimedju għal sitwazzjonijiet

eċċezzjonali bħal dawk li kkunsidra l-Bord f’din l-inkjesta. Ċirkostanzi li wasslu lill-Bord għall-konklużjoni li ma jistax jikkwalifika l-iżviluppi li seħħew li wasslu għal kważi kollass tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż u s-saltna tad-dritt, bħala l-ħolqien ta’ Stat immexxi minn organizzazzjoni mafjuża. Jikkonkludi pero’ li hemm indikazzjonijiet gravi li dak li seħħ kien qed iqarreb il-pajjiż għal sitwazzjoni bħal din u li hemm kien ser jasal kieku ma seħħx l-assassinju. L-assassinju kien il-mezz krudili biex titkisser is-sistema li kienet qed tnawwar id-demokrazija fil-pajjiż.

31. Hemm indikazzjonijiet li qed jittieħdu miżuri biex jissaħħu l-istituzzjonijiet u jittieħdu passi biex tiġi ripristinata s-saltna tad-dritt. Hekk biss jistgħu jiġu evitati delitti ta’ din il-gravita’ anke kontra ġurnalisti.

32. Il-Bord jirrikonoxxi r-riformi leġislattivi li saru fl-aħħar xhur għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet xprunati minn reazzjoni qawwija tas-soċjetá ċivili, attenzjoni mill-media internazzjonali kif ukoll il-ħidma u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja u oħrajn. Iqis peró li dawn ir-riformi nfushom u l-estensjoni tagħhom huma prova ħajja tal-livell tat-tnawwir tal-istituzzjonijiet ġenerata minn stat ta’ governanza li ippermetta li jseħħu abbużi gravi u bla

preċedent, kemm għall-estensjoni tagħhom, kif ġew organiżżati u wkoll għall-grad għoli ta’ impunitá li kien igawdi min wettaqhom. Abbużi li kienu l-qofol tal-ġurnaliżmu investigattiv ta’ Caruana Galizia.

33. Tajjeb li r-riformi saru u qed isiru. Teħtieġ li jibqgħu jsiru u jitjiebu. Dan hu kollu fil-parti l-kbira l-effett dirett *purtroppo* pożittiv tat-traġedja li għaddiet minnha l-familja Caruana Galizia li tista’ ssib ftit konfort fil-fatt li forsi ma nqatlitx għalxejn.

34. Mill-banda l-oħra, l-Bord ma jifhimx għax kellha tinqatel ġurnalista biex isiru dawn ir-riformi li l-ħtieġa tagħhom kienet ilha ħafna tinħass imma li l-assassinju irrenda l-introduzzjoni tagħhom mill-aktar urġenti. Il-fatt li jsiru r-riformi ma jaħfirx l-iżbalji enormi li saru. Min ikkommetta reati imma wkoll min abbuża mill-poter li kellu anke amministrattivament biex ħoloq is-sistema jew biex għamel profitt jew ħa vantaġġ a spejjeż tal-ġid tal-poplu għandu jiġi investigat u jħallas għal għemilu.

35. Ir-responsabbilitá tal-Ministeru tal-Ġustizzja mhijiex biss li jiġi assigurat li jsiru riformi fil-liġijiet, iżda fuq kollox li jiggarantixxi s-saltna tad-dritt billi l-id

iebsa tal-ġustizzja tilħaq lil kull min jikser il-liġi hu min hu, kienet x'kienet il-kariga li kien jokkupa, għolja kemm hi għolja, għanja kemm hi għanja u bla ma tħares lejn wiċċ ħadd.

36. Stat ta' *de facto* impunita' jiżviluppa fl-ewwel lok fuq livell amministrattiv għalhiex l-amministratur pubbliku jonqos fl-obbligu tiegħu li jaġixxi korrettement u skont il-liġijiet u regoli applikabbli ma' kulħadd l-istess. F'dan il-każ, mhux il-liġijiet ikunu ħżiena iżda l-persuni f'posizzjoni ta' awtorita' li għandhom jinforzawhom. Dawn jew jabbuzaw mill-posizzjoni tagħhom, jew ma jkunux idoneji għal kariga li jokkupaw jew addirittura jissokkombu għall-aġir korruttiv jew skorrett ta' terzi. Għal Bord, l-għerq tal ħolqien ta' kultura ta' impunita' hu l-erożjoni tal-valuri li għandhom jiggwidaw l-amministratur pubbliku hu min hu u t-telfien tal-għarfien ta' x'inhu tajjeb u ħażin, ta' x'inhu korrett u skorrett.

37. Manifest f'din l-inkjesta kienet ir-realta' li nkixfet li l-kultura tan-negozju motivata mill-profitt personali u r-rebgħa għall-flus ħadet sopravvent fuq dik tal-amministrazzjoni korretta fl-interess tal-ġid komuni. Dan anke jekk kien hemm bżonn billi jiġu manipulati jew evitati l-liġijiet jew regolamenti applikati.

Biex wieħed jilqa' għal din l-eventwalita' mhux biss jeħtieġ li jkun hawn regoli stretti ta' etika li jorbtu l-amministratur pubbliku speċjalment fejn jidħol konflitt ta' interess imma wkoll struttura effettiva ta' infurzar ta' dawn ir-regoli. F'dan ir-rigward hu imperattiv li jkun hemm regoli ċari li jorbtu fl-għażla ta' persuni f'*positions of trust* jew ħatriet fuq awtoritajiet jew bordijiet pubbliċi biex kemm jista' jkun jiġi eliminat il-kuntatt improprju bejn l-amministrazzjoni pubblika u n-negozju.

**Rigward it-Tielet Terminu ta' Referenza**

38. Fir-rigward tat-Tielet Terminu ta' Referenza l-Bord jikkonkludi li l-iStat ma wettaqx l-obbligu posittiv li kellu li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi l-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Mil-lat ta' miżuri effettivi għal protezzjoni ta' ħajjitha, l-Bord jikkonkludi li l-awtoritajiet tal-Pulizija u ta' awtoritajiet oħra li kellhom il-funzjoni li jħarsu l-inkolumita' tagħha żgur li ma kellhomx għarfien meta messhom kellhom, tar-riskju gravi u imminenti li għalih kienet esposta, ċertament minn meta ippubblikat il-kontenut tal-Panama Papers u wara. Il-miżuri ta' protezzjoni rudimentali, ineffikaċi u xejn professjonali tal-Pulizija ġew irtirati u limitati biss għal waqt l-elezzjonijiet u avvenimenti simili. Dan l-aġir tal-Pulizija fiċ-ċirkostanzi drammatiċi li kienet għaddejja minnhom il-ġurnalista hu għal Bord

inspjegabbli u inaċċettabbli. Hu żgur ċertifikat ta' ineffiċjenza u inkompetenza jekk mhux agħar. Dan apparti, irriżulta lill-Bord li ma jeżistix protokol dwar kif il-Pulizija għandhom jirreaġixxu biex jipproteġu persuni li jkunu f'riskju personali minn atti kriminali. Kollox għadu f'idejn id-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jaġixxi kif mistenni minnu ħaġa li, fil-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, Lawrence Cutajar ċertament ma għamilx.

# Taqsima VII - Rakkomandazzjonijiet

**Taqsima VII**

**Rakkomandazzjonijiet**

L-ewwel rakkomandazzjoni li jeħtieġlu jagħmel il-Bord hu li l-Pulizija u kull awtorita' oħra regolatorja involuta għandhom jissoktaw bl-investigazzjonijiet tagħhom biex jidentifikaw il-persuni kollha b'xi mod involuti fl-assassinju u jassiguraw li kollha jirrispondu għal għemilhom quddiem il-Qrati. Din l-inkjesta wriet li għad baqa' x'jiġi indagat u mhux kollox hu ċert u finalizzat. Il-Bord jifhem li dan qiegħed isir u hekk jindikaw ir-riżultati.

Il-Bord diġa għamel rakkomandazzjonijiet pertinenti għall-konsiderazzjoni tat-tieni u t-tielet termini ta' referenza kif indikat lilu f'dan l-inkarigu. Illimita ruħu għalhekk f'dan l-istadju biex jagħmel is-segwenti rakkomandazzjonijiet ħalli jenfasizza dawk il-miżuri li jidhirlu li għandhom jittieħdu. Dan biex tkompli tiġi ripristinata s-saltna tad-dritt u evitata l-possibilta' li eventi traġiċi li taw lok għal din l-inkjesta jerġgħu jseħħu.

1. Il-Bord jagħmel tiegħu r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni Venezja, il-Kummissjoni Greco u mil-"legal affairs committee" tal-Parlament

Ewropew biex isaħħaħ il-governanza tajba. Dan b'mod partikolari għall-opinjoni tal-Kummissjoni Venezja adottata 8/9 ta' Ottubru 2000 dwar leġislazzjoni proposta mill-Gvern biex timplimenta rakkomandazzjonijiet magħmula mill-istess Kummissjoni bl-opinjoni anteċedenti tagħha tad-19 ta' Ġunju 2000. Tagħmel tagħha wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat tal-affarijiet legali u jeddijiet tal-bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Europa fir-rapport tat-8 ta' Ġunju 2019. Il-Bord konxju tal-impenn tal-awtoritajiet li jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-passi leġislattivi li ttieħdu u qed jittieħdu f'din id-direzzjoni.

2. Huwa f'dan il-qafas ta' riforma li għandhom jiġu introdotti emendi fil-liġi kriminali, dawk li jirregolaw istituzzjonijiet finanzjarji u oħrajn biex jiġi assigurat li ma jiżviluppax stat ta' "*de facto*" impunita' li l-Bord stabilixxa li seħħ f'dan il-każ. Emendi fil-liġijiet li jistgħu jgħinu mhux ftit biex jikkontrastaw il-mentalita' li wieħed jista' jevadi liġijiet u anke jwettaq ċerti delitti serji għaliex ikun f'posizzjoni ta' poter, politiku jew ekonomiku jew għax ikun parti minn organiżżazzjoni kriminali protetta minn dan il-poter. F'dan ir-rigward hu essenzjali li l-liġijiet jipprovdu li l-politika ta' sanzjonar ta' irregolaritajiet u illegalitajiet tkun ridotta għall-minimu u każijiet eċċezzjonali. Min jikser il-liġi għandu jsofri l-konsegwenzi tal-għemil tiegħu, m'għandux

ikollu l-aspettattiva li bil-flus jissana dak li bil-liġi ma kellux dritt għalih. Hija din il-mentalita' prevalenti fis-soċjeta' li ssaħħaħ l-arroganza ta' min għandu poter politiku u ekonomiku. Hi ż-żerriegħa li tnibbet il-korruzzjoni.

3. Illi din ir-riforma leġislattiva trid tkun riflessa u rafforzata bi prattiċi amministrattivi li jirregolaw sewwa u b'mod effettiv ir-relazzjoijiet li jistgħu jinħolqu bejn l-amministrazzjoni pubblika u nies tan-negozji li magħhom l-entitajiet tal-iStat neċessarjament iridu jitrattaw biex jinħoloq il-ġid. F'dan ir-rigward huma meħtieġa b'mod assolut trasparenza u kontabbilita'. Fuq kollox jeħtieġ li inforzar ta' liġijiet u regolamenti li diġa jeżistu jiġu fejn hemm bżonn emendati biex isiru aktar rigorużi u sewwa applikati ħalli jiġi evitat l-abbuż. Fost dawn il-Bord jindika t-tisħiħ tal-liġi tal-Whistle Blower, dik tal-finanzjament tal-Partiti, l-liġijiet li jirregolaw l-għoti ta' kuntratti nklużi tenders u direct orders.

Il-liġijiet għandhom jassiguraw li m'għandux ikun permess n-negozjar bil-moħbi bejn l-amministratur pubbliku u nies fin-negozju. Speċjalment għandu jiġi projbit kull kuntatt magħhom fuq investiment proġettat permezz ta' komunikazzjoni li ma jkunx governattiv u uffiċjali. Essenzjali wkoll li jiġi regolat b'liġi lobbying speċjalment fejn dan jinvolvi kuntratti ma' investituri u

negozjanti biex jippromwovu inizjattivi u proġetti. Il-Bord jifhem li din il-materja qiegħda diġa fl-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Il-qrubija żejda man-nies tan-negozju li tista' tagħti lok għal kuntatti improprji għandha tiġi regolata. Il-mentalita' li mill-kuntatti personali, ħbiberiji u familjarita' jekk mhux komunjoni ta interess wieħed jista' jakkwista dak li m'għandux dritt għalih, trid tiġi eradikata.

Il-Bord jgħaddi biex jagħmel rakkomandazzjonijiet f'żewġ taqsimiet separati: **A:** Dawk li jirrigwardaw miżuri leġislattivi maħsuba biex isaħħu s-saltna tad-dritt; **B**: Miżuri biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-ġurnaliżmu.

**A. Emendi speċifiċi għall-introduzzjoni ta' reati ġodda u tisħiħ ta' liġijiet eżistenti**

4. Waqt li hu importanti li jiġu aġġornati l-liġijiet biex jilqgħu għal din ir-realta' ġdida fl-estenzjoni tagħha u jiġi evitat ir-riskju li l-iStat ta' impunita' jiżviluppa fi stat b'konnotazzjonijiet mafjużi u waqt li hu essenzjali inforzar rigoruż u effettiv ta' dawn il-liġijiet, hu forsi aktar importanti u diffiċli li jsir sforz mill-amministrazzjoni pubblika li jibdel il-mentalita' kif għandu jiġi amministrat il-ġid komuni. Id-direzzjoni f'dan il-kuntest għandha tigi minn fuq

nett fit-tfassil tal-politika li għandha tirrifletti dawn il-prinċipji. Dan japplika għal qasam politiku kollu u forsi b'aktar saħħa għal min ikun qed jamministra.

**Rakkomdazzjonijiet għal riformi leġislattivi għat-tisħiħ tas-Saltna tad-Dritt**

a) Hemm ħtieġa ta' liġi li tikkumbatti l-kriminalita' finanzjarja inkluż tixħim u korruzzjoni permezz ta' "Unexplained Wealth Orders" fejn ġie trattat it-tieni terminu ta' referenza.

b) Jiġi kreat reat speċifiku għal meta persuna b'kariga pubblika tfixkel jew tittanta tfixkel lill-Pulizija jew awtoritajiet oħra fil-qadi ta' dmirijiethom fosthom investigazzjonijiet ta' reati;

c) Bżonn li jiġi introdott reat simili għall-artikolu 416 *bis* tal-Kodiċi Kriminali Taljan li jikkontempla r-reat ta' "*di associazione di stampo mafioso*";

d) Jiddaħħal fil-Kodiċi Kriminali Malti r-reat ġdid ta' "Abbuzo d'Ufficcio" li jsir minn uffiċjal pubbliku jew inkarigat minn servizz pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu jew fl-eserċizzju tal-funzjonijiet tiegħu;

e) Hemm lok ta' revisjoni tal-liġi tal-Avukat Ġenerali biex jiġu implimentati għal kollox ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja għal dak li jirrigwarda l-kontroll sħiħ tal-investigazzjoni ta' reati gravi flimkien mal-Pulizija kif ukoll li hu stess jibda investigazzjoni;

f) Ix-xhieda quddiem il-Bord juru ħtieġa li jiġi introdott fil-liġi kriminali r-reat ta' ostruzzjoni tal-ġustizzja simili għal dak ta' "*obstruction of justice*" f'ħafna kodiċijiet esteri. Dana b'penalitajiet adegwati li jkopri wkoll it-tentattiv ta' "*depistaggio*";

ġ) Bżonn ta' provvedimenti leġislattivi u fil-Kodiċijiet tal-Etika biex jilqgħu għal-imġieba mhux xierqa ta' uffiċjali pubbliċi fil-qadi ta' dmirijiethom;

ħ) L-aqwa protezzjoni li għandha tingħata lil min ikun espost għall-riskju gravi huwa li l-Pulizija tkun f'posizzjoni li tidentifika l-kawża ta' dak ir-riskju biex tkun tista' tilqa' għalih. Fil-każ tal-ġurnalista dan ifisser, fost ħwejjeġ oħra, investigazzjoni tempestiva u effettiva tal-kawża ta' dak ir-riskju jew riskji.

Biex dan ikun jista' jseħħ, jeħtieġ li jkun hemm struttura *ad hoc* fil-Korp tal-Pulizija.

**B. Rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tal-ġurnaliżmu**

**Rigward il-protezzjoni tal-ħajja tal-ġurnalisti u t-tisħiħ tal-ġurnaliżmu**

Il-Bord jelenka b'mod sintetiku s-segwenti rakkomandazzjonijiet, ukoll b'riferenza għal dak illi diga' ġie espost fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar it-tielet terminu ta' referenza.

**Dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti**.

a) Hemm il-ħtieġa li fi ħdan il-Pulizija jkun hemm struttura formali li permezz tagħha tkun tista' b'mod regolari u sostnut, tidentifika liema persuni, u mhux biss ġurnalisti, jkunu għal xi raġuni esposti għal attakki serji ta' kull xorta li jistgħu jeskalaw għal vjolenza fiżika. Dan l-apprezzament ma għandux jibqa' kif inhu sallum riservat għall-Kummissarju tal-Pulizija. Għandu jkun hemm *unit* speċjalizzat b'nies imħarrġa kapaċi jidentifikaw liema persuni jkunu f'riskju, jagħmlu apprezzament oġġettiv ta' dak ir-riskju, il-kawżi li jkunu qed joħolquh u kif dan jirrelata mal-professjoni u/jew xogħol tal-persuna f'riskju. Dan il-*unit* operazzjonali speċjalizzat ikun simili għall-oħrajn illi diġa jeżistu fil-Korp biex jagħtu protezzjoni lil kategoriji oħra ta' persuni vulnerabbli.

b) Hu meħtieġ illi f'*unit* bħal dan ikun hemm element illi jiffoka fuq ġurnalisti illi jistgħu jkunu f'riskju gravi. Element kapaċi illi japprezza r-riskju fl-isfond tal-kwalita' tal-investigazzjoni li jkun qed jikkonduċi ġurnalista, dak li

jkun qiegħed jippubblika, l-effett fuq il-persuni jew organiżazzjonijiet li jkunu fil-mira tal-investigazzjoni tiegħu kif ukoll ir-riskju attwali jew potenzjali li tali reazzjoni tista' toħloq. Dan il-*unit* jista' jservi ta' kuntatt immedjat bejn il-Pulizija u l-ġurnalista li b'hekk iħossu sigur u protett illi jaqdi dmirijietu b'mod ħieles.

c) Miżura operazzjonali oħra li l-Pulizija jeħtieġ tieħu mhux biss biex tnaqqas l-element ta' riskju imma wkoll biex tivvalorizza x-xogħol tal-ġurnalista bħala kontributur ewlieni fil-ġlieda kontra l-abbuż u l-kriminalita', huwa l-investigar tempestiv ta' allegazzjonijiet serji li jkunu qed jiġu magħmulha bħala riżultat tal-investigazzjoni tal-ġurnalisti.

Il-Bord wasal għal konklużżjoni illi dan in-nuqqas tal-Pulizija, imma wkoll ta' awtoritajiet regolatorji oħra, li tempestivament u b'mod effikaċi jintervjenu biex jinvestigaw allegazzjonijiet magħmulha minn ġurnalista illi kienet "*an open source*" għalihom, iffavorixxa t-twettiq tal-assassinju. Hu raġonevoli li wieħed jassumi illi kieku ttieħdu l-passi li kellhom jittieħdu fil-mument opportun kienu jiġu sewwa mnaqqsa, jekk mhux għal kollox eliminati l-elementi ta' atti illeċiti jew illegali li kkawżaw l-iskalar tar-riskju għal ħajja tal-ġurnalista assassinata. Hu fatt li għal raġuni jew oħra l-Pulizija f'dan il-każ

naqsu li jidentifikaw min u x'kienet il-kawża li ħolqu dan ir-riskju gravi u imminenti.

Din, apparti l-miżuri li jeħtieġ li jittieħdu u wieħed jittama li qegħdin diga' jittieħdu biex jilqgħu għal sitwazzjonijiet ta' relazzjonijiet u kuntatti dubbjużi u mhux xierqa bejn uffiċjali għolja u m'humiex, fil-Korp tal-Pulizija u f'awtoritajiet regolatorji flimkien ma' elementi fl-amministrazzjoni pubblika man-negozju kbir. Sitwazzjonijiet li ovvjament jippreġudikaw l-indipendenza u l-korrettezza tagħhom fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Hu meħtieġ li l-Korp ikollu għarfien sewwa ta' rwol tal-ġurnalista bħala għassies tad-demokrazija fil-pajjiż u tal-valur tal-ġurnaliżmu bħala kollaboratur validu mal-forzi tal-ordni biex jassiguraw is-saltna tad-dritt. Dan mhux biss kontra l-kriminalita' organiżżata imma wkoll kontra l-abbuż tal-poter u l-illegalita' fl-amministrazzjoni pubblika. Il-Pulizija u l-awtoritajiet regolatorji ma humiex hemm biex jiddefendu lil dawk fil-poter jew li jostru għemilhom. Ma għandhomx allura jqiesu lill-ġurnalisti, speċjalment dawk li jażżardaw jinvestigaw aġir li għalihom jidher skorrett jew suspett bħala għedewwa. Kellhom għall-kuntrarju jfittxu illi joħolqu pontijiet u meżżi ta' kuntatt bejnhom u bejn il-ġurnalisti biex sa fejn hu possibbli u fil-parametri permessi, jissuktaw l-investigazzjonijiet tagħhom biex jivverifikaw il-kredibbilita' u l-

veraċita' tal-allegazzjonijiet gravi li spiss jemerġu mill-investigazzjonijiet tal-ġurnalisti.

Biex dan iseħħ hu meħtieġ illi l-Korp tal-Pulizija u partikolarment elementi speċjalizzati tiegħu jkunu sewwa mħarrġa mhux biss fil-valur tal-ġurnaliżmu imma wkoll fl-għarfien tat-teknika li jużaw il-ġurnalisti fl-investigazzjonijiet tagħhom, il-metodi wżati biex jiksbu riżultati u li jagħtu valur għall-konklużjonijet li jaslu għalihom mill-analiżi li jwettqu. Il-Pulizija għandhom jagħmlu dan bir-rispett sħiħ tal-indipendenza u l-awtonomija tal-ġurnalista waqt li jirrispettaw is-sigriet professjonali tagħhom kif ukoll l-invjolabbilita' tas-sorsi ta' informazzjoni tagħhom.

**Rigward it-tisħiħ tal-ġurnaliżmu fil-pajjiż**.

Fil-kors ta' din l-Inkjesta, kif ingħad, taw kontribut mill-aktar siewi membri tal-familja Caruana Galizia u ġurnalisti oħra qrib tagħhom li mhux biss ipprovdew provi u materjali mill-aktar siewi, kredibbli u pertinenti għax oriġinaw minn fonti u sorsi immedjatament viċin il-ġurnalista assassinata imma wkoll għaliex b'ħarsa lejn il-futur, taw il-fehma tagħhom dwar x'kellu jsir biex il-ġurnaliżmu fil-pajjiż u l-jedd fondamentali għall-ħelsien tal-espressjoni jiġu mħarsa u

mqiegħda fuq sisien sodi. Għamlu l-istess ħafna edituri u ġurnalisti ewlenin li offrew ix-xhieda tagħhom bla mitluba. Flimkien ma’ oħrajn issottomettew noti ta’ osservazzjonijiet f’dan ir-rigward għall-attenzjoni tal-Bord. Il-Bord iqis, li waqt li dan il-materjal kollu hu tal-akbar interess għalih anke fil-kuntest wiesgħa tat-termini ta’ referenza li kien qed jikkunsidra, jistax jingħad illi hu neċessarju biex jiġi determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn jew fi ħdan xi entita’ tal-iStat iffaċilitax l-assassinju jew naqsitx milli tipprevedih. Isir pero’ rilevanti fil-kuntest tal-fatt illi kieku l-ġurnaliżmu fil-pajjiż kien b’saħħtu u kellu l-meżżi biex jirreaġixxi ħalli jilqa’ għal sitwazzjonijiet li kkunsidra l-Bord f’dan ir-rapport, is-Sinjura Caruana Galizia kienet tkun f’posizzjoni illi ssib sostenn u appoġġ minn settur li kien ikun kapaċi illi jiddefendiha minn kull tip ta’ aggressjoni u vjolenza.

Wieħed irid iqis li din il-ġurnalista kienet qed tikkonduċi kampanja investigattiva waħedha mingħajr is-support ta’ xi media house jew ta’ xi organiżżazzjoni ġurnalistika warajha. Dana tul is-snin u mhux sempliċement fil-mument tal-aggressjoni finali meta ġiet maqtula. F’dan ir-rigward il-Bord ser jillimita ruħu billi jaċċenna u jelenka l-proposti prinċipali illi saru għat-tisħiħ tal-ġurnaliżmu fil-pajjiż waqt li jagħmel referenza sħiħa għan-noti ta’

osservazzjonijiet estensivi li saru u li jidhirlu li b'mod eċċezzjonali għandhom jitqiesu li huma parti minn dan ir-rapport.

**Fuq Livell Kostituzzjonali**

1. Għandu jiġi konsidrat jekk hemmx lok illi tiġi emendata l-Kostituzzjoni biex fl-artikoli illi jirrigwardaw il-liberta' tal-espressjoni jiġi rikonoxxut li l-ġurnaliżmu ħieles huwa wieħed mill-pilastri tas-soċjeta' demokratika u li l-iStat għandu l-obbligu li jiggarantih u jipproteġih. Emenda li għandha wkoll tirrikonoxxi d-dritt ta' individwu li jirċievi minn għand l-iStat u l-amministrazzjoni pubblika l-informazzjoni u li l-iStat u l-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati li jagħtu tali informazzjoni. Dana naturalment taħt kawteli u riservi li jkunu speċifikati fl-istess provvediment.

2. Jiġi suġġerit illi biex jassigura livell għoli ta' ġurnaliżmu u l-osservanza, anke minn ġurnalisti, tal-prinċipji ta' etika li jiggvernaw il-professjoni, jinħoloq l-Uffiċċju ta' Ombudsman jew Kummissarju għal etika ġurnalistika li jkun indipendenti u fuq l-istess linji tal-Kummissarju għall-Istandrads fil-Ħajja Pubblika. Din l-awtorita' tkun għal kollox awtonoma u imparzjali u jkollha l-funzjoni illi timplimenta liġijiet u regolarmenti maħsuba biex iħarsu l-ħelsien

tal-media, l-inkolumita' tal-ġurnalisti u d-dritt għall-informazzjoni. Tkun punt ta' riferenza għal ġurnalisti li jkunu jixtiequ direzzjoni jew protezzjoni imma wkoll mezz kif tiġi assigurata l-osservanza mill-ġurnalisti tar-Regoli tal-Etika u aġir korrett fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

3. Jiġi wkoll ripetutatament enfasiżżat illi hemm lok ta' reviżjoni tal-provvediment tal-Kostituzzjoni li jwaqqaf l-Awtorita' tax-Xandir, anke għaliex ġie sottomess illi x-xandir pubbliku kien naqas mid-dover tiegħu ta' imparzjalita' meta ma kienx korrettement u adegwatament irrapporta u ttratta l-allegazzjonijiet serji ta' korruzzjoni li ġew żvelati b'riżultat ta' ġurnaliżmu investigattiv. Mill-banda l-oħra din l-imparzjalita' sallum skorrettement dejjem tqieset li tapplika biss għas-servizz pubbliku imma mhux għall-istazzjonijiet tal-partiti politiċi li żbaljatament jitqiesu li jibbilanċjaw lil xulxin.

**Fuq Livell Leġislattiv**

1. Hemm il-ħtieġa illi l-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni (Kapitolu 496) jiġi rivedut biex jiġu limitati l-każijiet li fihom l-amministrazzjoni pubblika tista' arbitrarjament tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni li hi ta' interess pubbliku u li

l-pubbliku għandu dritt għaliha. Il-kultura ta' konfidenzjalita' u segretezza bl-iskuża ta' privatezza jew ta' preġudizzju kummerċjali ftit li xejn għandha x'taqsam mad-demokrazija fejn tidħol l-amministrazzjoni tal-ġid komuni li għandha tkun dejjem trasparenti u kuntabbli.

Kif ġie elaborat waqt dan ir-rapport ir-rifjut li tingħata informazzjoni jew li tingħata informazzjoni limitata u tardiva, speċjalment lil ġurnalista li tkun qiegħda tinvestiga materja ta' interess pubbliku, serviet biss biex iżżid l-ispekulazzjoni u tkattar kuntrasti bla bżonn. Fir-riċerka tal-verita' jeħtieġ illi jkun hemm amministrazzjoni pubblika miftuħa biex tassigura demokrazija parteċipattiva.

2. Il-Bord diġa' rrefera għall-Att dwar il-Media fuq il-Malafama (Kapitolu 579) fil-konklużżjonijiet ghat-tielet terminu ta' referenza. Enfasiżżat ħtieġa li tiġi indirizzata l-problema tal-possibbilita' ta' libelli hekk imsejħa SLAPP. Kien hemm lok ukoll li dan l-Att jiġi rivedut biex tiġi eliminata l-possibbilita' ta' kawżi ta' libelli frivoli kontra ġurnalisti magħmulha minn persuni li jokkupaw karigi pubbliċi u li għandhom id-dover illi jiddefendu d-dritt ħieles tal-

espressjoni.  Ġie suġġerit ukoll illi ma kienx hemm lok ta' kawżi ta' libelli kontra ġurnalisti jkomplu wara l-mewt tagħhom.

**Mil-Lat Organiżżattiv**

1. Mil-lat organiżżattiv l-Edituri kollha li xehdu quddiem dan il-Bord ilmentaw dwar il-qagħda prekarja finanzjarja li fiha l-Media Houses kellhom joperaw.  Tista' tgħid kollha jiddependu biex ikampaw fuq reklamar li ħafna minnu joriġina minn Dipartimenti tal-Gvern jew Awtoritajiet Pubblici li regolarment jutilizzaw is-servizzi tal-ġurnali biex jirreklamaw is-servizzi tagħhom lill-pubbliku.  Jilmentaw li l-fondi allokati għal dawn ir-reklami aktar iva milli le, jintefqu b'mod diskriminatorju fis-sens li jiġi favorit is-servizz pubbliku jew dawk l-organiżżazzjonijiet tal-media li jkunu jxaqilbu favur il-Gvern.  Din kienet materja illi tirrikjedi attenzjoni biex almenu fejn jidħlu fondi pubbliċi d-distribuzzjoni tal-fondi minfuqa għar-reklamar tkun waħda ġusta, ekwa u mhux diskriminatorja.  Sakemm dan ma jsirx tibqa' dejjem il-possibbilita' illi l-ġurnalisti jibqgħu miftuħin għall-pressjoni indebita, jekk mhux rikatt, mill-aġenziji governattivi li jindikawlhom li jistgħu jirtirawlhom il-fondi jekk ma jsegwux il-politika tal-Gvern.

**Rakkomandazzjoni Finali**

**Liġi biex tirregola l-professjoni tal-Ġurnalisti**

Il-ġurnalisti kollha li xehdu quddiem il-Bord urew it-tħassib tagħhom li l-professjoni tal-ġurnalista la kienet rikonoxxuta mill-iStat u wisq anqas apprezzata. Jidher li hemm lok ta' liġi li tipprovdi qafas organiżżattiv li fih joperaw il-ġurnalisti b'mod ħieles u għal kollox maqtugħin minn indħil jew pressjoni indebita. Liġi li tkun tirrifletti r-rwol importanti li l-media għandu jkollha f'soċjeta' demokratika waqt li tipprovdi struttura adegwata li toffrilhom protezzjoni fl-eserċizzju fil-professjoni tagħhom.

Liġi bħal din għandha tassigura li l-professjoni tal-ġurnalisti tkun awtoregolata fuq l-istess liġi li liġijiet oħra irregolaw professjonijiet oħra bħal accountants, periti, spiżjara eċċetra. Tista' tiġi wkoll fdata bil-ħarsien tal-istandards etiċi tal-professjoni b'poteri li tieħu wkoll miżuri dixxiplinari fejn ikun il-każ u dan kif indikat fir-rakkomandazzjonijiet ta' qabel. Importanti f'dan il-kuntest li kull Bord jew awtorita' li jkollha din il-funzjoni tkun għal kollox indipendenti u awtonoma anke mill-lat finanzjarju. Biżżejjed jingħad li l-ġurnalisti kollha qablu li l-istitut tal-ġurnaliżmu Malti waqt li hu utli mhux adegwat biex iservi l-iskop ta' protezzjoni effettiva, m'għandhomx risorsi u jiddependu minn

finanzjamenti privati. Fil-fatt jirriżulta li għal ħafna snin l-IGM kienet tiddependi għal finanzjament tagħha b’kontribuzzjonijiet mit-“Tumas Foundation”.

**Twaqqif ta’ Kumitat ta’ Esperti**

Meqjus dak kollu li rriżulta minn din l-Inkjesta, il-Bord hu tal-fehma li l-iStat jeżamina fil-fond l-istat tal-ġurnaliżmu u eserċiżżju tal-jedd fondamentali tal-liberta’ tal-espressjoni bil-għan li r-rakkomandazzjonijiet ta’ dan il-Bord, fost oħrajn, jiġu implimentati f’qafas ħolistiku u organiku immirat ukoll biex il-professjoni tal-ġurnalisti tingħata rikonoxximent li jistħoqqilha u jingħata valur li x-xogħol li jagħmlu fl-interess tad-demokrazija. Eserċizzju dan li jista’ jimporta emendi fil-Kostituzzjoni u fil-Liġijiet, immirati wkoll biex jassiguraw protezzjoni adegwata u sostenn lill-professjoni.

Fil-fehma tal-Bord dan l-eserċizzju jista’ jiġi fdat f’idejn kumitat ta’ esperti kompost minn akkademiċi, esperti fil-ligi tal-media, ġurnalisti u sidien ta’ Media Houses.

Dan l-istudju li għandu jwassal biex isiru rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jitqiegħdu għal konsiderazzjoni tal-Parlament fi żmien qasir li jiġi stabbilit.

Il-Bord jidhirlu illi jkun xieraq li proċedura bħal din tiġi inizjata taħt l-awspiċi tal-Eċċellenza Tieghu l-President ta' Malta anke bħala parti tal-estensjoni ta' proġett tal-Presidenza għar-riforma tal-Kostituzzjoni u biex tiġi assigurata l-governanza tajba u s-saltna tad-dritt.

**L-iStat għandu jirrikonoxxi n-nuqqasijiet**

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Bord jirrakkomanda fl-ewwel lok li l-iStat, konsidrat dak li kkonstata l-Bord f'din l-Inkjesta iżda wkoll dak li rriżulta pruvat u għadu sallum qed jemerġi fid-dominju pubbliku, jirrikonoxxi formalment u pubblikament in-nuqqasijiet gravi tal-amministrazzjoni pubblika li jiċċirkondaw l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Nuqqasijiet ta' ommissjoni u kommissjoni ta' ċerti entitajiet tal-iStat jew persuni li jikkomponuhom, ċertament uniċi għas-serjeta', estensjoni u sfaċċataġni tagħhom. Aġir li ffavorixxa l-ħolqien ta' *de facto* impunita li seta' iffaċilita' l-esekuzzjoni tar-reat.

Il-Gvern għandu jqis li jieħu dawk il-passi kollha xierqa u opportuni biex jassigura li l-iStat jirrikonċilja mal-familja tal-ġurnalista assassinata biex b'hekk jagħti bidu għall-fejqan tal-ġerħa gravi u trawmatika li minnha għadda u għadu qed igħaddi l-pajjiż.

**Imħallef Michael Mallia**

**Chairman**

**Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino**

**Membru**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Membru**